4.1.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu għal Meta SPC 14

5. STRUZZJONIJIET ĠENERALI GħALL-UŻU <sup>(14)</sup> TAL-META SPC 14

5.1. **Istruzzjonijiet għall-użu**

Applika 6 ml tal-prodott mhux dilwit. Irrispetta l-ħin ta' kuntatt ta' minuta. Laħlaħ kompletament wara d-dizinfekzjoni.

Għall-użu professjonali biss

5.2. **Miżuri ta' 'mitigazzjoni ta' riskju**

/

5.3. **Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta' 'emerġenza biex jiproteġu l-ambjent**

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda immedjatament b'ħafna ilma. Wara neħħi l-ilbies kollu kkontaminat u aħslu qabel ma terġa' tużah. Ibqa' aħsel il-ġilda bl-ilma għal 15-il minuta. Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK JINGĪBED MAN-NIFS: Jekk tara' s-sintomi, ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

<sup>(14)</sup> L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsimha huma validi għal kull użu awtorizzat fi ħdan il-meta SPC 14.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ immedjatament bl-ilma għal tul ta' żmien. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u faċli biex tagħmel hekk. Ibqa' laħlaħ għall-inqas għal 15-il minuta. Ċempel 112/ambulanza immedjatament għall-assistenza medika.

JEKK INĠERIT: Laħlaħ ħalqek immedjatament. Agħti xi ħaġa x'tixrob, jekk il-persuna esposta tkun kapaċi tibra'. TIPPRUVAX tirremetti. Ċempel 112/ambulanza għall-assistenza medika

**5.4. Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu**

Il-pakkett u l-kontenut jeħtieġ li jiġu eliminati bħala prodott ta' skart perikoluż taħt ir-responsabbiltà kompleta ta' min ikollu dan il-prodott tal-iskart. Titfax skart fid-drenaġġi jew minn fejn jgħaddi l-ilma. Armi b'mod sigur skont ir-regolamenti lokali/nazzjonali.

**5.5. Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żomm biss fil-kontenitur oriġinali f'post frisk u ventilat tajjeb. Żomm il-kontenitur magħluq meta ma jkunx qed jintuża.

Il-prodott jiskadi wara sentejn.

**6. INFORMAZZJONI OĦRA**

/

**7. IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 14**

**7.1. Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

Isem kummerċjali	Kenosan Hand Rub		qasam tas-suq: EU		
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0027740-0017 1-14				
Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Aċidu L-(+)-lattiku		Sustanza attiva	79-33-4	201-196-2	3,6
Sulfat tas-sodju lawril	Aċidu sulfuriku, mono-C12-14-alkyl esters, imluħa tas-sodju	Sustanza mhux attiva	85586-07-8	287-809-4	2,0
Isopropanol	Propan-2-ol	Sustanza mhux attiva	67-63-0	200-661-7	4,0
Butyldiglycol	2-(2-butoxyethoxy) ethanol	Sustanza mhux attiva	112-34-5	203-961-6	10,0

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1392****tal-11 ta' Awwissu 2022****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità  
12****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008<sup>(2)</sup> ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fis-7 ta' Mejju 2021, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika emendi għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 12 *Taxxi fuq l-introjtu*. Dawn l-emendi jiċċaraw kif il-kumpaniji għandhom jagħtu rendikont għal taxxi differiti fuq tranżazzjonijiet bħal lokazzjonijiet u obbligi tad-dekummissjonar u għandhom l-għan li jnaqqsu d-diversità fir-rapprotar tal-assi ta' taxa differita u obbligazzjonijiet fuq lokazzjonijiet u obbligi ta' dekummissjonar.
- (3) Bħala konsegwenza tal-emendi għall-IAS 12 *Taxxi fuq l-Introjt*, l-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* wkoll ġie emendat sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn dawn l-istandards.
- (4) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi għal IAS 12 *Taxxi fuq l-introjtu* jissodisfaw il-kriterji għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 12 *Taxxi fuq l-Introjt* huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (2) L-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* huwa emendat f'konformità mal-emendi għal IAS 12 *Taxxi fuq l-introjtu* kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara.

<sup>(1)</sup> ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).



*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

**Taxxa differita relatata ma' Assi u Obligazzjonijiet li jorġinaw minn Tranżazzjoni Unika**

Emendi għall-IAS 12

**Emendi għall-IAS12 Taxxi fuq l-Introjtu**

Il-paragrafi 15, 22 u 24 huma emendati. Il-Paragrafi 22 A u 98J-98L huma miżjuda.

## RIKONOXXIMENT TAL-OBBLIGAZZJONIJIET TA' TAXXA DIFFERITA U TAL-ASSI TA' TAXXA DIFFERITA

**Differenzi temporanji taxxabbli****15. Għandha tiġi rikonoxxuta obligazzjoni ta' taxxa differita għad-differenzi temporanji taxxabbli kollha, ħlief sal-punt li l-obbligazzjoni ta' taxxa differita toriġina minn:**

- (a) **ir-rikonoxximent inizjali ta' avvjament; jew**
- (b) **ir-rikonoxximent inizjali ta' assi jew obligazzjoni fi tranżazzjoni li:**
  - (i) **mhijiex kombinament ta' negozji;**
  - (ii) **fil-waqt tat-tranżazzjoni, la taffettwa l-profitt tal-kontabilità lanqas il-profitt taxxabbli (telf ta' taxxa); u**
  - (iii) **fil-waqt tat-tranżazzjoni, ma twassalx għal differenzi temporanji taxxabbli u deduċibbli ugwali.**

...

*Rikonoxximent inizjali ta' assi jew obligazzjoni***22. Tista' tinħoloq differenza temporanja mar-rikonoxximent inizjali ta' assi jew obligazzjoni, pereżempju jekk parti mill-kost jew il-kost kollu ta' assi ma jkunx deduċibbli għall-finijiet tat-taxxa. Il-metodu tal-kontabilità għal tali differenza temporanja jiddependi fuq in-natura tat-tranżazzjoni li tkun wasslet għar-rikonoxximent inizjali tal-assi jew l-obbligazzjoni:**

- (a) **f'kombinament ta' negozji, entità tirrikonoxxi kwalunkwe obligazzjoni jew assi ta' taxxa differita u dan jaffettwa l-ammont ta' avvjament jew qligħ minn xiri bi prezz negozjat li hija tirrikonoxxi (ara l-paragrafu 19);**
- (b) **jekk it-tranżazzjoni taffettwa l-profitt kontabilistiku jew il-profitt taxxabbli, jew twassal għal differenzi temporanji taxxabbli u deduċibbli ugwali, entità tirrikonoxxi kwalunkwe obligazzjoni jew assi ta' taxxa differita u tirrikonoxxi l-ispiża jew l-introjtu riżultanti mit-taxxa differita fi profitt jew telf (ara l-paragrafu 59);**
- (c) **(c) jekk it-tranżazzjoni mhijiex kombinament ta' negozji, u la taffettwa l-profitt kontabilistiku u lanqas il-profitt taxxabbli, u ma twassalx għal differenzi temporanji taxxabbli u deduċibbli ugwali, entità, fin-nuqqas tal-eżenzjoni pprovduta mill-paragrafi 15 u 24, tirrikonoxxi l-obbligazzjoni jew l-assi tat-taxxa differita li tirriżulta u taġġusta l-ammont miżmum fil-kotba tal-assi jew l-obbligazzjoni bl-istess ammont. Aġġustamenti bħal dawn jagħmlu r-rapporti finanzjarji inqas trasparenti. Għalhekk, dan l-istandard ma jippermettix li entità tirrikonoxxi l-obbligazzjoni jew l-assi tat-taxxa differita li tirriżulta, la fuq ir-rikonoxximent inizjali u lanqas sussegwentement (ara l-eżempju aktar 'l isfel). Barra minn hekk, entità ma tirrikonoxxix bidliet sussegwenti fl-obbligazzjoni jew fl-assi tat-taxxa differita mhux rikonoxxuta hekk kif l-assi jiġi deprezzat.**

...

**22A Tranżazzjoni li mhijiex kombinament ta' negozji tista' twassal għar-rikonoxximent inizjali ta' assi u obligazzjoni u, fil-ħin tat-tranżazzjoni, la taffettwa l-profitt kontabilistiku u lanqas il-profitt taxxabbli. Pereżempju, fid-data tal-bidu ta' lokazzjoni, il-lokatarju tipikament jirrikonoxxi obligazzjoni ta' lokazzjoni u l-ammont korrispondenti bħala parti mill-kost ta' assi bid-dritt tal-użu. Skont il-liġi tat-taxxa applikabbli, jistgħu jinħolqu differenzi temporanji taxxabbli u deduċibbli ugwali mar-rikonoxximent inizjali tal-assi u l-obbligazzjoni ftali tranżazzjoni. L-eżenzjoni pprovduta fil-paragrafi 15 u 24 ma tapplikax għal tali differenzi temporanji u entità tirrikonoxxi kwalunkwe obligazzjoni u assi ta' taxxa differita riżultanti.**

...

**Differenzi temporanji deduċibbli**

24. Assi ta' taxxa differita għandu jkun rikonoxxut għad-differenzi temporanji kollha deduċibbli sal-punt fejn hu probabbli li se jkun hemm profitt taxxabli li għalih tista' tintuża d-differenza temporanja deduċibbli, għajr jekk l-assi ta' taxxa differita joriġina mir-rikonoxximent inizjali ta' assi jew obligazzjoni fi tranżazzjoni li:
- (a) mhijiex kombinament ta' negozji;
  - (b) fil-waqt tat-tranżazzjoni, la taffettwa l-profitt tal-kontabilita' lanqas il-profitt taxxabli (telf ta' taxxa); u
  - (c) fil-waqt tat-tranżazzjoni, ma twassalx għal differenzi temporanji taxxabli u deduċibbli ugwali.

...

## DATA EFFETTIVA

...

- 98J *Deferred Tax related to Assets and Liabilities arising from a Single Transaction*, (Taxxa differita relatata ma' assi u obligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjoni waħda), maħruġ f'Mejju 2021, emenda il-paragrafi 15, 22, u 24 u żied il-paragrafu 22 A. Entita' għandha tapplika dawn l-emendi f'konformita' mal-paragrafi 98K-98L għall-perjodi tar-rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa. Jekk entita' tapplika l-emendi għal perjodu aktar bikri, għandha tiżvela dan il-fatt.
- 98K Entita' għandha tapplika *Deferred Tax related to Assets and Liabilities arising from a Single Transaction* għal tranżazzjonijiet li jseħħu fil-bidu jew wara l-ewwel perjodu komparattiv ippreżentat.
- 98L Entita' li tapplika *Deferred Tax related to Assets and Liabilities arising from a Single Transaction* għandha wkoll, fil-bidu tal-ewwel perjodu komparattiv ippreżentat:
- (a) tirrikonoxxi assi ta' taxxa differita — sal-punt li jkun probabbli li l-profitt taxxabli se jkun disponibbli li fil-konfront tiegħu tista' tintuża d-differenza temporanja deduċibbli — u obligazzjoni ta' taxxa differita għad-differenzi temporanji deduċibbli u taxxabli kollha assoċjati ma':
    - (i) assi bid-dritt tal-użu u obligazzjonijiet ta' lokazzjoni; u
    - (ii) id-dekummissjonar, ir-restawr u obligazzjonijiet simili u l-ammonti korrispondenti rikonoxxuti bħala parti mill-kost tal-assi relatat; u
  - (b) tirrikonoxxi l-effett kumulattiv tal-applikazzjoni inizjali tal-emendi bħala aggstament għall-bilanċ tal-ftuħ tal-qligħ imfaddal (jew komponent ieħor tal-ekwita', skont kif ikun xieraq) f'dik id-data.

**Emendi għall-IFRS 1 Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju**

Jizzied il-paragrafu 39AH. Fl-Appendiċi B, il-paragrafu B1 huwa emendat u l-paragrafu B14 u l-intestatura tiegħu jżiedu.

## DATA EFFETTIVA

...

- 39AH *Deferred Tax related to Assets and Liabilities arising from a Single Transaction*, (Taxxa differita relatata ma' assi u obligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjoni waħda), maħruġ f'Mejju 2021, emenda l-paragrafu B1 u żied il-paragrafu B14. Entita' għandha tapplika dawn l-emendi għall-perjodi ta' rappurtar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara. Applikazzjoni aktar bikrija hija permessa. Jekk entita' tapplika l-emendi għal perjodu aktar bikri, għandha tiżvela dan il-fatt.

...

## Appendiċi B

**Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni retroattiva ta' IFRSs oħra**

Dan l-appendiċi huwa parti integrali tal-IFRS.

B1 Entità għandha tapplika l-eċċezzjonijiet li ġejjin:

...

(g) self mill-gvern (il-paragrafi B10-B12);

(h) kuntratti tal-assigurazzjoni (il-paragrafu B13); u

(i) taxxa differita relatata ma' lokazzjonijiet u dekommissjonar, restawr u obligazzjonijiet simili (il-paragrafu B14).

...

**TAXXA DIFFERITA RELATATA MA' LOKAZZJONIJIET U DEKUMMISSJONAR, RESTAWR U OBLIGAZZJONIJIET SIMILI**

B14 Il-paragrafi 15 u 24 tal-IAS 12 *Income Taxes (Taxxi fuq l-Introjt)* jeżentaw entità milli tirrikonoxxi assi jew obligazzjoni ta' taxxa differita f'ċirkostanzi partikolari. Minkejja din l-eżenzjoni, fid-data ta' tranżizzjoni għall-IFRSs, min jadotta għall-ewwel darba għandu jirrikonoxxi assi ta' taxxa differita — sal-punt li jkun probabbli li l-profit taxxabbi se jkun disponibbli li fil-konfront tiegħu tista' tintuża d-differenza temporanja deduċibbli — u obligazzjoni ta' taxxa differita għad-differenzi temporanji deduċibbli u taxxabbi kollha assoċjati ma':

(a) assi bid-dritt tal-użu u obligazzjonijiet ta' lokazzjoni; u

(b) id-dekommissjonar, ir-restawr u obligazzjonijiet simili u l-ammonti korrispondenti rikonoxxuti bħala parti mill-kost tal-assi relatat.

---

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1393****tal-11 ta' Awwissu 2022****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' delta-9-tetraidrokannabinol ( $\Delta^9$ -THC) fiż-żrieragħ tal-qanneb u fil-prodotti derivati minnhom****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 <sup>(2)</sup> jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Fl-2015, il-Panel dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adotta opinjoni xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem relatati mal-preżenza tat-tetraidrokannabinol (THC) fil-ħalib u f'ikel ieħor ta' oriġini mill-annimali <sup>(3)</sup>. THC, aktar preċiż  $\Delta^9$ -THC, huwa l-kostitwent l-aktar rilvanti tal-pjanta tal-qanneb *Cannabis sativa*. L-Awtorità tistabbilixxi doża akuta ta' referenza (ARfD) ta' 1  $\mu\text{g}$   $\Delta^9$ -THC/kg f'piż tal-ġisem (bw).
- (3) Sabiex tinkiseb aktar data dwar il-preżenza ta'  $\Delta^9$ -THC u prekursori oħra rilevanti mhux psikoattivi fl-ikel derivat mill-qanneb u fl-ikel li fih il-qanneb jew ingredjenti derivati mill-qanneb, ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2115 <sup>(4)</sup>.
- (4) Fis-7 ta' Jannar 2020, l-Awtorità ppubblikat rapport xjentifiku li jassessja l-esponiment akut uman għal  $\Delta^9$ -THC <sup>(5)</sup>, b'konsiderazzjoni tad-data tal-okkorenza ġġenerata permezz tar-Rakkomandazzjoni (UE) 2016/2115. L-ARfD ta 1  $\mu\text{g}/\text{kg}$  bw inqabeż f'ċerti stimi ta' esponiment akut. Minkejja li l-istimi ta' esponiment mistennija jistimaw iżżejjed l-esponiment akut għal  $\Delta^9$ -THC fl-Unjoni, l-esponiment attwali għal to  $\Delta^9$ -THC huwa ta' tħassib potenzjali għas-saħħa.
- (5) Il-livelli massimi jeħtieġ għalhekk jiġu ffixxati fiż-żrieragħ tal-qanneb u fi prodotti derivati miż-żerriegħa tal-qanneb ħalli jiġi żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa umana. Billi l-aċidu delta-9-tetraidrokannabinoliku ( $\Delta^9$ -THCA) jista' jiġi konvertit f' $\Delta^9$ -THC permezz tal-ipproċessar, il-livelli massimi jeħtieġ li jiġu ffixxati għas-somma ta'  $\Delta^9$ -THC u  $\Delta^9$ -THCA, espressi f'ekwivalenti ta'  $\Delta^9$ -THC.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippreparaw għar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jixraq li jingħata żmien raġonevoli sakemm jibdeu japplikaw il-livelli massimi. Jixraq ukoll li jiġi previst perjodu tranżizzjonali għall-oġġetti tal-ikel imqiegħda fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).<sup>(3)</sup> European Food Safety Authority (EFSA) Journal 2015;13(6):4141<sup>(4)</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2115 tal-1 ta' Diċembru 2016 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza ta'  $\Delta^9$ -tetraidrokannabinol, tal-prekursori tiegħu u ta' kannabinoidi oħra fl-ikel (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 103).<sup>(5)</sup> EFSA (European Food Safety Authority), Arcella D, Cascio C and Mackay K, 2020. Acute human exposure assessment to tetrahydrocannabinol ( $\Delta^9$ -THC). EFSA Journal 2020;18(1):5953, 41 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2020.5953>.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness imqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2023, jistgħu jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, tizzied l-entrata 8.6 li ġejja:

Oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>		Livell massimu (mg/kg)
"8.6.	<b>Delta-9-tetraidrokannabinol (<math>\Delta^9</math>-THC) ekwivalenti (*)</b>	
8.6.1.	Qannebusa	3,0
8.6.2.	Żerriegħa tal-qanneb mitħuna, (parzjalment) żerriegħa tal-qanneb bix-xaħam imneħħi u prodotti oħra derivati/ipproċessati tal-qanneb <sup>(**)</sup> bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmija f'8.6.3.	3,0
8.6.3.	Żejt taż-żerriegħa tal-qanneb	7,5

(\*) il-livell massimu jirreferi għas-somma ta' delta-9-tetraidrokannabinol ( $\Delta^9$ -THC) u aċidu delta-9-tetraidrokannabinoliku ( $\Delta^9$ -THCA), express bħala  $\Delta^9$ -THC. Fattur ta' 0.877 huwa applikat għal-livell ta'  $\Delta^9$ -THCA u l-livell massimu jirreferi għas-somma ta'  $\Delta^9$ -THC + 0.877 x  $\Delta^9$ -THCA (f'każ ta' determinazzjonl separata u kwantifikazzjoni ta'  $\Delta^9$ -THC u  $\Delta^9$ -THCA).

(\*\*) żrieragħ tal-qanneb derivati/prodotti pproċessati huma prodotti derivati/ipproċessati esklussivament miż-żerriegħa tal-qanneb."

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1394****tal-11 ta' Awwissu 2022**

**li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' siliċju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif estiż għall-importazzjonijiet ta' siliċju kkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea u mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea jew mit-Tajwan kif ukoll jekk le, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

**1. PROCĊEDURA****1.1. Miżuri fis-seħħ**

- (1) Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' siliċju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1077 <sup>(2)</sup> wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) u rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 <sup>(3)</sup> ("l-investigazzjoni tar-rieżami preċedenti"). Il-miżuri huma fil-forma ta' dazji li jvarjaw bejn 16,3 % u 16,8 % tal-valur tal-merkanzija importata.
- (2) Il-miżuri ġew estiżi għall-importazzjonijiet ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le, mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 42/2007 <sup>(4)</sup>.
- (3) Il-miżuri ġew estiżi aktar għall-importazzjonijiet ikkonsenjati mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mit-Tajwan kif ukoll jekk le, mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 311/2013 <sup>(5)</sup>.

**1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza**

- (4) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti <sup>(6)</sup>, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

<sup>(1)</sup> (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1077 tal-1 Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' siliċju li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) u ta' rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 179, 5.7.2016, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 42/2007 tal-15 ta' Jannar 2007 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost bir-Regolament (KE) Nru 398/2004 fuq l-importazzjoni tas-silikon li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet tas-silikon ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea kemm jekk iddikjarat li joriġina mir-Repubblika tal-Korea jew le (ĠU L 13, 19.1.2007, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 311/2013 tat-3 ta' April 2013 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 467/2010 fuq importazzjonijiet tas-silikon li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet tas-silikon konsenjat mit-Tajwan, kemm jekk dikjarat li joriġina fit-Tajwan kif ukoll jekk le (ĠU L 95, 5.4.2013, p. 1).

<sup>(6)</sup> ĠU C 331, 7.10.2020, p. 13.



- (5) It-talba għal rieżami tressqet fit-30 ta' Marzu 2021 minn Euroalliaġes ("l-applikant"), assoċjazzjoni li tirrappreżenta t-tliet produttori kollha tal-Unjoni, li għalhekk tirrappreżenta aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tas-siliċju, skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet imsejsa fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u kontinwazzjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

### 1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

- (6) Filwaqt li ddeterminat, wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fit-2 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' siliċju li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat") abbażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(7)</sup> ("in-Notifika ta' Bidu").

### 1.4. Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni

- (7) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping kienet tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR"). L-eżaminazzjoni tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmien il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

### 1.5. Partijiet interessati

- (8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jkkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat lit-tliet produttori tal-Unjoni li jirrappreżentaw 100 % tal-industrija tal-Unjoni, lill-produtturi magħrufa fiċ-Ċina u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.
- (9) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw fuq il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smiġh fil-proċedimenti kummerċjali.

### 1.6. Kummenti dwar il-bidu

- (10) Waslu kummenti mingħand l-EUSMET rigward it-tneċċja tar-rieżami ta' skadenza.
- (11) L-EUSMET affermat li l-istat tat-talba mhux kunfidenzjali għal rieżami ma kienx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19(1) u 19(2) tar-Regolament bażiku.
- (12) Dan l-argument ġie rrifjutat. Wara l-kummenti rilevanti mill-EUSMET, l-applikant ipprovdha informazzjoni addizzjonali biex jiffaċilita aktar il-fehim tal-fatti ppreżentati fit-talba. Din l-informazzjoni addizzjonali ġiet inkluża fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, biex b'hekk ikun possibbli għall-EUSMET li jkollha fehim raġonevoli tal-informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku.
- (13) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni pprovduta fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tat-talba bħala dettaljata biżżejjed sabiex il-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom matul il-proċediment.
- (14) Fil-kummenti tagħha dwar it-tneċċja, il-EUSMET talbet li waqt l-istadju tal-iżvelar, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżvela informazzjoni dwar il-kwantitajiet tal-fatturi ta' produzzjoni użati għall-kalkolu tal-valur normali; u l-Kummissjoni għandha tiżvela wkoll ir-rapport AlloyConsult imsemmi fit-talba għal rieżami.
- (15) L-EUSMET tenniet dawn iż-żewġ talbiet fil-kummenti tagħha wara d-divulgazzjoni. Kif stabbilit fil-premessi minn (178) sa (181) u l-premessa (191), iż-żewġ talbiet ma ntlagħhux.

(7) ĠU C 258, 2.7.2021, p. 8.

1.6.1. *Kummenti dwar is-sustanza*

- (16) L-EUSMET affermat li t-talba għal rieżami ma kienx fiha biżżejjed evidenza biex jinbeda rieżami ta' skadenza u li kien fiha allegazzjonijiet żbaljati dwar id-dumping, il-kontinwazzjoni tad-dumping, id-dannu u l-kontinwazzjoni tad-dannu. L-EUSMET appoġġjat l-allegazzjonijiet tagħha bl-argumenti li ġejjin.
- (17) L-ewwel, l-EUSMET allegat li kien hemm distakk ta' sitt xhur bejn it-tmiem tal-perjodu użat biex tiġi ppreżentata *d-data* u l-preżentazzjoni tat-talba għal rieżami.
- (18) Fir-rigward ta' dan l-argument, il-Kummissjoni rrimarkat li meta wieħed iqis iż-żmien sakemm id-*data* minn diversi sorsi ssir disponibbli u iż-żmien meħtieġ biex tiġi kkompilata f'talba, hemm inerentement distakk ta' żmien, tipikament ta' diversi xhur sakemm tiġi ppreżentata t-talba. F'dan il-każ, l-aċċettazzjoni ta' differenza ta' 6 xhur hija konformi mal-gwida stabbilita li l-Kummissjoni tipprovdli lill-ilmentaturi.
- (19) It-tieni, l-EUSMET affermat li l-applikant eskluđa l-importazzjonijiet li saru taħt l-ipproċessar attiv miċ-Ċina mill-kalkoli tal-marġni tad-dumping u tad-dannu.
- (20) Qabel il-bidu, il-Kummissjoni analizzat kemm l-importazzjonijiet bi proċessar attiv kif ukoll mingħajru, u fiż-żewġ każijiet għamlet l-aġġustamenti meħtieġa biex tqabbel il-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li kemm il-metodoloġija użata mill-applikant, kif ukoll il-metodoloġija fejn jiġi inkluż l-ipproċessar attiv, jirriżultaw f'sejbiet ta' dumping sinifikanti. B'hekk, il-metodoloġija magħżula mill-applikant ma setgħetx trendi l-bidu ta' dan ir-rieżami ta' skadenza illegali. Konsegwentement, l-argument irid jiġi rrifjutat.
- (21) It-tielet, l-EUSMET affermat li l-użu tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku u l-għażla ta' pajjiż rappreżentattiv huma inkonsistenti mad-WTO, minħabba li d-distorsjonijiet mal-pajjiż kollu huma inkompatibbli mal-kunċett ta' dumping, li japplika għal kumpaniji individwali. Barra minn hekk, l-EUSMET sostniet li d-distorsjoni tal-kostijiet domestiċi tal-input ma hijiex wieħed mill-fatturi li jippermetti l-kostruzzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping ("ADA") tad-WTO. Barra minn hekk, bl-impożizzjoni ta' obbligu li jintużaw biss kostijiet tal-input mingħajr distorsjoni li jirriflettu l-kostijiet/prezzijiet minn "sorsi" li ma huma affettwati mill-ebda distorsjoni, l-Artikolu 2(6a) jipprekludi l-kalkolu tal-kost tal-produzzjoni għal esportatur jew produttur abbażi tar-rekords tiegħu, anki jekk ikunu konsistenti mal-GAAP u jirriflettu l-kostijiet tal-input irreġistrati. Fl-aħħar nett, l-EUSMET affermat li l-applikant ma pprovdix biżżejjed evidenza tal-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-settur tal-metall tas-siliċju.
- (22) L-argumenti tal-EUSMET dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku ma setgħux jiġu aċċettati. Fir-rigward tal-argument li jenħtieġ li l-eżistenza ta' distorsjonijiet ma tiġix iavalutata fuq bażi tal-pajjiż kollu, iżda individwalment għal kull produttur esportatur, il-Kummissjoni tfakkar li ladarba jiġi ddeterminat li, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għall-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, ma huwiex xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur, il-valur normali jista' jinbena bl-użu ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, għal kull produttur esportatur, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. F'dan il-kuntest, u wkoll bi tweġiba għall-argument tal-EUSMET dwar l-użu ta' kostijiet tal-input mingħajr distorsjoni biss li jirriflettu l-kostijiet/prezzijiet minn pajjiż rappreżentattiv li ma huwiex affettwat mill-ebda distorsjoni, il-Kummissjoni tinnotta li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku jippermetti b'mod espliċitu li l-użu ta' kostijiet domestiċi, jekk dawn jiġu stabbiliti b'mod pożittiv, ikun mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni eżaminat dan matul l-investigazzjoni. Madankollu, billi l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ma kkoopera, il-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ tas-siliċju ma setgħux jiġu stabbiliti bħala mingħajr distorsjoni fid-dawl tal-evidenza disponibbli.
- (23) Fir-rigward tal-argument tal-EUSMET dwar il-kunċett ta' distorsjonijiet li ma humiex fost il-fatturi li jippermettu l-kostruzzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO, il-Kummissjoni tirrimarka li l-liġi domestika ma għandhiex bżonn tuża l-istess termini eżatti bħall-Ftehimiet koperti sabiex tkun konformi ma' dawk il-Ftehimiet. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa konformi bis-sħiħ mar-regoli rilevanti tal-ADA, inklużi l-possibbiltajiet li jinbena l-valur normali pprovduti fl-Artikolu 2.2 tal-ADA. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-liġi tad-WTO, kif interpretata mill-bordijiet tad-WTO u mill-Korp tal-Appell, tippermetti l-użu ta' *data* minn pajjiż terz, debitament aġġustata meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti tagħmel il-kostijiet u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur mhux xierqa għall-konstruzzjoni tal-valur normali. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jipprevedi l-konstruzzjoni tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, inklużi dawk f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp bħall-pajjiż esportatur.

- (24) Fir-rigward tal-argument dwar l-evidenza tal-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-settur tal-metall tas-siliċju, il-Kummissjoni sabet li l-applikant ipprova biżżejjed evidenza ta' distorsjonijiet fis-settur tal-metall tas-siliċju, abbażi tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar id-distorsjonijiet fiċ-Ċina <sup>(8)</sup>, kif ukoll abbażi ta' studju indipendenti aktar speċifiku tal-2018 ikkummissjonat minn Euroalliages. Għalkemm l-applikant irrefera speċifikament għad-distorsjonijiet fuq il-materja prima u fuq l-elettriku fin-narrattiva tat-talba, huwa pprova wkoll ir-rapporti aktar dettaljati bħala anness. Dawn ir-rapporti fihom biżżejjed evidenza dwar l-aspetti kollha ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.
- (25) Ir-raba', l-EUSMET allegat li l-kalkolu tal-marġni tad-dumping żdied, billi l-applikant għażel il-perjodi ta' żmien b'mod selettiv biex jikkalkula l-valur normali maħdum.
- (26) Il-metodoloġija proposta mill-applikant hija raġonevoli, minħabba li kienet ibbażata fuq id-*data* disponibbli għall-applikant u tkopri l-perjodu użat għall-kalkolu tad-dumping (jiġifieri minn Ottubru 2019 sa Ġunju 2020). B'hekk, din l-*affermazzjoni* ġiet irrifjutata.
- (27) Il-ħames, fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping, l-EUSMET innotat li l-evidenza pprovduta mill-applikant kienet ibbażata biss fuq l-analiżi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-Indja, il-Korea t'Isfel u l-Ġappun, li fi kwalunkwe każ ma kinux preċiżi.
- (28) Il-Kummissjoni nnotat li l-applikant ma kkunsidrax biss il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn pajjiżi oħrajn, iżda rreferiet ukoll għall-analiżi aktar dettaljata fil-kapitolu VI tat-talba għal rieżami ta' skadenza, dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu. Dan il-kapitolu jikkonċerna l-kapaċitajiet ta' riżerva fiċ-Ċina, kif ukoll il-volumi tal-esportazzjoni Ċiniżi lejn l-UE u lejn pajjiżi terzi, li huwa rilevanti wkoll għall-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni pprovduta mill-applikant kienet biżżejjed sabiex tissodisfa l-istandard legali għall-bidu skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping. L-applikant ipprova wkoll tqabbil raġonevoli bejn il-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lil pajjiżi terzi. L-aġġustamenti proposti mill-EUSMET ma kinux iwasslu għal konklużjoni differenti, minħabba li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi xorta kienu jkun ferm aktar baxxi mill-valur normali. Għalhekk, din l-*affermazzjoni* ġiet miċħuda.
- (29) Is-sitt, fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi tas-siliċju fl-Unjoni, l-EUSMET affermat li bejn l-2017 u l-2020 dawn naqsu aktar malajr mill-konsum tas-siliċju fl-Unjoni. Fi kliem ieħor, l-esportaturi Ċiniżi ma setgħux jieħdu l-bejgħ jew is-sehem mis-suq mingħand il-produtturi tal-Unjoni.
- (30) Il-Kummissjoni qieset l-evidenza preżenti fit-talba bħala evidenza suffiċjenti raġonevolment disponibbli għall-applikant. Skont l-evidenza pprovduta fit-talba u analizzata mill-Kummissjoni, il-volumi tal-importazzjoni miċ-Ċina li jippenetraw is-suq tal-Unjoni fin-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jiżdiedu minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata fil-pajjiż ikkonċernat. L-effett ta' tali volumi bi prezzijiet li x'aktarx ikomplu jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni x'aktarx li jirriżulta f'kontinwazzjoni tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' fatturi oħrajn li jista' jkollhom impatt fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mhux neċessarjament timplika li l-effett tal-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma jkunx materjali, b'mod partikolari fil-każ ta' analiżi prospettiva fejn l-enfasi tinsab fuq x'jiġri kieku l-miżuri jitħassru. Għalhekk, l-argument tal-EUSMET irid jiġi rrifjutat.
- (31) Is-seba', l-EUSMET affermat li l-analiżi tal-effetti fuq il-prezzijiet u l-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezzijiet u tal-bejgħ taħt il-prezz fit-talbiet għal rieżami ma kinux rappreżentattivi, minħabba li ma kkunsidrawx il-prezzijiet tal-importazzjonijiet taħt ipproċessar attiv. Barra minn hekk, l-EUSMET affermat li l-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz kienu żbaljati minħabba li (i) il-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi tas-siliċju tal-grad tal-aluminju tqabblu mal-bejgħ tal-UE tal-metall kollu tas-siliċju, li jinkludi wkoll il-grad kimiku, (ii) il-kostijiet ta' wara l-importazzjoni ma ġewx miżjuda mal-prezzijiet tal-importazzjoni Ċiniżi, (iii) ma sar l-ebda aġġustament fil-livell tal-kummerċ għall-importazzjonijiet Ċiniżi, għalkemm dawn isiru permezz ta' negozjanti lejn l-UE, filwaqt li l-bejgħ tal-UE normalment isir mill-produtturi tal-Unjoni lill-utenti finali. Fl-aħħar nett, l-EUSMET affermat li l-kalkoli tal-bejgħ taħt il-prezz kienu żbaljati għall-istess raġunijiet bħal fil-każ tal-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz, minbarra li kienu bbażati wkoll fuq kostijiet tal-produzzjoni artifiċjalment għoljin marbuta ma', fost l-oħrajn, mira ta' profitt ta' 15 %, mingħajr ebda bażi legali.

<sup>(8)</sup> Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 483 final/2, 20.12.2017, disponibbli fuq: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc\\_156474.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf)

- (32) L-analiżi ppreżentata mill-applikant kienet ibbażata fuq l-aħjar evidenza disponibbli għall-applikant f'dak iż-żmien u l-Kummissjoni qieset li din hija rappreżentattiva u affidabbli biżżejjed u fiha biżżejjed evidenza li ġġustifikat il-bidu tal-investigazzjoni.
- (33) It-tmien, l-EUSMET affermat li l-industrija tal-Unjoni ma ffaċċjat l-ebda effett negattiv minħabba l-importazzjonijiet Ċiniżi. L-EUSMET allegat li s-siliċju tal-grad kimiku u s-siliċju tal-grad tal-aluminju huma differenti u li filwaqt li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni huwa fil-biċċa l-kbira relatat mas-siliċju ta' grad kimiku, l-importazzjonijiet miċ-Ċina taħt ir-reġim normali huma importazzjonijiet ta' kwalità pjuttost baxxa għas-suq tal-aluminju sekondarju. Għalhekk, l-EUSMET talbet lill-Kummissjoni twettaq analiżi segmentata tad-dannu għas-siliċju tal-grad kimiku u għas-siliċju tal-grad tal-aluminju. Din it-talba ittenniet fil-kummenti tal-EUSMET wara d-divulgazzjoni, iżda dan l-argument irid jiġi miċħud. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tirreferi għat-taqsimu 2.3. hawn taħt li tanalizza l-omoġeneità tal-prodotti.
- (34) Id-disa', l-EUSMET sostniet li l-konsum tal-Unjoni naqas bejn l-2018 u l-2020, kemm għal raġunijiet ċikliċi kif ukoll minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19. Għalhekk, l-EUSMET affermat li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kellhom l-ebda impatt fuq it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni.
- (35) Anki jekk il-Kummissjoni qablet mal-analiżi tal-EUSMET dwar l-iżvilupp tal-konsum tal-Unjoni, hija ma qisix li t-tnaqqis fil-konsum marbut ma' swieq oħrajn invalida l-allegazzjoni fit-talba, li kopriet kemm il-kontinwazzjoni kif ukoll ir-rikorrenza tad-dannu, li wasslu għall-bidu ta' dan ir-rieżami ta' skadenza. Madankollu, anki jekk il-konsum tal-Unjoni naqas għal raġunijiet li huma indipendenti mill-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni xorta għandha tanalizza frieżami ta' skadenza xi jkun l-konsegwenzi jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, f'termini ta' bejgħ u ishma mis-suq.
- (36) L-għaxar, l-EUSMET affermat li t-tnaqqis fil-volumi u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-Industrija tal-Unjoni ma jistax jiġi attribwit għall-importazzjonijiet Ċiniżi, iżda pjuttost għad-deċiżjoni ta' produttur wieħed tal-Unjoni li jwaqqaf temporanjament il-produzzjoni f'ċerti impjanti. Bl-istess mod, l-EUSMET affermat li t-tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ma huwiex marbut mal-importazzjonijiet Ċiniżi, li naqsu bejn l-2017 u t-tielet trimestru tal-2020, iżda pjuttost għal tnaqqis fid-domanda u għal żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. L-EUSMET affermat ukoll f'dan il-kuntest li, minkejja l-importazzjonijiet Ċiniżi, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni baqgħu stabbli matul il-perjodu 2017-2019 u naqsu fl-ewwel tliet trimestri tal-2020, b'koinċidenza ma' tnaqqis globali fid-domanda għas-siliċju. Fi kliem ieħor, f'kuntest ta' domanda li qed tonqos, il-produtturi tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jżidu l-prezzijiet, irrispettivament mill-importazzjonijiet Ċiniżi tas-siliċju. Għall-istess raġunijiet, it-tnaqqis fil-profittabbiltà ma jistax ikun imputabbli għall-importazzjonijiet Ċiniżi.
- (37) Dawn l-argumenti ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni tfakkar li l-eżistenza ta' miżuri spiss tkun assoċjata ma' tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u li l-miżuri anti-dumping eżistenti spiss ikollhom effett pożittiv fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni. F'investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni twettaq analiżi fuq x'jiġri jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-fatt li l-importazzjonijiet Ċiniżi jistgħu ma jkunux il-kawża ewlenija tal-iżvilupp negattiv ta' ċerti indikaturi tad-dannu ma jistax jimpedixxi l-bidu tal-investigazzjoni.
- (38) Il-ħdax, l-EUSMET elenkat xi fatturi allegatament ewlenin li jaffettwaw l-industrija tal-Unjoni li, fil-fehma tal-EUSMET, ġew injorati jew interpretati ħażin fir-rieżami. Dawk il-fatturi jinkludu l-istrateġija tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet tagħha, l-iżvilupp fid-domanda għas-siliċju, iż-żieda fl-importazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u l-impatt tal-Brexit. L-EUSMET talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidrahom fir-rieżami.
- (39) Il-Kummissjoni kkunsidrat il-mod kif l-applikant interpreta l-fatturi fit-talba bħala suffiċjenti biex jinbeda r-rieżami ta' skadenza. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kkunsidrat dawk il-fatturi kollha fil-qafas tal-analiżi tagħha fit-taqsimiet dwar id-Dannu u l-interess tal-Unjoni ta' dan ir-Regolament.
- (40) It-tnax, l-EUSMET affermat li l-applikant issottovaluta l-prospettiva tad-domanda għas-siliċju, għamel stima żejda tal-produzzjoni u l-kapaċità Ċiniża u esaġera l-effetti tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi.
- (41) Madankollu, l-EUSMET ma ressqet l-ebda informazzjoni li tqajjem dubji dwar l-estimi ppreżentati fit-talba għal rieżami. Għalhekk, l-argument ma setax jiġi aċċettat.

- (42) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-talba pprovdiet biżżejjed evidenza biex tinbeda l-investigazzjoni tar-rieżami.
- (43) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET tenniet l-affermazzjoni tagħha li l-użu tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kien inkompatibbli mal-Ftehim anti-dumping, mingħajr ma żdiedet l-ebda argument jew evidenza ġdida. Il-Kummissjoni għalhekk ħadhet din l-affermazzjoni għall-istess raġunijiet kif stipulati fil-premessi minn (22) sa (24) ta' hawn fuq.

### 1.7. Kampjunar

- (44) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieġu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### 1.7.1. Kampjunar tal-importaturi

- (45) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lil importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (46) Ma ppreżenta ruġu l-ebda importatur mhux relatat.

#### 1.7.2. Il-kampjunar ta' produtturi fiċ-Ċina

- (47) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi kollha fiċ-Ċina sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (48) Ma waslet l-ebda tweġiba.

### 1.8. Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (49) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku lill-Gvern taċ-Ċina ("GTĊ").
- (50) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-kwestjonarji għall-industrija tal-Unjoni, għall-importaturi mhux relatati u għall-utenti saru disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ <sup>(9)</sup>.
- (51) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand tliet produtturi tal-Unjoni u mingħand tliet utenti.

### 1.9. Verifika

- (52) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li kkooperaw li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

- RW Silicium GmbH, Pocking, il-Ġermanja
- FerroAtlántica S.L., Madrid, Spanja
- Ferropem, Chambéry, Franza

Utenti

- Wacker Chemie AG, Munich, il-Ġermanja
- Raffmetal SpA, Casto, l-Italja
- Evonik Industries AG, Essen, il-Ġermanja

<sup>(9)</sup> <https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2535>

### 1.10. Proċedura sussegwenti

- (53) Fis-17 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkumentaw dwar id-divulgazzjoni.
- (54) Il-kummenti magħmula mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni, fejn xieraq.

## 2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott taħt rieżami

- (55) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali u fir-rieżamijiet ta' skadenza preċedenti, jiġifieri s-siliċju ("il-prodott taħt rieżami"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 2804 69 00.

### 2.2. Prodott simili

- (56) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

- il-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ;
- il-prodott manifatturat u mibjuġh fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u
- il-prodott manifatturat u mibjuġh fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

- (57) Għalhekk, dawn il-prodotti huma kkunsidrati bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### 2.3. Affermazzjonijiet rigward l-omoġeneità tal-prodott

- (58) L-EUSMET affermat li s-siliċju għall-użi kimiċi u tal-aluminju ma huwiex prodott omoġenju u li s-siliċju għaż-żewġ użi finali ma huwiex interkambjabbli.
- (59) L-ewwel, l-EUSMET enfasizzat il-kompożizzjoni, il-karatteristiċi tekniċi u kimiċi differenti tas-siliċju, filwaqt li ddikjarat li s-siliċju jikkonsisti f'siliċju elementali u elementi sekondarji oħrajn f'konċentrazzjonijiet u livelli differenti. Barra minn hekk, l-EUSMET spjegat li kull wieħed mill-elementi sekondarji għandu sors fil-materja prima bażika jew fil-proċess tal-produzzjoni tas-siliċju, għalhekk, abbażi tal-materja prima differenti użata, is-siliċju għandu ċerta kompożizzjoni kimika li hija speċifika għal ċertu użu.
- (60) L-EUSMET sostniet li huma meħtieġa livelli differenti ta' purità tas-siliċju għal użi differenti kemm fis-settur kimiku kif ukoll f'dak tal-aluminju. L-utenti tas-siliċju ta' grad kimiku u ta' grad tal-aluminju ma jistgħux jużaw l-istess materjal bħala tali u ma jikkompetux għall-istess materjal mill-fornituri. Għalhekk, il-funġibbiltà u l-koinċidenza kompetittiva bejn is-siliċju ta' grad kimiku u s-siliċju addattat għall-industrija tal-aluminju huma estremament limitati.
- (61) L-EUSMET enfasizzat li l-prezz tas-siliċju użat fi prodotti differenti huwa affettwat mill-kompożizzjoni kimika tas-siliċju mitlub. B'mod aktar speċifiku, is-siliċju użat għall-manifattura tal-polimeri tas-siliċju huwa ġeneralment dak bl-ogħla prezz u s-siliċju ta' grad tal-aluminju sekondarju huwa dak bl-aktar prezz baxx. L-EUSMET affermat li r-raġuni għal tali differenza fil-prezz hija li l-materja prima speċifika ta' kwalità għolja, li hija wkoll aktar għalja, hija meħtieġa għall-produzzjoni ta' siliċju ta' purità ogħla.
- (62) L-EUSMET indikat ukoll id-differenzi fil-mezzi ta' distribuzzjoni għat-tipi differenti ta' siliċju. Billi l-utenti kimiċi jixtru siliċju personalizzat skont proċessi ta' kwalifika rigorużi tal-fornituri tagħhom, huma jixtru direttament mingħand il-produtturi tas-siliċju. Barra minn hekk, l-utenti kimiċi jixtru s-siliċju abbażi ta' kuntratti għal żmien qasir/twil u ma jixtrux fis-suq spot. Min-naħa l-oħra, l-utenti tal-aluminju u, ġeneralment, l-utenti tal-aluminju sekondarji jixtru s-siliċju mingħand negozjanti jew distributuri jew importaturi. Barra minn hekk, ħlief għal xi utenti kbar tas-siliċju fis-segment tal-utent tal-aluminju primarju, il-biċċa l-kbira tal-bejgħ relatat mal-aluminju huwa bejgħ spot.

- (63) Is-siliċju dejjem tqies bħala prodott omoġenju minn mindu saret l-investigazzjoni oriġinali dwar l-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina u fl-investigazzjonijiet sussegwenti kollha tar-rieżamijiet ta' skadenza. Skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet kollha ta' rieżami, il-Kummissjoni għandha tapplika l-istess metodoloġija bħal fl-investigazzjoni li wasslet għad-dazju, diment li ma jkunux inbidlu ċ-ċirkostanzi. F'dan il-każ, l-EUSMET ma ppreżentat l-ebda evidenza li turi li ċ-ċirkostanzi fir-rigward tan-natura omoġenja tal-prodott ikkonċernat inbidlu mill-aħħar rieżami ta' skadenza.
- (64) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET innotat li, fl-investigazzjonijiet tal-passat, il-Kummissjoni qieset biss l-importazzjonijiet tal-metall tas-siliċju tal-grad tal-aluminju biex tistabbilixxi d-dannu u li għalhekk diġà użat analiżi segmentata. L-EUSMET żiedet ukoll li l-Kummissjoni rrikonossiet li s-siliċju ta' grad kimiku kien fil-biċċa l-kbira importat permezz tar-reġim ta' proċessar attiv (IPP) u, għalhekk, l-importazzjonijiet relatati ma' dan is-segment tas-suq kienu eżentati mid-dazji.
- (65) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li, skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, peress li ma hemm l-ebda bidla fiċ-ċirkostanzi, il-metodoloġija użata jenħteġ li tkun dik użata fl-investigazzjoni li wasslet għad-dazju<sup>(10)</sup>. Ma saret l-ebda analiżi bbażata fuq is-segmenti fir-rieżami interim preċedenti<sup>(11)</sup>. Il-Kummissjoni għamlet sempliċement distinzjoni bejn żewġ reġimi ta' importazzjoni sabiex tistabbilixxi t-twaqqiġ tal-prezz u l-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu.
- (66) Kif imsemmi fil-premessa (48) hawn fuq, l-ebda produttur esportatur ma kkoopera fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet mill-membri tal-EUSMET jikkostitwixxu biss proporzjon żgħir tal-importazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi proporzjon ta' siliċju ta' grad ta' aluminju u kimiku fl-importazzjoni totali tal-prodott ikkonċernat jew xi rabta bejn ir-reġim ta' importazzjoni użat u l-grad ta' siliċju importat. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

### 3. DUMPING

#### 3.1. Rimarki preliminari

- (67) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet tas-siliċju fl-Unjoni miċ-Ċina komplew, iżda b'shem mis-suq aktar baxx milli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tal-investigazzjoni tar-rieżami preċedenti.
- (68) L-ebda produttur miċ-Ċina ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat li minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tagħhom. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar din l-informazzjoni, jew talbiet għal intervent tal-Uffiċjal tas-Smigħ.
- (69) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet b'rabta mal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami, l-informazzjoni miksuba mill-partijiet tal-Unjoni li kkooperaw u mill-utenti matul l-investigazzjoni ta' rieżami, kif ukoll l-istatistika kummerċjali tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

#### 3.2. Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku

- (70) Minħabba li l-evidenza suffiċjenti disponibbli fil-bidu tal-investigazzjoni kellha t-tendenza li turi, fir-rigward taċ-Ċina, l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni abbażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.
- (71) Sabiex tikseb l-informazzjoni li qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-GTĊ. Barra minn hekk, fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha jesprimu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika ta' Bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(10)</sup> ĠU L 179, 5.7.2016, p. 1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2200/90 tas-27 ta' Lulju 1990 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-metall tas-siliċju li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 198, 28.7.1990, p. 57).

<sup>(11)</sup> ĠU L 179, 5.7.2016, p. 1.

- (72) Ma waslet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju mill-GTĊ u ma waslet l-ebda sottomissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fi żmien l-iskadenza. Sussegwentement, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ li hija kienet se tuża l-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tiddetermina l-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar din l-informazzjoni, jew talbiet għal intervent tal-Uffiċjal tas-Smigħ.
- (73) Fil-punt 5.3.2 tan-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, hija kienet għażlet provviżorjament lill-Brażil bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni. Il-Kummissjoni ddikjarat ukoll li kienet se teżamina pajjiżi oħrajn possibbilment xierqa f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (74) Fit-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati permezz ta' nota ("Nota 1") dwar is-sorsi rilevanti li kellha l-ħsieb li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali. F'dik in-nota, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħall-materja prima, ix-xogħol u l-enerġija użati fil-produzzjoni tas-siliċju.
- (75) Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat pajjiż rappreżentattiv addizzjonali possibbilment xieraq, jiġifieri l-Malażja. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar in-Nota 1 mingħand l-applikant u l-EUSMET.
- (76) Fil-5 ta' April 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati permezz tat-tieni nota ("Nota 2") dwar is-sorsi rilevanti li kellha l-ħsieb li tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, filwaqt li żammet lill-Malażja bħala l-pajjiż rappreżentattiv. Hija infurmat ukoll lill-partijiet interessati li hija kienet se tistabbilixxi l-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u l-profitti abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija PMB Silicon Bhd, produttur tal-prodott fil-pajjiż rappreżentattiv.
- (77) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar in-Nota 2 mingħand l-applikant u l-EUSMET. L-EUSMET issottomettiet ukoll kummenti bi tweġiba għal dawk mill-applikant.

### 3.2.1. Valur normali

- (78) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fit-tmexxija ordinarja tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti mill-pajjiż esportatur".
- (79) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, jekk jiġi ddeterminat "li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni" u "għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem "SG&A").
- (80) Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u tal-produtturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.



### 3.2.2. L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina

- (81) F'investigazzjonijiet reċenti dwar il-ferrosilċju <sup>(12)</sup> u s-silċju tal-kalċju <sup>(13)</sup> li joriġinaw miċ-Ċina, il-Kummissjoni sabet li kien hemm distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fis-settur metallurġiku fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni kkonkludiet f'dawn l-investigazzjonijiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.
- (82) Il-Kummissjoni sabet li hemm intervent sostanzjali tal-gvern fiċ-Ċina li jirriżulta f'distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi f'konformità mal-prinċipji tas-suq <sup>(14)</sup>.
- (83) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien għad hemm grad sostanzjali ta' sjieda mill-GTĊ fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż, tar-Regolament bażiku <sup>(15)</sup>.
- (84) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li l-GTĊ kien ukoll f'pożizzjoni li jinterferixxi mal-prezzijiet u l-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat f'ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku <sup>(16)</sup>.
- (85) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji, kif ukoll fil-forniment tal-materja prima u tal-inputs, għandhom effett ta' distorsjoni addizzjonali fuq is-suq. Is-sistema tal-ippjanar fiċ-Ċina tirriżulta wkoll fil-konċentrazzjoni tar-riżorsi f'setturi nominati bħala strateġiċi jew inkella bħala politikament importanti mill-GTĊ, aktar milli fl-allokazzjoni tagħhom f'konformità mal-forzi tas-suq <sup>(17)</sup>.
- (86) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-liġijiet Ċinzi dwar il-falliment u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost fis-sens tar-raba' inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, biex b'hekk jiġġeneraw distorsjonijiet b'mod partikolari meta jinżamm il-livell tad-ditti insolventi u meta jiġu allokati d-drittijiet tal-użu tal-art fiċ-Ċina <sup>(18)</sup>.
- (87) Il-Kummissjoni sabet ukoll distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-settur metallurġiku fis-sens tal-ħames inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku <sup>(19)</sup>, kif ukoll distorsjonijiet fis-swieq finanzjarji fis-sens tas-sitt inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-kapital għall-kumpaniji fiċ-Ċina <sup>(20)</sup>.
- (88) Bħal fl-investigazzjonijiet preċedenti dwar is-settur metallurġiku fiċ-Ċina, f'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni eżaminat jekk kienx xieraq jew le li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina, minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti skont it-tifsira tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/909 tat-30 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ferrosilċju li joriġinaw mir-Russja u mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 208, 1.7.2020, p. 2).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1811 tal-14 ta' Ottubru 2021 li jimponi dazju anti-dumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet tal-kalċju-silċju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 366, 15.10.2021, p. 17).

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 54-60 u 111-115; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessi 58-63 u 85.

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 61-64; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessa 44.

<sup>(16)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 66-69; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessi 46-48. Filwaqt li d-dritt għall-ħatra u għat-tneħħija ta' persunal ewlieni tal-maniġment fl-SOEs mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat, kif previst fil-leġislazzjoni Ċiniża, jista' jittqies li jirrifletti d-drittijiet ta' sjieda korrispondenti, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm dawk tal-Istat kif ukoll dawk privati, jirrappreżentaw kanal importanti ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont il-liġi tal-kumpaniji Ċiniża, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP) u l-kumpanija għandha ttiprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitatijiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Fil-passat, dan ir-rekwiżit jidher li mhux dejjem kien segwit jew infurzat b'mod strett. Madankollu, mill-inqas mill-2016, is-CCP saħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu li jikkontrolla d-deċiżjonijiet kummerċjali fl-SOEs bħala kwistjoni ta' prinċipju politiku. Huwa rrapportat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji privati sabiex ipoġġu l-"patrijottiżmu" l-ewwel u qabel kollox u sabiex isegwu d-dixxiplina tal-partit. Fl-2017, ġie rrapportat li kienu jeżistu ċelloli tal-partit f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, li rriżulta fi pressjoni dejjem akbar sabiex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali fil-kumpaniji rispettivi tagħhom. Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha, fost is-setturi kollha, inkluż għall-produtturi tas-silċju u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 70-80; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessi 49-58.

<sup>(18)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 81-86; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessa 59.

<sup>(19)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 87-90; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessa 60.

<sup>(20)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/909, il-premessi 91-110; Ir-Regolament (UE) 2021/1811, il-premessa 61.

- (89) Il-Kummissjoni għamlet dan abbażi tal-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluża l-evidenza li tinsab fit-talba, kif ukoll fir-rapport tal-Kummissjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina <sup>(21)</sup> (“ir-Rapport”), li jiddependi fuq sorsi disponibbli għall-pubbliku. Dik l-analiżi kopriet l-eżami tal-interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija taċ-Ċina b’mod ġenerali, iżda wkoll is-sitwazzjoni speċifika tas-suq fis-settur rilevanti, inkluż il-prodott taħt rieżami.
- (90) Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta dawn l-elementi bir-riċerka tagħha stess dwar id-diversi kriterji rilevanti sabiex tikkonferma l-eżistenza ta’ distorsjonijiet sinifikanti fiċ-Ċina, kif instab ukoll mill-investigazzjonijiet preċedenti tagħha f’dan ir-rigward.
- (91) It-talba f’dan il-każ irreferiet għar-Rapport, b’mod partikolari għat-taqsimu 12.4.2 rigward ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tas-siliċju u għat-taqsimiet li jirreferu għas-suq tal-elettriku. L-applikant irrefera wkoll għal studju protett bid-drittijiet tal-awtur minn AlloyConsult fit-talba għal rieżami rigward id-distorsjonijiet tas-suq ikkawżati mill-Istat fl-industrija Ċiniża tal-liġi tal-ħadid u tas-siliċju.
- (92) Fis-settur tas-siliċju, ċertu grad ta’ sjeda u kontroll mill-GTĊ jippersisti fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Billi ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-ebda esportatur Ċiniż tal-prodott taħt rieżami, il-proporzjon eżatt ta’ produtturi tas-siliċju privati u tal-Istat ma setax jiġi ddeterminat aktar.
- (93) Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet li għadd ta’ produtturi Ċiniżi tas-siliċju huma proprjetà tal-Istat. Waħda minnhom hija Yunnan Nujiang International Silicon Trade Co, sussidjarja ta’ Xiamen ITG Group Corp., Ltd <sup>(22)</sup>. L-azzjonist finali kontrollanti ta’ Xiamen ITG Group huwa l-Kummissjoni għas-Superviżjoni u l-Amministrazzjoni tal-Assi tal-Istat tal-Belt ta’ Xiamen <sup>(23)</sup>.
- (94) Bl-istess mod, Shanghai Puyuan Foreign Economic and Trading Company <sup>(24)</sup> (“SPFC”) hija sussidjarja kollha kemm hi ta’ Shanghai National Nuclear Puyuan Group, li min-naħa tiegħu huwa kompletament proprjetà taċ-Ċina National Nuclear Corporation (“CNNC”), waħda mill-Intrapriżi tal-Istat (“SOEs”) fil-livell ċentrali Ċiniż.
- (95) L-investigazzjoni sabet ukoll li fis-settur tal-elettriku, li huwa l-fattur ewlieni tal-produzzjoni fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami, għad hemm grad sostanzjali ta’ sjeda mill-GTĊ. Kif instab mill-Kummissjoni fir-Rapport, is-suq tal-elettriku fiċ-Ċina huwa kkaratterizzat minn involviment qawwi tal-SOEs f’diversi stadji tal-katina tal-provvista, bil-grilja ta’ trażmissjoni kollha tkun proprjetà ta’ żewġ SOEs u sjeda sinifikanti tal-Istat eżistenti wkoll fl-istadju tal-ġenerazzjoni.
- (96) Fir-rigward tal-fatt li l-GTĊ huwa f’pożizzjoni li jinterferixxi fil-prezzijiet u fil-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta’ konnessjonijiet personali bejn il-Partit Komunista taċ-Ċina (“CCP”) u l-kumpaniji li jimmanifatturaw il-prodott taħt rieżami, kif ukoll karatteristiċi korporattivi organizzattivi li jqiegħdu lis-CCP f’pożizzjoni li tippermettilu jinterferixxi fil-kondotta kummerċjali tal-kumpaniji.
- (97) Fl-ITG Xiamen Group, il-kumitat tal-Partit tas-CCP jokkupa l-ogħla livell organizzattiv tal-kumpanija, flimkien mal-Bord tad-Diretturi u mal-Bord tas-Superviżuri u l-fuq mill-Maniġment Superjuri <sup>(25)</sup>.
- (98) Barra minn hekk, f’SPFC, il-President tal-Bord ta’ Shanghai National Nuclear Puyuan Group jokkupa fl-istess ħin il-pożizzjoni tas-Segretarju tal-Kumitat tal-Partit, filwaqt li l-Maniġer Ġenerali tal-kumpanija jservi simultanjament bħala Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit <sup>(26)</sup>.

<sup>(21)</sup> Id-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2017) 483 final/2, 20.12.2017, disponibbli fuq: [https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc\\_156474.pdf](https://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf)

<sup>(22)</sup> Ara r-rapport annwali tal-2021 tax-Xiamen ITG Group, il-paġna 261 [http://static.sse.com.cn/disclosure/listedinfo/announcement/c/new/2022-04-21/600755\\_20220421\\_2\\_cFJgASUK.pdf](http://static.sse.com.cn/disclosure/listedinfo/announcement/c/new/2022-04-21/600755_20220421_2_cFJgASUK.pdf) (ikkonsultat fit-12 ta’ Lulju 2022).

<sup>(23)</sup> <http://www.itg.com.cn/en/company/about> (ikkonsultat fit-12 ta’ Lulju 2022).

<sup>(24)</sup> [www.ixin.com/company/472df966-2141-41bc-8209-66d37f0c2d88](http://www.ixin.com/company/472df966-2141-41bc-8209-66d37f0c2d88) (ikkonsultat fis-27 ta’ April 2022), [www.shpcoic.org.cn/Site/Home/\\_InfoShow?Info\\_ID=6720&InfoItem\\_ID=60](http://www.shpcoic.org.cn/Site/Home/_InfoShow?Info_ID=6720&InfoItem_ID=60) (ikkonsultat fis-27 ta’ April 2022).

<sup>(25)</sup> [www.itgholding.com.cn/en/company/organization](http://www.itgholding.com.cn/en/company/organization) (aċċessat fis-27 ta’ April 2022).

<sup>(26)</sup> [www.puyuan.com](http://www.puyuan.com) (aċċessat fis-27 ta’ April 2022).

- (99) L-investigazzjoni żvelat ukoll li kemm l-intrapriżi pubbliċi kif ukoll dawk privati fis-settur tas-siliċju huma soġġetti wkoll għal superviżjoni u gwida tal-politika. Bħal fi kwalunkwe settur ieħor fiċ-Ċina, dawn il-produtturi huma ristretti li jospitaw attivitajiet ta' bini tal-partit u li jżommu affiljazzjoni mill-qrib mas-CCP u mal-ideoloġija tiegħu. L-eżempji li ġejjin juru x-xejra ta' livell li qed jiżdied ta' intervent mill-GTĊ fis-settur tas-siliċju wkoll.
- (100) L-ITG Xiamen Group jiddeskrivi l-attivitajiet estensivi ta' bini tal-Partit fuq is-sit web tiegħu. B'referenza għal laqgħa ta' Frar 2022 tal-grupp ta' studju tas-CCP, il-kumpanija tenfasizza li huwa meħtieġ li "tiġi żgurata b'mod sod id-direzzjoni korretta tal-kostruzzjoni taż-żona ekonomika speċjali, tiġi implimentata t-tmexxija komprensiva tal-Partit fuq iċ-Ċina International Trade Holding Group, tkompli tiġi approfondita l-governanza komprensiva u stretta tal-Partit, ikun hemm aderenza mat-triq tas-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi, u tiġi segwita mingħajr tfixkil id-direzzjoni 'l quddiem tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping" <sup>(27)</sup>.
- (101) L-affermazzjoni ta' lealtà lejn it-tmexxija tas-CCP ma hijiex limitata biss għall-aktar perjodu ta' żmien riċenti, iżda testendi wkoll għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kif jidher, pereżempju, mis-sit web tal-SPFC li jiddeskrivi l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Partit tal-grupp li saret fis-17 ta' Novembru 2020: "[A]ħna rridu nsaħħu l-kontenut ideoloġiku, ngħollu l-profil, il-ħsieb attiv, l-awtodixxiplina u l-awtoeżami, nagħtu importanza lit-tagħlim, insaħħu l-fehim, napprofondixxu l-istudju u l-implimentazzjoni tal-ispirtu tal-Ħames Sessjoni Plenarja tad-19-il Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina [...] Il-Ħames Sessjoni Plenarja tad-19-il Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina kienet tirrikjedi li l-fokus tal-iżvilupp ekonomiku jenħtieġ li jitqiegħed fuq l-ekonomija reali, u li jenħtieġ li jsiru sforzi biex jittejjeb il-livell ta' modernizzazzjoni tal-katina tal-industrija u tal-katina tal-provvista, jitħaffef l-iżvilupp ta' sistema industrijali moderna [...] [H]uwa meħtieġ li jiġu studjati u implimentati l-ispirtu tad-diskorsi importanti tas-Segretarju Ġenerali Xi Jinping u l-ispirtu tal-Ħames Sessjoni Plenarja tad-19-il Kumitat Ċentrali tas-CPC, (...) b'livell għoli ta' kuxjenza politika, kuxjenza ideoloġika u ta' azzjoni; f'konformità mal-iskjerament integrat tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit, tal-kumpanija tal-grupp, u ta' CNNC Puyuan biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-prattika, huwa meħtieġ li jiġi integrat bis-sħiħ l-ispirtu tal-Ħames Sessjoni Plenarja tad-19-il Kumitat Ċentrali tal-Partit [...] F'din il-laqgħa ta' studju estiża pparteċipaw membri tat-tim ta' tmexxija tal-katina tal-provvista tas-CNNC, il-maniġment ta' livell medju, u membri ta' diversi fergħat. <sup>(28)</sup>"
- (102) Barra minn hekk, skont ir-regoli ta' ħidma tal-assoċjazzjoni tal-industrija tas-siliċju <sup>(29)</sup>, fergħa tal-assoċjazzjoni Ċiniża tal-industrija tal-metall mhux ferruż, l-assoċjazzjoni tiegħu l-linja bażika tas-CCP bħala l-linja gwida tagħha stess <sup>(30)</sup>. Barra minn hekk, l-aderenza mal-linja, il-prinċipji u l-politiki tal-Partit, u t-tħaddin ta' kwalità politika tajba huma elenkati fost ir-reqwiżiti tal-eliġibbiltà sabiex iservu bħala l-president, il-viċi president jew is-segretarju ġenerali tal-assoċjazzjoni <sup>(31)</sup>.
- (103) Barra minn hekk, ġie stabbilit li fis-settur tas-siliċju hemm fis-seħħ politiki li jiddiskriminaw favur il-produtturi domestiċi jew li b'xi mod ieħor jinfluwenzaw is-suq fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Is-siliċju għandu rwol sinifikanti fil-produzzjoni tal-aluminju, kif ukoll tas-semikondutturi (li għalihom il-prodott taħt rieżami huwa input) li min-naħa tiegħu jikkwalifika lis-settur tas-siliċju biex jitqies bħala parti mill-industrija emerġenti strateġiċi <sup>(32)</sup> li jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' politiki ta' appoġġ fis-seħħ.
- (104) L-Istat jinterferixxi wkoll fis-swieq tal-inputs użati għall-produzzjoni tas-siliċju, b'mod partikolari fis-swieq tal-elettriku. Filwaqt li l-elettriku huwa wieħed mill-inputs ewlenin fil-manifattura tas-siliċju, il-prezzijiet tal-elettriku ma humiex ibbażati fuq is-suq fiċ-Ċina u huma affettwati wkoll minn distorsjonijiet sinifikanti (permezz tal-iffissar tal-prezzijiet ċentrali, id-differenzjazzjoni tal-prezzijiet u l-prattiki diretti tax-xiri tal-enerġija), kif stabbilit fir-Rapport <sup>(33)</sup>.

<sup>(27)</sup> [www.itgholding.com.cn/cn/News/Detail/4244](http://www.itgholding.com.cn/cn/News/Detail/4244) (aċċessat fis-27 ta' April 2022).

<sup>(28)</sup> [www.puyuan.com/puyuan/djdt11/971216/index.html](http://www.puyuan.com/puyuan/djdt11/971216/index.html) (ikkonsultat fis-27 ta' April 2022).

<sup>(29)</sup> [www.siliconchina.org/about/rules/index.html](http://www.siliconchina.org/about/rules/index.html) (ikkonsultat fis-27 ta' April 2022).

<sup>(30)</sup> ibid, l-Artikolu 3.

<sup>(31)</sup> ibid, l-Artikolu 21.

<sup>(32)</sup> Ara l-14-il Pjan ta' Ħames Snin dwar l-Iżvilupp tal-Industrija Strateġiċi u Emerġenti tal-provinċja ta' Fujian (li fiha jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-ITG Xiamen Group): <http://www.qg.gov.cn/zwgk/zcfg/sjfgwj/202112/P020211207803152129885.pdf> (ikkonsultat fit-28 ta' April 2022). Ara wkoll, pereżempju, il-Katalogu ta' Erba' Elementi Essenzjali għal għaxar industriji ewlenin, dokument ta' politika maħruġ fl-2016 fil-kuntest tal-istrateġija Made in China 2025; disponibbli fuq: <http://www.cm2025.org/show-14-126-1.html> (ikkonsultat fit-28 ta' April 2022).

<sup>(33)</sup> Ir-Rapport, il-Kapitolu 10, p. 221-230.

- (105) Filwaqt li s-suq tal-enerġija fiċ-Ċina għadda minn għadd ta' bidliet u riformi, xi prezzijiet rilevanti għas-sistema tal-enerġija għadhom ma humiex ibbażati fuq is-suq. Il-gvern jirrikonoxxi li l-prezzijiet għadhom fil-biċċa l-kbira kkontrollati mill-Istat: "Il-ġestjoni attwali tal-prezzijiet tal-elettriku għadha bbażata fuq il-prezzijiet tal-gvern. L-aġġustamenti fil-prezzijiet spiss ma jlaħħqux mal-bidliet fil-kostijiet u huwa diffiċli li l-kostijiet tal-użu tal-elettriku jiġu riflessi b'mod f'waqtu u raġonevoli [...] Għadu ma ġie stabbilit l-ebda mekkaniżmu kompetittiv effettiv għall-bejgħ tal-elettriku, it-tranżazzjonijiet tas-suq bejn l-intrapriżi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku u l-utenti huma limitati u huwa diffiċli li jiġi involut ir-rwol deċiżiv tas-suq fl-allokazzjoni tar-riżorsi" <sup>(34)</sup>.
- (106) Din id-dgħufija tas-suq ikkawżata mill-Istat hija fl-oriġini ta' aktar tentattivi biex jiġi ġestit is-suq, li hija riflessa f'għadd ta' dokumenti amministrattivi sussegwenti. Pereżempju, f'Novembru 2020, l-NDRC ħarġet in-Notifika dwar il-promozzjoni tal-iffirmar ta' kuntratti tal-elettriku tal-2021 għal żmien medju sa twil <sup>(35)</sup>.
- (107) Id-dokument jagħti struzzjonijiet "lid-dipartimenti kompetenti tal-gvernijiet lokali [...] biex jagħmlu sforz sabiex jiżguraw li l-volum tal-elettriku kkuntrattat ma jkunx inqas minn 80 % tal-volum medju matul l-aħħar tliet snin", u fir-rigward tal-ipprezzar biex "jistabbilixxu mekkaniżmu għas-soluzzjoni tad-devjazzjoni [...] fir-regolamenti tas-suq lokali biex jiġu indirizzati d-devjazzjonijiet bejn il-volum tal-enerġija kkuntrattata u l-implimentazzjoni reali" u biex "itejbu l-mekkaniżmu tal-prezz tat-tranżazzjoni għal żmien medju u twil. Il-lokalitajiet kollha għandhom jimplementaw b'mod strett il-prezzijiet tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-enerġija kif approvati mill-gvern."
- (108) In-Notifika fiha wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' traċċar għall-progress fl-iffirmar tal-kuntratti, jew permezz tat-tisħiħ tal-monitoraġġ, tad-divulgazzjoni u tal-infurzar tal-kuntratti <sup>(36)</sup>.
- (109) Barra minn hekk, f'Jannar 2021, il-Kunsill tal-Istat ħareġ l-"Opinjoni tal-NDRC dwar l-istandardizzazzjoni tat-tariffi tal-provvisti tal-ilma urban, tal-elettriku u tat-tisħin biex jitrawwem żvilupp ta' kwalità għolja tas-settur" <sup>(37)</sup>. In-Notifika fiha dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-ipprezzar tal-gvern "[...] Għal proġetti soġġetti għall-ipprezzar tal-gvern jew għall-prezzijiet iggwidati mill-gvern, tiġi ddeterminata b'mod raġonevoli l-kompożizzjoni tal-kostijiet, jissaħħu s-superviżjoni u r-rieżami tal-kostijiet, jittejjeb il-mekkaniżmu għall-formazzjoni tal-prezzijiet u jiġi ddeterminat b'mod xjentifiku l-livell tal-prezzijiet. [...]"
- (110) Fost l-għanijiet ewlenin tan-Notifika, issir referenza speċifika għall-mekkaniżmu ta' input tal-gvern b'rabta mal-ipprezzar, kif ukoll id-differenzjazzjoni settorjali tal-metodi tal-ipprezzar: "Sal-2025, għandhom jinkisbu riżultati ċari fir-regolamentazzjoni u fl-istandardizzazzjoni tat-tariffi fis-settur tal-provvista tal-ilma, tal-provvista tal-enerġija, tal-gass u tat-tisħin. Għandha tiġi stabbilita bażi għal mekkaniżmu xjentifiku, standardizzat u trasparenti għall-formazzjoni tal-prezzijiet, u l-mekkaniżmu ta' input tal-gvern għandu jittejjeb aktar. Il-metodi tal-ipprezzar applikabbli għas-setturi relatati, il-metodi ta' superviżjoni u r-rieżami tal-kostijiet, l-imġiba tal-prezzijiet u l-kopertura komprensiva standard tas-servizzi, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza tal-provvista tal-ilma, tal-elettriku, tat-tisħin u ta' prodotti u servizzi oħrajn għandhom jittejjeb b'mod sinifikanti".
- (111) Il-faħam huwa materja prima oħra użata għall-manifattura tal-prodott taħt rieżami. Kif instab fir-Rapport, is-suq tal-faħam fiċ-Ċina huwa soġġett għal distorsjonijiet, notevolment minħabba s-sussidjar <sup>(38)</sup> u permezz tal-ġestjoni u tal-kontroll fuq l-isfruttament tar-riżorsi tal-faħam <sup>(39)</sup>.

<sup>(34)</sup> Opinjonijiet dwar l-approfondiment ulterjuri tar-riforma tas-sistema tal-enerġija elettrika, maħruġa fil-15 ta' Marzu 2015 mill-Kumitat Ċentrali tas-CCP u mill-Kunsill tal-Istat (ZhongFa [2015] nru. 9 <https://chinaenergyportal.org/en/opinions-of-the-cpc-central-committee-and-the-state-council-on-further-deepening-the-reform-of-the-electric-power-system-zhongfa-2015-no-9/>) (ikkonsultat fit-8 ta' April 2022).

<sup>(35)</sup> [https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202012/t20201202\\_1252094.html](https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202012/t20201202_1252094.html) (aċċessat fit-8 ta' April 2022)

<sup>(36)</sup> B'mod partikolari: "Id-dipartimenti tal-gvern lokali għandhom, f'koordinazzjoni mal-entità ssekondata tal-Amministrazzjoni Nazzjonali għall-Enerġija, jirrapportaw lill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Iżvilupp u r-Riforma u lill-Amministrazzjoni tal-Enerġija tal-Istat b'mod f'waqtu dwar l-iffirmar ta' kuntratti fuq terminu medju u twil, kif ukoll dwar kwistjonijiet rilevanti, u jiżguraw ir-rabta tal-iffirmar tal-kuntratti fuq terminu medju u twil mal-enerġija spot."

<sup>(37)</sup> [http://www.gov.cn/zhengce/content/2021-01/06/content\\_5577440.htm](http://www.gov.cn/zhengce/content/2021-01/06/content_5577440.htm) (ikkonsultat fit-8 ta' April 2022).

<sup>(38)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 10.

<sup>(39)</sup> Ir-Rapport – il-Kapitolu 12, p. 269.

- (112) L-investigazzjoni reċenti dwar is-siliċju tal-kalċju stabbiliet aktar elementi ta' interferenza mill-Istat fis-suq tal-faħam. F'Mejju 2021, l-Amministrazzjoni Nazzjonali għall-Enerġija (NEA) u l-NDRC ħarġu b'mod konġunt in-Notifika dwar il-miżuri ta' ġestjoni għall-kapaċità tal-produzzjoni tal-minjieri tal-faħam u l-kriterji ta' approvazzjoni, bil-għan li jirregolaw il-kapaċitajiet tal-minjieri tal-faħam u jinfurzaw il-limiti rilevanti, ikkalkolati abbażi tan-notifika <sup>(40)</sup>. F'Diċembru 2020, l-NDRC ħarġet in-Notifika dwar l-iżgurar tal-iffirmar u l-eżekuzzjoni ta' kuntratti tal-faħam fuq terminu medju u twil fl-2021 <sup>(41)</sup>.
- (113) In-Notifika tenfasizza b'mod espliċitu l-għan li jiżiedu l-influwenza u s-supervizzjoni tal-Istat fil-proċess kuntrattwali: "Tingħata aktar importanza lir-rwol tal-gvern, jiġi enfasizzat it-tisħiħ tal-bini tas-sistema, jittejbu r-regoli tat-tranżazzjonijiet, tissaħħaħ is-supervizzjoni tal-kreditu, u jiġu għwidi l-partijiet rilevanti biex titqajjem kuxjenza dwar is-sitwazzjoni ġenerali, jittieħdu responsabbiltajiet soċjali, tiġi standardizzata l-eżekuzzjoni tal-kuntratti, u jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq tal-faħam."
- (114) In-notifika tagħti wkoll struzzjonijiet biex "[t]issaħħaħ l-awtodixxiplina tal-industrija. L-assoċjazzjonijiet rilevanti kollha tal-industrija għandhom jiggwidaw lill-intrapriżi biex isaħħu l-awtodixxiplina, jimplementaw kif xieraq ir-rekwiżiti ta' kuntratti fuq terminu medju u twil, u ma jużawx is-sitwazzjoni tal-provvista u tad-domanda tas-suq u l-pożizzjoni vantaġġuża tal-industrija biex jiffirmaw kuntratti żbilanċjati. L-intrapriżi fuq skala kbira għandu jkollhom rwol eżemplari, jirregolaw il-firem tal-kuntratti, itejbu l-għarfien tagħhom dwar l-issodisfar tal-impenji, jieħdu l-inizjattiva li jieħdu r-responsabbiltà soċjali għall-iżgurar tal-provvista u tal-prezzijiet stabbli, u jipromwovu l-operat bla xkiel tas-suq tal-faħam fil-livell nazzjonali."
- (115) Ta' min jinnota b'mod partikolari d-direttiva ċara biex ma tintużax is-sitwazzjoni tad-domanda u tal-provvista fis-suq fl-iffirmar tal-kuntratti. F'April 2021, l-NDRC ħarġet "Notifika dwar l-iżgurar tas-supervizzjoni u l-ġestjoni tal-kuntratti tal-faħam tal-2021 għal żmien medju u twil", li għandha l-għan li tissorvelja aħjar il-konformità tal-kuntratti tal-bejgħ u li tiżgura l-provvista tal-faħam (b'mod partikolari abbażi tad-dispożizzjonijiet tan-Notifika Nru. 902 imsemmija qabel). Fuq dik il-bażi, jenħtieġ li l-partijiet rilevanti jiżguraw b'mod partikolari li r-rata ta' konformità ta' kull xahar ma tkunx inqas minn 80 %, u jenħtieġ li r-rata ta' konformità trimestrali u annwali ma tkunx inqas minn 90 % <sup>(42)</sup>.
- (116) L-interventizmu tal-Istat fis-suq tal-faħam jista' jiġi nnotat ukoll fid-deċizzjoni reċenti dwar l-estensjoni għal sena oħra taż-żmien tal-operat bi prova għall-minjieri tal-faħam magħluqa bil-għan li jiżiedu l-produzzjoni u l-provvista, sabiex jiġu miġġielda ż-żidiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet (wara li l-produzzjoni tal-minjieri kienet preċedentement sospiża) <sup>(43)</sup>.
- (117) Kif jista' jidher mill-eżempji ta' hawn fuq, il-GTĊ jiġġestixxi l-iżvilupp tas-settur tas-siliċju f'konformità ma' firxa wiesgħa ta' għodod ta' politika u direttivi u jikkontrolla prattikament kull aspett fil-funzjonament tas-settur. Dawn il-għwida u l-intervent tal-gvern jikkonċernaw ukoll l-inputs ewlenin użati fil-manifattura tal-prodott taħt rieżami.
- (118) Din l-investigazzjoni ma żvelat l-ebda evidenza li l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku fis-settur metallurġiku ma humiex se jaffettwaw lill-manifatturi tal-prodott taħt rieżami.
- (119) Is-settur metallurġiku huwa affettwat ukoll mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), l-ħames inċiż tar-Regolament bażiku. Dawk id-distorsjonijiet jaffettwaw lis-settur kemm direttament (waqt il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami jew tal-inputs ewlenin), kif ukoll indirettament (waqt li jkun hemm aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fiċ-Ċina).

<sup>(40)</sup> Disponibbli fuq is-sit web tal-NEA: [www.nea.gov.cn/2021-05/18/c\\_139953498.htm](http://www.nea.gov.cn/2021-05/18/c_139953498.htm) (ikkonsultat fit-13 ta' April 2022).

<sup>(41)</sup> In-Notifika tal-NDRC Nru 902 (2020) [https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202012/t20201207\\_1252389.html?code=&state=123](https://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202012/t20201207_1252389.html?code=&state=123) (ikkonsultat fit-13 ta' April 2022).

<sup>(42)</sup> In-Notifika 338 (2021); disponibbli fuq: [www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202104/t20210429\\_1278643.html](http://www.ndrc.gov.cn/xxgk/zcfb/tz/202104/t20210429_1278643.html) (ikkonsultat fit-13 ta' April 2022).

<sup>(43)</sup> Ara l-artiklu fuq is-sit web ta' Nasdaq (l-oriġinali minn Reuters Beijing Newsroom). Iċ-Ċina tagħti estensjonijiet ta' prova ta' sena fi 15-il minjiera tal-faħam biex tagħti spinta lill-produzzjoni. 4 ta' Awwissu 2021; disponibbli fuq: <https://www.nasdaq.com/articles/china-grants-one-year-trial-extensions-at-15-coal-mines-to-boost-output-2021-08-04> (ikkonsultat fit-13 ta' April 2022).

- (120) Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza f'din l-investigazzjoni li turi li s-settur metallurġiku ma huwiex affettwat mill-intervent tal-gvern fis-sistema finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku. Għalhekk, l-intervent sostanzjali tal-gvern fis-sistema finanzjarja jwassal sabiex il-kundizzjonijiet tas-suq jiġu affettwati serjament fil-livelli kollha.
- (121) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tfakkar li sabiex jiġi mmanifatturat il-prodott taħt rieżami, huma meħtieġa numru ta' inputs. Meta l-produtturi tal-prodott taħt rieżami jixtru jew jikkuntrattaw għal dawn l-inputs, il-prezzijiet li jitħallsu (u li jiġu rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) huma esposti għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għal distorsjonijiet; huma jistgħu jissellfu flus li huma soġġetti għad-distorsjonijiet fis-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital; u huma soġġetti għas-sistema ta' pjanar li tapplika fil-livelli kollha tal-gvern u tas-setturi.
- (122) B'konsegwenza ta' dan, mhux biss il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku tal-prodott taħt rieżami ma humiex xierqa għall-użu fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, iżda l-kostijiet tal-inputs kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, il-manodopera, eċċ.) huma wkoll affettwati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern, kif deskritt fil-Partijiet I u II tar-Rapport.
- (123) Tabilħaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, tal-art, tal-manodopera, tal-enerġija u tal-materja prima huma preżenti fiċ-Ċina kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fiċ-Ċina permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti. L-istess japplika għall-input, lejn l-input u l-bqija.
- (124) F'din l-investigazzjoni, la l-GTĊ u lanqas il-produtturi ma ppreżentaw xi evidenza jew argument li juru l-kuntrarju.
- (125) Fil-qosor, l-evidenza disponibbli wriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet tal-prodott taħt rieżami, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tal-ammont ta' ħaddiema, ma humiex ir-riżultat tal-forzi tas-suq ħieles minħabba li dawn huma affettwati minn intervent sostanzjali min-naħa tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku kif muri mill-impatt attwali jew potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi rilevanti elenkati.
- (126) Abbażi ta' dan, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GOC, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma huwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.
- (127) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet sabiex tibni l-valur normali esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u l-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsimha li ġejja.

### 3.2.3. Pajjiż rappreżentattiv

#### 3.2.3.1. Rimarki ġenerali

- (128) L-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienet ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku:

— Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għaċ-Ċina. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni użat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross per capita simili għaċ-Ċina abbażi tal-bażi tad-*data* tal-Bank Dinji <sup>(44)</sup>;

<sup>(44)</sup> Id-Data Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, <https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income>

- Il-produzzjoni tal-prodott simili f'dak il-pajjiż <sup>(45)</sup>;
- Id-disponibbiltà tad-*data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv.
- Fejn ikun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, jenħtieġ li tingħata preferenza, fejn xieraq, lill-pajjiż b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(129) Il-Kummissjoni ħarġet żewġ noti għall-fajl dwar is-sorsi biex jiġi stabbilit il-valur normali. Dawn in-noti ddeskrivew il-fatti u l-evidenza li fuqhom huma bbażati l-kriterji rilevanti u indirizzaw il-kummenti li rċevew il-partijiet dwar dawn l-elementi u dwar is-sorsi rilevanti.

### 3.2.3.2. Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina

(130) Fin-Nota 1, il-Kummissjoni identifikat il-Brażil u l-Malażja bħala pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina skont il-Bank Dinji fejn qed jiġi prodott is-siliċju. Dawn il-pajjiżi huma t-tnejn ikklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi b'"introjtu medju superjuri" fuq bażi ta' introjtu nazzjonali gross fejn kien magħruf li sseħħ il-produzzjoni tal-prodott simili.

(131) L-ebda pajjiż rappreżentattiv possibbli ieħor ma ġie identifikat minn xi parti interessata.

### 3.2.3.3. Id-disponibbiltà tad-*data* pubblika rilevanti fil-pajjiż rappreżentattiv

(132) Fin-Nota 1, il-Kummissjoni indikat li l-produttur tas-siliċju fil-Brażil identifikat mill-applikant, RIMA Industrial, ma kienx profittabbli matul is-sena kalendarja 2020, u li f'dan l-istadju ma ġie identifikat l-ebda produttur Brażiljan ieħor.

(133) Il-produttur tas-siliċju fil-Malażja identifikat mill-EUSMET, PMB Silicon Bhd, kien profittabbli matul is-sena kalendarja 2020. Fuq din il-bażi, fin-Nota 1 il-Kummissjoni kkunsidrat li l-Malażja tista' tkun pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(134) Wara l-pubblikazzjoni tan-Nota 1, l-applikant issottometta lista ta' produttori tas-siliċju fil-Brażil, li tindika d-disponibbiltà ta' *data* finanzjarja pubblika għal kull wieħed minn daww il-produttori.

(135) Il-lista pprovduta mill-applikant identifikat produttur wieħed tas-siliċju fil-Brażil, il-kumpanija MinasLigas, li kien profittabbli fl-2020.

(136) Għalhekk, il-Kummissjoni kellha żewġ produttori tas-siliċju profittabbli, wieħed fil-Malażja u wieħed fil-Brażil.

(137) Fin-Nota 2, il-Kummissjoni kompliet tqabbel id-*data* disponibbli mill-Malażja u mill-Brażil dwar il-fatturi tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Malażja kellha sett ta' *data* aktar rappreżentattiv għall-fatturi tal-produzzjoni, billi ma kien hemm l-ebda importazzjoni ta' faħam tal-irmied medju fil-Brażil, u kwantitajiet limitati biss ta' importazzjonijiet ta' kwarz u laqx tal-injam li kienu wkoll bi prezzijiet mhux rappreżentattivi.

(138) B'hekk, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bin-Nota 2 li hija kellha l-ħsieb li tuża l-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq u l-kumpanija PMB Silicon Bhd, f'konformità mal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex tikseb prezzijiet jew parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni għall-kalkolu tal-valur normali.

(139) Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkumentaw dwar l-adeqwatezza tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv u ta' PMB Silicon Bhd bħala produttur fil-pajjiż rappreżentattiv.

(140) Waslu kummenti dwar in-Nota 2 mingħand l-EUSMET, li appoġġjat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tuża l-Malażja, u mingħand l-applikant, li sostna li l-Brażil jenħtieġ li jitqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

(141) L-applikant ikkontesta l-użu tal-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv, abbażi tad-*data* finanzjarja tal-kumpanija PMB Silicon Bhd. L-applikant afferma li l-kumpanija kienet qed tagħmel it-telf fl-2020, iżda mingħajr ma pprovdta xi evidenza.

<sup>(45)</sup> Jekk ma jkun hemm l-ebda produzzjoni tal-prodott simili fi kwalunkwe pajjiż b'livell simili ta' żvilupp, tista' tiġi kkunsidrata l-produzzjoni ta' prodott fl-istess kategorija u/jew settur ġenerali tal-prodott simili.

- (142) Fis-sottomissjoni tagħha tal-1 ta' April 2022, l-EUSMET ipprovdiet kontijiet ippubblikati lokalment għal PMB Silicon Bhd li juru li din kienet profittabbli matul l-2020. Għalhekk, dan l-argument minn Euroalliaġes huwa rrifjutat.
- (143) L-applikant ikkontesta wkoll ir-rappreżentattività ta' xi *data* disponibbli għall-pubbliku mill-Malażja rigward prodotti sekondarji u reġa' talab li l-Kummissjoni tuża *data* tal-Brażil għal dawk il-fatturi fejn kien xieraq li tagħmel dan u tuża *data* minn pajjiżi oħrajn fejn ma kienx.
- (144) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid id-*data* mill-Malażja, filwaqt li kkunsidrat il-kummenti kemm mill-applikant kif ukoll mill-EUSMET fir-rigward ta' din id-*data*. Il-Kummissjoni kkonkludiet li d-*data* tal-Malażja dwar il-fatturi tal-produzzjoni hija affidabbli. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li minħabba li l-kalkoli tal-valur normali jkunu qed jużaw perċentwal biex jikkalkolaw l-introjt tal-prodott sekondarju, il-parametri referenzjarji fin-Nota 2 għall-prodotti sekondarji ma jibqgħux jintużaw.
- (145) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnotta li fir-rigward tal-Brażil, l-applikant ammetta li xi *data* ma hijiex xierqa u li jkollhom jintużaw sorsi oħrajn. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat dan l-argument tal-applikant.
- (146) Wara li ħarġet in-Nota 2, il-Kummissjoni nnotat li kien hemm żball fl-estrazzjoni tad-*data* mill-GTA fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' laqx tal-injam fil-Malażja. L-estrazzjoni kienet saret f'EUR minflok f'CN¥ u, għalhekk, il-prezz għal kull tunnellata ma kienx korrett. Madankollu, fl-analiżi, il-prezz attwali f'CN¥ għal kull tunnellata kien ferm oġhla minn dak imħallas mill-industrija tal-Unjoni, u ferm oġhla mill-prezz medju tal-esportazzjoni għal kull tunnellata f'GTA għall-pajjiżi kollha.
- (147) Minħabba li l-prezzijiet tal-laqx tal-injam tqiesu bħala mhux rappreżentattivi, u fin-nuqqas ta' prezz internazzjonali mingħajr distorsjoni għal-laqx tal-injam, il-Kummissjoni sabet li l-prezz medju tal-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea f'CN¥ għal kull tunnellata huwa parametru referenzjarju xieraq għal din il-materja prima.
- (148) L-applikant ikkontesta wkoll is-sorsi tad-*data* għall-kostijiet tal-elettriku u lavorattivi, filwaqt li qieset li huma "skaduti" <sup>(46)</sup>.
- (149) Il-Kummissjoni reġgħet ivverifikat dawn is-sorsi u, fir-rigward tal-elettriku, innotat li t-tariffi indikati fin-Nota 2 għadhom fis-seħħ. Madankollu, fir-rigward tal-kostijiet lavorattivi, is-sors indikat fin-Nota 2 ikopri s-sena 2016. Għalhekk, il-Kummissjoni fittxet *data* aktar reċenti u identifikat l-istatistika dwar il-kostijiet lavorattivi mid-Dipartiment tal-Istatistika tal-Malażja, "Rapport ta' Stħarriġ tal-2020 dwar is-Salarji u l-Pagi" <sup>(47)</sup>, ippubblikat f'Lulju 2021 bħala sors xieraq ta' *data*.

#### 3.2.3.4. Livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali

- (150) Wara li ġie stabbilit li l-Malażja kienet l-uniku pajjiż rappreżentattiv xieraq disponibbli, abbażi tal-elementi kollha msemmija hawn fuq, ma kienx hemm bżonn li titwettaq valutazzjoni tal-livell ta' protezzjoni soċjali u ambjentali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

#### 3.2.3.5. Konklużjoni

- (151) Fid-dawl tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Malażja ssodisfat il-kriterji stipulati fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex titqies bħala pajjiż rappreżentattiv xieraq.

#### 3.2.4. Is-sorsi użati biex jiġu stabbiliti l-kostijiet mingħajr distorsjoni

- (152) Fin-Nota 1, il-Kummissjoni elenkat il-fatturi tal-produzzjoni, bħall-materja prima, l-enerġija u l-manodopera użati fil-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami u stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw u jipproponu informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-valuri mingħajr distorsjoni għal kull wieħed mill-fatturi tal-produzzjoni msemmija f'dik in-nota.

<sup>(46)</sup> "Ma għadhomx jintużaw jew jiġu pprattikati; antikwati, skaduti." (Oxford English Dictionary).

<sup>(47)</sup> <https://www.dosm.gov.my/v1/index.php> (ikkonsultat fis-26 ta' April 2022).



- (153) Sussegwentement, fin-Nota 2, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex tibni l-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, hija tuża l-GTA biex tistabbilixxi l-kost mingħajr distorsjoni tal-biċċa l-kbira tal-fatturi tal-produzzjoni, b'mod partikolari l-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ddikjarat li se tuża d-data uffiċjali tal-Malażja biex tistabbilixxi l-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manodopera <sup>(48)</sup> u tal-enerġija <sup>(49)</sup>.

### 3.2.5. Fatturi tal-produzzjoni

- (154) Meta titqies l-informazzjoni kollha fit-talba għal rieżami u l-informazzjoni sussegwenti ppreżentata mill-applikant u mill-partijiet interessati, il-fatturi tal-produzzjoni li ġejjin u s-sorsi tagħhom ġew identifikati sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku:

Tabella 1

### Fatturi tal-produzzjoni tas-siliċju

Fattur ta' Produzzjoni	Kodiċi tal-Komodità fil-Malażja	Valur mingħajr distorsjoni f'€	Unità ta' kejl
Materja prima			
Kwarz	2506 10	468,20	Tunnellata
Faħam tal-Irmied Medju	2701 19	437,23	Tunnellata
Laqx tal-injam	4401 21	412,50	Tunnellata
	4401 22	412,50	Tunnellata
Elettrodi	8545 11	39 692,39	Tunnellata
Manodopera			
Manodopera		21,92	Siegħa ta' xogħol
Enerġija			
Elettriku		0,53	kWh

### 3.2.6. Materja prima

- (155) Is-siliċju jiġi prodott fi fran bl-ark elettriku mgħaddas bi tnaqqis karbotermiku tal-kwarz (silika) fil-preżenza ta' diversi tipi ta' riduċenti tal-karbonju bħall-faħam u l-laqx tal-injam.
- (156) Sabiex tistabbilixxi l-prezz mingħajr distorsjoni tal-materja prima kif ikkonsenjata sax-xatba ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju ponderat tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrapportat fil-GTA.
- (157) Prezz tal-importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv ġie ddeterminat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-unità tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha, minbarra ċ-Ċina u l-pajjiżi li ma humiex membri tad-WTO, elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(50)</sup>.
- (158) Il-Kummissjoni ddeċidiet li teskludi l-importazzjonijiet miċ-Ċina fil-pajjiż rappreżentattiv minħabba li kkonkludiet li ma kienx xieraq li jintużaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fiċ-Ċina minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Minħabba li ma hemm l-ebda evidenza li turi li l-istess distorsjonijiet ma jaffettwawx bl-istess mod il-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-istess distorsjonijiet affettwaw il-prezzijiet tal-esportazzjoni.

<sup>(48)</sup> <https://bit.ly/3vJD5On> (ikkonsultat fis-26 ta' April 2022).

<sup>(49)</sup> <https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1> (ikkonsultat fis-26 ta' April 2022).

<sup>(50)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

- (159) Id-*data* tal-importazzjoni li jifdal minn pajjiżi oħrajn minbarra ċ-Ċina tqieset bħala rappreżentattiva għall-inputs kollha ħlief għal-laqx tal-injam. Kif ġie nnotat fil-premessa (146), il-prezz tal-importazzjoni għal-laqx tal-injam fil-Malażja ma kienx meqjus bħala rappreżentattiv u, għalhekk, minflok intużat id-*data* mill-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea.
- (160) Għal għadd ta' fatturi tal-produzzjoni, il-kostijiet attwali mġarrba mill-produtturi tal-Unjoni kienu jirrapreżentaw sehem negliġibbli tal-kostijiet totali tal-materja prima fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.
- (161) Minħabba li l-valur użat għal dawn ma kellu l-ebda impatt konsiderevoli fuq il-kalkoli tal-marġni tad-dumping, irrispettivament mis-sors użat, u fin-nuqqas ta' *data* mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinkludi dawk il-kostijiet f'oġġetti tal-konsum. Il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal tal-oġġetti tal-konsum fuq il-kost totali tal-materja prima u applikat dan il-perċentwal għall-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-materja prima meta użat il-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.
- (162) Għall-prodotti sekondarji, il-Kummissjoni kkalkolat il-perċentwal tal-introjtu mill-prodotti sekondarji rrapportati mill-industrija tal-Unjoni b'rabta mal-kost totali tal-produzzjoni u naqqset dan il-perċentwal mill-kost ikkalkolat mill-ġdid tal-produzzjoni meta użat il-parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni stabbiliti fil-pajjiż rappreżentattiv xieraq.
- (163) Normalment, jenħtieġ li ma' dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni jiżdiedu wkoll il-prezzijiet tat-trasport domestiku. Madankollu, meta titqies in-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffokata fuq is-sejba ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jekk jistax jerġa' jseħħ, aktar milli fuq is-sejba tal-kobor eżatt tiegħu, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn li jsiru aġġustamenti għat-trasport domestiku. Tali aġġustamenti jirriżultaw biss f'żieda tal-valur normali u, b'hekk, tal-marġni tad-dumping.

### 3.2.7. Manodopera

- (164) Il-kostijiet lavorattivi fil-Malażja jiġu ppubblikati mid-Dipartiment tal-Istatistika tal-Gvern tal-Malażja <sup>(<sup>21</sup>)</sup> u dan is-sors intuża biex jiġu ddeterminati l-pagi fil-Malażja billi tintuża l-informazzjoni ppubblikata għall-kost medju lavorattiv għal kull impjegat fis-settur tal-manifattura għall-2020. Skont id-Dipartiment tal-Istatistika, dan huwa MYR 2 542 fix-xahar. Fuq medja ta' 186 siegħa tax-xogħol fix-xahar, il-Kummissjoni kkalkolat paga medja ta' MYR 13,67 fis-siegħa.

### 3.2.8. Elettriku

- (165) Il-prezzijiet għall-elettriku għall-kumpaniji (l-utenti industrijali) fil-Malażja jiġu ppubblikati mill-kumpanija tal-elettriku Tenaga Nasional Berhad (TNB) <sup>(<sup>22</sup>)</sup>. L-aktar rati reċenti ġew ippubblikati fl-1 ta' Jannar 2014 u kienu għadhom applikabbli fil-PIR. Il-Kummissjoni użat ir-rati tal-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-faxxa tal-konsum "Tariffa E2 - Tariffa Industrijali Konsum Massimu/Mhux Konsum Massimu b'Vultaġġ Medju", minn TNB biex tistabbilixxi l-kost tal-elettriku għal kull kWh.

### 3.2.9. Spejjeż ġenerali tal-manifattura, SG&A, profit u deprezzament

- (166) Skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti". Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi stabbilit valur għall-ispejjeż ġenerali tal-manifattura sabiex ikopri l-kostijiet mhux inklużi fil-fatturi tal-produzzjoni msemmija hawn fuq.
- (167) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant, il-Kummissjoni stabbiliet il-proporzjon tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura għall-kostijiet totali tal-manifattura u lavorattivi. Dan il-perċentwal imbagħad ġie applikat għall-valur mingħajr distorsjoni tal-kost tal-manifattura sabiex jinkiseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura.

<sup>(21)</sup> <https://www.dosm.gov.my/v1/index.php>

<sup>(22)</sup> <https://www.tnb.com.my/commercial-industrial/pricing-tariffs1>

3.2.10. *Kalkolu tal-valur normali*

- (168) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ex-works, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (169) L-ewwel, il-Kummissjoni stabbiliet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni straħet fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami dwar l-użu ta' kull fattur (il-materjali u l-manodopera) għall-produzzjoni tas-siliċju. Il-Kummissjoni mmultiplikat il-proporzjonijiet tal-konsum bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità li ġew osservati fil-Malażja, kif deskritti hawn fuq.
- (170) Ladarba jkun ġie stabbilit il-kost tal-manifattura mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni żiedet l-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, l-SG&A u l-profit, kif innotat hawn fuq. L-ispejjeż ġenerali tal-manifattura ġew iddeterminati abbażi tad-*data* pprovduta mill-applikant. L-SG&A u l-profit ġew iddeterminati abbażi tar-rapporti finanzjarji ta' PMB Silicon Bhd għas-sena 2020 kif irrapportat fil-kontijiet awditjati tal-kumpanija <sup>(3)</sup>.
- (171) Il-Kummissjoni użat il-perċentwali li ġejjin biex tikkalkula l-valur normali mill-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura:
- Iż-żieda tal-ispejjeż ġenerali tal-manifattura, li b'kollox kienu jammontaw għal 7,6 % tal-kost dirett tal-manifattura.
  - Iż-żieda tal-kostijiet tal-SG&A u ta' kostijiet oħrajn, li ammontaw għal 17,7 % tal-kost totali tal-manifattura,
  - It-tneħħija tal-introjtu minn prodotti sekondarji, li kien jammonta għal 6,97 % tal-kost tal-produzzjoni, u
  - iż-żieda tal-Profit, li kien jammonta għal 5,05 % tal-kost tal-manifattura.
- (172) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali fuq bażi ex-works f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.
- (173) Wara d-divulgazzjoni, l-EUSMET ikkummentat dwar il-metodu użat biex jiġi ttrattat l-introjtu tal-prodott sekondarju, li kien ibbażat fuq perċentwal tal-kost tal-produzzjoni aktar milli perċentwal tal-kost tal-manifattura.
- (174) Il-metodu użat f'dan il-każ huwa xieraq, peress li l-ebda produttur Ċiniż ma kkoopera, u għalhekk il-kalkolu tal-valur normali kien ibbażat fuq il-format tad-*data* tal-konsum li waslet mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fejn l-introjtu tal-prodott sekondarju kien espress b'hal perċentwal tal-kost tal-produzzjoni tagħhom.
- (175) Is-simulazzjonijiet fis-sottomissjoni tal-EUSMET jieħdu l-valur normali indiċjat minn 122,87 sa 119,92, tnaqqis ta' ftit inqas minn 3 punti perċentwali. Il-Kummissjoni ma tqisx li din id-differenza żgħira teħtieġ xi bidla fid-*data* tal-konsum riċevuta mill-industrija tal-Unjoni, fejn l-introjtu tal-prodott sekondarju huwa espress b'hal perċentwal tal-kost tal-produzzjoni.
- (176) Fi kwalunkwe każ, l-iskop tal-kalkolu tal-valur normali f'rieżami ta' skadenza huwa li jiġi ddeterminat jekk hemmx kontinwazzjoni ta' dumping, u irrispettivament mill-metodi proposti mill-EUSMET biex jiġi ttrattat id-dħul tal-prodott sekondarju, il-konstatazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' dumping ma tinbidilx.
- (177) Madankollu, meta kkunsidrat id-dikjarazzjonijiet tal-EUSMET rigward il-kalkoli tad-dumping, il-Kummissjoni nnutat li kien hemm żball fil-kalkolu (id-dħul tal-prodott sekondarju ma kienx tnaqqas mill-ispiża tal-produzzjoni) u għalhekk il-valur normali kien ġie esaġerat. Dan ġie kkorreġut u żvelat mill-ġdid lill-partijiet interessati. Ma wasal l-ebda kumment.
- (178) L-EUSMET talbet ukoll id-divulgazzjoni dettaljata ulterjuri lilhom tal-kalkolu tal-valur normali u b'mod partikolari d-*data* dwar il-kwantità tal-fatturi tal-produzzjoni użati għall-kalkolu tal-valur normali.

<sup>(3)</sup> <http://www.pmbtechnology.com/investors-relation>

- (179) Il-Kummissjoni tat informazzjoni dwar il-punti ta' riferiment u l-fatturi ta' produzzjoni fil-fajl miftuħ fis-17 ta' Ġunju 2022 <sup>(54)</sup>, meħmuż man-Note Verbale mibgħuta lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea.
- (180) Il-Kummissjoni ma ddivulgat lill-ebda parti interessata l-kwantitajiet ta' kull fattur ta' produzzjoni użat mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun biex jagħmlu tunnellata ta' siliċju minħabba li din l-informazzjoni hija kummerċjali kunfidenzjali.
- (181) Il-premessi minn 168 sa 172 stabbilew b'mod ċar il-metodu użat għall-kalkolu tal-valur normali, li ġie spjegat lill-partijiet interessati kollha fid-dokument ta' divulgazzjoni.

### 3.3. Prezz tal-esportazzjoni

- (182) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi miċ-Ċina, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat abbażi tad-*data* CIF tal-Eurostat ikkoreġuta għal-livell ex-works billi jitneħħew 5 % bħala stima tal-kost tal-assigurazzjoni u tal-merkanzija (bil-baħar) u tal-kost tat-trasport domestiku, abbażi ta' *data* minn każijiet preċedenti.

### 3.4. Tqabbil

- (183) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum stabbilit f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku mal-prezz tal-esportazzjoni fuq bażi ex-works kif stabbilit hawn fuq.
- (184) Il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda aġġustament għall-valur normali jew għall-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, billi t-tnejn kienu diġà fl-livell ex-works.

### 3.5. Marġni tad-dumping

- (185) Abbażi tad-*data* disponibbli, il-Kummissjoni kkalkolat marġni tad-dumping ta' 26,9 %.
- (186) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping kompli matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 4. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TAD-DUMPING

- (187) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jitħassru l-miżuri. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin:

- (1) il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina; u
- (2) l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni

### 4.1. Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina

- (188) It-talba għal rieżami stmat li l-kapaċità tal-produzzjoni fiċ-Ċina hija bejn 6 u 8 miljun tunnellata fis-sena, filwaqt li ddikjarat ukoll li jeżisti ftehim ġenerali li l-kapaċità tal-produzzjoni fiċ-Ċina hija ogħla mill-konsum dinji totali. L-applikant għamel stima li l-użu tal-kapaċità Ċiniża kien bejn 20 % u 40 % fl-2020. It-talba irrimarkat ukoll li fl-2014, il-kapaċità tal-produzzjoni fiċ-Ċina kienet bejn 3 u 5 miljun tunnellata fis-sena, li tissuġġerixxi li f'dawn l-aħħar snin il-kapaċità fiċ-Ċina żdiedet b'mod sinifikanti.
- (189) Anki li kieku kellu jittieħed approċċ konservattiv, bil-kapaċità tal-produzzjoni ta' 6 miljun tunnellata u l-użu f'40 %, ir-RPĊ ikollha kapaċità ta' riżerva ta' madwar 3,6 miljun tunnellata. Dan huwa madwar seba' darbiet aktar mill-konsum kollu tal-Unjoni.
- (190) Fl-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni sabet ukoll kapaċità ta' riżerva sinifikanti fiċ-Ċina u kkonkludiet li din il-kapaċità ta' riżerva tista' tabilħaqq tintuża biex tforni lis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jiskadu <sup>(55)</sup>. Ma waslet l-ebda evidenza biex tiġi kkontestata dik il-konklużjoni.

<sup>(54)</sup> Issejvjat bħala l-fajl t22.003563, il-fajls TRON minn 171 sa 176.

<sup>(55)</sup> ĠU L 179, 5.7.2016, p. 1, il-premessa (66).

- (191) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET ikkontestat l-ammont ta' kapaċità ta' produzzjoni żejda fiċ-Ċina kif stabbilit fit-talba għal rieżami. L-EUSMET reġgħet talbet li l-applikanti jdivulgaw ir-rapport ta' AlloyConsult imsemmi fit-talba għal rieżami. Il-Kummissjoni tinnota li dan ir-rapport huwa protett bid-drittijiet tal-awtur, u l-verzjoni l-miftuħa tat-talba għal rieżami hija sommarju suffiċjenti tal-konstatazzjonijiet fir-rapport.
- (192) L-EUSMET minflok irreferiet għal rapport mis-CRU datat April 2021 li jissuġġerixxi li l-kapaċità nominali fiċ-Ċina hija ta' 5 miljun tunnellata fis-sena, u l-"kapaċità operattiva" hija ta' 4 miljun tunnellata fis-sena.
- (193) L-EUSMET ikkontestat ukoll l-użu tal-kapaċità ta' 20 % sa 40 %, li huwa bbażat fuq il-kapaċità stmata ta' 6 miljun tunnellata u l-produzzjoni ta' 2 miljun tunnellata stabbilita fit-talba għal rieżami.
- (194) L-EUSMET ma pprovdiet l-ebda stima dwar il-produzzjoni tas-siliċju fiċ-Ċina għall-2020. Bl-użu tal-istima ta' żewġ (2) miljun tunnellata ta' produzzjoni fit-talba għal rieżami, u l-istima ta' kapaċità ta' erba' (4) miljun tunnellata mis-CRU, din id-*data* turi l-użu tal-kapaċità ta' 50 %, bi stima ta' żewġ (2) miljun tunnellata ta' kapaċità li tista' tibda tintuża għall-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni.
- (195) Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' kapaċità żejda sinifikanti fiċ-Ċina li tista' tabilħaqq tintuża għall-provvista tas-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu jibqgħu għalhekk l-istess.
- (196) L-EUSMET innutat ukoll li fis-sottomissjoni tagħha tal-10 ta' Awwissu 2021 kienet ipprovdiet evidenza li d-domanda għas-siliċju Ċiniż kienet qed tiżdied, u li fil-futur għalhekk din id-domanda kienet se tiġi pprovduta mill-kapaċità żejda fiċ-Ċina, u b'hekk kien se jitnaqqas l-ammont ta' siliċju li jista' jiġi pprovdut lis-suq tal-Unjoni.
- (197) Is-sottomissjoni tal-EUSMET tat-10 ta' Awwissu 2021 tiddikjara li "Skont is-CRU, id-domanda Ċiniża għall-metall tas-siliċju hija mistennija li tiżdied bl-ogħla pass fis-snin li ġejjin". Hemm referenza għal dan fis-"CRU Silicon Metal Market Outlook, ta' April 2021".
- (198) L-EUSMET ma pprovdiet l-ebda sommarju tal-Perspettiva tas-CRU għal April 2021 fis-sottomissjoni tagħha, peress li r-rapport kien protett mid-drittijiet tal-awtur.
- (199) Bħalissa l-evidenza kollha pprovduta lill-Kummissjoni tindika l-kapaċità żejda sinifikanti attwali fiċ-Ċina, li mhijiex koperta mid-domanda Ċiniża eżistenti. Jekk il-previżjonijiet fir-rapport tas-CRU li "d-domanda għall-metall tas-siliċju Ċiniż hija mistennija li tiżdied", mela ma hemm l-ebda evidenza li din iż-żieda tkopri l-kapaċità operattiva żejda kollha fiċ-Ċina, wisq anqas il-kapaċità nominali.
- (200) Għalhekk, il-previżjonijiet tar-rapport tas-CRU ma jbiddux il-konklużjonijiet tagħna li għad hemm kapaċità żejda fiċ-Ċina li tista' tforni lill-Unjoni Ewropea, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

#### 4.2. **Attrazione tas-suq tal-Unjoni**

- (201) L-importazzjonijiet kontinwi fl-Unjoni, minkejja l-miżuri fis-seħħ, jissuġġerixxu li s-suq tal-Unjoni għadu attraenti, u li kieku l-miżuri kellhom jitħallew jiskadu, l-importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping ikomplu.
- (202) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-miżuri kontra ċ-ċirkomvenzjoni jibqgħu fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ikkonsenjati mir-Repubblika tal-Korea u mit-Tajwan <sup>(56)</sup>. Tali sforzi sabiex jiġu evitati l-miżuri fis-seħħ jindikaw l-attrazione kontinwa tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.
- (203) Ir-Renju Unit kien it-tieni l-akbar konsumatur tas-siliċju fl-Unjoni. Għalkemm is-suq tal-Unjoni kien affettwat mit-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tibqa' suq attraenti għall-esportaturi Ċiniżi. Dan minħabba l-importazzjonijiet kontinwi tas-siliċju miċ-Ċina fis-suq tal-Unjoni li jifdal kif imsemmi hawn fuq.
- (204) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk is-suq tal-Unjoni kienx attraenti f'termini tal-livelli tal-prezzijiet.

<sup>(56)</sup> ĠU L 179, 5.7.2016, p. 1, il-premessa (218).

- (205) L-ewwel nett, kif stabbilit hawn taħt fir-rigward tad-dannu u t-twaqqigħ tal-prezz, l-investigazzjoni sabet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi, inklużi d-dazji anti-dumping, xorta waqqgħu dawk tal-produtturi tal-Unjoni b'9,2 % matul il-PIR. Mingħajr id-dazji, it-twaqqigħ tal-prezz jammonta għal 14,6 %.
- (206) It-tieni, il-Kummissjoni analizzat il-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn pajjiżi oħrajn estratti mill-GTA għall-2020. It-talba għal rieżami identifikat it-tliet swieq miftuħa ewlenin għas-siliċju Ċiniż: il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea u l-Indja. L-esportazzjonijiet lejn dawn it-tliet pajjiżi fl-2020 kienu jikkostitwixxu 46 % tal-esportazzjonijiet Ċiniżi kollha tas-siliċju. Skont il-GTA, il-prezz medju tal-esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi fil-livell FOB għall-2020 kien ta' USD 1 800 għal kull tunnellata.
- (207) L-użu tal-istess estrazzjoni tad-*data* mill-GTA għall-istess perjodu wera li l-prezz medju tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-livell FOB kien ta' USD 1 915 għal kull tunnellata. Dan jissuġġerixxi li s-suq tal-Unjoni jibqa' attraenti f'termini tal-prezz għall-esportaturi Ċiniżi, minkejja l-miżuri fis-seħħ.
- (208) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni l-EUSMET innotat li l-prezz FOB ta' USD 1 915 għal kull tunnellata għall-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kien ogħla (meta aġġustat għall-EUR) mill-prezz CIF ta' EUR 1 523 għal kull tunnellata għall-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni Ewropea kkwotati fit-Tabella 4 hawn taħt.
- (209) Il-Kummissjoni tinnotta li l-estrazzjoni tal-GTA hija bbażata fuq *data* miksuba mill-awtorità doganali Ċiniża u ntużat sempliċiment bħala linja bażi biex jitqabblu l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn diversi destinazzjonijiet. Ma għandhiex tintuża għal tqabbil mad-*data* tal-Eurostat fir-rigward tal-valur eżatt f'EUR għal kull tunnellata ta' importazzjonijiet fl-Unjoni, u ma ġiex estratta għalhekk.
- (210) Fl-aħħar nett, il-fatt li l-Istati Uniti għandhom dazji anti-dumping għoljin fuq l-importazzjonijiet tas-siliċju mir-RPĊ fis-seħħ saħansitra jkompli jżid l-attraenza tas-suq tal-Unjoni. L-Awstralja, u l-Kanada għandhom ukoll miżuri anti-dumping jew antisussidji kontra l-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina.

### 4.3. Konklużjoni

- (211) Abbażi tal-kapaċità ta' riżerva sinifikanti fiċ-Ċina u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda fl-esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping.
- (212) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni tad-dumping matul il-PIR u dwar l-iżvilupp probabbli tal-esportazzjonijiet Ċiniżi jekk il-miżuri jiskadu, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet miċ-Ċina tirriżulta fil-kontinwazzjoni tad-dumping fi kwantitajiet sinifikanti.

## 5. DANNU

### 5.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (213) Il-prodott simili kien manifatturat minn tliet produtturi, li tnejn minnhom jappartjenu għall-istess grupp, fl-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, iċ-ċifri relatati mal-industrija tal-Unjoni huma indiqjati u/jew mogħtija f'medda.
- (214) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet [bejn 120 000 u 160 000 tunnellata] <sup>(57)</sup>. Iċ-ċifra ġiet ikkomputata abbażi tat-tweġiba għall-kwestjonarju minn tliet produtturi tal-Unjoni, li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni. Kif indikat fil-premessa (8), it-tliet produtturi tal-Unjoni jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

<sup>(57)</sup> Il-meded li ngħataw għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità

## 5.2. Konsum tal-Unjoni

- (215) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni billi żiedet il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħrajn, abbażi tad-*data* mill-Eurostat u tat-tweġibiet għall-kwestjonarji.
- (216) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 2

### Il-konsum tal-Unjoni (f'tunnellati)

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Meded tal-konsum totali tal-Unjoni	[500 000 -550 000]	[460 000 -510 000]	[430 000 -480 000]	[450 000 -500 000]
<i>Indiċi</i>	100	88	81	84

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarji u l-Eurostat

- (217) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod kostanti sal-2020 u reġa' żdied bi ftit bi 3 punti perċentwali bejn l-2020 u l-PIR. B'mod ġenerali, il-konsum tal-Unjoni naqas b'16 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (218) It-tnaqqis fid-domanda huwa parzjalment xprunat mid-domanda aktar baxxa għas-siliċju użat għall-produzzjoni tal-aluminju, ikkawżata mill-produzzjoni mnaqqsa tal-vetturi fl-UE, li fil-biċċa l-kbira jużaw materjali tal-aluminju, li jiġu manifatturati bl-użu tas-siliċju. It-tnaqqis fis-settur tal-vetturi kien dovut għal saturazzjoni tas-suq li affettwat il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi industrijalizzati fl-2018 minbarra tnaqqis fl-2020 u fil-PIR, minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, anki d-domanda għas-siliċju fis-settur kimiku naqset, parzjalment influwenzata mit-tfixkil ġenerali tal-flussi kummerċjali, matul l-2020 u l-PIR, minħabba l-pandemija tal-Covid-19.

## 5.3. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

- (219) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit abbażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessi (215) u (216).
- (220) L-importazzjonijiet fl-Unjoni miċ-Ċina żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

### Il-volum tal-importazzjonijiet (f'tunnellati) u s-sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum ta' importazzjonijiet	76 401	48 379	36 310	29 788
<i>Indiċi</i>	100	63	48	39
Volum ta' importazzjonijiet bid-dazju mħallas	33 416	10 714	10 637	12 017
<i>Indiċi</i>	100	32	32	36
Volum ta' importazzjonijiet taħt l-IPP	42 985	37 665	25 673	17 771
<i>Indiċi</i>	100	88	60	41

Sehem mis-suq (medda)	[12-18 %]	[8-13 %]	[5-10 %]	[4-9 %]
<i>Indiċi</i>	100	72	59	46

Sors: Eurostat

- (221) Il-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat naqsu b'mod kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (tnaqqis ġenerali ta' 61 %), li rriżulta fit-tnaqqis bin-nofs tas-sehem mis-suq tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (222) Il-biċċa l-kbira tas-siliċju (60 % tat-total fil-PIR) miċ-Ċina tiġi importata taħt l-IPP u tintuża bħala materja prima prinċipalment fl-industrija kimika. Għal dawk l-importazzjonijiet ma jitħallas l-ebda dazju (konvenzjonali jew anti-dumping), diment li l-prodotti downstream jiġu esportati.
- (223) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni l-EUSMET issottomettiet li ma kien hemm l-ebda kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet u l-produttjoni tal-Unjoni peress li bejn 56 % u 80 % tal-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina kienu saru taħt l-IPP u kienu relatati ma' grad speċjali ta' siliċju li mhuwiex prodott fl-Unjoni.
- (224) Kif ġie konkluż fil-premessa (65), is-siliċju huwa meġjus bħala prodott omoġenju. Kif innutat fil-premessa (48), l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni u għalhekk il-Kummissjoni kellha tuża l-istatistika tal-importazzjoni. Il-gradi kollha tal-prodott taħt rieżami huma rrapportati taħt l-istess kodiċi NM u ma hemm l-ebda *data* disponibbli dwar l-importazzjoni li tippermetti differenzjazzjoni skont l-użu aħħari jew il-gradi tal-prodott, irrispettivament mir-reġim ta' importazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (66), minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi fl-investigazzjoni preżenti, għall-maġġoranza tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni ma tistax tiddetermina liema tipi ta' prodotti (jew gradi ta' siliċju) qed jiġu importati. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

#### 5.3.1. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqiġ tal-prezz

- (225) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 4

#### Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Iċ-Ċina	1 786	1 693	1 523	1 532
<i>Indiċi</i>	100	95	85	86
Importazzjonijiet bid-dazju mħallas	1 538	1 337	1 311	1 496
<i>Indiċi</i>	100	87	85	97
Importazzjonijiet tal-IPP	1 980	1 795	1 611	1 556
<i>Indiċi</i>	100	91	81	79

Iċ-ċifri huma l-prezzijiet CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, Sors: Eurostat

- (226) Il-prezz medju tal-unità naqas bi 15 % bejn l-2018 u l-2020 u żdied bi ftit b'1 % fil-PIR. Kumplessivament, il-prezz naqas b'14 % matul il-perjodu kkonċernat.
- (227) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet tas-siliċju taħt l-IPP naqsu b'mod kostanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet bid-dazju mħallas naqsu bi 15 % bejn l-2018 u l-2020 u żdiedu bi 12 % fil-PIR. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezzijiet tas-siliċju importat taħt l-IPP kienu ogħla mill-importazzjonijiet soġġetti għad-dazji.



### 5.3.2. Twaqqigħ tal-prezz

- (228) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:
- il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni li jintalab lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal livell ex-works; u
  - il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' kost, assigurazzjoni u nol (CIF) kif spjegat fil-premessa (182), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali konvenzjonali u d-dazji anti-dumping (jekk applikabbli) u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni ta' 1 %.
- (229) It-twaqqigħ tal-prezz (espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami) bl-applikazzjoni tad-dazju konvenzjonali u anti-dumping għall-importazzjonijiet, fejn applikabbli, kien ta' 9,2 %.
- (230) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET iddikjarat li l-Kummissjoni missha rrevediet il-kalkolu tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz billi tqis il-kostijiet ta' wara l-importazzjoni, minn naħa waħda, u billi taġġusta l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni, min-naħa l-oħra. L-EUSMET ibbażat dan fuq is-suppożizzjoni li 40 % tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu prinċipalment magħmula minn kummerċjanti/importaturi, filwaqt li l-produtturi tal-UE jbigħu l-prodotti tagħhom lill-utenti finali fis-settur tal-aluminju. Barra minn hekk l-EUSMET sabet li xi produtturi tal-Unjoni wettqu bejgħ bejn il-kumpaniji, għaldaqstant hemm differenza fil-livell tal-kummerċ.
- (231) L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li kif innutat fil-premessa (48), l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni. Il-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz kien għalhekk stabbilit fuq il-fatti disponibbli. It-tieni, fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, EUSMET ma tispjegax kif it-tip ta' xerrej jista' jiġi stabbilit abbażi tad-*data* fil-livell TARIC. It-tielet, għall-kuntrarju tal-affermazzjoni tal-EUSMET, l-evidenza fil-fajl tindika li l-utenti li kkooperaw għamlu għadd sinifikanti ta' xirjiet direttament miċ-Ċina (mingħajr kummerċjanti u/jew distributuri). Ir-raba', il-Kummissjoni ma kkunsidratx il-bejgħ ta' bejn il-kumpaniji, għalhekk, ma hemm l-ebda differenza fil-livell tal-kummerċ. Għalhekk, is-sejbiet tal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni ma jappoġġawx is-sottomissjoni tal-EUSMET.
- (232) Barra minn hekk, it-twaqqigħ fil-prezz stabbilit fil-premessa (229) ġie stabbilit abbażi tal-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina. Biex jiġi evitat kull dubju, il-Kummissjoni sabet twaqqigħ tal-prezz ta' 9,2 % meta tqiesu l-importazzjonijiet kollha, u ta' 0,4 % meta ġew ikkunsidrati biss l-importazzjonijiet bid-dazju mħallas.
- (233) Il-Kummissjoni kkalkulat ukoll it-twaqqigħ tal-prezz fin-nuqqas ta' dazji antidumping. Filwaqt li qieset il-kummenti ta' wara d-divulgazzjoni, il-Kummissjoni nnutat li fil-verżjoni ddivulgata, it-twaqqigħ fil-prezz totali fin-nuqqas ta' dazji anti-dumping kellu żball klerikali (jiġifieri d-dazji fil-fatt ma tneħħewx kompletament). Wara li kkoreġiet l-iżball klerikali, il-Kummissjoni sabet twaqqigħ tal-prezz ta' 14,6 % meta tqiesu l-importazzjonijiet kollha, u ta' 13,9 % meta ġew ikkunsidrati biss l-importazzjonijiet bid-dazju mħallas.
- (234) Għalhekk, abbażi tal-evidenza fil-fajl u l-analiżi tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni, il-pretensjoni tal-EUSMET ta' inflazzjoni tal-marġni ġiet miċħuda.

### 5.4. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina

- (235) L-importazzjonijiet tas-siliċju minn pajjiżi terzi għajr iċ-Ċina (proċessar bid-dazju mħallas u proċessar attiv) oriġinaw prinċipalment min-Norveġja, mill-Brażil u mill-Malażja.
- (236) Il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni, kif ukoll l-ishma mis-suq u x-xejriet fil-prezzijiet għall-importazzjonijiet tas-siliċju minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif ġej:

Tabella 5

## Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
In-Norveġja	Volum (tunnellati)	136 812	168 827	174 008	185 342
	<i>Indiċi</i>	100	123	127	135
	Sehem mis-suq (medda)	[21-26 %]	[35-40 %]	[38-43 %]	[39-44 %]
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 960	1 860	1 809	1 787
	<i>Indiċi</i>	100	95	92	91
	Il-Brażil	Volum (tunnellati)	64 467	31 721	41 663
<i>Indiċi</i>		100	49	65	67
Sehem mis-suq (medda)		[10-15 %]	[5-10 %]	[9-14 %]	[9-14 %]
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 973	1 857	1 567	1 537
	<i>Indiċi</i>	100	94	79	78
	Il-Malażja	Volum (tunnellati)	0	748	17 713
<i>Indiċi</i>		<i>mhux applikabbli</i>	<i>mhux applikabbli</i>	<i>mhux applikabbli</i>	<i>mhux applikabbli</i>
Sehem mis-suq (medda)		0 %	[0-5 %]	[2-6 %]	[5-10 %]
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)		1 594	1 519	1 569
	<i>Indiċi</i>		100	95	98
	Pajjiżi terzi oħrajn	Volum (tunnellati)	86 527	85 740	53 865
<i>Indiċi</i>		100	99	62	52
Sehem mis-suq (medda)		[15-20 %]	[16-21 %]	[10-15 %]	[6-11 %]
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 974	1 662	1 648	1 764
	<i>Indiċi</i>	100	84	83	89
	Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	287 805	287 036	287 248
<i>Indiċi</i>		100	100	100	104
Sehem mis-suq (medda)		[50-55 %]	[60-65 %]	[65-70 %]	[65-70 %]
	Prezz medju (EUR/ tunnellata)	1 967	1 800	1 726	1 729
	<i>Indiċi</i>	100	92	88	88

Sors: Eurostat

- (237) Il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi żdiedu b'4 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minħabba t-tnaqqis ta' 16 % tal-konsum tal-Unjoni matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi żdied b'24 % bejn l-2018 u l-PIR. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet oriġinaw fin-Norveġja, fil-Brażil u fil-Malażja. Madankollu, filwaqt li l-importazzjonijiet min-Norveġja żdiedu b'35 %, l-importazzjonijiet mill-Brażil naqsu bi 33 % u l-importazzjonijiet mill-Malażja, nieqsa fl-2018, laħqu sehem mis-suq ta' 5-10 % fil-PIR.
- (238) Il-prezz tal-importazzjoni f'EUR għal kull tunnellata mill-pajjiżi terzi naqas b'mod kostanti matul il-perjodu kkonċernat (tnaqqis ġenerali ta' 12 %). Fil-PIR, il-prezzijiet tal-importazzjoni min-Norveġja, mill-Brażil, mill-Malażja u mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha kienu, bħala medja, ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina.

## 5.5. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

### 5.5.1. Rimarki ġenerali

- (239) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

#### 5.5.1.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

- (240) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 6

### Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-produzzjoni (ftunnellati) (medda)	[200 000 -240 000]	[150 000 -190 000]	[110 000 -150 000]	[120 000 -160 000]
Indiċi	100	78	66	71
Kapaċità tal-produzzjoni (ftunnellati) (medda)	[200 000 – 240 000]	[170 000 -210 000]	[170 000 -210 000]	[170 000 -210 000]
Indiċi	100	84	84	83
L-użu tal-kapaċità - Indiċi	100	93	78	86

Sors: Twegġibiet għall-kwestjonarju

- (241) Il-volum tal-produzzjoni naqas b'34 % bejn l-2018 u l-2020 u żdied b'5 % fil-PIR. B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkonċernat, il-volum tal-produzzjoni naqas b'29 %, sabiex jiġi aġġustat għal domanda aktar baxxa. L-evoluzzjoni tal-volum tal-produzzjoni tirrifletti wkoll eċċess fil-provvista fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li jidher ukoll fil-volum tal-istokks tal-għeluq fl-2018 (ara l-premessa (256)), li gradwalment tnaqqas.
- (242) Il-kapaċità tal-produzzjoni naqset ukoll, iżda l-aktar bejn l-2018 u l-2019 (16 %) u baqgħet pjuttost stabbli sal-PIR, meta naqset b'1 % addizzjonali. Billi l-volumi tal-produzzjoni naqsu aktar malajr mill-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità naqas bi 17 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

#### 5.5.1.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

- (243) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkonċernat:

Tabella 7

**Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq (f'tunnellati)**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (medda)	[150 000 -190 000]	[120 000 -160 000]	[100 000 -140 000]	[110 000 -150 000]
<i>Indiċi</i>	100	80	64	71
Sehem mis-suq (medda)	[30-35 %]	[25-30 %]	[26-31 %]	[27-32 %]
<i>Indiċi</i>	100	90	80	85

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (244) Il-volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni segwa xejra simili bħall-produzzjoni, tant li naqas b'mod kostanti b'36 % bejn l-2018 u l-2020 u żdied fil-PIR, b'10 %. B'mod ġenerali, il-bejgħ fl-Unjoni naqas b'29 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Matul l-istess perjodu, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 15 %.

## 5.5.1.3. Tkabbir

- (245) Filwaqt li l-konsum naqas b'16 %, kemm il-volumi tal-produzzjoni kif ukoll il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'29 %, u dan irriżulta f'shem mis-suq li naqas bi 15 %. It-telf tal-industrija tal-Unjoni f'termini ta' volum ta' produzzjoni u bejgħ qabeż it-tnaqqis tas-suq.

## 5.5.1.4. Impjiegi u produttività

- (246) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu ta' analiżi:

Tabella 8

**L-impjiegi u l-produttività**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
<i>Numru ta' impjegati – Indiċi</i>	100	88	87	88
<i>Produttività (tunnellata/impjegat) – Indiċi</i>	100	88	75	81

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (247) F'konformità max-xejra tal-kapaċità, l-impjiegi naqsu bi 12 % bejn l-2018 u l-2019, u baqgħu pjuttost stabbli sal-PIR. Billi l-produzzjoni naqset saħansitra aktar malajr (29 %), il-produttività naqset b'19 %, bejn l-2018 u l-PIR.

## 5.5.1.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat

- (248) Minkejja l-livelli dejjem jonqsu tal-kwantitajiet tal-importazzjoni miċ-Ċina, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping b'39,4 % kellhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li jagħmilha wkoll diffiċli għall-industrija tal-Unjoni li tirkupra minn prattiki ta' dumping tal-passat.

## 5.5.1.6. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (249) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lil kliġenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

**Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/tunnellata)**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali - Meded	[2 000 - 2 200]	[1 700 - 1 900]	[1 700 - 1 900]	[1 700 - 1 900]
<i>Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali - Indiċi</i>	100	88	85	87
Il-kost tal-produzzjoni ta' unità - Meded	[1 800 - 2 000]	[1 700 - 1 900]	[1 700 - 1 900]	[1 700 - 1 900]
<i>Il-kost tal-produzzjoni ta' unità - Indiċi</i>	100	99	92	95

Sors: Twegġibiet għall-kwestjonarju

- (250) Il-prezz tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqas bi 12 % fl-2019 meta mqabbel mal-2018 u mbagħad kompla jonqos b'punt perċentwali wieħed bejn l-2019 u l-PIR.
- (251) Għall-kuntrarju tal-prezz tal-bejgħ ta' unità, il-kost tal-produzzjoni ta' unità tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli fl-2019 u naqas b'5 % bejn l-2019 u l-PIR. Dan irrifletta parzjalment id-deċiżjoni ta' xi produttori li jagħlqu ċerti fran, fid-dawl tal-provvista żejda li oriġinat mid-domanda aktar baxxa.
- (252) B'riżultat ta' dan, il-prezz tal-bejgħ naqas id-doppju (13 %) mill-kost tal-produzzjoni (5 %) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

## 5.5.1.7. Kostijiet lavorattivi

- (253) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-kostijiet lavorattivi medji tal-produttori tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 10

**Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
<i>Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR) - Indiċi</i>	100	92	86	88

Sors: Twegġibiet għall-kwestjonarju

- (254) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat naqsu bi 12 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-bonusijiet tal-impjegati mħallsa fl-2018 u l-programm tas-sigurtà soċjali fil-perjodi ta' output aktar baxx jispjegaw ix-xejra tal-kost medju.

## 5.5.1.8. Inventarji

- (255) Il-livelli tal-istokk tal-produttori tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

**Inventarji**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Stokks tal-għeluq (ftunnellati) - Indiċi	100	79	65	9
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal- produzzjoni - Indiċi	100	101	98	13

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (256) L-istokks tal-għeluq naqsu b'91 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan it-tnaqqis kien l-aktar minħabba li l-istokks fl-2018 kienu għoljin fil-volumi, minħabba li d-domanda aktar baxxa għas-siliċju fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni kienet ħolqot provvista żejda fl-Unjoni.
- (257) Bl-istess mod, il-proporzjon bejn l-istokks tal-għeluq u l-volumi tal-produzzjoni naqas b'87 % bejn l-2018 u l-PIR.

5.5.1.9. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

- (258) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 12

**Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti**

	2018	2019	2020	Perjodu tal- Investigazzjoni ta' Rieżami
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) (medda)	[5 % -10 %]	[- 6 % -- 1 %]	[0 % -5 %]	[0 % -5 %]
Indiċi	100	- 107	38	12
Fluss tal-flus (EUR) - Indiċi	100	- 11	104	38
Investimenti (EUR) - Indiċi	100	88	8	41
Redditu fuq l-investimenti (medda)	[70 % -75 %]	[- 70 % -- 75 %]	[0 % -5 %]	[- 15 % -20 %]
Indiċi	100	- 105	6	- 29

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju

- (259) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Minn sitwazzjoni ta' profittabbiltà pożittiva fl-2018, l-industrija tal-Unjoni bdiet tagħmel it-telf fl-2019. Il-profittabbiltà medja tjiebet bil-mod fl-2019 u fl-2020, iżda kumplessivament, l-industrija tal-Unjoni esperjenzat tnaqqis ta' 88 % fil-profittabbiltà tagħha matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

- (260) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett naqset b'111 % fl-2019 biex reġgħet bdiet tikber b'124 % fl-2020 u reġgħet naqset b'66 % fil-PIR. Minkejja ż-żieda, il-fluss tal-flus matul il-PIR kien għadu 62 % inqas milli kien fl-2018 u kien fil-biċċa l-kbira l-konsegwenza tat-tnaqqis sinifikanti fil-bejgħ ta' produttur wieħed tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (261) Il-livell tal-investimenti naqas għal livell baxx ħafna fl-2020 u mbagħad reġa' żdied bi ftit fil-PIR. Kumplessivament, l-investimenti naqsu b'aktar min-nofs matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Madwar 70-80 % tal-investimenti huma relatati mas-sostituzzjoni ta' ċertu tagħmir minn wieħed mill-produtturi. B'mod aktar ġenerali, bħala reazzjoni għat-tnaqqis fid-domanda, il-kumpaniji kienu qed inaqqsu l-assi tagħhom użati għall-produzzjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni sal-PIR, fejn saru xi investimenti fuq is-sinjali tal-irkupru tad-domanda.
- (262) Ir-redditu fuq l-investimenti meħtieġ għall-produzzjoni tas-siliċju fuq il-bejgħ totali tas-siliċju kien qed isegwi t-tnaqqis fil-profitti.

#### 5.6. Konklużjoni dwar id-dannu

- (263) L-indikaturi kollha tad-dannu, minbarra l-livelli tal-istokk, urew xejra negattiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. F'kuntast ta' tnaqqis fid-domanda (16 %), kemm il-bejgħ kif ukoll il-produzzjoni naqsu f'daqs ogħla (29 %). Dan wassal għal tnaqqis simili fil-kapaċità (17 %) u fl-impjegi (12 %). Billi t-tnaqqis fil-produzzjoni kien aktar mgħaġġel (29 %) mit-tnaqqis fil-kapaċità u fl-impjegi, l-użu tal-kapaċità u l-produttività naqsu wkoll matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (264) Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet medji tal-unità naqsu wkoll (13 %). B'konsegwenza ta' dan, minkejja tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni (5 %), il-profitabbiltà naqset bi 88 %. Flimkien mal-profitabbiltà, anki l-investment, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investment naqsu b'mod sinifikanti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.
- (265) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

#### 6. RABTA KAWŻALI BEJN ID-DANNU U L-IMPORTAZZJONIJET LI HUMA L-OĠĠETT TA' DUMPING MIĊ-ĊINA

- (266) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufa oħrajn setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi.
- (267) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina naqsu minn 14 % fl-2018 għal 7 % fil-PIR. Dawn l-importazzjonijiet daħlu fl-livelli ta' prezzijiet li waqqgħu, matul il-PIR, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni b'9,2 %, meta jitqiesu d-dazji anti-dumping jew bi 14,6 % meta ma jitqisux id-dazji. Fl-isfond ta' suq li kien qed jiċkien matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, għalhekk, l-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat baqgħet teżerċita pressjoni fuq l-industrija tal-Unjoni li l-profitabbiltà tagħha baqgħet baxxa ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni u saħansitra laqget livelli negattivi xi drabi.
- (268) Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn, bħan-Norveġja u l-Malażja, baqgħu jżiedu u s-sehem mis-suq tagħhom żdied minn 53 % għal 66 % bejn l-2018 u l-PIR. L-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi nbiegħu bi prezzijiet aktar baxxi jew qrib dawk tal-importazzjonijiet Ċiniżi bid-dazji inklużi, biex b'hekk jikkontribwixxu wkoll għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, l-effett tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fuq l-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari f'termini ta' profitabbiltà, inaqqsu sa ċertu punt ir-rabta kawżali bejn id-dannu u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

- (269) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina kkontribwixxew għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, bl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi jnaqqsu sa ċertu punt ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.
- (270) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET argumentat li l-Kummissjoni segwiet approċċ ta' "lista ta' kontroll" fil-valutazzjoni tad-dannu tagħha u naqset milli tikkunsidra evidenza konfliġġenti, bħall-evidenza li tissuġġerixxi li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kinux jikkostitwixxu l-forza spjegattiva tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni. B'mod partikolari l-EUSMET affermat li l-Kummissjoni ma kkunsidratx l-evidenza relatata mal-fatt li (i) il-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas matul il-perjodu kkunsidrat, (ii) ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn il-volumi tal-importazzjonijiet tas-siliċju Ċiniż u l-prezzijiet fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, (iii) it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-volumi tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ u indikaturi finanzjarji oħra kienu jikkorrispondu għall-perjodu ta' tnaqqis fid-domanda u l-prezzijiet fl-Unjoni u globalment u (iv) il-maġġoranza tal-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina fil-PIR kienu taħt l-IPP u bażikament kienu marbutin mal-importazzjonijiet ta' metalli tas-siliċju ta' grad speċjali magħmula minn membru wieħed tal-EUSMET, (v) il-Kummissjoni lanqas ma qieset l-importazzjonijiet sinifikanti ta' metall tas-siliċju mill-Afrika t'Isfel lejn l-Unjoni fil-PIR u (vi) il-Kummissjoni ma tispjegax kif il-volum ferm ogħla ta' importazzjonijiet Norveġiżi bi prezzijiet li waqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-UE ma affettwax is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (271) Huwa ċar mill-premessa (269) li l-Kummissjoni ma attribwietx għall-importazzjonijiet Ċiniżi r-rwol ta' forza spjegattiva wara d-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni. Lanqas il-Kummissjoni ma kkonkludiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping kienu il-kawża ewlenija u unika għat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-Unjoni. U fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ma ttraskuratx it-tnaqqis fid-domanda fl-Unjoni u globalment, kif spjegat fil-premessa (218) u rrapportat b'mod ċar fit-Tabella 2. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat fattwalment li dawn l-importazzjonijiet Ċiniżi, minkejja li naqsu matul il-perjodu kkunsidrat, kienu għadhom bi prezzijiet oġġett ta' dumping fil-PIR u kienu għadhom qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni, u b'hekk ċertament ikkontribwew għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.
- (272) Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel li l-maġġoranza tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu taħt l-IPP, hija tikkontesta li dawn kienu jappartjenu għal ċertu grad ta' siliċju użat minn membru wieħed tal-EUSMET. Tabilħaqq, anki jekk wieħed jassumi li l-importazzjonijiet kollha mill-membri tal-EUSMET matul il-PIR kienu kompletament ta' siliċju ta' grad speċjali, dawn ikunu biss ugwali għal inqas minn nofs l-importazzjonijiet kollha miċ-Ċina taħt l-IPP, jew inqas minn terz tal-importazzjonijiet totali miċ-Ċina, matul il-PIR.
- (273) Il-Kummissjoni qieset, iżda enfasizzat, l-impatt tal-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel, minħabba li dawn huma f'volumi aktar baxxi mill-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra bħan-Norveġja, il-Brażil u l-Malażja, li għalihom ġiet ipprovduta *data* dettaljata. L-impatt tal-importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel, kif ukoll minn pajjiżi esportaturi minuri oħra jinqabad fiċ-ċifra aggregata ta' "importazzjonijiet oħra" fit-Tabella 5.
- (274) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni taqbel mal-EUSMET li n-Norveġja, flimkien ma' pajjiżi oħra inklużi ċ-Ċina, ikkontribwew għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Norveġiżi huma rrapportati b'mod ċar fit-Tabella 5.
- (275) Bħala konklużjoni, kif spjegat fil-premessa (269), il-Kummissjoni attribwiet id-dannu kemm għall-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina kif ukoll għal pajjiżi terzi oħra. Għall-kuntrarju tal-affermazzjonijiet tal-EUSMET, il-Kummissjoni ffukat fuq l-analiżi tar-rikorrenza tad-dannu, kif deskritt fil-premessi minn (276) sa (294), filwaqt li identifikat is-sitwazzjoni probabbli fejn l-industrija tal-Unjoni ggarra dannu jekk il-miżuri jiskadu u l-importazzjonijiet miċ-Ċina jiżdiedu bit-twaqqiġh fil-prezzijiet attwali.

## 7. PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU

- (276) Il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessa (265), li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Madankollu, minħabba x-xejra ta' tnaqqis fil-volumi u fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat ukoll, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri kontra jitħallew jiskadu.



- (277) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni, il-livelli tal-prezzijiet probabbli tal-importazzjonijiet miċ-Ċina fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.
- (278) Il-kapaċità u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina huma diskussi fil-premessa (188). Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi Ċiniżi, is-sejbiet tal-investigazzjoni kienu bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza. It-talba għal rieżami stmat il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża tas-siliċju bejn 6 u 8 miljun tunnellata fis-sena u ddiċjarat li l-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża tas-siliċju hija ferm ogħla mill-konsum dinji totali. Dan jikkonferma l-konklużjonijiet tal-aħħar rieżami ta' skadenza li ċ-Ċina għandha kapaċità ta' riżerva sinifikanti li tista' tintuża biex tfori lis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (279) L-attrawenza tas-suq tal-Unjoni hija diskussa fil-premessi minn (201) sa (204). Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-riieżami, il-prezz tal-bejgħ medju tal-industrija tal-Unjoni kien ferm ogħla mill-prezz medju tal-importazzjoni tas-siliċju Ċiniż. Barra minn hekk, swieq oħrajn baqgħu magħluqin minħabba miżuri ta' difiża tal-kummerċ<sup>(58)</sup>, u dan jindika li huwa probabbli li l-esportazzjonijiet Ċiniżi fi kwantitajiet kbar li jużaw il-kapaċità ta' riżerva jiġu diretti lejn l-Unjoni, jekk il-miżuri jiskadu.
- (280) Il-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni mingħajr dazji anti-dumping ikunu indikatur raġonevoli tal-livelli tal-prezzijiet futuri lejn is-suq tal-Unjoni. Bl-użu tad-*data* mill-PIR, bl-applikazzjoni ta' dazji konvenzjonali biss, it-twaqqiġ tal-prezz jilħaq 14,6 % meta l-importazzjonijiet kollha jiġu kkunsidrati u 13,9 % meta jitqiesu biss l-importazzjonijiet bid-dazju mħallas.
- (281) Il-pressjoni fuq il-prezzijiet ma tippermettix lill-industrija tal-Unjoni żżomm xejra profittabbli. Minflok, l-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Tabilħaqq, fin-nuqqas ta' miżuri, l-importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping bi prezzijiet dannużi x'aktarx li jeżerċitaw pressjoni ta' tnaqqis ulterjuri fuq il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni. Huwa probabbli ħafna li l-industrija tal-Unjoni tkun obbligata tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, li jwassal għal aktar telf tal-profittabbiltà u, x'aktarx, telf importanti fuq perjodu ta' żmien qasir.
- (282) Inkella, jekk l-industrija tal-Unjoni tipprova żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha għal livelli profittabbli, meta titqies il-kapaċità żejda kbira fiċ-Ċina, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping x'aktarx li jiksbu sehem mis-suq sinifikanti fl-Unjoni għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni.
- (283) Filwaqt li l-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien qed jonqos gradwalment matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-interess tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni jidher mill-importazzjonijiet kontinwi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minkejja l-miżuri fis-seħħ, bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif jidher fil-premessa (206), il-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina lejn pajjiżi oħrajn (jiġifieri USD 1 800 għal kull tunnellata) kienu aktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, matul l-istess sena (jiġifieri USD 1 915 għal kull tunnellata).
- (284) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET tenniet il-kumment tagħha li l-Kummissjoni stmat b'mod eċċessiv il-kapaċità u l-kapaċità żejda fiċ-Ċina.
- (285) Il-Kummissjoni nnotat li l-EUSMET ma pprovdiet l-ebda evidenza ġdida f'dan ir-rigward u sempliċement tenniet id-dikjarazzjonijiet preċedenti tagħha. Kif iċċarat fil-premessi minn (191) sa (195), il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar li hemm kapaċità żejda sinifikanti fiċ-Ċina li tista' tintuża għall-provvista tas-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu jibqgħu għaldaqstant l-istess.
- (286) L-EUSMET innotat li l-analiżi dwar l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni kienet ibbażata fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni tas-siliċju Ċiniż lejn l-UE apparagun ta' swieq oħra. L-EUSMET talbet id-divulgazzjoni ta' din id-*data*.
- (287) Kif speċifikat fil-premessa (209), il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha fuq l-estrazzjoni tal-GTA, li hija faċilment disponibbli. Id-*data* tal-GTA hija bbażata fuq *data* miksuba mill-awtoritajiet doganali Ċiniżi u ntużat sempliċement bħala linja bażi biex jitqabblu l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn diversi destinazzjonijiet.

<sup>(58)</sup> L-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti għandhom ukoll fis-seħħ miżuri anti-dumping jew antisussidji kontra l-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina.

- (288) L-EUSMET affermat li l-Kummissjoni naqset milli turi li, billi ppermettiet li l-miżura tiskadi, l-importazzjonijiet Ċiniżi se jgħarrqu s-suq tal-Unjoni. Dan kien ibbażat fuq il-fatt li matul in-nuqqas ta' siliċju bejn l-2021 u l-2022 l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-Unjoni ma żdidux.
- (289) Il-Kummissjoni qieset li s-sitwazzjoni wara l-PIR u b'mod partikolari ż-żieda qawwija fid-domanda u n-nuqqas konsegwenti ta' provvista kienu ta' natura temporanja. Tabilħaqq, dawn ix-xokkijiet fid-domanda u fil-provvista kienu marbuta mal-pandemija tal-COVID-19, mal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u maż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku (li parti minnha seħħet saħansitra qabel l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna). Madankollu, ma hemm l-ebda element li jappoġġa l-argumenti li dawn mhumiex temporanji, u l-EUSMET lanqas ma uriet dan fis-sottomissjonijiet tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li hemm differenza bejn sitwazzjoni fejn id-domanda tiżdied temporanjament u sitwazzjoni fejn id-dazji jitneħħew b'mod permanenti. Ir-reazzjoni tal-esportatur għal tal-ewwel ma tistax titqies bħala pjan ta' azzjoni għar-reazzjoni tiegħu għal tal-aħħar. Barra minn hekk, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet dwar il-kapaċità ta' riżerva Ċiniża u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni xorta waħda tqis li l-importazzjonijiet tas-siliċju Ċiniżi jidħlu fis-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti bi prezzijiet oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.
- (290) L-EUSMET affermat ukoll li s-suppożizzjoni tal-Kummissjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi jiżdedu jekk il-miżuri jiġu revokati kienet żbaljata peress li: (i) il-marġni tat-twaqqiġ tal-prezz kien minfuħ; (ii) id-differenza bejn id-diversi gradi tal-prodott ikkonċernat li ma ġietx riflessa fl-analiżi, (iii) l-Unjoni ma kinitx is-suq ewlieni Ċiniż għall-esportazzjonijiet, (iv) il-metall tas-siliċju Ċiniż ma kienx il-forza spjegattiva wara d-dannu tal-industrija tal-Unjoni.
- (291) Fil-kummenti dwar id-divulgazzjoni ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza ġdida biex issostni dawn l-affermazzjonijiet. Fid-dawl tal-erba' elementi ta' hawn fuq indirizzati fil-premessi preċedenti dwar il-marġni tat-twaqqiġ tal-prezz (ara l-premessa (234)), id-differenzjazzjoni tal-prodott (ara l-premessa(65)), meta l-Unjoni mhijiex is-suq ewlieni tal-esportazzjoni għar-RPĊ (ara l-premessi minn (206) sa (210)) u l-kawżalità (ara l-premessa (275)), l-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-effetti potenzjali tal-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiġu revokati, baqgħu l-istess.
- (292) L-EUSMET iddikjarat li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra l-iżvilupp tas-suq wara l-PIR u b'mod partikolari ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-Unjoni tas-siliċju, in-nuqqas ta' provvista globali, inkluż fil-livell tal-industrija tal-Unjoni, li jwassal biex il-produttur tal-Unjoni jagħmel profitti sinifikanti.
- (293) Il-Kummissjoni qieset li kemm l-iżvilupp tal-prezzijiet kif ukoll in-nuqqas globali ta' siliċju wara l-PIR kienu xejriet temporanji, l-aktar marbuta mal-pandemija tal-COVID-19 u sitwazzjonijiet ġeopolitiċi fl-2021 u l-2022. L-evidenza pprovduta mill-EUSMET, inkluża l-previżjoni dwar iż-żieda fid-domanda u l-prezzijiet tas-siliċju, ma tindikax li n-nuqqas globali fil-provvista jew li ż-żieda qawwija fil-prezz se tkun ta' natura permanenti.
- (294) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina bi prezzijiet dannużi u li x'aktarx jerġa' jseħħ dannu materjali.

## 8. INTERESS TAL-UNJONI

- (295) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

### 8.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

- (296) F'din l-investigazzjoni kkooperaw tliet produttori tal-Unjoni li jammontaw għal 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni. Kif iddikjarat fil-premessa (265), l-industrija tal-Unjoni ġġarrab dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku minkejja l-miżuri fis-seħħ.

- (297) Il-miżuri fis-seħħ fil-biċċa l-kbira tagħhom kien fihom il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, li xorta seħħew bi prezzijiet dannużi li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni u li, għalhekk, komplew jikkontribwixxu għall-kundizzjoni prekarja tal-industrija tal-Unjoni.
- (298) Tabilħaqq, jekk il-miżuri jitħassru, il-volumi tal-importazzjoni miċ-Ċina x'aktarx li jizdedu u, minħabba l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, kif ukoll l-attrawenza tas-suq tal-Unjoni, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tkun saħansitra kompromessa aktar, li twassal għal aktar tnaqqis fil-produzzjoni, fil-bejgħ u fl-impjiegi fl-Unjoni.
- (299) Kwalunkwe deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni jinvolvi r-riskju ta' tnaqqis fl-iskala tal-produzzjoni jew saħansitra għeluq definittiv tas-siti tal-produzzjoni fl-Unjoni. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-kontinwazzjoni tal-miżuri kontra ċ-Ċina tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.
- (300) L-interess ta' importaturi mhux relatati
- (301) L-ebda importatur ma ppreżenta ruħu wara l-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu u matul l-investigazzjoni.
- (302) Għalhekk, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li ż-żamma tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq l-importaturi li jgħleb l-impatt pożittiv tal-miżuri.

## 8.2. L-interess tal-utenti

- (303) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet mingħand tliet utenti, tnejn mis-setturi kimiċi (Wacker u Evonik, li jiformaw il-konsorzju EUSMET) u wieħed mis-settur tal-aluminju (Raffmetal). Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aluminju, li jirrappreżentaw il-katina kollha tal-valur tal-industrija tal-aluminju fl-Ewropa.
- (304) L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Aluminju flimkien ma' Raffmetal jappoġġaw il-kontinwazzjoni tal-miżuri eżistenti. Dawn l-utenti enfasizzaw li s-siliċju huwa materjal essenzjali fil-produzzjoni tal-aluminju. Jekk, minn naħa waħda, il-miżuri anti-dumping ikollhom impatt negattiv fuq il-kost tal-produzzjoni tal-utenti, min-naħa l-oħra, il-miżuri jippreservaw il-produzzjoni tas-siliċju fl-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, l-utenti jibbenefikaw minn provvista affidabbli u ġeografikament qrib tas-siliċju.
- (305) L-EUSMET affermat li l-miżuri anti-dumping ma jenħtieġx li jinżammu. Għal dawn l-utenti, is-siliċju huwa ta' importanza sinifikanti u jammonta għal sehem kbir mill-kost tal-materja prima tagħhom. Dawn l-utenti qed jimportaw miċ-Ċina u d-dazji anti-dumping iżidu l-kost tal-produzzjoni tagħhom għal prodotti bbażati fuq is-siliċju. Barra minn hekk, huma affermaw li l-effett tal-miżuri fuq l-utenti kimiċi jkun potenzjalment aktar sinifikanti milli fl-industrija tal-aluminju.
- (306) Madankollu, l-informazzjoni pprovduta miż-żewġ utenti li kkooperaw illi jipproduċu prodotti kimiċi turi li dawn jimportaw ammonti sinifikanti taħt l-IPP, u b'hekk ikunu sa ċertu punt eżentati mid-dazju anti-dumping. Għalhekk, l-effett tal-miżuri fuq parti mill-importazzjonijiet minn dawn l-utenti tqies bħala limitat.
- (307) L-EUSMET indikat ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tajba tal-produtturi tal-Unjoni, speċjalment wara l-PIR.
- (308) Il-Kummissjoni tinnotta li t-titjib apparenti tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni jikkoinċidi mat-tkabbir globali reċenti tad-domanda għas-siliċju. Tali żvilupp tas-suq fuq perjodu ta' żmien qasir, li jseħħ fi kwalunkwe każ wara l-PIR, ma jstax jitqies bħala indikattiv tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari minħabba l-konklużjonijiet fil-premessi (211), (212) u (294). Għaldaqstant, billi l-industrija tal-Unjoni ma hijiex f'sitwazzjoni ekonomika stabbli u billi tkun soġġetta għal impatt negattiv futur tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-argument ġie rrifjutat.

- (309) L-EUSMET affermat li, fl-aħħar snin, id-domanda għas-siliċju żdiedet, filwaqt li l-provvista naqset, fl-UE. L-EUSMET esprimiet tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista u, b'mod partikolari, dwar l-inabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li tforni bis-sħiħ id-domanda tal-Unjoni. Dan iwassal għal sitwazzjoni ta' nuqqas ta' disponibbiltà tal-prodott simili biex jissodisfa d-domanda, li qed tikber malajr, speċjalment wara l-PIR. L-EUSMET irrimarkat ukoll il-kompetizzjoni ħarxa fis-swieq tal-prodotti downstream tagħhom, fejn il-kostijiet ogħla tas-siliċju jpoġġu lill-EUSMET fi żvantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' produtturi dinjija oħrajn.
- (310) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li teżisti varjetà ta' sorsi ta' siliċju. L-ewwel, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' riżerva li tista' tiġi attivata mill-ġdid biex tissodisfa domanda futura li qed tikber. Tabilħaqq, kif muri fit-Tabella 2, anki jekk l-industrija tal-Unjoni naqqset il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom sa ċertu punt b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-konsum tas-siliċju, kapaċità ħielsa sinifikanti (jiġifieri madwar 26 % fil-PIR) tkun għadha disponibbli fl-Unjoni jekk id-domanda terġa' tiżdied. L-investigazzjoni wriet li l-fran li nġhalqu jistgħu jiġu attivati mill-ġdid fi żmien qasir daqs ġimagħtejn sa xahrejn, skont iż-żmien ta' inattività.
- (311) Barra minn hekk, is-siliċju jista' jinkiseb minn pajjiżi oħrajn, bħan-Norveġja, il-Malażja, il-Brażil, il-Bożnija-Herzegovina. Kif stabbilit fil-premessa (236), żewġ terzi tas-siliċju mixtri fl-Unjoni jiġi importat min-Norveġja, mill-Brażil, mill-Malażja u minn għadd ta' pajjiżi oħrajn. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-miżuri fis-seħħ ma waqqfux l-importazzjonijiet tas-siliċju miċ-Ċina milli jidhru fis-suq tal-Unjoni.
- (312) Bħala konklużjoni, il-kombinazzjoni bejn sorsi oħrajn ta' provvisti u l-kapaċità ta' riżerva fl-Unjoni jirrappreżentaw varjetà diversifikata ta' għażliet għall-utenti tas-siliċju fl-Unjoni. Għalhekk, l-argument ma setax jiġi aċċettat.
- (313) L-EUSMET affermat li jenħtieġ li l-miżuri jintemmu wkoll fid-dawl tal-fatt li s-siliċju ġie kklassifikat bħala materja prima kritika ('critical raw material' - "CRM") mill-Kummissjoni <sup>(59)</sup> abbażi tal-importanza ekonomika u r-riskju tal-provvista tagħha. L-EUSMET affermat li ż-żamma tal-miżuri tillimita l-ammont ta' siliċju u l-varjetà ta' sorsi disponibbli fis-suq.
- (314) Il-Kummissjoni taqbel man-natura kritika tas-siliċju fl-ekosistema industrijali fl-Unjoni. Madankollu, il-preżenza tal-importazzjonijiet bi prezz li huwa l-oġġett ta' dumping fis-suq tipperikola b'mod sinifikanti l-industrija tal-Unjoni, u tipperikola l-affidabbiltà tal-provvista tas-siliċju fl-Unjoni fit-tul. Għal din ir-raġuni, l-affermazzjoni ġiet irrifjutata.
- (315) Fil-kummenti tagħhom dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET ma qablitx mal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li s-siliċju ta' grad speċjali, meħtieġ minn xi utenti biex jipproduċu prodotti li d-domanda tagħhom se tiżdied fil-futur, huwa disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti fi swieq oħra minbarra r-RPĊ. Barra minn hekk, l-EUSMET iddikjarat li l-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet tal-IPP huma relatati ma' dan is-siliċju ta' grad speċjali importat minn wieħed mill-membri tagħha.
- (316) Il-Kummissjoni nnotat li d-dazji fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ mhumiex projbittivi u jekk l-utenti jeħtieġu grad speċjali ta' siliċju, dan jibqa' disponibbli għall-importazzjoni taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta.
- (317) Barra minn hekk, kif diġà ġie ċċarat fil-premessa (272), abbażi tal-volumi tal-Eurostat, il-biċċa l-kbira tal-importazzjonijiet tal-IPP huma relatati ma' importazzjonijiet oħra għajr dawk mill-membri tal-EUSMET li jimporta s-siliċju ta' grad speċjali, anki jekk wieħed jassumi li dan il-membri jixtri biss is-siliċju ta' grad speċjali taħt l-IPP.
- (318) L-EUSMET issottomettiet li l-IPP huwa rilevanti biss sal-punt li l-oġġetti jiġu esportati u ma jistgħux jintużaw taħt id-diversi FTAs tal-UE, inkluż l-FTA ta' bejn l-UE u l-Ġappun. Għalhekk, l-aċċess għall-IPP ma jnaqqasx l-iżvantaġġ kompetittiv imġarrab mill-membri tal-EUSMET.

<sup>(59)</sup> Ara t-tieni lista tas-CRM (COM (2014) 297 final tas-26 ta' Mejju 2014), it-tielet lista (COM (2017) 490 final), kif ukoll l-aħħar lista (COM (2020) 474 final) li ġiet ippubblikata f'Settembru 2020.

- (319) Il-Kummissjoni semmiet fil-premessa (306) li ċerti volumi importati mill-membri tal-EUSMET huma taħt l-IPP biex tenfasizza biss li parti mill-importazzjonijiet tagħhom ma kinux soġġetti għad-dazji u li dawn tal-aħħar għalhekk kellhom impatt limitat waqt il-PIR. Il-Kummissjoni hija konxja li l-membri tal-EUSMET ma jistgħux jimportaw biss permezz tal-IPP u li l-importazzjonijiet residwi taħt reġim regolari magħmul mill-membri tal-EUSMET huma soġġetti għad-dazji u għandhom impatt fuq l-importaturi. Madankollu, huwa fatt li jekk kumpanija tkun f'pożizzjoni li timporta s-siliċju skont l-IPP, dan jillimita l-impatt tad-dazji għall-utenti kkonċernati, anki jekk ma jillimitax dan l-impatt għall-volum kollu importat.
- (320) L-EUSMET innotat li l-kapaċità żejda tal-industrija tal-UE mhijiex biżżejjed biex tfori d-domanda dejjem tikber tas-siliċju fl-Unjoni. Barra minn hekk, L-EUSMET enfasizzat li minħabba l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-elettriku fl-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni mhux se jkunu f'pożizzjoni li jżidu l-użu tal-kapaċità tagħhom.
- (321) Il-kapaċità żejda fl-Unjoni tqieset bħala sinifikanti (medja ta' 26 %, li tirrappreżenta madwar 10 % tal-konsum attwali tal-Unjoni). Barra minn hekk, l-importazzjonijiet tas-siliċju minn sorsi oħra, inkluża ċ-Ċina, huma disponibbli. L-EUSMET ukoll ma wrietx li ż-żieda potenzjali fil-prezzijiet tal-elettriku mhix se tkun akkumpanjata mill-prezz tal-bejgħ tas-siliċju, li jippermetti li jiżdied l-użu tal-kapaċità tal-produttur tal-Unjoni. Peress li l-elettriku huwa komponent ta' spiża maġġuri fil-produzzjoni, x'aktarx li jkun hemm korrelazzjoni bejn dawn it-tnejn, għalhekk din l-affermazzjoni qed tiġi miċħuda.
- (322) L-EUSMET affermat li l-ewwel nett, il-Kummissjoni ma kkunsidratx iż-żieda fid-domanda għall-perjodu ta' wara l-PIR. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma qisix li d-domanda tal-grad speċjali tas-siliċju mhux prodott fl-Unjoni u li joriġina l-aktar mir-RPĊ se tiżdied. It-tieni, il-Kummissjoni allegatament ma kkunsidratx in-nuqqas ta' siliċju eżatt wara l-PIR. It-tielet, il-Kummissjoni ma kkunsidratx iż-żieda fil-kompetizzjoni ffaċċjata mill-utenti fl-Unjoni mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") u mir-RPĊ. Ir-raba', il-Kummissjoni ma kkunsidratx l-effetti tas-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet Russi.
- (323) Il-Kummissjoni qieset is-sitwazzjoni wara l-PIR u, kif konkluż fil-premessa (293), sabet li kienet ta' natura temporanja.
- (324) Barra minn hekk, il-Kummissjoni taqbel mal-EUSMET li l-utenti tal-Unjoni jeħtieġu diversità u sigurtà tal-provvista biex jiżguraw produzzjoni kontinwa. Madankollu, tali diversità u sigurtà mhux se jkunu possibbli jekk il-produtturi tal-Unjoni jfallilhom in-negozju minħabba l-importazzjonijiet dannużi tas-siliċju miċ-Ċina bi prezzijiet oġġett ta' dumping.
- (325) Rigward iż-żieda fil-kompetizzjoni mir-Renju Unit, il-Kummissjoni tinnota li L-EUSMET ma pprovdietx biżżejjed informazzjoni meħtieġa biex jitkejjel l-impatt taż-żieda fil-kompetizzjoni mir-Renju Unit u għalhekk din l-affermazzjoni hija miċħuda.
- (326) Rigward l-effetti tas-sanzjonijiet fuq ir-Russja, il-Kummissjoni nnotat li dan ikompli jnaqqas is-sorsi potenzjali tas-siliċju fis-suq tal-Unjoni. Madankollu, abbażi tad-*data* tal-PIR, ir-Russja rrappreżentat biss 2 % tal-importazzjonijiet totali tas-siliċju fl-Unjoni. Minħabba l-kobor tal-importazzjonijiet Russi u d-disponibbiltà ta' sorsi oħra fil-livell globali, il-Kummissjoni qieset li l-impatt fuq l-utenti tas-siliċju mhux se jkun sostanzjali fuq perjodu twil.
- (327) L-EUSMET finalment enfasizzat li l-produtturi tal-metall tas-siliċju f'pajjiżi differenti tad-dinja ma jridux iżidu l-bejgħ lill-membri tal-EUSMET minħabba l-biża' ta' miżuri anti-dumping.
- (328) Din l-affermazzjoni ma kinitx sostnuta minn xi evidenza fattwali jew fatt li l-fornituri barra mill-Unjoni kienu se jirrifjutaw li jforu l-prodott. Tabilħaqq, il-Kummissjoni osservat kontinwazzjoni fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u f'xi każijiet anki ż-żieda ta' dawn, matul il-perjodu kkunsidrat.
- (329) B'mod ġenerali, l-effett pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni u l-utenti fl-industrija tal-aluminju għalhekk jegħleb l-impatt negattiv limitat tal-miżuri fis-seħħ fuq l-utenti l-oħrajn.

### 8.3. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (330) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti dwar l-importazzjonijiet tas-siliċju li joriġinaw miċ-Ċina.

### 9. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (331) Abbażi tal-konklużjonijiet dwar il-kontinwazzjoni ta' dumping, ir-rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping dwar is-siliċju miċ-Ċina jenħtieġ li jinżammu.
- (332) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (333) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati individwali tad-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet, din ma hijiex l-uniku element li għandu jiġi kkunsidrat mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, ikunu jeħtieġu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport bil-baħar, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata aktar baxxa tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.
- (334) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni anti-ċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista' teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija tar-rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.
- (335) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpanija individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jiġi manifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Jenħtieġ li dawn ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.
- (336) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni <sup>(60)</sup>. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tkun tista' turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla tal-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (337) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Huma ngħataw ukoll perjodu sabiex jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet wara din id-divulgazzjoni. Parti interessata waħda biss – l-EUSMET ipprovdiet kummenti.
- (338) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni, l-EUSMET talbet li, jekk il-miżuri jiġu kkonfermati, il-miżuri jkunu limitati għal perjodu ta' sentejn, minħabba ċ-ċirkostanzi tas-suq mibdula li jikkonċernaw kemm id-domanda kif ukoll id-provvista u d-dipendenza għolja tal-importazzjonijiet tal-Unjoni fuq gradi speċifiċi tas-siliċju.

<sup>(60)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju

- (339) Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li ma hemm xejn fid-*data* tal-PIR li jappoġġa tali konklużjoni. Barra minn hekk, kif diskuss fil-premessi (289) u (293), l-iżviluppi ta' wara l-PIR jidher li huma ta' natura temporanja. Fi kwalunkwe każ, jekk ikun hemm ċirkostanzi speċjali li jiġġustifikaw li s-sitwazzjoni tiġi vvalutata mill-ġdid fil-futur, jistgħu jintalbu reviżjonijiet interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.
- (340) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(61)</sup>, meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.
- (341) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma ta l-ebda opinjoni dwar il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

- Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tas-siliċju, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2804 69 00 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.
- Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Kumpanija	Dazju anti-dumping	Kodiċi addizzjonali TARIC
Datong Jinneng Industrial Silicon Co., Pingwang Industry Garden, Datong, Shanxi	16,3 %	A971
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	16,8 %	A999

- Id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-importazzjonijiet mill-"kumpaniji l-oħrajn kollha" li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif stabbilit fil-paragrafu 2, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 ikkonsenjat mir-Repubblika tal-Korea, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina mir-Repubblika tal-Korea kif ukoll jekk le (il-kodiċi TARIC 2804 69 00 10) u għall-importazzjonijiet tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 ikkonsenjat mit-Tajwan, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina mit-Tajwan kif ukoll jekk le (il-kodiċi TARIC 2804 69 00 20).

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikata minn isimha u l-funzjoni tagħha, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

<sup>(61)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1395****tal-11 ta' Awwissu 2022****li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Russja u t-Turkija**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

**1. PROĊEDURA****1.1. Bidu**

- (1) Fl-24 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") tat bidu għal investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Russja u t-Turkija ("il-pajjiżi kkonċernati") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* <sup>(2)</sup> ("in-Notifika ta' Bidu").
- (2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara li l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar ("il-Eurofer" jew "l-ilmentatur") ressqet ilment fit-12 ta' Mejju 2021. L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta, u din kienet biżżejjed sabiex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

**1.2. Il-partijiet interessati**

- (3) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk il-Kummissjoni informat b'mod speċifiku lill-ilmentatur, lil produttori magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lil-produttori esportaturi u lill-awtoritajiet magħrufa tar-Russja u tat-Turkija, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.
- (4) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkumentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u jitolbu smiġh mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Il-Kummissjoni organizzat seduta ta' smiġh ma' produttur esportatur Tork fis-17 ta' Settembru 2021.

**1.3. Il-kampjunar**

- (5) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kien hemm il-possibbiltà li tagħżel kampjun minn fost il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU C 245, 24.6.2021, p. 21.

### 1.3.1. Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

- (6) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun abbażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-Unjoni rrapportati mill-produtturi tal-Unjoni fil-kuntest tal-analiżi tal-valutazzjoni permanenti ta' qabel il-bidu, filwaqt li qieset ukoll il-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Dan il-kampjun proviżorju kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti. Il-kampjun kien jammonta għal aktar minn 23 % tal-produzzjoni u tal-bejgħ ta' prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw dwar il-kampjun proviżorju <sup>(3)</sup>. L-ebda parti ma għamlet kummenti sal-iskadenza mogħtija.
- (7) Matul iż-żjara ta' verifika fil-bini ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, instab li l-kumpanija kienet inkludiet b'mod żbaljat fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju permanenti kif ukoll fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju dwar l-anti-dumping sehem sinifikanti ta' data dwar prodotti li jagħgu barra mill-ambitu tal-investigazzjoni. Sabiex tiżgura li sitwazzjoni bħal din ma taffettwax ir-rappreżentattività tal-kampjun, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-kumpanija kkonċernata fil-kampjun u li tinkludi kumpanija addizzjonali fil-kampjun. Il-kampjun finali stabbilit b'dan il-mod kien jikkonsisti minn erba' produtturi tal-Unjoni, li jinsabu fi tliet Stati Membri differenti, li kienu jirrappreżentaw madwar 25 % tal-volum totali smat tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkumentaw dwar il-kampjun finali <sup>(4)</sup>. L-ebda parti ma għamlet kummenti sal-iskadenza mogħtija.

### 1.3.2. Il-kampjunar tal-importaturi

- (8) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.
- (9) L-ebda waħda mill-kumpaniji li ssottomettew Anness għan-Notifika ta' Bidu sal-iskadenza ma rrapportat importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrinunzja għall-kampjunar. Ma wasal l-ebda kumment għal din id-deċiżjoni.

### 1.3.3. Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Russja

- (10) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fir-Russja kollha jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni Permanenti tal-Federazzjoni Russa għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (11) Tliet produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi fir-Russja, li jammontaw għal madwar 98 % tal-volum totali tal-esportazzjoni Russa tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ kumpaniji abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi kkonċernati magħrufa kollha u l-awtoritajiet Russi ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.
- (12) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar il-kampjun mingħand PJSC Novolipetsk Steel. Il-kumpanija indikat li kien hemm raġunijiet legali sodi sabiex l-investigazzjoni ssir fuq tliet produtturi esportaturi, aktar milli fuq tnejn, speċjalment jekk waħda mill-kumpaniji oriġinarjament inklużi fil-kampjun tirtira l-kooperazzjoni tagħha. Dan l-irtirar jikkomplika d-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun.
- (13) Barra minn hekk, il-kumpanija saħqet li l-Kummissjoni tinkludi fil-kampjun il-produttur esportatur PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works fir-Russja u s-sussidjarja tagħha MMK Metalurji Sanayi Ticaret ve Liman İşletmeciliği A.Ş. fit-Turkija. Il-kumpanija affermat li ż-żewġ produtturi esportaturi relatati kienu jikkondividu parti mill-kanali tal-bejgħ tagħhom. Dan inaqqas l-ammont ta' xogħol tal-Kummissjoni, u b'hekk jippermetti l-investigazzjoni ta' NLMK.

<sup>(3)</sup> Nota għall-fajl t21.005164 tas-6 ta' Lulju 2021.

<sup>(4)</sup> Nota għall-fajl t21.007177 tal-21 ta' Ottubru 2021.

- (14) Wara li analizzat il-kummenti ta' NLMK, il-Kummissjoni sabet b'mod partikolari li l-asserzjonijiet deskritti fil-premessa (12) kienu ġustifikati u ddeċidiet li tirrinunzja l-kampjunar fir-rigward tal-produtturi esportaturi fir-Russja. Il-Kummissjoni informat lill-kumpanija inkwistjoni kif ukoll lill-awtoritajiet Russi b'din id-deċiżjoni.

#### 1.3.4. *Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fit-Turkija*

- (15) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi fit-Turkija kollha jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tat-Turkija għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħrajn, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.
- (16) Tmien produtturi esportaturi/gruppi ta' produtturi esportaturi fit-Turkija, li jammontaw għal madwar 100 % tal-volum totali tal-esportazzjoni Torka tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, ipprovdu l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tliet kumpaniji abbażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment għall-proposta tal-kampjunar. Għalhekk, il-kampjun finali stabbilit kien jammonta għal 62,6 % tal-volum totali tal-esportazzjoni Torka tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.

#### 1.4. **L-eżaminazzjoni individwali**

- (17) Produttur esportatur fit-Turkija talab eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni ddeċidiet li l-eżami ta' din it-talba kien ikun ta' piż bla bżonn u ma kienx jippermetti li l-investigazzjoni titlesta fi żmien xieraq. Dan huwa dovut għall-istruttura korporattiva kumplessa tal-kumpanija inkwistjoni. Għalhekk, it-talba għal eżami individwali ġiet irrifjutata.

#### 1.5. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju**

- (18) Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lill-ilmentatur u talbet lill-erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun <sup>(5)</sup>, lit-tliet produtturi esportaturi fir-Russja u lit-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fit-Turkija sabiex jimlew il-kwestjonarji rilevanti li saru disponibbli online <sup>(6)</sup> fil-jum tal-bidu.
- (19) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, l-ilmentatur, it-tliet produtturi esportaturi mir-Russja, it-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun mit-Turkija u l-produttur esportatur mit-Turkija li talab eżami individwali.

#### 1.6. **Iż-żjarat ta' verifika**

- (20) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset bħala neċessarja għad-determinazzjoni tad-dumping, tad-dannu li jirriżulta u tal-interess tal-Unjoni. Żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Il-produtturi tal-Unjoni:

- Acciaieria Arvedi S.p.A, Cremona, l-Italja
- ArcelorMittal Poland, Dabrowa Górnicza, il-Polonja
- Marcegaglia Carbon Steel S.p.A, Gazoldo degli Ippoliti, l-Italja
- U.S. Steel Košice, s.r.o., Košice, is-Slovakkja

<sup>(5)</sup> It-tliet produtturi tal-Unjoni inizjalment inklużi fil-kampjun ingħataw struzzjonijiet sabiex jimlew il-kwestjonarju mal-konferma tal-kampjun proviżorju fis-6 ta' Lulju 2021, filwaqt li l-produttur tal-Unjoni li ġie miżjud mal-kampjun (ara l-premessa (7)) ingħata struzzjonijiet sabiex jagħmel dan fil-21 ta' Ottubru 2021.

<sup>(6)</sup> Il-kwestjonarji għall-produtturi tal-Unjoni, għall-produtturi esportaturi, għall-importaturi u għall-utenti kienu disponibbli fuq [https://trade.ec.europa.eu/tdi/case\\_details.cfm?id=2531](https://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2531).

Negozjanti u importaturi relatati mal-produtturi esportaturi Russi:

- MMK Steel Trade AG, Lugano, l-Iżvizzera
- NLMK Trading SA, Lugano, l-Iżvizzera
- Severstal Export GmbH (“SSE”), Manno, l-Iżvizzera
- SIA Severstal Distribution (Severstal Distribution Europe, “SDE”), Riga, il-Latvja

(21) Il-Kummissjoni wettqet kontroverifiki mill-bogħod tal-partijiet li ġejjin:

L-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni:

- Eurofer, Brussell, il-Belġju

Produtturi esportaturi fir-Russja:

- PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works (“MMK”), Magnitogorsk, ir-Russja
- Novolipetsk Steel (“NLMK”), Lipetsk, ir-Russja
- PAO Severstal, (“PAOS”), Cherepovets, ir-Russja

Negozjanti domestiċi relatati mal-produtturi esportaturi Russi:

- LLC Torgovy dom MMK (“TD MMK”), Magnitogorsk, ir-Russja
- Novolipetsk Steel Service Center LLC (“NSSC”), Lipetsk, ir-Russja
- Torgovy dom NLMK LLC (“NLMK Shop”), Moska, ir-Russja
- JSC Severstal Distribution (Severstal Distribution Russia, “SDR”), Cherepovets, ir-Russja

Produtturi esportaturi fit-Turkija:

- MMK Metalurji Sanayi Ticaret ve Liman İşletmeciliği A.Ş. (“MMK Turkey”), Dordyol, it-Turkija
- TatMetal Çelik Sanayi ve Ticaret A.Ş. (“Tatmetal”), Istanbul, it-Turkija
- Tezcan Galvanizli Yapi Elemanlari Sanayi ve Ticaret A.Ş. (“Tezcan”), Kartepe-Kocaeli, it-Turkija

### 1.7. Il-perjodu ta’ investigazzjoni u l-perjodu kkunsidrat

- (22) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2020 sal-31 ta’ Diċembru 2020 (“il-perjodu ta’ investigazzjoni” jew “PI”). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2017 sat-tmiem tal-perjodu ta’ investigazzjoni (“il-perjodu kkunsidrat”).
- (23) L-assoċjazzjoni Torka CIB u diversi produtturi esportaturi sabu l-perjodu ta’ investigazzjoni magħżul u l-perjodu kkunsidrat bħala preġudikat. Huma qiesu li ma kinux xierqa, peress li l-2017 kienet sena relattivament tajba għan-negozju tal-azzar filwaqt li l-2020 kienet affettwata b’mod negattiv mill-pandemija tal-COVID-19. Huma allegaw li t-tqabbil taż-żewġ punti ta’ tmiem ma jkunx rappreżentattiv tal-prestazzjoni u tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Xi wħud talbu analiżi trimestrali għal tqabbil aħjar.
- (24) Il-Kummissjoni ħadhet l-asserzjonijiet peress li kemm il-perjodu kkunsidrat kif ukoll il-perjodu ta’ investigazzjoni kienu xierqa meta wieħed iżomm f’moħħu d-data tat-tressiq tal-ilment u r-regoli applikabbli. Fi kwalunkwe każ, l-analiżi tal-Kummissjoni ma ssirx fuq tqabbil tas-sena bażi mal-perjodu ta’ investigazzjoni iżda fuq xejriet matul il-perjodu kkonċernat u tinkludi fatturi li possibbilment jaffettwaw is-suq tal-azzar reżistenti għall-korrużjoni (“ARK”) fl-Unjoni u kkunsidrathom fl-investigazzjoni, kif muri, fost l-oħrajn, fit-taqsima 5 hawn taħt.

- (25) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi ma qablux mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Huma argumentaw li l-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-iżviluppi sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni, peress li matul l-ewwel tmien xhur tal-prezzijiet tal-2021 tal-prodotti galvanizzati f'banju sħun, li jinkludu l-ARK, kif ukoll il-marġni medju ta' prodotti tal-azzar galvanizzati f'banju sħun fuq kojls illaminati bis-sħana kienu jkunu żdiedu b'mod qawwi fl-Unjoni. Fl-istess ħin, fl-2021 il-livelli tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu jkunu rritornaw għal-livelli tal-2019. B'referenza għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali f'Rusal Armenal ZAO vs Il-Kunsill (<sup>7</sup>), huma affermaw għalhekk li dawn l-iżviluppi jikkostitwixxu fatti ġodda li jagħmlu d-dazju anti-dumping propost manifestament mhux xieraq u dawn il-fatti jridu jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni inkluż billi jiġi estiż il-perjodu ta' investigazzjoni biex ikopri l-2021 u l-ewwel trimestru tal-2022.
- (26) Il-Kummissjoni analizzat din l-asserzjoni. Hija sabet li ż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ fl-2021 bħala tali ma tindikax tijib, ta' kwalunkwe kobor, tal-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, il-Kummissjoni nnotat li żieda fil-prezzijiet jista' jkollha effett pożittiv biss fuq is-sitwazzjoni tal-industrija meta mqabbla mas-sena ta' qabel jekk tkun oġġha b'mod sinifikanti miż-żieda fil-kostijiet matul l-istess perjodu. Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza biex jintwera dan. Fir-rigward tal-produzzjoni, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fl-2021 ċerti produttori kellhom diffikultajiet biex jissodisfaw id-domanda qawwija tal-ARK fis-suq f'ċerti mumentu fiż-żmien, b'mod partikolari fil-bidu ta' dik is-sena. Madankollu, hija enfasizzat li dan kien fenomenu temporanju u ma kellha l-ebda informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha li tindika li dan kien ikun relatat mal-industrija kollha kemm hi. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li l-ebda waħda mill-asserzjonijiet invokati mill-partijiet ikkonċernati ma wriet li l-iżviluppi l-ġodda wara l-perjodu ta' investigazzjoni jagħmlu d-dazju anti-dumping propost manifestament mhux xieraq. Għalhekk, il-Kummissjoni ħadet l-asserzjoni.

#### 1.8. In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri provviżorji

- (27) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, id-data ta' skadenza għall-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji kienet it-23 ta' Frar 2022. Fis-26 ta' Jannar 2022, f'konformità mal-Artikolu 19a(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati bl-intenzjoni tagħha li ma timponix miżuri provviżorji u tat lill-partijiet interessati l-opportunità li jissottomettu informazzjoni addizzjonali u/jew li jinstemgħu. L-ebda parti ma ppreżentat kummenti jew talbet li tinstema'.
- (28) Wara d-divulgazzjoni finali, il-Gvern tar-Russja ("GtR") issottometta li l-fatt li ma kienet ġiet imposta l-ebda miżura provviżorja kien ifisser li l-industrija tal-Unjoni kienet stabbli u ma kellhiex bżonn intervent mill-Kummissjoni biex tipprevjeni dannu. Il-Kummissjoni ħadet din l-asserzjoni. Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament bażiku, jistgħu jiġu imposti miżuri provviżorji. Ma hemm l-ebda obbligu fuq il-Kummissjoni li timponi miżuri provviżorji jekk l-industrija tal-Unjoni tkun qed iġġarrab dannu. Għalhekk, ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-industrija tal-Unjoni jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma timponix miżuri provviżorji iżda li tkompli l-investigazzjoni minflok, kif kienet għamlet f'dan il-każ.
- (29) Peress li ma ġiet imposta l-ebda miżura anti-dumping provviżorja, ma saret l-ebda regjistrazzjoni tal-importazzjonijiet.

#### 1.9. Proċedura sussegwenti

- (30) Il-Kummissjoni kompliet tfttex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha.
- (31) Wara l-analiżi tad-*data* miġbura u vverifikata, il-Kummissjoni informat lil MMK u lil PAOS bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-fatti disponibbli għal ċerti partijiet tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tat lill-kumpaniji l-opportunità li jikkumentaw. Ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-fatti disponibbli u l-kummenti sottomessi mill-kumpaniji huma indirizzati fit-Taqsima 3.1.2 ta' dan ir-Regolament.
- (32) Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti sottomessi mill-partijiet interessati.

(<sup>7</sup>) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2017, fil-Kawża T-512/09, RENV, *Rusal Armenal vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:T:2017:26, il-punt 130.

- (33) Il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati kollha dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kienet beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-ARK li joriġinaw mir-Russja u t-Turkija (id-“divulgazzjoni finali”). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li matulu setgħu jikkumentaw dwar id-divulgazzjoni finali.
- (34) Wara d-divulgazzjoni finali, waslu kummenti mingħand l-ilmentatur, il-GtR, it-tliet produttori esportaturi Russi li kkooperaw, il-Gvern tat-Turkija (“GtT”), it-tliet produttori esportaturi Torok li kkooperaw u l-Assoċjazzjoni Torka tal-Esportaturi tal-Azzar. Intalbu seduti minn MMK, NLMK, il-GtT, Tezcan u l-Assoċjazzjoni Torka tal-Esportaturi tal-Azzar u dawn saru magħhom. Il-kummenti ppreżentati mill-partijiet u/jew ippreżentati matul is-seduti huma indirizzati fil-partijiet rispettivi ta’ dan ir-Regolament.
- (35) Barra minn hekk, wara d-divulgazzjonijiet definittivi addizzjonali individwali, Tezcan u MMK talbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta.
- (36) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB argumentat li l-miżuri anti-dumping jenħtieġ li jiġu sospiżi skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku minħabba l-bidliet fis-suq li sehnew wara t-tmiem tal-perjodu ta’ investigazzjoni. B’mod partikolari, CIB irreferiet għal żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-ARK sa minn tmiem il-perjodu ta’ investigazzjoni, titjib qawwi fil-profittabbiltà ta’ ċerti produttori tal-Unjoni minn dak iż-żmien ‘l hawn, u s-sanzjonijiet kontra r-Russja li jiggarrantixxu li ma jkunx probabbli li d-dannu jerġa’ jibda bħala riżultat tas-sospensjoni.
- (37) L-Artikolu 14(4) jiddikjara li l-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss meta jkun improbabbli li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni jerġa’ jibda bħala riżultat tas-sospensjoni. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda informazzjoni fil-fajl li tappoġġa li l-industrija tal-Unjoni tjebet wara t-tmiem tal-perjodu ta’ investigazzjoni b’mod li jkun improbabbli li d-dannu jkompli. Il-fatt li l-prezzijiet tal-ARK setgħu żdieđu wara l-perjodu ta’ investigazzjoni waħdu ma jistax ikun il-bażi għal konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni ma għadhiex iġġarrab dannu anke jekk ġiet aċċettata l-asserzjoni ta’ CIB li l-profittabbiltà ta’ “ċerti produttori tal-Unjoni” kienet tiżdieđ. Fil-fatt, il-ftuħ tal-investigazzjoni stess seta’ kellu tali effetti u għalhekk daww l-effetti malajr jispiċċaw jekk il-miżuri definittivi jiġu sospiżi. Il-Kummissjoni tista’ tissospendi biss il-miżuri wara analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni wara l-perjodu ta’ investigazzjoni, u tal-bidliet allegati fil-kundizzjonijiet tas-suq u li teħtieġ il-ġbir ta’ informazzjoni dettaljata. Din il-valutazzjoni normalment issir barra mill-proċedimenti ta’ investigazzjoni, b’mod partikolari meta asserzjonijiet bħal dawn jiġu ppreżentati tard u mingħajr l-evidenza ta’ sostenn meħtieġa, kif ġara f’dan il-każ.
- (38) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtR argumenta li l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward ta’ żewġ produttori esportaturi Russi ma kinitx iġġustifikata peress li l-kumpaniji kkooperaw, ipprovdew tweġibiet estensivi għall-kwestjonarju u għat-talba għal informazzjoni addizzjonali billi inkludew kalkoli intermedji u għamlu l-korrezzjonijiet mitluba. Barra minn hekk, il-GtR indika li l-ittri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 intbagħtu aktar minn xahar wara li ġew konklużi l-verifiki u l-kontroverifiki mill-bogħod.
- (39) Il-Kummissjoni nnotat li r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ġew ikkomunikati u spjegati kif xieraq lill-kumpaniji rispettivi wara li l-informazzjoni kollha miġbura mit-tweġibiet għall-kwestjonarju u daww dwar l-insuffiċjenza u matul il-verifiki u l-kontroverifiki mill-bogħod, ġiet analizzata kif xieraq. Fir-rigward ta’ PAOS, il-kwistjoni hija indirizzata fid-dettall fil-premessi (93) sa (109). Fir-rigward tal-MMK, ir-raġunijiet huma spjegati fil-premessi (75) sa (90) b’mod ġenerali u, għal raġunijiet ta’ kunfidenzjalità, fl-iżvelar speċifiku tal-kumpanija fid-dettall. Għalhekk, il-Kummissjoni ċađdet l-asserzjonijiet tal-GtR dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

## 2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott ikkonċernat

- (40) Il-prodott ikkonċernat huma prodotti rrumblati ċatti tal-hadiđ jew tal-azzar illigat jew azzar mhux illigat; miksija jew mġhottija permezz ta’ galvanizza f’banju sħun biż-żingu u/jew bl-aluminju u/jew bil-manjeżju, sew jekk ligati bis-siliċju sew jekk le; b’passivazzjoni kimika; bi kwalunkwe trattament tal-wiċċ addizzjonali bħal żejt jew issiġillar jew mingħajru; li skont il-piż fihom: mhux aktar minn 0,5 % ta’ karbonju, mhux aktar minn 1,1 % ta’ aluminju, mhux aktar minn 0,12 % ta’ nijobju, mhux aktar minn 0,17 % ta’ titanju u mhux aktar minn 0,15 % ta’ vanadju; ippreżentati f’kojls, f’folji maqtugħhin skont it-tul u fi strixxi doġoq, li joriġinaw fir-Russja u t-Turkija, u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7210 41 00, ex 7210 49 00, ex 7210 61 00, ex 7210 69 00, ex 7210 90 80, ex 7212 30 00, ex 7212 50 61, ex 7212 50 69, ex 7212 50 90, ex 7225 92 00, ex 7225 99 00, ex 7226 99 30,

ex 7226 99 70 (il-Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 41 00 30, 7210 49 00 20, 7210 49 00 30, 7210 61 00 20, 7210 61 00 30, 7210 69 00 20, 7210 69 00 30, 7210 90 80 92, 7212 30 00 20, 7212 30 00 30, 7212 50 61 20, 7212 50 61 30, 7212 50 69 20, 7212 50 69 30, 7212 50 90 14, 7212 50 90 92, 7225 92 00 20, 7225 92 00 30, 7225 99 00 22, 7225 99 00 23, 7225 99 00 41, 7225 99 00 92, 7225 99 00 93, 7226 99 30 10, 7226 99 30 30, 7226 99 70 13, 7226 99 70 93, 7226 99 70 94) ("il-prodott ikkonċernat").

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

- tal-azzar inossidabbli, tal-azzar tas-siliċju manjetiku, u tal-azzar b'veloċità għolja,
- mhux maħdumin aktar ħlief illaminati bis-sħana jew illaminati bil-kesħa (cold-reduced).

- (41) L-ARK jiġi prodott billi kojls, folji u strixxi tal-azzar irrumblati ċatti jinksew permezz ta' immersjoni f'banju ta' metall jew ta' liga tal-metall taż-żingu mdewweb. Il-metall tal-kisi jingħaqad mas-substrat tal-azzar f'reazzjoni metallurġika sabiex jiffirma struttura b'diversi saffi ta' liġi, li jirriżulta f'kiswa li tkun imwaħħda metallurgikament mal-azzar. Il-wiċċ tal-prodott ikompli jiġi ttrattat permezz ta' passivazzjoni kimika sabiex il-wiċċ jiġi protett kontra l-umdità u sabiex jonqos ir-riskju li jiffirmaw prodotti ta' korrużjoni waqt il-ħżin u t-trasport.
- (42) L-ARK jintuża prinċipalment fis-settur tal-kostruzzjoni għal diversi materjali tal-bini għall-kisi iżda wkoll għall-manifattura ta' apparat elettrodomestiku, għall-proċessi ta' fformar ta' folji permezz ta' għid fil-fond (deep-drawing) u proċessi ta' stampar u għall-pajpijiet żgħar iwweldjati.

## 2.2. Prodott simili

- (43) L-investigazzjoni wriet li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:
- il-prodott ikkonċernat;
  - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Russja u t-Turkija; u
  - il-prodott immanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.
- (44) Il-Kummissjoni ddeċidiet li daww il-prodotti huma, għalhekk, prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 2.3. L-asserzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott

- (45) Importatur talab li l-ARK bi ħxuna ta' anqas minn 0,40 mm ("daqsijiet irraq") jiġi eskluż mill-ambitu tal-investigazzjoni. Il-parti argumentat li d-daqsijiet irraq, aktar intensivi fix-xogħol u għaljin, jiffirmaw segment distint li jiġi prodott fi kwantitajiet insuffiċjenti mill-industrija tal-Unjoni. Il-parti żiedet li l-esklużjoni ta' daqsijiet irraq ma jnaqqasx l-effett korrettiv tal-miżuri mitluba mill-ilmentaturi, filwaqt li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fuq daqsijiet irraq tagħmel ħsara lill-utenti (peress li ma jkollhom l-ebda aċċess għal prodotti bħal dawn bi prezzijiet kompetittivi).
- (46) Il-Kummissjoni sabet li r-raġunijiet għat-talba kienu infondati minħabba li, b'mod ġenerali, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' produzzjoni għad-daqsijiet kollha meħtieġa tal-ARK<sup>(8)</sup>. Il-Kummissjoni sabet ukoll li t-tipi kollha tal-ARK, irrispettivament mid-daqs jew mill-punt tal-importazzjoni tagħhom, jiġu prodotti f'linji ta' galvanizzar f'banju sħun u għandhom l-istess karatteristiċi f'termini tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi tagħhom, l-użi finali u l-interkambjabbiltà tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għall-esklużjoni.
- (47) Tezcan, produttur Tork ta', fost l-oħrajn, AluZinc miksi b'ARK ("ARK AluZinc") talab l-esklużjoni ta' ARK AluZinc mill-ambitu tal-miżuri. Skont il-parti, il-prodotti tal-ARK AluZinc huma segment distint tal-ARK, li ma jikkompetix mal-prodotti mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni. Il-parti ddikjarat li l-prodotti tal-ARK AluZinc ma ġewx immanifatturati fl-Unjoni "fi kwantitajiet kummerċjalment vijabbli" u li l-produttur tal-Unjoni li jimmanifattura tali prodott ma setax jipprovdni l-ammont ta' ARK AluZinc meħtieġ sabiex jissodisfa d-domanda fl-Unjoni.

<sup>(8)</sup> Fil-fajl mhux kunfidenzjali t21.005520, l-ilmentatur ipprovdna lista ta' disa' produtturi tal-Unjoni u paġni tal-katalgu tal-web li juru li daww il-produtturi jistgħu jipproduċu ARK bi ħxuna ta' anqas minn 0,40 mm.

- (48) Il-Kummissjoni sabet li r-raġunijiet għat-talba kienu infondati minħabba li, anke jekk temporanjament kien hemm produzzjoni limitata fl-Unjoni ta' ARK AluZinc, b'mod ġenerali, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità ta' produzzjoni għal ARK AluZinc. Il-Kummissjoni sabet ukoll li t-tipi kollha ta' ARK, irrISPETTIVAMENT mill-kisi tagħhom, huma prodotti f'linji ta' galvanizzar f'banju sħun. Barra minn hekk, l-ARK AluZinc u ARK b'kisjiet oħrajn għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u użi finali u huma interkambjabbli<sup>(9)</sup>. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għall-esklużjoni.
- (49) Wara d-divulgazzjoni finali, Tezcan reġgħet tenniet it-talba tagħha. Hija ddikjarat li ma kien hemm l-ebda produzzjoni tal-Unjoni bħala riżultat ta' ġestjoni finanzjarja ħażina min-naħa tal-uniku produttur tal-Unjoni tal-ARK AluZinc. Tezcan insistiet li l-ARK AluZinc u Zinc kienu prodotti kompletament differenti – fiżikament, kimikament u teknikament – jiġifieri abbażi tal-proċess ta' produzzjoni tal-ARK AluZinc u xi proprjetajiet tal-AluZinc.
- (50) Il-Kummissjoni sabet li r-raġunijiet ta' Tezcan għat-talba kienu infondati minħabba li l-produttur li semmiet Tezcan kellu pjan ta' negozju vijabbli u baqa' parti vijabbli mill-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet sabet li t-tipi kollha ta' ARK, irrISPETTIVAMENT mill-kisi tagħhom, jiġu prodotti f'linji ta' galvanizzar f'banju sħun, li kien rikonoxxut minn Tezcan meta nnotat li l-uniku produttur tal-Unjoni tal-ARK AluZinc għandu linja waħda ta' galvanizzar f'banju sħun iżda żewġ bramel, li jistgħu jiġu ssostitwiti bejniethom, skont jekk il-produttur ikunx irid jipproduċi ARK AluZinc jew prodotti oħra. Barra minn hekk, l-asserzjoni li mhux il-kisjiet kollha tal-ARK ikollhom eżattament l-istess proprjetajiet ma jneħħix il-fatt li l-ARK AluZinc u ARK b'kisjiet oħra għandhom l-istess karatteristiċi f'termini tal-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi tagħhom, l-użi finali u l-interkambjabbiltà<sup>(10)</sup> tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat it-talba għall-esklużjoni.

### 3. DUMPING

#### 3.1. Ir-Russja

##### 3.1.1. Il-valur normali

- (51) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur li kkoopera tal-prodott simili fis-suq domestiku, kien rappreżentattiv.
- (52) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin lokalment li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.
- (53) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur li kkoopera fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.
- (54) Il-Kummissjoni stabbiliet li MMK ma kinitx tbigħ tip wieħed ta' prodott fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku. Barra minn hekk, it-tliet produtturi esportaturi Russi li kkooperaw kollha ma kinux ibigħu ċerti tipi ta' prodotti fis-suq domestiku.

<sup>(9)</sup> Fil-fajl mhux kunfidenzjali t21.005520, l-ilmentatur ipprova eżempji, appoġġati mill-istandards applikabbli tal-UE, li l-ARK AluZinc u ARK b'kisjiet oħrajn jistgħu jintużaw alternattivament fil-kostruzzjoni.

<sup>(10)</sup> Fil-fajl mhux kunfidenzjali t22.003396, l-ilmentatur ipprova eżempji, appoġġati mill-istandards applikabbli tal-UE, li l-ARK AluZinc u ARK b'kisjiet oħrajn jistgħu jintużaw minflok xulxin f'ċerti prodotti għall-oqfsa tal-metall, għas-soqfa u għall-kisi.



- (55) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (56) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat ta' produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u
  - (b) l-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (57) F'sitwazzjoni bħal din, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (58) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt biss tat-tipi ta' prodotti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip; jew
  - (b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (59) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li, skont it-tip ta' prodott, bejn 47 u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' MMK, bejn 43 % u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' NLMK u bejn 24 u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' PAOS kien profittabbli u l-prezz tal-bejgħ medju ponderat tagħhom kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.
- (60) Għat-tipi ta' prodotti fejn il-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt ta' dak it-tip ta' prodott.
- (61) Fejn ma kien hemm l-ebda bejgħ tat-tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors normali tan-negozju jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.
- (62) Il-valur normali tfassal billi zdieg dan li għej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni:
- (a) l-ispejjeż tal-bejgħ medji ponderati, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") imġarrba mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u
  - (b) l-profitt medju ponderat magħmul mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (63) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa għalkollox fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.
- (64) Il-kost tal-produzzjoni ġie aġġustat fejn kien iġġustifikat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. It-tliet produtturi esportaturi kollha li kkooperaw kisbu ċerta materja prima minn fornituri relatati. Il-Kummissjoni eżaminat jekk dik il-materja prima ntraxx bi prezz distakkat u, fejn meħtieġ, aġġustat il-kost tal-produzzjoni sabiex jirrifletti b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

- (65) Wara d-divulgazzjoni finali, NLMK sostniet li tali aġġustamenti ma kinux ġustifikati, b'mod partikolari, peress li l-Kummissjoni ma qisix l-effett tal-kost tal-merkanzija inkluż fil-prezz tal-materja prima eżaminata mibjugħa lill-NLMK u lil klijenti mhux relatati f'diversi termini ta' konsenja, għalkemm din l-informazzjoni kienet disponibbli. Il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjoni fir-rigward ta' ċerta materja prima u rrevediet il-valur normali kif xieraq. Il-kalkolu rivedut ġie żvelat lill-kumpanija.
- (66) Wara d-divulgazzjoni finali, PAOS sostniet li l-aġġustament tal-kost tal-materja prima skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku kien illegali. B'mod partikolari, il-kumpanija argumentat li l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku ppermetta lill-Kummissjoni tiddevja mir-rekords tal-kumpanija f'żewġ sitwazzjonijiet: (a) meta r-rekords ma kinux f'konformità mal-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati tal-pajjiż ikkonċernat u (b) meta r-rekords ma kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni, il-kumpanija rreferiet għall-paragrafu 6.97 tar-rapport tal-Korp tal-Appell tad-WTO f'Ukraine – Ammonium Nitrate (Russia) <sup>(11)</sup>, li jgħid "it-tieni kundizzjoni fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2.2.1.1 [tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping] hija relatata ma' jekk ir-rekords miżmuma mill-esportatur jew mill-produttur li jkun qed jiġi investigat jikkorrispondux b'mod xieraq u suffiċjenti mal-kostijiet imġarrba mill-esportatur jew mill-produttur investigat li jkollhom relazzjoni ġenwina mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott speċifiku taħt kunsiderazzjoni jew jirriproduċuhomx".
- (67) Il-Kummissjoni nnotat li l-punt 6.97 tar-rapport tal-Korp tal-Appell f'Ukraine – Ammonium Nitrate (Russia) jenħtieġ li jitqies fil-kuntest previst mill-punti li jippreċeduh. Diġà f'EU – Biodiesel (Arġentina) <sup>(12)</sup>, il-Korp tal-Appell approva li l-prezzijiet tal-materja prima bejn il-partijiet relatati setgħu jitqiesu li ma kinux distakkati u għaldaqstant setgħu jiġu miċħuda. Il-punt 6.97 tar-rapport tal-Korp tal-Appell f'Ukraine – Ammonium Nitrate (Russia) kompli jiċċara li s-sitwazzjonijiet imsemmija fir-rapport tal-Panel f'EU – Biodiesel (Arġentina) jenħtieġ li ma jinftehmux bħala eċċezzjonijiet miftuħa iżda jenħtieġ li jiġu eżaminati fuq bażi ta' każ b'każ. F'dan il-każ, il-Kummissjoni rrifjutat il-prezzijiet ta' ċerta materja prima mixtrija minn PAOS mingħand fornituri relatati wara analiżi xierqa u għalhekk b'mod għalkollox konsistenti mar-regoli tad-WTO. Il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet mitluba mill-fornitur relatat lil PAOS ma' dawk mitluba mill-fornitur relatat lil klijenti mhux relatati. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet mitluba mill-fornitur relatat lil PAOS ma kinux distakkati. B'hekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (68) Barra minn hekk, PAOS sostniet li l-Kummissjoni ma użatx il-metodoloġija korretta meta analizzat jekk il-prezz ta' ċerta materja prima mħallas bejn PAOS u l-fornituri relatati tagħha kienx distakkat. Il-kumpanija argumentat li l-Kummissjoni messha qabblet il-prezzijiet imħallsa minn PAOS meta tixtri materja prima mill-fornituri relatati tagħha mal-prezzijiet mitluba minn fornituri indipendenti.
- (69) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li kienet Prattika stabbilita li jintużaw il-prezzijiet mitluba mill-fornitur relatat għall-analiżi tal-prezzijiet ta' distakkament. F'dan il-każ, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-fornitur relatat lil PAOS u lil klijenti mhux relatati kienu disponibbli u vverifikati. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tuża l-informazzjoni vverifikata għall-analiżi tagħha. Barra minn hekk, il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda spjegazzjoni għad-differenza fil-prezz għajr ir-relazzjoni bejn il-fornitur u PAOS. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.
- (70) Fl-aħħar nett, PAOS ikkummentat dwar għadd ta' dettalji tekniċi li jikkonċernaw l-analiżi tal-prezzijiet ta' distakkament. L-ewwel, il-kumpanija oġġezzjonat għar-rifjut tal-introjtu finanzjarju fil-kalkolu tat-telf iġġenerat mill-fornitur tal-faħam. It-tieni, il-kumpanija argumentat li l-Kummissjoni ma rreflettietx b'mod korrett id-differenzi f'ċerti gradi tal-faħam mixtrija minn PAOS fit-tqabbil tal-prezzijiet. It-tielet, il-kumpanija indikat żball klerikali fil-kalkolu tal-konsum totali tal-faħam. Ir-raba', il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni qabblet b'mod żbaljat il-prezz tal-bejgħ tal-pellets tal-mineral tal-ħadid lil klijenti mhux relatati mal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid mitlub minn PAOS għall-pellets tal-mineral tal-ħadid, li nxtraw mingħand il-fornitur relatat għall-iskop uniku tal-bejgħ mill-ġdid

<sup>(11)</sup> Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, DS493 – Ukraine – Anti-Dumping Measures on Ammonium Nitrate (Russia), il-punt 6.97.

<sup>(12)</sup> Rapport tal-Panel, DS473 – EU – Biodiesel (Arġentina), il-punt 7.232.

tagħhom. Il-ħames, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni ma qisix id-differenzi fit-termini tal-konsenja u għalhekk fil-kost tal-merkanzija inkluż fil-prezz tal-bejgħ tal-pellets tal-mineral tal-ħadid meta fornuti lil PAOS u lil klijenti mhux relatati. U s-sitta, fejn il-Kummissjoni wettqet l-analiżi tal-prezzijiet għal kategorija wiesgħa ta' pellets tal-mineral tal-ħadid (bi fluss u mingħajr fluss), il-kumpanija sostniet li ċerti pellets, li l-informazzjoni dwarhom ma kinitx speċifikata fl-elenkar tax-xiri, jenħtieġ li jitqiesu jew bħala bi fluss jew mingħajr fluss.

- (71) Il-Kummissjoni eżaminat l-asserzjonijiet u kkonkludiet li t-tieni, it-tielet u r-raba' punti deskritti fil-premessa (70), kienu jeħtieġu korrezzjoni fil-kalkolu tal-aġġustament tal-kost. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qabblet il-prezz tal-grad tal-faħam inkwistjoni mal-grad tal-faħam l-aktar simili, ikkoreġiet l-iżball klerikali fil-kalkolu tal-konsum totali tal-faħam, u użat il-prezz tal-bejgħ tal-pellets tal-mineral tal-ħadid għall-konsum ta' PAOS għall-analiżi tal-prezzijiet ta' distakkament. Iċ-ċifri kkoreġuti ġew iddivulgati mill-ġdid lill-kumpanija.
- (72) Madankollu, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjonijiet deskritti fil-punti wieħed, ħamsa u sitta fil-premessa (70) għar-raġunijiet li ġejjin:
- L-introjt finanzjarju ġie miċħud peress li kien iġġenerat mill-imgħax riċevut minn self mogħti. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li tali introjt ma kienx marbut mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-materja prima.
  - Il-Kummissjoni ma setgħetx tqis id-differenzi fil-kost tal-merkanzija inklużi fil-prezz tal-bejgħ tat-tranżazzjonijiet taħt diversi termini ta' konsenja peress li la l-fornitur relatat u lanqas PAOS ma rrapportaw il-kost tal-merkanzija mġarrab.
  - L-informazzjoni pprovduta minn PAOS dwar li ċerti tipi ta' pellets tal-mineral tal-ħadid ikunu bi fluss jew mingħajr fluss ma setgħetx tiġi vverifikata f'dan il-punt tal-investigazzjoni. Il-kumpanija lanqas ma pprovdiet xi evidenza bħala sostenn għall-asserzjoni tagħha.

### 3.1.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (73) Il-produtturi esportaturi Russi li kkooperaw kienu jesportaw lejn l-Unjoni permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importatur skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jew permezz ta' negozjanti relatati li jinsabu f'pajjiż terz.
- (74) MMK irrapportat il-bejgħ ta' ARK lill-Unjoni permezz ta' MMK Steel Trade, negozjant relatat li jinsab fl-Iżvizzera, u permezz ta' kumpanija oħra li tinsab fl-Iżvizzera li l-MMK iddeskriviet bħala mhux relatata (minn hawn 'il quddiem "in-negozjant Żvizzeru").
- (75) Fir-rigward tan-negozjant Żvizzeru, il-Kummissjoni staqsiet dwar in-natura tar-relazzjoni tiegħu ma' MMK. B'mod partikolari, il-Kummissjoni analizzat id-dokumenti disponibbli għall-pubbliku maħruġa minn MMK, bħar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-Grupp MMK <sup>(13)</sup>, id-divulgazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet mal-partijiet interessati <sup>(14)</sup>, ir-rapporti annwali u l-annessi tagħhom <sup>(15)</sup>, u informazzjoni disponibbli faċilment fil-bażijiet tad-*data* tal-intelliġenza tas-suq, bħal Dun & Bradstreet.
- (76) L-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija u miġbura mill-Kummissjoni minn sorsi oħrajn wasslet lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li MMK iprovdiet informazzjoni qarrieqa dwar ir-relazzjoni tagħha man-negozjant Żvizzeru, u b'hekk fixklet l-investigazzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-analiżi li wasslet għall-konklużjoni tal-Kummissjoni ġiet żvelata lil MMK biss.

<sup>(13)</sup> PJSC MMK u s-Sussidjarji. Rapporti Finanzjarji Konsolidati għas-Sena li Ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2012, 2013 u 2014. Disponibbli fuq <https://mmk.ru/en/investor/results-and-reports/financial-results/> (ikkonsultat l-aħħar fil-25 ta' Ottubru 2021).

<sup>(14)</sup> Id-divulgazzjoni ta' "Making of an interested-party transaction by the Issuer". Disponibbli fuq <https://mmk.ru/en/about/corporate-governance/disclosure-of-information/essential-facts/>. Fl-4 ta' April 2022, dan il-post fuq is-sit web tal-kumpanija ma kienx disponibbli. Id-dokumenti għadhom disponibbli għall-pubbliku fuq il-portal online taċ-Ċentru ta' Divulgazzjoni tal-Infommazzjoni Korporattiva ta' LLC Interfax, <https://e-disclosure.ru/portal/company.aspx?id=9&attempt=1> (ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' April 2022).

<sup>(15)</sup> Annessi għar-rapport annwali ta' MMK għall-2017. Disponibbli fuq <https://mmk.ru/en/investor/results-and-reports/annual-reports/> (ikkonsultat l-aħħar fl-4 ta' April 2022).

- (77) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid ta' tranżazzjonijiet lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni għall-bejgħ li sar permezz tan-negozjant Żvizzeru, u lanqas dwar il-funzjonijiet konkreti tiegħu, u għalhekk ma setgħetx tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni għal kanal wieħed tal-bejgħ tal-kumpanija fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-kumpanija bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-informazzjoni li hija naqset li tipprovdi.
- (78) L-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn MMK, wara l-ittra tal-Artikolu 18, ma biddlux il-konklużjoni tal-Kummissjoni li MMK ipprovdiet informazzjoni qarrieqa dwar ir-relazzjoni tagħha man-negozjant Żvizzeru, u b'hekk fixklet l-investigazzjoni. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-analiżi tal-kummenti ta' MMK dwar l-intenzjoni li jiġi applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ġiet żvelata biss lil MMK.
- (79) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-bejgħ fis-suq tal-Unjoni mwettaq permezz tan-negozjant Żvizzeru. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bbażat id-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping għal dan il-kanal ta' bejgħ fuq il-marġnijiet tad-dumping ikkalkolati għall-bejgħ imwettaq permezz ta' MMK Steel Trade.
- (80) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali, MMK issottomettiet li l-Kummissjoni għamlet żball meta applikat l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għal MMK fir-rigward tan-negozjant Żvizzeru. F'dan ir-rigward, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni naqset milli tqis ċerti dokumenti pprovduti minn MMK u tenniet l-ispjegazzjoni tagħha tal-kontradizzjonijiet li sabet il-Kummissjoni. Barra minn hekk, MMK sostniet li l-Kummissjoni kisret l-istandard legali stabbilit mill-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku fl-għażla tal-fatti disponibbli billi għażlet dawk il-fatti bl-għan speċifiku li tippenalizza lil MMK billi applikat fatti negattivi disponibbli, li huwa kompletament inkompatibbli mal-għan u l-iskop tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (81) MMK ma pprovdiet ebda evidenza ġdida dwar ir-relazzjoni man-negozjant Żvizzeru. Il-Kummissjoni kienet diġà analizzat bir-reqqa l-informazzjoni kollha inklużi d-dokumenti msemmija mill-kumpanija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-kumpanija ma pprovdiet l-ebda evidenza li tappoġġa l-ispjegazzjoni tal-informazzjoni kontradittorja dwar ir-relazzjoni bejn MMK u n-negozjant Żvizzeru. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (82) Fir-rigward tal-asserzjoni li l-Kummissjoni kisret l-istandard legali tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ma taqbilx. Kif spjegat hawn fuq, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni għal kanal tal-bejgħ wieħed sħiħ tal-bejgħ tal-kumpanija fis-suq tal-Unjoni, u għalhekk hija bbażat il-marġni tad-dumping għal dan il-kanal tal-bejgħ fuq il-marġnijiet tad-dumping ikkalkolati għall-bejgħ imwettaq permezz ta' negozjant relatat, MMK Steel Trade, li għaliha setgħet tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni.
- (83) Dan l-approċċ huwa kompletament konformi mar-regoli rilevanti tad-WTO u mad-dritt tal-UE. Skont ir-rapport tal-Panel tad-WTO dwar *United States – Anti-dumping and countervailing duties on certain products and the use of facts available* <sup>(16)</sup>, meta japplikaw il-fatti disponibbli, l-awtoritajiet investigattivi jkunu meħtieġa jagħżlu, b'mod imparzjali u oġġettiv, dawk il-fatti disponibbli li jikkostitwixxu sostituzzjonijiet raġonevoli għall-informazzjoni "meħtieġa" nieqsa fil-fatti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' każ partikolari. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet investigattivi jridu jqisu l-fatti kollha li jkunu disponibbli għalihom kif xieraq. Fl-għażla tal-fatti ta' sostituzzjoni, l-Artikolu 6.8 tal-Ftehim dwar l-Anti-dumping tad-WTO ma jirrikjedix li l-awtoritajiet investigattivi jagħżlu dawk il-fatti li jkunu l-aktar "favorevoli" għall-parti li ma tikkooperax. L-awtoritajiet investigattivi jistgħu jqisu ċ-ċirkostanzi proċedurali li fihom l-informazzjoni tkun nieqsa, iżda l-Artikolu 6.8 ma japprovax l-għażla ta' fatti ta' sostituzzjoni għall-fini li tiġi ppenalizzata l-parti interessata.
- (84) L-approċċ tal-Kummissjoni segwa bis-sħiħ din ir-regola. B'mod imparzjali, hija ħadet il-komportament tal-ipprezzar attwali u vverifikat ta' MMK osservat f'kanal tal-bejgħ li għalih il-Kummissjoni setgħet tivverifika d-*data* rilevanti u użatu bħala mudell ta' komportamenti tal-ipprezzar għall-kanal fejn id-*data* ma ġietx ipprovduta. Hija użat ammont medju ta' dumping għal tip ta' prodott rappreżentattiv tal-potenzjal ta' dumping magħruf tal-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi fejn il-kumpanija għażlet li ma tipprovdix lill-Kummissjoni bi proporzjon kbir tal-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha, l-użu ta' komportament tal-ipprezzar attwali u vverifikat

<sup>(16)</sup> Rapport tal-Panel, *US — Anti-Dumping and Countervailing Duties (Korea)*, WT/DS539/R, il-punt 7.36. Ara wkoll ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *US – Carbon Steel (India)*, WT/DS436/AB/R, il-punt 4.421.

eżerċitat mill-kumpanija matul il-perjodu ta' investigazzjoni bħala mudell ma jistax jingħad li huwa soġġettiv jew punittiv. Dan iwassal għal marġnijiet ta' dumping u ta' dannu kemm jista' jkun preċiżi fil-kuntest tan-nuqqas sinifikanti ta' kooperazzjoni tal-kumpanija, u għalhekk jikkonforma mal-ġurisprudenza tad-WTO kkwotata minn MMK. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

- (85) Kif imsemmi fil-premessa (35), MMK talbet seduta ta' smiġħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Waqt is-seduta, MMK indikat li, fl-itra tagħha tal-Artikolu 18, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet se tapplika l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku. Il-kumpanija talbet kjarifika tal-bażi ġuridika peress li d-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali semma biss l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-kumpanija affermat li l-Kummissjoni messha applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku peress li MMK wiegħbet għat-talbiet kollha tal-Kummissjoni għal informazzjoni meħtieġa, ma pprovdietx informazzjoni qarrieqa, u ma fixklitx l-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-kumpanija sottomettiet li l-Kummissjoni qatt ma kienet talbet l-informazzjoni dwar il-prezzijiet tal-esportazzjoni tan-negożjant Żvizzeru. Fl-aħħar nett, MMK tenniet li l-Kummissjoni kisret l-istandard legali tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku meta applikat il-fatti disponibbli.
- (86) Tabilħaqq, ir-referenza għall-Artikolu 18(3) fl-itra tal-Artikolu 18 kienet żball klerikali ovvju peress li l-itra qalet ukoll li s-servizzi tal-Kummissjoni kkonkludew li MMK ipprovdiet informazzjoni qarrieqa, u b'hekk fixklet l-investigazzjoni, kif previst fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. Mil-lingwa tal-itra tal-Artikolu 18 u l-fatti tal-każ, huwa ċar li l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' *data* nieqsa skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati peress li d-*data* – il-prezzijiet tal-esportazzjoni lill-ewwel klijent indipendenti – ma kinitx ingħatat u għalhekk ma kinitx verifikabbli. Barra minn hekk, huwa ċar li l-parti ma aġixxitx bl-aħjar mod li setgħet. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li t-tweġiba ta' MMK għall-itra tal-Artikolu 18 uriet b'mod ċar li MMK kienet tifhem li ċ-ċirkostanzi kienu jirrikjedu l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku u li l-Kummissjoni kienet se ddu għall-fatti disponibbli. Din hija r-raġuni għaliex f'dik it-tweġiba MMK argumentat liema settijiet ta' informazzjoni kellhom jintużaw minflok id-*data* injorata.
- (87) Barra minn hekk, il-fatt li r-referenza għall-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku kienet żball klerikali kien ikkonfermat mill-fatt li ma kien hemm l-ebda referenza għall-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali.
- (88) Fir-rigward tal-asserzjonijiet elenkati fil-premessa (85) dwar il-kooperazzjoni tal-kumpanija, il-Kummissjoni nnotat li l-kumpanija kienet ingannat lill-Kummissjoni fir-rigward tar-relazzjoni stabbilita bejn MMK u n-negożjant Żvizzeru peress li komplet issorsti li l-kumpanija ma kinix relatati. Barra minn hekk, il-kumpanija naqset milli tipprovi l-prezzijiet tal-esportazzjoni tan-negożjant Żvizzeru, jiġifieri l-informazzjoni meħtieġa għad-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping. Il-Kummissjoni qieset li l-kumpanija sostniet b'mod żbaljat li l-Kummissjoni qatt ma talbet il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-kummerċjant Żvizzeru. Fil-kwestjonarju għall-produtturi esportaturi ppubblikat fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ fid-data tal-bidu tal-investigazzjoni, il-kumpanija relatati involuti fil-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni huma b'mod ċar meħtieġa jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju<sup>(17)</sup>. Konsegwentement, iċ-ċaħda kontinwa tar-relazzjoni bejn MMK u n-negożjant Żvizzeru u n-nuqqas ta' għoti tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tan-negożjant Żvizzeru fixklu l-investigazzjoni.
- (89) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li hija kienet tqis li l-fatti joqogħdu fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku. Madankollu, kif spjegat fil-premessi (82) sa (84), il-Kummissjoni fittxet li tistabbilixxi liema fatti disponibbli, abbażi tal-informazzjoni attwali pprovduta mill-kumpanija inkwistjoni, jikkostitwixxu sostituzzjoni raġonevoli għall-informazzjoni meħtieġa nieqsa f'dan il-każ.
- (90) Wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċjal tas-Seduta, il-Kummissjoni qieset bir-reqqa l-kwistjonijiet imqajma mill-kumpanija fis-seduta ta' smiġħ u infurmat lill-Uffiċjal tas-Seduta bil-konklużjonijiet tagħha.
- (91) Minbarra l-kjarifiki pprovduti fil-premessi (81) sa (84) u (86) sa (89), il-Kummissjoni żvelat analiżi aktar dettaljata tal-kummenti ta' MMK dwar id-divulgazzjoni finali u ppreżentata fis-seduta lill-kumpanija biss għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

<sup>(17)</sup> Introduzzjoni, il-punt (5) tal-Kwestjonarju għall-produtturi esportaturi fir-Russja (p. 7). Disponibbli fuq <https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-history?caseId=2531> (ikkonsultat l-aħħar fl-10 ta' Ġunju 2022).

- (92) PAOS kienet tesporta lejn l-Unjoni permezz ta' Severstal Export GmbH, negozjant relatat li jinsab fl-Iżvizzera, u SIA Severstal Distribution, importatur relatat li jinsab fil-Latvja. SDE hija ċentru tas-servizzi li kien ibiġh ARK lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni kemm mingħajr ipproċessar kif ukoll wara pproċessar ulterjuri.
- (93) SDE ma pprovdietx informazzjoni dwar ix-xiri u l-istokkijiet tal-ARK fit-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju u dwar l-insuffiċjenza. Il-kumpanija ġiet imfakkra sabiex tipprovdi din id-*data* permezz ta' ittri elettroniċi mibgħuta fil-15 ta' Novembru 2021 u fil-25 ta' Jannar 2022. Minkejja t-talba fl-ittra tal-insuffiċjenza u t-tfakkiriet imsemmija hawn fuq, il-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni nieqsa sal-ewwel jum taż-żjara ta' verifika fuq il-post. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tanalizza d-*data* dwar ix-xiri qabel iż-żjara ta' verifika, b'mod partikolari sabiex tivverifikaha għall-konsistenza ma' partijiet oħrajn tat-tweġibiet għall-kwestjonarju u dwar l-insuffiċjenza. Id-*data* dwar ix-xiri ta' negozjant relatat ġeneralment tintuża sabiex tgħaqqad il-bejgħ ta' produttur esportatur lin-negozjant jew l-importatur tiegħu ma' bejgħ mill-ġdid sussegwenti u hija kruċjali għad-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni.
- (94) Diġà matul iż-żjara ta' verifika fil-bini ta' SDE, il-Kummissjoni nnotat u ressqet kwistjonijiet għall-attenzjoni tal-kumpanija dwar it-tipi ta' prodotti assenjati għal tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-ġdid minn SDE. Il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-ġdid u vverifikat id-dokumenti disponibbli li jappoġġaw l-informazzjoni pprovduta mill-kumpanija, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-prodotti mibjugħa. Il-Kummissjoni gābret dokumenti ta' sostenn relatati ma' kampjun ta' t-nax-il fattura tal-bejgħ. Ferba' każijiet, il-Kummissjoni osservat li t-tip ta' prodott ġie assenjat b'mod żbaljat. Il-kumpanija qablet li tagħmel il-korrezzjonijiet. Madankollu, hija sostniet li l-kontroverifika tat-tranżazzjonijiet kollha ta' bejgħ mill-ġdid potenzjalment affettwati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi miftiehma fl-ordnijiet ta' bejgħ, tkun ta' piż kbir wisq. Għalhekk, il-kumpanija ssuġġeriet li tintuża metodoloġija bbażata fuq it-tipi ta' prodotti mibjugħa minn PAOS lil SDE. Din il-kwistjoni ġiet irreġistrata kif xieraq fir-rapport ta' verifika, li kien kondiviż mal-kumpanija. Il-kumpanija kellha l-opportunità li tikkummenta dwar żbalji fattwali potenzjali. Madankollu, SDE ma oġġezzjonat għall-ebda parti tar-rapport ta' verifika.
- (95) Wara l-verifika fuq il-post, il-Kummissjoni kkontroverifikat id-*data* dwar ix-xiri li SDE pprovdiet biss matul iż-żjara ta' verifika mad-*data* dwar il-bejgħ korrispondenti ta' PAOS. Il-Kummissjoni nnotat li ż-żewġ settijiet tad-*data* kienu għadhom inkonsistenti fir-rigward tat-tipi ta' prodotti.
- (96) F'dan ir-rigward, it-tipi ta' prodotti li SDE rrapportat li xtrat fil-perjodu ta' investigazzjoni mingħand PAOS iżda li PAOS ma rrapportatx li biegħet lil SDE kienu jirrappreżentaw madwar 30 % tal-volum totali mixtri rrapportat minn SDE.
- (97) Minflok ma skartat kompletament is-sett tad-*data* kollu, il-Kummissjoni użat it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-ġdid, li għalihom it-tipi ta' prodotti ġew attribwiti b'mod korrett, sabiex tiddetermina l-marġni tad-dumping tat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-ġdid b'tipi ta' prodotti attribwiti b'mod żbaljat.
- (98) Il-Kummissjoni kkonkludiet li PAOS ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa sal-iskadenza stabbilita, u b'hekk fixklet l-investigazzjoni. Il-Kummissjoni informat lill-kumpanija bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sal-punt tal-informazzjoni li l-kumpanija naqset li tipprovdi.
- (99) Fil-kummenti tagħha dwar l-ittra tal-Artikolu 18, il-kumpanija ddikjarat li hija pprovdiet id-*data* kollha inklużi fajls intermedji fejn dawn ġew mitluba. Hija fakkret ukoll li l-ħolqien tat-tipi ta' prodotti ġie spjegat lill-Kummissjoni u vverifikat minnha. Fejn il-Kummissjoni identifika żbalji fit-tipi ta' prodotti rrapportati, il-kumpanija pprovdiet korrezzjonijiet. PAOS argumentat li l-informazzjoni dwar ix-xiri ma kinitx użata fil-kalkolu tad-dumping. Hija indikat ukoll li l-Kummissjoni qatt ma qajmet dawn il-kwistjonijiet waqt il-kontroverifiki remoti u l-verifiki fuq il-post. Fir-rigward tal-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-impossibbiltà li jiġu identifikati t-tipi ta' prodotti mibjugħa minn SDE fis-suq tal-Unjoni, il-kumpanija fakkret l-ispeġazzjonijiet tagħha pprovduti fit-tweġiba dwar l-insuffiċjenza. Skont il-kumpanija, SDE ma setgħetx tipprovdi rabta għal kull tranżazzjoni bejn l-oġġetti mixtrija u mibjugħa minħabba l-ħżin, u diskrepanza bejn it-taħlita ta' provvisti u t-taħlita ta' bejgħ.
- (100) Il-Kummissjoni ma tikkontestax li eventwalment, PAOS u SDE pprovdew l-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarju. Madankollu, l-għoti tard ta' ċerta informazzjoni impedixxa serjament il-kapaċità tal-Kummissjoni li tanalizza d-*data* kif xieraq.

- (101) Għalkemm l-informazzjoni dwar ix-xiri ma tintużax direttament fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping, din hija għodda għall-kontroverifika u għall-verifika tal-konsistenza interna tal-informazzjoni sottomessa mill-produttur u mill-importatur relatat tiegħu li tintuża fil-kalkolu. F'dan il-każ, it-tqabbil tad-*data* dwar il-bejgħ ta' PAOS mad-*data* dwar ix-xiri ta' SDE matul l-istess perjodu, il-perjodu ta' investigazzjoni, żvela rapportar żbaljat, jew minn PAOS jew minn SDE, dwar it-tipi ta' prodotti.
- (102) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tkun konxja mill-iskala ta' din il-kwistjoni waqt il-kontroverifiki remoti u l-verifika fuq il-post peress li SDE pprovdiet biss id-*data* dwar ix-xiri tagħha fl-ewwel jum tal-verifika, u b'hekk ma tatx ċans lill-Kummissjoni tanalizza l-informazzjoni minn qabel. Madankollu, il-Kummissjoni kienet diġà indikat li fil-kampjun tat-tranżazzjonijiet tal-bejgħ li ġew ivverifikati fid-dettall, xi tipi ta' prodotti ġew irrapportati b'mod żbaljat.
- (103) Fl-aħħar nett, il-fatt li ma kien hemm l-ebda rabta diretta bejn id-*data* dwar il-bejgħ ta' PAOS u d-*data* dwar il-bejgħ mill-ġdid ta' SDE ma kinitx il-problema inkwistjoni. Il-Kummissjoni osservat li tabilħaqq, il-merkanzija mibjugħa mill-ġdid minn SDE matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet sa ċertu punt mixtrija qabel il-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-kwistjoni ewlenija kienet li t-tipi ta' prodotti rrapportati bħala mixtrija minn SDE mingħand PAOS matul il-perjodu ta' investigazzjoni f'ħafna każijiet ma kinux jaqblu mat-tipi ta' prodotti rrapportati bħala mibjugħa minn PAOS lil SDE matul il-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina jew tivverifika liema tipi ta' prodotti, immanifatturati minn PAOS, fil-fatt ġew mibjugħa mill-ġdid minn SDE fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (104) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni kkonfermat l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għall-bejgħ fis-suq tal-Unjoni ta' ċerti tipi ta' prodotti permezz ta' SDE.
- (105) Għaldaqstant, għall-bejgħ ta' PAOS lill-Unjoni permezz ta' SDE li taġixxi bħala importatur, għat-tranżazzjonijiet fejn it-tip ta' prodott kien identifikat b'mod korrett, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit abbażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inklużi l-ispejjeż SG&A, il-kost tal-ipproċessar, u l-profitti dovuti. Il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli sabiex tiddetermina l-prezz tal-esportazzjoni u sussegwentement il-marġni tad-dumping tat-tipi ta' prodotti assenjati b'mod żbaljat mibjugħa lill-Unjoni permezz ta' SDE.
- (106) Wara d-divulgazzjoni finali, PAOS sostniet li l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ma kinitx iġġustifikata. B'mod partikolari, il-kumpanija argumentat li l-informazzjoni li sottomettiet kienet biss "mhux ideali f'kull aspett" u li din ġiet approvduta fil-ħin la l-Kummissjoni rċeviet l-informazzjoni li qabel kienet nieqsa ferm qabel id-divulgazzjoni finali. Barra minn hekk, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni messha kkuntattjat lill-kumpanija meta skopriet l-inkonsistenzi fit-tipi ta' prodotti rrapportati. PAOS argumentat li l-inkonsistenzi rriżultaw mill-fatt li l-produttur juża l-massa effettiva tal-kisi taż-żingu (imkejla fil-produzzjoni) filwaqt li SDE tuża l-massa nominali tal-kisi taż-żingu (inkluża fil-kodiċijiet tal-prodott tal-kumpanija).
- (107) Minbarra d-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, PAOS ikkontestat ukoll l-għażla tal-fatti disponibbli. Minflok ma assenjat l-ogħla marġni ta' dumping lit-tipi ta' prodotti affettwati, li ġie kkalkolat għal tip ta' prodott li jirrappreżenta biss 0,01 – 0,03 % mill-esportazzjonijiet tal-kumpanija fil-PI, il-Kummissjoni messha użat il-marġni ta' dumping tat-tip ta' prodott l-aktar rappreżentattiv f'termini ta' kwantità tal-bejgħ. Inkella, il-kumpanija ssuġġeriet li l-Kummissjoni tuża l-marġni medju tad-dumping ta' tipi ta' prodotti rrapportati b'mod korrett.
- (108) L-ewwel, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-kumpanija tal-forniment fil-ħin ta' *data* li kienet biss "mhux ideali f'kull aspett". L-informazzjoni dwar ix-xiri minn SDE ġiet approvduta fi żmien li għamilha impossibbli għall-Kummissjoni li tivverifika kwalunkwe korrezzjoni potenzjali li kienet tiġi pprovduta wara l-verifika u/jew kontroverifika mill-bogħod. Għalhekk, il-fatt li l-Kummissjoni tikkuntattja lill-kumpanija wara li jkunet ġew skoperti l-inkonsistenzi kien jibqa' mingħajr effett. Barra minn hekk, assenjazzjoni skorretta ta' tipi ta' prodotti ma hijiex sempliċi inkonvenjenza. Fil-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddefiniet it-tipi ta' prodotti abbażi ta' ċerti karatteristiċi li influwenzaw il-kostijiet u l-prezzijiet tal-ARK biex ikun jista' jsir tqabbil xieraq. Mingħajr tipi ta' prodotti korretti, ma huwiex possibbli li l-prezz tal-bejgħ domestiku jitqabbal mal-kost tal-produzzjoni biex jiġi ddeterminat il-valur normali għal kull tip ta' prodott, u lanqas ma huwa possibbli li l-valur normali jitqabbal mal-

prezz tal-esportazzjoni biex jiġi stabbilit il-marġni tad-dumping għal kull tip ta' prodott. It-tieni, il-fatt li l-inkonsistenzi allegatament oriġinaw biss minn approċċi differenti minn PAOS u SDE għar-rapportar tal-massa tal-kisi taż-żingu ma biddilx il-fatt li t-tipi ta' prodotti ġew assenjati b'mod żbaljat. Kienet ir-responsabbiltà tal-kumpanija li tiżgura l-preċiżjoni u l-konsistenza fir-rapportar. Barra minn hekk, mill-kontroversjoni mill-bogħod jirriżulta li PAOS fil-fatt użat tliet approċċi differenti biex tiddetermina l-massa tal-kisi taż-żingu. Għalhekk, il-kjarifika pprovduta wara d-divulgazzjoni finali ma setgħetx tiġi aċċettata. Konsegwentement, il-Kummissjoni ħadet l-asserzjoni li l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ma kinitx iġġustifikata.

- (109) Fir-rigward tal-għażla tal-fatti disponibbli, il-Kummissjoni nnotat li l-ebda wieħed mit-tipi ta' prodotti ma kien jirrappreżenta b'mod aktar sostanzjali l-bejgħ totali ta' PAOS fis-suq tal-Unjoni. It-tip ta' prodott issuġġerit mill-kumpanija kien jirrappreżenta biss 1 – 3 % tal-bejgħ tal-esportazzjoni tal-kumpanija. Barra minn hekk, l-użu tal-marġni tad-dumping medju tat-tipi ta' prodotti kollha rrapportati b'mod korrett ikollu l-istess effett fuq il-marġni tad-dumping ġenerali daqs li wieħed jinjora kompletament il-bejgħ b'tipi ta' prodotti mhux magħrufa. F'dan il-każ, dawk it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ kienu jirrappreżentaw maġġoranza kbira tal-bejgħ kollu ta' PAOS fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-użu tal-ogħla ammont medju ta' dumping stabbilit għal tip ta' prodott irrifletta kif xieraq il-potenzjal tal-kumpanija għall-imġiba tad-dumping. Konsegwentement, il-Kummissjoni ħadet l-asserzjoni ta' PAOS dwar l-għażla tal-fatti disponibbli.

### 3.1.3. Tqabbil

- (110) Il-Kummissjoni qabblat il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (111) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, il-ġestjoni u t-tagħbija, l-imballaġġ, il-kost tal-kreditu u l-kummissjonijiet.
- (112) Żewġ kumpaniji talbu aġġustament għar-roħs skont l-Artikolu 2(10)(c) tar-Regolament bażiku. Billi l-kumpaniji ma setgħux jirrikonċiljaw il-valur tal-aġġustament mitlub mar-rekords kontabilistiċi tagħhom, il-Kummissjoni rrifjutat dawk l-asserzjonijiet.
- (113) Wara d-divulgazzjoni finali, NLMK ikkontestat il-kalkolu tal-Kummissjoni ta' ċerti aġġustamenti fil-prezz tal-esportazzjoni. Il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni messha aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni tal-prodotti mibjugħa matul il-PI iżda mixtrija min-negozjant relatat qabel il-PI għall-kost tal-merkanzija effettivament imġarrab min-negozjant qabel il-PI (minflok ma użat il-kost tal-merkanzija mġarrab matul il-PI bl-istess terminu ta' konsenja u għall-istess pajjiż ta' destinazzjoni). B'mod partikolari, il-kumpanija sostniet li t-tnaqqis kien ikun aktar baxx kieku l-Kummissjoni użat il-kost tal-merkanzija mġarrab qabel il-PI.
- (114) Il-Kummissjoni eżaminat din l-asserzjoni u sabet li ma kinitx ġustifikata. B'mod partikolari, id-differenza indikata mill-kumpanija ma kinitx ikkawżata mill-użu tal-kost tal-merkanzija mġarrab matul il-PI iżda mill-fatt li l-aġġustament rilevanti fil-prezz tal-esportazzjoni ma kienx ikopri biss il-kost tal-merkanzija iżda wkoll provvedimenti għall-ippakkjar. B'hekk, l-asserzjoni ġiet miċħuda. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-analiżi dettaljata ta' din l-asserzjoni ntbaġtet biss lil NLMK.
- (115) Wara d-divulgazzjoni finali, PAOS sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex tirrifjuta l-provvediment għall-kost tal-merkanzija mġarrab bejn il-kumpanija u n-negozjant domestiku relatat tagħha jew bejn l-imħażen tan-negozjant relatat peress li l-kost huwa inkluż fil-prezz tal-bejgħ. Barra minn hekk, il-kumpanija sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex tirrifjuta l-provvediment għall-iskontijiet peress li l-kumpanija setgħet tirrikonċilja l-iskont mogħti lill-klijent tagħha bl-ogħla valur ta' skont matul il-PI mar-rekords kontabilistiċi tagħha.
- (116) Fir-rigward tal-kost tal-merkanzija, il-Kummissjoni nnotat li ma kienx ikkontestat jekk il-kumpanija u/jew in-negozjant relatat tagħha effettivament ġarrbux il-kost tal-merkanzija. F'dan il-każ, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-punt li fih seħħ il-bejgħ lill-ewwel klijent mhux relatat – li kien jew il-bini tal-produttur fil-każ ta' bejgħ domestiku dirett lil klijenti mhux relatati, jew inkella l-bini tan-negozjant domestiku relatat – tqies il-punt xieraq biex jiġi stabbilit il-prezz mill-fabbrika tal-bejgħ domestiku.



- (117) Fir-rigward tal-provvediment għall-iskontijiet, il-Kummissjoni tenniet li waqt il-kontroverifika mill-bogħod, il-kumpanija ma setgħetx tirrikonċilja l-provvediment iddikjarat għall-iskontijiet mar-rekords kontabilistiċi tagħha ħlief għal klijent wieħed. Wara l-kummenti tal-kumpanija dwar id-divulgazzjoni finali, il-Kummissjoni eżaminat sa liema punt kien possibbli li jiġi rrikonċiljat il-valur tal-iskontijiet mogħtija lill-klijent inkwistjoni. Il-Kummissjoni ċċarat li l-provvediment mitlub kien jaqbel mal-valur fi skeda ta' tħejjija intermedjarja tal-kumpanija, iżda mhux mar-rekords kontabilistiċi. Fir-rigward ta' klijenti oħra magħżula b'mod aleatorju għall-kontroverifika, il-provvediment mitlub lanqas biss kien jaqbel mal-iskeda ta' tħejjija. Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat iċ-ċaħda tagħha.
- (118) It-tliet produttori esportaturi Russi li kkooperaw kollha kienu jesportaw lejn l-Unjoni permezz ta' negozjanti relatati li jinsabu f'pajjiż terz.
- (119) MMK Steel Trade kienet twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni sabiex tiżgura tqabbil ġust. Il-Kummissjoni naqqset mill-prezz tal-esportazzjoni mitlub lill-ewwel klijent indipendenti l-SG&A ta' MMK Steel Trade u profitt raġonevoli, abbażi tal-profitt ta' importatur mhux relatat.
- (120) L-ebda importatur mhux relatat ma ppreżenta ruħu f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni użat il-profitt ta' importatur mhux relatat fl-Unjoni stabbilit abbażi tas-sejbiet ta' investigazzjoni preċedenti dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti simili għall-prodott li qiegħed jiġi investigat <sup>(18)</sup>. Il-profitt kien ta' 2 %.
- (121) NLMK kienet tesporta lejn l-Unjoni permezz ta' NLMK Trading SA, negozjant relatat li jinsab fl-Iżvizzera. Wara li ġew analizzati l-funzjonijiet tagħha, ġie kkunsidrat li NLMK Trading twettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità, l-analiżi tal-Kummissjoni ġiet żvelata lil NLMK biss.
- (122) Għaldaqstant, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni sabiex tiżgura tqabbil ġust. Il-Kummissjoni naqqset mill-prezz tal-esportazzjoni mitlub lill-ewwel klijent indipendenti l-SG&A ta' NLMK Trading u profitt raġonevoli, abbażi tal-profitt ta' importatur mhux relatat.
- (123) Wara d-divulgazzjoni finali, NLMK sostniet li ma kien hemm l-ebda bażi ġuridika għall-Kummissjoni biex tagħmel dak it-tnaqqis skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Madankollu, it-tnaqqis twettaq skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku kif iddikjarat fil-premessi (121) u (122), u għalhekk il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.
- (124) Barra minn hekk, NLMK iddikjarat li l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tal-kumpanija relatata tagħha għas-suq tal-esportazzjoni kienu validi wkoll fis-suq domestiku, jiġifieri l-kumpaniji relatati kienu jwettqu funzjonijiet simili għall-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni. Sussegwentement, il-kumpanija talbet lill-Kummissjoni taġġusta l-valur normali skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-bejgħ domestiku permezz ta' NSSC u NLMK Shop.
- (125) Il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, li jiddetermina l-valur normali, u l-Artikoli 2(8) u 2(9) tar-Regolament bażiku, li jiddeterminaw il-prezz tal-esportazzjoni, huma fformulati b'mod differenti. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, il-valur normali jeħtieġ li jiġi stabbilit skont il-prezz tal-bejgħ domestiku lill-ewwel klijent indipendenti. Aġġustament skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku jassumi li l-bejgħ rilevanti għall-istabbiliment tal-valur normali jkun pjuttost il-bejgħ bejn NLMK u NLMK Shop/NSSC. Madankollu, dan il-bejgħ ma kienx bejgħ lil klijenti indipendenti. F'dawk iċ-ċirkostanzi, tnaqqis tal-marġni kummerċjali mitlub minn NLMK Shop/NSSC ma jkunx konsistenti mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

<sup>(18)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1795 tal-5 ta' Ottubru 2017 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mill-Brażil, l-Iran, ir-Russja u l-Ukrajna u li jtemm l-investigazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mis-Serbja. ĠU L 258, 6.10.2017, p. 24, il-premessa (569).

- (126) Il-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku tikkuntra ta' mal-approċċ u mal-formulazzjoni tal-Artikoli 2(8) u 2(9) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, it-tieni sentenza tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, li tirrigwarda marġni kummerċjali, ġiet introdotta speċifikament sabiex jiġi żgurat li l-marġni kummerċjali mitlub minn negozjant li jinsab barra mill-Unjoni jkun jista' jtnaqqas meta jiġi kkalkolat il-prezz tal-esportazzjoni. Inkella, l-użu ta' negozjant relatat jista' jaħbi speċifikament xi wħud mid-differenzi relatati mal-esportazzjoni li t-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fil-livell mill-fabbrika jipprova jelimina. B'kuntra ma' dan, fis-suq domestiku, il-merkanzija spiss tiċċirkola bejn kumpaniji jew imħażen relatati qabel ma tinbiegħ, u sa fejn l-ispejjeż tal-bejgħ u l-funzjonijiet ta' partijiet relatati fis-suq domestiku jikkoinċidu, huwa ġġustifikat li l-kumpaniji relatati jiġu ttrattati bħala entità ekonomika waħda.
- (127) Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni nnotat li l-NSSC huwa ċentru ta' servizz li jkompli jipproċessa l-azzar reżistenti għall-korrużjoni prodott minn NLMK u għalhekk, huwa estensjoni tal-produzzjoni ta' NLMK <sup>(19)</sup>. Il-kumpanija tinsab f'Lipetsk, fil-viceinat immedjat tal-fabbrika ta' NLMK. Fid-dawl tal-integrazzjoni tal-kumpanija fil-katina tal-produzzjoni ta' NLMK, NSSC ma tistax għalhekk titqies li qed twettaq funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaġixxi fuq bażi ta' kummissjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.
- (128) Barra minn hekk, fir-rigward ta' NLMK Shop, il-Kummissjoni fakkret li, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, NLMK Shop kienet involuta fi frazzjoni negliġibbli ta' bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku (inqas minn 2 %). Kwalunkwe aġġustament ibbażat fuq l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku, jekk ikun ġustifikat, ikollu għalhekk impatt negliġibbli fuq il-valur normali u l-marġni tad-dumping li jirriżulta (inqas minn bidla ta' 0,1 % fil-marġni). Barra minn hekk, minħabba li d-dazju anti-dumping finali ta' NLMK kien ibbażat fuq il-marġni tad-dannu, aġġustament għall-bejgħ domestiku ta' NLMK permezz ta' NLMK Shop ma kienx jaffettwa l-eżitu tal-investigazzjoni.
- (129) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.
- (130) Kif imsemmi fil-premessa (92), minbarra SDE, PAOS kienet tesporta lejn l-Unjoni wkoll permezz ta' Severstal Export GmbH, negozjant relatat li jinsab fl-Iżvizzera. Severstal Export GmbH kien iwettaq funzjonijiet ekwivalenti għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq bażi ta' kummissjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni sabiex tiżgura tqabbil ġust. Il-Kummissjoni naqqset mill-prezz tal-esportazzjoni mitlub lill-ewwel klijent indipendenti l-SG&A ta' Severstal Export GmbH u profitt raġonevoli, abbażi tal-profitt ta' importatur mhux relatat.
- (131) Wara d-divulgazzjoni finali, NLMK sostniet li l-marġni tad-dumping tagħha jenħtieġ li jiġi kkalkolat fuq bażi trimestrali minħabba t-tendenzi ta' żieda fil-kost tal-manifattura tagħha, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tul il-PI kollu flimkien ma' distribuzzjoni mhux uniformi tal-bejgħ tagħha lill-Unjoni.
- (132) Il-Kummissjoni nnotat li kalkolu trimestrali jkun iġġustifikat biss f'ċirkostanzi speċifiċi ħafna, pereżempju kieku l-kost tal-produzzjoni jżied b'mod konsiderevoli tul il-PI kollu u l-bejgħ tal-esportazzjoni jkun ikkonċentrat f'parti waħda tal-PI, u l-bejgħ domestiku f'oħra. F'dan il-każ, il-produzzjoni u l-bejgħ domestiku kienu distribwiti b'mod ugwali fuq il-perjodu kollu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, il-prezz ta' unità fis-suq domestiku (+ 6 – 10 % fit-tieni trimestru, +10 – 13 % fit-tielet trimestru, +25 – 26 % fir-raba' trimestru) u l-kost unitarju tal-produzzjoni (+ 1 – 4 % fit-tieni trimestru, +10 – 13 % fit-tielet trimestru, +25 – 26 % fir-raba' trimestru) segwa xejra simili tul il-PI. Madankollu, id-deċiżjonijiet dwar l-ipprezzar tal-kumpanija fis-suq tal-Unjoni segwew xejra kompletament differenti. Il-prezz tal-esportazzjoni żdied bejn l-ewwel u t-tieni trimestru bi 28 – 32 %, naqas bi ftit fit-tielet trimestru iżda kompli jikber u fir-raba' trimestru laħaq +43 – 47 % tal-valur tiegħu fl-ewwel trimestru. Din iż-żieda ma kinitx akkumpanjata mill-kostijiet tal-produzzjoni li żdiedu biss bi ftit bejn l-ewwel u t-tieni trimestru, imbagħad żdiedu ftit aktar drastikament fit-tielet trimestru u b'mod sinifikanti fir-raba' trimestru. Kienet id-deċiżjoni tal-kumpanija li tipprezza l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni flivell konsiderevolment aktar baxx matul trimestru li fih il-kwantitajiet esportati kienu l-aktar ikkonċentrati. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li t-talba għal kalkolu trimestrali ma kinitx iġġustifikata f'dan il-każ u sussegwentement ċaħdet l-asserzjoni.

<sup>(19)</sup> Għalkemm il-kumpanija ma pprovidietx informazzjoni dwar jekk kull tranżazzjoni ta' bejgħ mill-ġdid rispettiva kinitx bejgħ mill-ġdid pur jew bejgħ mill-ġdid wara operazzjoni ta' pproċessar, permezz ta' tqabbil sempliċi tal-PCNs u l-kwantitajiet mibjugħa minn NLMK lil NSSC u mibjugħa mill-ġdid minn NSSC lil klijenti mhux relatati, jista' jiġi osservat li madwar terz biss tal-kwantità mibjugħa mill-ġdid minn NSSC kienu jirrappreżentaw oġġetti mhux ipproċessati mixtrija minn NLMK fil-PI. Iż-żewġ terzi l-oħra nbiegħu jew mill-istokk jew wara operazzjoni ta' pproċessar, li bidel it-tip ta' prodott.

- (133) Wara d-divulgazzjoni finali addizzjonali msemmija fil-premessa (65), NLMK sostniet li f'konformità mal-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrikonoxxi d-data tal-kuntratt bħala d-data meta ġew stabbiliti t-termini materjali tal-kummerċ f'dan il-każ sa fejn jikkonċerna t-tranżazzjonijiet ta' bejgħ għall-esportazzjoni li għandhom jintużaw fil-kalkolu tad-dumping. F'dan ir-rigward, il-kumpanija rreferiet ukoll għal investigazzjoni preċedenti <sup>(20)</sup>, li fiha d-data tal-kuntratt/l-ordni tax-xiri ntużat biex jiġu stabbiliti t-termini materjali tal-kummerċ minflok id-data tal-fattura.
- (134) Il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku kien jikkonċerna l-konverżjonijiet tal-munita u d-data tar-rata tal-kambju użata fejn kienu meħtieġa l-konverżjonijiet tal-munita għall-finijiet tat-tqabbil. Il-Kummissjoni nnotat li dawk id-dispożizzjonijiet ma kinux applikabbli biex jiġi ddeterminat liema tranżazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-marġni tad-dumping. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li fl-investigazzjoni preċedenti, id-data tal-kuntratt/tal-ordni tax-xiri kienet deċiżiva biss għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-data tar-rata tal-kambju li għandha tintuża. Dan huwa l-punt sa fejn jista' jsir aġġustament potenzjali skont l-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku. Din id-dispożizzjoni ma tistax tintuża biex teskludi tranżazzjonijiet mill-kalkolu tad-dumping.
- (135) Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

#### 3.1.4. *Il-marġnijiet tad-dumping*

- (136) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (137) Kif spjegat fil-premessi (12) sa (14), il-kampjunar ta' produtturi esportaturi Russi ġie abbandunat u l-investigazzjoni saret fuq il-kumpaniji kollha li kkooperaw.
- (138) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Russja, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-bażi tad-data ta' Sorveljanza 2 kif spjegat fil-premessa (201).
- (139) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 98 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat bl-ogħla marġni tad-dumping.
- (140) Il-marġnijiet tad-dumping definittivi, b'kunsiderazzjoni tal-bidliet wara d-divulgazzjoni finali, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Il-kumpanija	Marġni tad-dumping
PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works	36,6 %
Novolipetsk Steel	12,7 %
PAO Severstal	39,8 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	39,8 %

<sup>(20)</sup> Il-premessa 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 1).

### 3.2. It-Turkija

#### 3.2.1. Il-valur normali

- (141) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku għal kull produttur esportatur fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu ta' bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku kien rappreżentattiv.
- (142) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin fuq livell domestiku li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.
- (143) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-anqas 5 % tal-volum totali ta' bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.
- (144) Għal kull wieħed mit-tliet esportaturi, għal xi tipi ta' prodotti li ġew esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jew ma kien hemm l-ebda bejgħ domestiku, jew il-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott kien anqas minn 5 % fil-volum u għalhekk ma kienx rappreżentattiv.
- (145) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.
- (146) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat ta' produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u
  - (b) l-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (147) F'sitwazzjoni bħal din, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (148) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:
- (a) il-volum ta' bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali ta' bejgħ ta' dan it-tip; jew
  - (b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun anqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.
- (149) L-analiżi tal-bejgħ domestiku wriet li, skont it-tip ta' prodott, bejn 14 u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' MMK Turkey, bejn 28 % u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' Tatmetal u bejn 19 u 100 % tal-bejgħ domestiku kollu ta' Tezcan kien profittabbli u l-prezz tal-bejgħ medju ponderat tagħhom kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Għaldaqstant, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu ta' investigazzjoni jew medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss.
- (150) Għat-tipi ta' prodotti fejn il-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien aktar baxx mill-kost tal-produzzjoni, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt ta' dak it-tip ta' prodott.

- (151) Fejn ma kien hemm l-ebda bejgħ tat-tip ta' prodott tal-prodott simili fil-perkors normali tan-negozju jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.
- (152) Il-valur normali tfassal billi zdiegħ dan li gēj mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni:
- (a) l-ispejjeż tal-bejgħ medji ponderati, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") imġarrba mill-produtturi esportaturi fil-kampjun għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni; u
- (b) l-profitt medju ponderat magħmul mill-produtturi esportaturi fil-kampjun għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (153) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawg it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa għalkollox fis-suq domestiku, ġew miżjuda l-ispejjeż SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.
- (154) Wara d-divulgazzjoni finali, MMK Turkey sostniet li l-Kummissjoni għamlet żball meta eskudiet parti mill-kostijiet finanzjarji tal-kumpanija mill-ispejjeż SG&A waqt il-ħidma tal-valur normali.
- (155) Il-kostijiet finanzjarji esklużi kienu d-dħul/it-telf mill-kambju li ma kinux spejjeż attwali iżda rriżultaw mid-differenza fir-rati tal-kambju bejn il-munita tal-fattura u l-munita tal-kontabilità fid-data tat-tranżazzjoni u d-data tal-ħlas, u għalhekk ma jirriflettux l-ispejjeż SG&A effettivi relatati mal-produzzjoni jew mal-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li użat l-istess approċċ fir-rigward tal-kumpaniji kollha inklużi fil-kampjun irrispettivament minn jekk għamlux telf jew qligħ mill-kambju. Ir-raġuni għal dak l-approċċ hija li, f'każijiet estremi, jekk ma jsirx dan, iwassal għal kostijiet SG&A ġenerali negattivi li ma jirriflettux l-ispejjeż SG&A reali. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (156) Wara d-divulgazzjoni finali, Tezcan indikat li kien hemm żball fil-kalkolu tal-kostijiet ta' element wieħed mill-materja prima minħabba l-għadd doppju tal-istokkijiet tal-bidu tiegħu. Il-Kummissjoni kkoreġiet dan l-iżball u ddivulgat mill-ġdid kalkolu tad-dumping rivedut lil Tezcan. L-impatt ta' din il-korrezzjoni ma bidilx il-marġni tad-dumping tal-kumpanija minħabba li l-marġnijiet tad-dumping finali huma espressi fil-livell tal-ewwel ċifra wara l-virgola.
- (157) L-istess kumpanija sostniet li, fl-emendi li saru għall-kost tal-produzzjoni tagħha, il-Kummissjoni ma qisitx id-differenzi fil-kost tal-kojls użati għall-produzzjoni tal-ARK esportati u mibjugħa domestikament li allegatament irriżultaw minn skema ta' eżenzjoni mid-dazju użata mill-kumpanija.
- (158) L-investigazzjoni żvelat li l-kojls importati u mixtrija domestikament ma jistgħux ikunu marbuta direttament mal-manifattura ta' prodotti esportati jew mibjugħa domestikament u li, għas-sistema ta' eżenzjoni mid-dazju, produttur esportatur jista' juża "prodotti ekwivalenti" minflok il-prodotti importati ddikjarati fiċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħet tistabbilixxi l-ebda differenza fil-kost reali tal-manifattura tal-ARK għall-esportazzjoni u s-suq domestiku li rriżulta mill-użu tal-iskema ta' eżenzjoni mid-dazju. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (159) Fl-aħħar nett, fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni u waqt seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni, Tezcan sostniet li l-Kummissjoni użat ħażin il-kost tal-produzzjoni tagħha għas-suq domestiku ("DMCOP") minflok il-kost tal-produzzjoni għall-esportazzjonijiet lejn l-UE ("EUCOP") biex taħdem il-valur normali għal dawg it-tipi ta' prodotti li ma nbigħux domestikament fil-PI. Il-kumpanija sostniet li dan huwa inkonsistenti mad-deskrizzjoni tal-Kummissjoni tal-metodoloġija pprovduta fid-divulgazzjoni speċifika, il-"prassi fit-tul" tal-Kummissjoni u l-ġurisprudenza tal-UE. Il-kumpanija sostniet ukoll li fil-fatt l-EUCOP kellu jintuża wkoll biex jinħadem il-valur normali għal dawg it-tipi ta' prodotti li kellhom bejgħ domestiku "limitat ħafna" fil-PI.

- (160) Il-prattika tal-Kummissjoni hija li taħdem valur normali fuq il-bażi ta' DMCOP u l-ispejjeż SG&A u l-profit tat-tranżazzjonijiet magħmula fil-perkors normali tal-kummerċ fis-suq domestiku. L-EUCOP jintuża biss jekk ma jkun hemm l-ebda DMCOP għal tipi speċifiċi ta' prodotti fil-PI. Din il-prattika hija konsistenti mal-kawża tal-Qorti kkwotata minn Tezcan, li tiddikjara li "il-valur normali jinħadem bl-iskop li jiġi ddeterminat il-prezz tal-bejgħ ta' prodott kif ikun kieku dak il-prodott jinbiegħ fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew fil-pajjiż esportatur<sup>(21)</sup>". F'din l-investigazzjoni, it-tipi ta' prodotti inkwistjoni ġew manifatturati fil-PI għas-suq domestiku iżda ma nbigħux, jiġifieri baqgħu fl-istokk fi tmiem il-PI. Il-kumpanija rrapportat b'mod ġust DMCOP għal dawn it-tipi ta' prodotti. Id-DMCOP ġie vverifikat mill-Kummissjoni. Il-formulazzjoni tal-metodoloġija pprovduta fid-divulgazzjoni speċifika li tirreferi għat-tipi ta' prodotti "mhux mibjugħa domestikament", li għalihom għandu jintuża l-EUCOP biex jinħadem il-valur normali, hija maħsuba biex tfisser it-tipi ta' prodotti "fejn ma kienx jeżisti DMCOP". Il-formulazzjoni hija deskrizzjoni ġenerali ta' dak li tagħmel il-Kummissjoni meta taħdem il-valur normali u ma hijiex imfassla għal każijiet mhux tas-soltu fejn ikun hemm kostijiet domestiċi speċifiċi tal-produtturijiet iżda l-ebda bejgħ. Madankollu, dan il-kliem ċertament ma jirriflettix il-prattika tal-Kummissjoni li ssegwi l-ġurisprudenza mfakkra mill-produttur esportatur u li saret referenza għaliha hawn fuq, peress li l-valur normali jenhtiegħ li l-ewwel ikun ibbażat fuq il-kostijiet u l-prezzijiet fis-suq domestiku. Għalhekk, l-asserzjoni ġiet irrifjutata.
- (161) Kif imsemmi fil-premessa (35), Tezcan talbet l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta dwar din il-kwistjoni. Tezcan tenniet l-asserzjoni deskritta fil-premessa (159) u żiedet li fis-seduta mas-servizzi tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni kienet qabliet bil-fomm li taċċetta din l-asserzjoni. Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara s-sitwazzjoni. Fil-fatt, matul is-seduta, il-Kummissjoni qalet lill-kumpanija li kienet tifhem it-talba u l-bażijiet tagħha u li setgħu jgħaddu għall-punti sussegwenti. Madankollu, il-Kummissjoni tat parir lill-kumpanija biex tħalli t-talba bil-miktub fis-sottomissjoni. Madankollu, wara analiżi aktar mill-qrib tal-asserzjoni wara s-seduta, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-asserzjoni ma kinitx iġġustifikata għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (160). Il-Kummissjoni infurmat lill-Uffiċjal tas-Seduta bir-riflessjonijiet ulterjuri tagħha u bil-konklużjonijiet.

### 3.2.2. Il-prezz tal-esportazzjoni

- (162) Il-produtturi esportaturi kollha fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni direttament lil klijenti indipendenti. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni tagħhom kien il-prezz pagabbli jew li effettivament tħallas għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

### 3.2.3. Tqabbil

- (163) Il-Kummissjoni qabliet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.
- (164) Fejn iġġustifikat mill-ħtieġa li jiġi żgurat tqabbil ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għat-trasport, l-assigurazzjoni, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-kostijiet anċillari, il-kostijiet tal-kreditu, il-kummissjonijiet u l-ispejjeż tal-imballaġġ.
- (165) Wara d-divulgazzjoni finali, MMK Turkey sostniet li l-Kummissjoni qieset ħażin xi kostijiet tat-trasport domestiku bejn iż-żewġ siti ta' produzzjoni tal-kumpanija bħala kostijiet tat-trasport intern u pprovdiet evidenza li dawn il-kostijiet ma kinux interni. Il-Kummissjoni sabet l-asserzjoni iġġustifikata fid-dawl tal-evidenza u ddivulgat mill-ġdid kalkolu tad-dumping rivedut lil MMK. B'riżultat ta' dan, il-marġni tad-dumping ta' MMK Turkey naqas minn 10,6 % għal 10,5 %.
- (166) Żewġ produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun ressqu talba skont l-Artikolu 2(10)(b) tar-Regolament bażiku għal aġġustament għar-restituzzjoni tad-dazju, fejn argumentaw li l-eżistenza ta' skema ta' restituzzjoni tad-dazji għal ċerti materjali ta' input fil-pajjiż ikkonċernat timplika li l-bejgħ domestiku kollu tagħhom kien jinkorpora taxxa indiretta meta mqabbel mal-bejgħ għall-esportazzjoni.

<sup>(21)</sup> Is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1988, *Silver Seiko Limited et vs il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej*, C-273/85 u C-107/86, ECLI:EU:C:1988:466, il-punt 16.

- (167) Fit-Turkija, dazju tal-importazzjoni japplika għal kojls illaminati bis-sħana, li huma input fil-manifattura tal-ARK. Taħt il-proċedura ta' proċessar attiv (IPR), il-produtturi domestiċi huma eżentati mill-ħlas ta' tali dazju jekk il-materja prima importata tintuża sabiex jiġu mmanifatturati prodotti lesti li finalment jiġu esportati. Iż-żewġ esportaturi inklużi fil-kampjun sostnew li l-ammont ta' dazji li kienu jħallsu kieku l-ARK lest kien jinbiegħ fuq livell domestiku minflok esportat jenħtieġ li jkun ikkunsidrat għall-fini ta' tqabbil għust tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni.
- (168) Madankollu, l-investigazzjoni wriet li l-ebda wieħed miż-żewġ esportaturi inklużi fil-kampjun ma ħallas dazju tal-importazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, la għall-bejgħ domestiku, u lanqas għall-bejgħ tal-esportazzjoni peress li ssodisfaw l-impenn ta' esportazzjoni marbut ma' kull permess tal-IPR. Bħala tali, ma seta' jkun hemm l-ebda kwistjoni ta' komparabbiltà tal-prezzijiet bejn l-esportazzjonijiet tal-ARK, li jinkorporaw kojls illaminati bis-sħana li għalihom ma tħallas l-ebda dazju, u l-bejgħ domestiku tal-ARK, li jinkorpora kojls illaminati bis-sħana li għalihom tħallas dazju tal-importazzjoni (peress li s-sitwazzjoni tal-aħħar qatt ma rriżultat matul il-perjodu ta' investigazzjoni). L-ebda produttur esportatur ma seta' jissostanza bi kwalunkwe evidenza li fin-nuqqas tal-ħlas attwali tad-dazji tal-importazzjoni, l-ARK mibjugħ domestikament kien jinkorpora l-kost tad-dazju tal-importazzjoni fuq kojls illaminati bis-sħana f'każijiet li ma kien fil-fatt tħallas l-ebda dazju tal-importazzjoni bħal dan. Dan ma jistax sempliċiment jiġi preżunt li huwa l-każ. Għal din ir-raġuni, l-asserzjoni ġiet ikkunsidata infondata u għalhekk ġiet irrifjutata.
- (169) Wara d-divulgazzjoni finali, TaMetal tenniet l-asserzjonijiet tagħha fir-rigward tal-aġġustament għar-restituzzjoni tad-dazju, iżda ma pprovdiet l-ebda evidenza ġdida li setgħet tibdel il-konklużjoni tal-Kummissjoni kif spjegat fil-premessa (129). Għalhekk, din l-asserzjoni hija miċħuda.
- (170) Produttur inklużi fil-kampjun talab lill-Kummissjoni tuża l-metodu trimestrali sabiex tistabbilixxi l-marġni tad-dumping individwali tagħha minħabba inflazzjoni għolja fit-Turkija u l-iżvalutazzjoni tal-lira Torka.
- (171) Il-Kummissjoni analizzat din l-asserzjoni u ddeterminat li r-rata medja tal-inflazzjoni u l-iżvalutazzjoni tal-lira Torka fil-perjodu ta' investigazzjoni ma kinux tali li jiġġustifikaw devjazzjoni mill-prattika konsistenti tal-Kummissjoni sabiex tikkalkula l-marġni tad-dumping fuq bażi annwali. Barra minn hekk, il-kumpanija għandha kważi l-bejgħ domestiku kollu u x-xiri kollu tal-materja prima f'USD, u għalhekk l-impatt tar-rata tal-kambju jenħtieġ li jkun simili fuq il-valur normali u fuq il-prezz tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda konċentrazzjoni ta' bejgħ domestiku jew għall-esportazzjoni fi kwalunkwe trimestru partikolari, iżda l-bejgħ kien distribwit b'mod ugwali matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ħlief għal tnaqqis, għat-tliet kumpaniji inklużi fil-kampjun, fil-bejgħ għall-esportazzjoni fit-tielet trimestru li kien affettwat b'mod ċar mir-restrizzjonijiet tal-COVID. Għalhekk, it-talba għal kalkolu trimestrali tal-marġnijiet tad-dumping ġiet irrifjutata.
- (172) Wara d-divulgazzjoni finali, Tezcan tenniet l-asserzjoni tagħha li l-marġni tad-dumping jenħtieġ li jiġi kkalkolat kull tliet xhur. Il-kumpanija ma pprovdiet l-ebda evidenza ġdida, iżda argumentat li fl-investigazzjonijiet preċedenti, ħafna minnhom kontra t-Turkija, il-Kummissjoni rrikorriet għal dan il-metodu u li r-rata ta' inflazzjoni ta' 12 % fit-Turkija u żvalutazzjoni ta' 37 % tal-lira Torka kontra l-Euro fil-PI kienu jiġġustifikaw dan l-approċċ.
- (173) Il-kumpanija argumentat ukoll li f'sitwazzjoni fejn il-kostijiet ikunu ponderati skont il-piż medju għal tnaqqis il-xahar filwaqt li l-profittabbiltà tal-bejgħ domestiku tkun analizzata fuq bażi ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni, xi tranżazzjonijiet ġew ittrattati bħala li għamli telf meta fir-realtà kienu profittabbli, u dan irriżulta f'marġni ta' dumping distort, u l-kalkoli trimestrali jirriżultaw f'marġni tad-dumping aktar adegwat.
- (174) Il-Kummissjoni sostniet li f'dan il-każ la l-livell tal-inflazzjoni u lanqas ir-rati ta' żvalutazzjoni tal-lira Torka ma kienu jiġġustifikaw approċċ bħal dan. Il-Kummissjoni nnotat li fl-investigazzjonijiet preċedenti kontra t-Turkija kkwotati minn Tezcan ir-rati tal-inflazzjoni kienu ferm ogħla.
- (175) Bl-istess mod, il-Kummissjoni żammet il-konklużjoni tagħha li f'din l-investigazzjoni ma kien hemm l-ebda konċentrazzjoni ta' bejgħ domestiku jew għall-esportazzjoni fi kwalunkwe trimestru partikolari li tiġġustifika kalkoli trimestrali. Il-varjazzjonijiet trimestrali tal-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni huma mistennija li jseħħu, iżda huwa biss f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li l-Kummissjoni tista' twarrab il-metodoloġija standard tagħha, pereżempju f'sitwazzjoni deskritta fl-ewwel sentenza tal-premessa (132). Il-Kummissjoni ma qisix li l-varjazzjoni f'dan il-każ kienet tant sinifikanti li tiġġustifika kalkolu trimestrali. Fil-fatt, il-Kummissjoni tenniet li ma tistax tkun obbligata tiddevja mill-metodoloġija standard kif stabbilita fir-Regolament bażiku kull meta produttur esportatur jitlob metodoloġija differenti li ttejjeb il-marġni tad-dumping tiegħu.

(176) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonfermat ir-rifjut ta' din l-asserzjoni.

#### 3.2.4. Il-marġnijiet tad-dumping

- (177) Wara d-divulgazzjoni finali, Tezcan sostniet li, jekk il-Kummissjoni ma teskludix l-ARK AluZinc mill-ambitu tal-prodott, din għandha tikkalkula mill-ġdid il-marġni tad-dumping tagħha mingħajr AluZinc minħabba li waqfet tipproduċih minn Settembru 2021. B'dan il-mod, il-marġni tad-dumping ta' Tezcan jirrifletti b'mod xieraq u adegwat ir-realtà tal-lum. Tezcan żiedet li l-waqfien fil-produzzjoni huwa ċar, mhux ikkontestat u dejjiemi. Tezcan għamlet ukoll din l-asserzjoni matul is-seduta ta' smiġħ mal-Uffiċjal tas-Seduta, għalkemm it-talba inizjali għal seduta ta' smiġħ kienet limitata għall-asserzjoni dwar l-użu tal-EUCOP minflok tad-DMCOP u Tezcan talbet biss li tiżdied din il-parti u sottomettiet il-preżentazzjoni tagħha dwar il-kwistjoni, jum qabel ma seħħet is-seduta.
- (178) Il-Kummissjoni ma qabltx mal-asserzjoni. Kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, l-informazzjoni relatata ma' perjodu sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma għandhiex titqies. Tabilħaqq, skont il-prattika tal-Kummissjoni, l-avvenimenti relatati ma' perjodu sussegwenti għall-PI jistgħu jitqiesu biss jekk ikunu ċari, mhux ikkontestati u dejjiema. Aktar importanti minn hekk, kif iċċarat mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-462/04 <sup>(22)</sup>, avvenimenti bħal dawn jeħtieġ li jagħmlu d-dazju anti-dumping manifestament mhux xieraq. Dan ma huwiex il-każ f'din l-investigazzjoni peress li, abbażi tal-fatti li vverifikat, il-Kummissjoni ma tistax tistabbilixxi b'ċertezza suffiċjenti li Tezcan ma hijiex se tipproduċi AluZinc fil-futur. Anki kieku dan kien il-każ, il-produttur esportatur ma ppreżenta l-ebda evidenza li turi, u lanqas ma argumenta, li d-dazju propost kien manifestament mhux xieraq. Għalhekk, il-Kummissjoni qaħdet l-asserzjoni.
- (179) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.
- (180) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li ma humiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, dak il-marġni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tat-tliet produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun.
- (181) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping definittiv tal-produtturi esportaturi li kkooperaw illi ma humiex fil-kampjun huwa ta' 8 %. Dan il-marġni ma kienx affettwat mill-bidliet zġhar fil-marġnijiet tad-dumping individwali ta' MMK Turkey u ta' Tezcan deskritti fil-premessi (156) u (165).
- (182) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fit-Turkija, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping abbażi tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti abbażi tal-bażi tad-*data* ta' Sorveljanza 2 kif spjegat fil-premessa (201).
- (183) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu 100 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni sabet li kien xieraq li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.
- (184) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping medju ponderat definittiv, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

<sup>(22)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Diċembru 2008, HEG Ltd u Graphite India Ltd vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Kawża T-462/04, EU:T:2008:586, il-punt 64.



Il-kumpanija	Marġni tad-dumping
MMK Turkey	10,5 %
Tatmetal	2,4 %
Tezcan	11,0 %
Il-kumpaniji li kkooperaw li ma kinux fil-kampjun	8,0 %
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,0 %

#### 4. DANNU

##### 4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

- (185) Il-prodott simili kien immanifatturat minn 20 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-“industrija tal-Unjoni” skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.
- (186) Il-produtturi esportaturi Russi sostnew li ċ-Ċentri tas-Servizzi tal-Azzar (“SSCs”) relatati mal-ilmentaturi importaw il-prodott li qiegħed jiġi investigat mir-Russja u mit-Turkija u li tali produtturi tal-Unjoni jenhtiegħ li jiġu skwalifikati bħala lmentaturi.
- (187) Il-produtturi esportaturi Russi ma ppreżentaw l-ebda evidenza ta' importazzjonijiet mir-Russja u mit-Turkija mill-produtturi tal-Unjoni u lanqas evidenza ta' tali importazzjonijiet f'volumi sinifikanti mill-SSCs relatati magħhom. Iż-żjarat ta' verifika kkonfermaw li l-asserzjoni tal-produttur Russu kienet infondata sa fejn kienu kkonċernati l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.
- (188) Il-produtturi Russi indikaw rabtiet bejn wieħed mill-produtturi li jappoġġaw l-ilment u l-esportaturi Torok u talbu lill-Kummissjoni teskludi l-kumpanija kkonċernata mid-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (189) Fl-istadju inizjali, il-kumpanija kkonċernata stess irrikonoxxiet li għandha interessi kummerċjali fit-Turkija <sup>(23)</sup>. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li dawk l-interessi ma kinux biżżejjed sabiex jiskwalifikawha bħala produttur tal-Unjoni f'din l-investigazzjoni minħabba li jikkonċernaw pjuttost pjanijiet futuri. Għalhekk, ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva sabiex dan il-produttur jiġi eskluż.
- (190) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni waqt il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal 9 797 517-il tunnellata, inkluża l-produzzjoni għas-suq kattiv. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li rċeviet mingħand il-Eurofer u l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.
- (191) Kif indikat fil-premessa (7), l-erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

##### 4.2. Id-determinazzjoni tas-suq rilevanti tal-Unjoni

###### 4.2.1. Suq kattiv u ħieles

- (192) Sabiex tistabbilixxi jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu u sabiex tiddetermina l-konsum u d-diversi indikaturi ekonomiċi relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-użu sussegwenti tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili (jiġifieri l-użu kattiv jew l-użu mhux kattiv) kellux jitqies fl-analiżi u, jekk iva, sa liema punt.
- (193) Il-Kummissjoni sabet li parti sostanzjali mill-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni, madwar 22 %, kienet maħsuba għas-suq kattiv fl-Unjoni. L-ARK jintuża b'mod kattiv bħala materjal intermedju għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku.

<sup>(23)</sup> t21.005086.

- (194) Id-distinzjoni bejn suq kattiv u suq ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu f'dan il-każ. Il-prodotti maħsuba għall-użu kattiv ma jkunux esposti għal kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet, iżda sempliċement jiġu ttrasferiti għall-istadju li jmiss fil-produzzjoni u/jew ikkonsenjati bil-prezzijiet tat-trasferiment fl-istess kumpanija jew gruppi ta' kumpaniji għal aktar ipproċessar downstream skont id-diversi politiki dwar il-prezzijiet. Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni li tkun maħsuba għall-bejgħ fis-suq ħieles tkun f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u tinbiegħ bi prezzijiet tas-suq ħieles.
- (195) Sabiex tagħti stampa kemm jista' jkun kompluta tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni kisbet *data* għall-attività kollha tal-ARK u ddeterminat jekk il-produzzjoni kinitx destinata għall-użu kattiv jew għas-suq ħieles.
- (196) Il-Kummissjoni eżaminat ċerti indikaturi ekonomiċi relatati mal-industrija tal-Unjoni abbażi tad-*data* għas-suq ħieles. Dawn l-indikaturi huma: il-volum ta' bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni; is-sehem mis-suq; it-*tkabbir*; il-volum u l-prezzijiet tal-esportazzjoni; il-profitabbiltà; ir-redditu fuq l-investiment; u l-fluss tal-flus. Fejn kien possibbli u ġustifikat, is-sejbiet tal-eżami tqabblu mad-*data* għas-suq kattiv sabiex tiġi pprovduta stampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.
- (197) Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħrajn jistgħu jiġu eżaminati b'mod siewi biss billi wieħed jirreferi għall-attività sħiħa tal-ARK, inkluż l-użu kattiv tal-industrija tal-Unjoni. Dawn huma: il-produzzjoni; il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità; l-investimenti; l-*ishma*; l-*impjiegi*; il-produttività; il-pagi; u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital. Huma jiddependu mill-attività kollha, kemm jekk il-produzzjoni tkun kattiva kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles.

#### 4.2.2. *Id-data statistika*

- (198) Wara t-talba ta' diversi produttori esportaturi, il-Kummissjoni talbet lill-ilmentatur jissupplimenta l-informazzjoni ppreżentata rigward il-volumi u l-valuri tal-importazzjoni fil-verżjoni miftuħa tal-ilment. Il-fajls li jissupplimentaw l-Anness I-1 tal-ilment saru disponibbli fil-fajl tal-każ <sup>(24)</sup>.
- (199) Skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2016/1036, matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar il-volumi u l-valuri aggregati tal-importazzjoni għal kull pajjiż esportatur għas-sena kalendarja 2020 għall-prodott li qiegħed jiġi investigat <sup>(25)</sup>.
- (200) L-informazzjoni addizzjonali deskritta fiż-*żewġ* premessi ta' hawn fuq kienet mingħajr preġudizzju għad-determinazzjoni finali tal-volumi tal-importazzjoni fl-investigazzjoni attwali.
- (201) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkontroverifikat id-*data* fil-bażi tad-*data* tal-Comext ma' dawk fil-bażi tad-*data* ta' Sorveljanza 2 ("Sorveljanza 2") u nnotat xi diskrepanzi fil-livell TARIC. Il-Kummissjoni staqsiet lill-Eurostat dwar il-kwistjoni u sabet li xi Stati Membri ma kinux irrapportaw xi wħud mill-importazzjonijiet ikkonċernati fil-Comext. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża fuq id-*data* ta' Sorveljanza 2 sabiex tiddetermina s-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni u l-*ishma* mis-suq.
- (202) Xi tipi ta' prodotti koperti mill-investigazzjoni ġew attribwiti kodiċi TARIC ta' 10 ċifri biss mal-bidu tal-investigazzjoni antiċirkonvenzjoni f'Novembru tal-2019 <sup>(26)</sup>. B'riżultat ta' dan, id-*data* għal dawk it-tipi ma kinitx disponibbli f'Sorveljanza 2 għall-perjodu ta' bejn l-2017 u l-2019. Għaldaqstant, il-Kummissjoni stabbiliet dawk il-volumi fuq il-bażi tat-Tabella 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1156 <sup>(27)</sup>.

<sup>(24)</sup> Il-fajls li jissupplimentaw l-Anness I-1 tal-ilment huma meħmuża man-Nota għall-fajl t21.006245 datata t-8 ta' Settembru 2021 (għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati).

<sup>(25)</sup> Nota għall-fajl t22.001059 datata l-4 ta' Frar 2022 (għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati).

<sup>(26)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1948 tal-25 ta' Novembru 2019 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' ċirkonvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/186 fuq l-importazzjonijiet ta' azzar inossidabbli li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 304, 26.11.2019, p. 10).

<sup>(27)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1156 tal-4 ta' Awwissu 2020 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/186 fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina lejn importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni b'modifiki żgħar (ĠU L 255, 5.8.2020, p. 36). Il-metodoloġija sabiex jiġu stabbiliti ċ-ċifri fit-Tabella 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1156 hija deskritta fid-dettall taħt dik it-tabella. Din tislet mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/186, mill-Eurostat, u mill-istimi tal-Industrija.

#### 4.3. Il-konsum tal-Unjoni

- (203) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi: (a) id-*data* tal-Eurofer dwar il-bejgħ u l-użu kattiv tal-industrija tal-Unjoni (inkluż il-bejgħ kattiv) tal-prodott simili, kontroverifikata mal-volumi ta' bejgħ u tal-użu kattiv irrapportati mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun; u (b) l-importazzjonijiet tal-prodott li qiegħed jiġi investigat lejn l-Unjoni mill-pajjiżi terzi kollha kif irrapportat f'Sorveljanza 2.
- (204) Il-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat żviluppa kif ġej:

Tabella 1

#### Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2017	2018	2019	PI
Il-konsum totali tal-Unjoni	11 494 857	11 062 815	11 306 869	10 691 239
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	96	98	93
Is-suq kattiv	2 504 391	2 667 375	2 358 802	2 167 741
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	107	94	87
Is-suq ħieles	8 990 466	8 395 440	8 948 067	8 523 498
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	93	100	95

Sors: Il-Eurofer, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u Sorveljanza 2 (aġġustata).

- (205) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni naqas b'7 %. Fl-istess perjodu, id-domanda fis-suq ħieles naqset b'5 % filwaqt li d-domanda fis-suq kattiv naqset bi 13 %.

#### 4.4. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

##### 4.4.1. Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (206) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-ARK li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati jenħtiġux li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.
- (207) Dik id-dispożizzjoni tistipula li l-importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk ikun iddeterminat li:
- il-marġni tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikun aktar minn *de minimis* kif definit fl-Artikolu 9(3), u l-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ma jkunx negliġibbli; u
  - valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet tkun xierqa fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-prodott simili tal-Unjoni.
- (208) Il-marġnijiet ta' dumping stabbiliti fir-rigward tal-importazzjonijiet minn kull wieħed miż-żewġ pajjiżi kkonċernati huma ppreżentati fil-qosor fil-premessi (140) u (184). Dawn huma kollha ogħla mil-limitu *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.
- (209) Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. L-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet fil-perjodu ta' investigazzjoni kienu ta' 9,3 % għall-importazzjonijiet mit-Turkija u ta' 3,5 % għall-importazzjonijiet mir-Russja. Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtR issottometta li s-sehem mis-suq Russu ta' 3,5 % kien insinifikanti, asserzjoni li madankollu ma kinitx issostanzjata.

- (210) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mit-Turkija u mir-Russja u bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u l-prodott simili kienu simili matul il-perjodu kkonċernat. B'mod aktar speċifiku, il-prodotti importati kienu f'kompetizzjoni ma' xulxin u mal-ARK prodott fl-Unjoni b'mod simili, minħabba li jinbiegħu mill-istess kanali ta' bejgħ u lil kategoriji simili ta' klijenti. Il-prodott ikkonċernat huwa komodità u l-kompetizzjoni seħħet prinċipalment abbażi tal-prezzijiet waħedhom.
- (211) Għalhekk, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mit-Turkija u mir-Russja kienu eżaminati b'mod kumulattiv għall-iskopijiet ta' determinazzjoni tad-dannu.

#### 4.4.2. Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (212) Il-Kummissjoni stabbilit il-volum tal-importazzjonijiet abbażi ta' Sorveljanza 2, kif spjegat fit-Taqsima 4.2.2. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ġie stabbilit bit-tqabbil ta' dawk l-importazzjonijiet mal-konsum tal-Unjoni bl-aġġustament fir-rigward tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kif spjegat fil-premessa (202) li kellhom effett fuq il-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u, għalhekk, fuq il-volumi totali tal-importazzjoni u għalhekk anke fuq il-volumi tal-konsum u l-ishma mis-suq.
- (213) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu kkunsidrat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

#### Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u s-sehem mis-suq fis-suq ħieles

	2017	2018	2019	PI
It-Turkija (tunnellati)	84 581	166 295	529 087	796 524
Indiċi (2017 = 100)	100	197	626	942
Is-sehem mis-suq (%)	0,9	2,0	5,9	9,3
Indiċi (2017 = 100)	100	211	629	997
Ir-Russja (tunnellati)	112 062	175 772	240 240	300 729
Indiċi (2017 = 100)	100	157	214	268
Is-sehem mis-suq (%)	1,2	2,1	2,7	3,5
Indiċi (2017 = 100)	100	168	215	284
In-numru totali ta' pajjiżi kkonċernati	196 643	342 067	769 327	1 097 253
Indiċi (2017 = 100)	100	174	391	558
Is-sehem mis-suq (%)	2,2	4,1	8,6	12,9
Indiċi (2017 = 100)	100	186	393	589

Sors: Sorveljanza 2 (tunnellati) u l-Eurofer.

- (214) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kif ukoll is-sehem mis-suq tagħhom żdiedu b'aktar minn ħames darbiet matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq tal-Unjoni tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien ta' 12,9 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Tali żieda seħħet minkejja li kienet fis-seħħ miżura ta' salvagwardja matul il-biċċa l-kbira tal-perjodu kkunsidrat, minħabba l-fatt li, skont il-miżura ta' salvagwardja, iż-żewġ pajjiżi esportaw il-prodott ikkonċernat taħt il-kwota residwa, li kienet kbira biżżejjed sabiex tippermetti dawn il-volumi akbar ħielsa mid-dazju ta' salvagwardja fis-suq tal-Unjoni.

## 4.4.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqiġh tal-prezz/t-naqqis fil-prezzijiet

- (215) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' Sorveljanza 2, kif spjegat fit-Taqsima 4.2.2.
- (216) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 3

**Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)**

	2017	2018	2019	PI
It-Turkija	659	657	616	564
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	100	93	85
Ir-Russja	639	643	598	548
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	101	94	86
In-numru totali ta' pajjiżi kkonċernati	648	650	611	559
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	100	94	86

Sors: Sorveljanza 2.

- (217) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati baqgħu stabbli bejn l-2017 u l-2018 iżda mbagħad naqsu b'14 % fi żmien sentejn. Matul il-perjodu kollu kkunsidrat, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni miż-żewġ pajjiżi kkonċernati (flimkien jew separatament) kienu kontinwament aktar baxxi mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni (ara t-Tabella 7), u d-differenza bejn il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-UE tal-industrija tal-Unjoni u l-prezzijiet medji tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati kważi rduppjat matul il-perjodu kkunsidrat.
- (218) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll it-twaqqiġh tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblat:
- (1) il-prezzijiet medji ponderati għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Torok u l-produtturi Russi li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq il-bażi ta' kost, assigurazzjoni, nol (CIF), b'aġġustamenti xierqa għal kostijiet ta' wara l-importazzjoni; u
  - (2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika <sup>(28)</sup>.
- (219) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, b'aġġustament dovut fejn meħtieġ, u wara tnaqqis tar-rifużjonijiet u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (220) Wara d-divulgazzjoni finali, Severstal sostniet li ma hemm l-ebda bażi legali u lanqas raġuni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku b'analoġija biex jiġi stabbilit il-prezz għall-esportazzjoni għall-fini tal-kalkolu tat-twaqqiġh tal-prezz (u l-bejgħ taħt il-prezz). Fil-fehma ta' Severstal, dan ikun qed jikser l-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku. Hija nnotat ukoll li l-Kummissjoni kienet diġà ġiet ikkundannata mill-Qorti Ġenerali f'*Hansol Paper* <sup>(29)</sup> għal din il-prattika. B'mod partikolari, Severstal sostniet li l-Qorti Ġenerali, f'dak il-każ, kienet iddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żball billi ddeċidiet li tapplika b'analoġija l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku fil-

<sup>(28)</sup> Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biegħu l-aktar il-prodott simili direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-UE. Madwar 5 % ta' dak il-bejgħ tal-UE sar permezz ta' entitajiet tal-bejgħ relatati u dak il-bejgħ sar bi prezzijiet simili għal dawk tal-bejgħ dirett lil klijenti indipendenti.

<sup>(29)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' April 2020, *Hansol Paper Co. Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża T-383/17, EU:T:2020:139, punti 200–203.

kuntest tad-determinazzjoni tad-dannu, b'mod partikolari "billi ddeċidiet li tnaqqas il-kostijiet SG&A u marġni ta' profitt, għall-bejgħ mill-ġdid tal-prodott ikkonċernat" lil klijenti indipendenti, peress li huma l-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat mitluba lil klijenti indipendenti li huma f'"kompetizzjoni mal-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni u li jikkawżaw dannu lil dik l-industrija" u mhux prezzijiet CIF mibnija ipotetikament. Skont Severstal, dak il-prinċipju kien ġie kkonfermat mill-Qorti Ġenerali f'Gaint<sup>(30)</sup> u f'CRIA<sup>(31)</sup> u, aktar reċentement, mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Hansol<sup>(32)</sup>. Severstal sostniet li l-prezzijiet mitluba min-negozjanti relatati tagħha lill-klijenti mhux relatati tagħhom kienu b'definizzjoni affidabbli, li tali prezzijiet jikkompetu ma' dawg tal-industrija tal-Unjoni u li għalhekk jenħteġ li jintużaw għall-fini tal-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz (u l-bejgħ taħt il-prezz).

- (221) Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni li l-użu tal-Artikolu 2(9) b'analoġija biex jiġi stabbilit il-prezz għall-esportazzjoni għall-fini tal-kalkolu tat-twaqqiġ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz imwaqqa' jmur kontra l-Artikolu 3(1) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, għall-kuntrarju tal-asserzjoni ta' Severstal, fis-sentenza tagħha f'Hansol<sup>(33)</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-legalità tal-metodoloġija tal-Kummissjoni, billi ddikjarat li "il-Kummissjoni setgħet, sabiex tiggarrantixxi paragun oġġettiv tal-prezzijiet fil-livell tal-ewwel rilaxx għal ċirkulazzjoni libera tal-prodott inkwistjoni fl-Unjoni, li tistabbilixxi dan il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni billi tnaqqas mill-ispejjeż BAĠ u marġni ta' qligħ mill-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-prodott inkwistjoni minn Schades lil klijenti indipendenti. Fil-fatt, din l-applikazzjoni, b'analoġija, tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku kienet taqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandha l-Kummissjoni sabiex timplimenta l-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament u għalhekk ma setgħetx titqies, fiha nnifisha, bħala vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni"<sup>(34)</sup>. Barra minn hekk, peress li f'dan il-każ l-industrija tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tbigħ direttament lil klijenti indipendenti, il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni ma wasslitx għal riżultat manifestament żbaljat<sup>(35)</sup>.
- (222) Dan ta' hawn fuq wera marġni ta' twaqqiġ medju ponderat ta' bejn 1-4,2 % u s-7,1 % mill-importazzjonijiet mit-Turkija u bejn il-5 % u l-20,4 % mill-importazzjonijiet mir-Russja<sup>(36)</sup>. Il-biċċa l-kbira tal-ARK hija komodità sensitiva għall-prezz, u għalhekk il-marġnijiet tat-twaqqiġ tal-prezz huma sinifikanti.
- (223) L-assoċjazzjoni Torka CIB u xi produttori esportaturi talbu lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li jiġu kkunsidrati prodotti komparabbli. Il-metodoloġija użata matul l-investigazzjoni, meta jitqabblu t-tipi ta' prodotti kkonċernati esportati fl-Unjoni u l-prodott simili mmanifatturat fl-Unjoni, kif spjegat fil-premessi (218) u (219) hija rfinata biżżejjed sabiex jiġi żgurat tqabbil xieraq tal-prezzijiet għall-kalkoli tat-twaqqiġ tal-prezz.
- (224) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll effetti oħrajn fuq il-prezzijiet, b'mod partikolari l-eżistenza ta' tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni naqset il-prezzijiet tagħha bi 12 %, u għalhekk f'livell oġhla mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni (-7 % matul l-istess perjodu) (ara t-Tabella 7). Iżda għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun kapaċi żżid il-prezzijiet tagħha tal-anqas fil-livell sabiex tbigħ mingħajr telf. Pereżempju, fl-2019, li tikkoinċidi mal-oġhla żieda fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, l-industrija tal-Unjoni kellha tbigħ bi prezz qrib il-prezz tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, iżda b'telf sinifikanti. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija Unjoni naqsu b'mod parallel mat-tnaqqis fil-kostijiet tal-produzzjoni iżda fil-livell li bilkemm għamlu profitti.
- (225) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi ssottomettew li t-tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ mill-2019 għall-perjodu ta' investigazzjoni kien inqas mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni u li l-industrija tal-Unjoni saħansitra rnexxielha tagħmel profitt fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan jagħmel is-sejba ta' tnaqqis fil-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet ikkonċernati dubjuża.

<sup>(30)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' April 2022, Giant Electric Vehicle Kunshan Co. Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea, Kawża T-242/19, EU:T:2022:259.

<sup>(31)</sup> Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-4 ta' Mejju 2022, China Rubber Industry Association (CRIA) u China Chamber of Commerce of Metals, Minerals & Chemicals Importers & Exporters (CCCMC) vs Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kawżi T-30/19 and T-72/19, EU:T:2022:266, il-punti 128–131.

<sup>(32)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, Kawża C-260/20 P, EU:C:2022:370, il-punt 101.

<sup>(33)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, Kawża C-260/20 P, EU:C:2022:370.

<sup>(34)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, Kawża C-260/20 P, EU:C:2022:370, il-punt 105.

<sup>(35)</sup> Is-sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Mejju 2022, Il-Kummissjoni Ewropea vs Hansol Paper Co. Ltd, Kawża C-260/20 P, EU:C:2022:370, il-punt 99.

<sup>(36)</sup> Peress li l-produttori tal-Unjoni jbigħu b'mod predominanti lil klijenti indipendenti fl-UE direttament, il-Kummissjoni kkunsidrat il-marġnijiet ta' twaqqiġ tal-prezz li jirriżultaw bħala rappreżentattivi biżżejjed.

(226) Il-Kummissjoni ħadhet din l-asserzjoni. Il-fatt li l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikseb profitt ta' 0,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni ma jistax jimmina l-konklużjoni tal-Kummissjoni ta' tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Livell ta' profittabbiltà f'it oġġla minn dak ta' ekwilibriju ma jistax jitqies bħala profitt b'saħtu, li jkun jista' jinkiseb fl-assenza ta' pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Huwa ċar li dawn il-livelli ta' profitt kienu r-riżultat taż-żieda kbira fil-volumi ta' importazzjoni ta' ARK mill-pajjiżi kkonċernati. Kif spjegat qabel, l-ARK huwa komodità sensitiva għall-kompetizzjoni fil-prezzijiet. Għalhekk, l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping kienu kapaċi jeżerċitaw tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet fuq il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

#### 4.5. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

##### 4.5.1. Kummenti ġenerali

(227) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li kellhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(228) Kif imsemmi fil-premessa (6), il-kampjunar intuża għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni mit-Turkija u mir-Russja.

(229) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li kienet fit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-Eurofer relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni, kontroverifikata fejn meħtieġ mat-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-erba' produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet tad-*data* ġew debitament verifikati <sup>(37)</sup> u nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(230) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjeggi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping, u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(231) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

##### 4.5.2. L-indikaturi makroekonomiċi

###### 4.5.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(232) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 4

#### Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2017	2018	2019	PI
Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati)	10 915 729	10 870 843	10 757 441	9 797 517
Indiċi (2017 = 100)	100	100	99	90
Il-kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	12 110 762	12 107 279	13 240 172	13 340 130

<sup>(37)</sup> It-tweġiba għall-kwestjonarju pprovduta mill-Eurofer ġiet kontroverifikata mill-bogħod.

Indiċi (2017 = 100)	100	100	109	110
L-użu tal-kapaċità (%)	90	90	81	73
Indiċi (2017 = 100)	100	100	90	81

Sors: Il-Eurofer u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (233) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien pjuttost stabbli bejn l-2017 u l-2019 iżda naqas b'10 % fi tmien il-perjodu kkunsidrat, parzjalment minħabba l-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet Torok u Russi li żdiedu bi kważi 330 000 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbla mal-2019 (Tabella 2).
- (234) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtR ikkalkula mill-ġdid il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni abbażi tad-*data* rrapportata fit-Tabelli 5a, 5b, 9 u 12 u, billi kkombina ċ-ċifri f'dawk it-tabelli, ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet ikkalkolat ħażin il-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, is-sors ta' dawn it-tabelli ma huwiex l-istess; b'mod partikolari, il-volumi rrapportati fit-Tabella 9 huma mill-kampjun tal-industrija tal-Unjoni filwaqt li l-volumi fit-tliet tabelli l-oħra huma mill-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi. L-asserzjoni ġiet għalhekk miċħuda.
- (235) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedet b'10 %. Madankollu, din iż-żieda hija teoretika. Il-produtturi tal-Unjoni jużaw il-linji ta' galvanizzar f'banju sħun tagħhom sabiex jipproduċu l-ARK iżda wkoll prodotti oħrajn li ma humiex soġġetti għal din l-investigazzjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem ta' dawn il-linji ta' produzzjoni li ġie allokat għall-produzzjoni tal-ARK inbidel għal ċerti produtturi. It-tnaqqis fil-produzzjoni flimkien ma' żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni wassal għal tnaqqis fir-rata tal-użu tal-kapaċità.
- (236) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produtturi esportaturi sottomettew li ż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, u l-impatt tagħha fuq ir-rata tal-użu tal-kapaċità, b'mod partikolari fl-2019 kienu l-konsegwenza ta' deċiżjonijiet żbaljati ta' investiment. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (235), dik iż-żieda kienet biss teoretika. Dan il-fatt tqies mill-Kummissjoni fl-analiżi tagħha, billi tat rilevanza limitata għal dan il-fattur negattiv fis-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

#### 4.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

- (237) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5 a

#### Il-volum ta' bejgħ fis-suq ħieles u s-sehem mis-suq

	2017	2018	2019	PI
Il-bejgħ fis-suq ħieles	6 656 755	6 573 138	6 780 245	6 586 657
Indiċi (2017 = 100)	100	99	102	99
Is-sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq ħieles (%)	74,0	78,3	75,8	77,3
Indiċi (2017 = 100)	100	106	102	104

Sors: Il-Eurofer, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.



- (238) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles kien pjuttost stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. F'termini ta' volumi ta' bejgħ, fi tmiem il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha tikkumpensa għall-impatt taż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati bl-estensjoni tal-miżuri kontra ċ-Ċina sabiex jiġu evitati l-importazzjonijiet <sup>(38)</sup>, li ppermetta lill-industrija tal-Unjoni terġa' tikseb xi wħud mill-volumi ta' bejgħ li kienu ntilfu qabel minħabba l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni Ċinīzi. Flimkien mat-tnaqqis fil-konsum, dan irriżulta wkoll f'żieda fis-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat.
- (239) Wara d-divulgazzjoni, CIB u diversi produttori esportaturi sostnew li ċ-ċifri ta' hawn fuq juru li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali minħabba bejgħ jew sehem mis-suq mitluf.
- (240) Għalkemm tabilħaqq il-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni bħala tali naqsu biss bi ftit u s-sehem mis-suq tagħha żdied fid-dawl ta' tnaqqis fil-konsum, il-Kummissjoni ma qablitx peress li ż-żieda qawwija fl-importazzjonijiet bi prezz baxx mir-Russja u mit-Turkija eżerċitat pressjoni fuq il-prezzijiet, naqqset il-prezzijiet u ma ħallietx lill-industrija tal-Unjoni tieħu vantaġġ sħiħ mill-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ARK miċ-Ċina.

Tabella 5 b

**Il-volum kattiv u s-sehem mis-suq**

	2017	2018	2019	PI
Is-suq kattiv	2 504 391	2 667 375	2 358 802	2 167 741
Indiċi (2017 = 100)	100	107	94	87
Is-sehem tas-suq kattiv mill-produzzjoni totali tal-Unjoni (%)	22,9	24,5	21,9	22,1
Indiċi (2017 = 100)	100	107	96	96

Sors: Il-Eurofer, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (241) Is-suq kattiv tal-industrija tal-Unjoni (magħmul minn ARK miżmuma mill-industrija tal-Unjoni għall-użu downstream, b'mod partikolari għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku) fl-Unjoni naqas bi 13 % fil-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis huwa attribwibbli għat-tnaqqis fid-domanda ta' prodotti downstream tal-azzar miksi b'materjal organiku fit-tieni parti tal-perjodu kkunsidrat, minkejja l-irkupru tas-settur tal-apparat domestiku matul l-aħħar trimestru tal-2020 <sup>(39)</sup>. Is-sehem mis-suq tas-suq kattiv matul il-produzzjoni totali tal-Unjoni naqas b'0,8 % punti perċentwali b'mod ġenerali matul il-perjodu kkunsidrat.

## 4.5.2.3. It-tkabbir

- (242) Iċ-ċifri ta' hawn fuq fir-rigward tal-produzzjoni u, b'mod anqas evidenti, tal-bejgħ fis-suq ħieles juru xejra ta' tnaqqis mill-2017. Kif diġà msemmi fil-premessa (238), iż-żieda tal-industrija tal-Unjoni fis-sehem mis-suq kienet dovuta għar-reġistrazzjoni ta' ċerti importazzjonijiet Ċinīzi mal-bidu tal-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni li tikkonċerna tali importazzjonijiet <sup>(40)</sup>, li temmet l-importazzjonijiet sinifikanti miċ-Ċina u ppermettiet lill-industrija tal-Unjoni tikkumpensa għal parti mill-bejgħ mitluf għall-importazzjonijiet Russi u Torok.

## 4.5.2.4. L-impjegi u l-produttività

- (243) L-impjegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

<sup>(38)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1156.

<sup>(39)</sup> Ara l-analiżi tas-setturi tal-azzar tal-UE li jużaw l-azzar fl-"Economic and steel market outlook 2021-2022, second quarter 2021 report" tal-Eurofer minn Mejju tal-2021 disponibbli fuq <https://www.eurofer.eu/publications/economic-market-outlook/economic-and-steel-market-outlook-2021-2022-second-quarter/>

<sup>(40)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1948.

Tabella 6

**L-impjegi u l-produttività**

	2017	2018	2019	PI
In-numru ta' impjegati	8 389	8 731	9 751	9 238
Indiċi (2017 = 100)	100	104	116	110
Produttività (tunnellati/ impjegat)	1 301	1 245	1 103	1 061
Indiċi (2017 = 100)	100	96	85	82

Sors: Il-Eurofer u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (244) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell tal-impjegi tal-industrija tal-Unjoni relatati mal-produzzjoni tal-ARK varja u żdied b'10 %. Madankollu, xi fluttwazzjonijiet huma teoretiċi peress li huma r-riżultat tal-metodoloġġi użati sabiex jiġu allokatu r-riżorsi li jibdew minn familja ta' prodotti usa' mil-ARK (jiġifieri l-prodotti sekondarji galvanizzati f'banju sħun kollha).
- (245) Il-produttività tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 18 % matul il-perjodu kkonċernat. Dan it-tnaqqis huwa spjegat mit-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni u mill-metodoloġġa użata sabiex jiġi stabbilit in-numru ta' impjegati involuti fl-attivitajiet tal-ARK.

#### 4.5.2.5. Il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat

- (246) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla mil-livell *de minimis* u l-biċċa l-kbira minnhom kienu ogħla b'mod sinifikanti. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sostanzjali, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.
- (247) L-azzar reżistenti għall-korrużjoni diġà kien soġġett għal investigazzjonijiet anti-dumping. Il-Kummissjoni sabet li, matul il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2015 sat-30 ta' Settembru 2016, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod sinifikanti mill-importazzjonijiet ta' ARK oġġett ta' dumping li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ"). F'Awwiisu tal-2017 ġew imposti miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ<sup>(41)</sup> u ġew ikkonfermati miżuri definittivi fi Frar tal-2018<sup>(42)</sup>.
- (248) F'Awwiisu tal-2020, investigazzjoni antiċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping tal-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ estendiet il-miżuri għal ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni b'modifiki żgħar<sup>(43)</sup>.
- (249) Għalhekk, l-irkupru tal-industrija tal-Unjoni minn prattiki tad-dumping fil-passat kien għadu għaddej meta bdiet din l-investigazzjoni.

#### 4.5.3. L-indikaturi mikroekonomiċi

##### 4.5.3.1. Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

- (250) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

<sup>(41)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1444 tad-9 ta' Awwiisu 2017 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (C/2017/5512) (ĠU L 207, 10.8.2017, p. 1).

<sup>(42)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/186 tas-7 ta' Frar 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu azzar reżistenti għall-korrużjoni li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 34, 8.2.2018, p. 16).

<sup>(43)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1156.

Tabella 7

**Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-kost tal-produzzjoni fl-Unjoni**

	2017	2018	2019	PI
Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles (EUR/tunnellata)	662	674	616	584
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	102	93	88
Il-kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	622	664	638	578
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	107	103	93

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (251) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2017, il-produtturi tal-Unjoni setgħu jżidu l-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fl-Unjoni bi 2 % mill-2017 sal-2018. Madankollu, sussegwentement, il-prezz tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles naqas b'14 % bejn l-2018 u l-perjodu ta' investigazzjoni, li rriżulta fi tnaqqis ġenerali ta' 12 % matul il-perjodu kkunsidrat.
- (252) Il-kost unitarju tal-produzzjoni żdied b'7 % bejn l-2017 u l-2018, iżda naqas wara l-2018, u dan irriżulta fi tnaqqis ġenerali ta' 7 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-prezzijiet ta' xi materja prima ewlenija naqsu b'mod sinifikanti fit-tieni nofs tal-perjodu kkunsidrat.
- (253) Fil-kummenti tagħha dwar id-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produtturi esportaturi indikaw il-fatt li, mill-2019 sal-perjodu ta' investigazzjoni, it-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni kien aktar evidenti mit-tnaqqis kontinwu fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni osservat li matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni naqqset il-prezzijiet tagħha bi 12 %, li huwa aktar mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni (-7 % matul l-istess perjodu). Tabilħaqq, il-prezzijiet baxxi tal-industrija tal-Unjoni inkluż matul il-perjodu ta' investigazzjoni influwenzaw b'mod sever ir-riżultati finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni, kif turi t-Tabella 10 hawn taħt.

## 4.5.3.2. Il-kostijiet lavorattivi

- (254) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

**Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat**

	2017	2018	2019	PI
Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	32 916	33 372	33 007	31 075
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	101	100	94

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (255) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun naqsu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat.

## 4.5.3.3. L-inventarji

- (256) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

**L-inventarji**

	2017	2018	2019	PI
L-istokks tal-għeluq (tunnellati)	170 054	166 651	173 225	107 317
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	98	102	63
L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	5,9	5,3	6,0	3,9
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	90	101	65

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (257) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq naqas b'37 %. Il-produtturi tal-Unjoni normalment iżommu biss livell baxx ta' stokk huma stess. Għalhekk, l-istokkijiet ma humiex ikkunsidrati bħala indikatur importanti ta' dannu għal din l-industrija. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-analiżi tal-evoluzzjoni tal-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni. Kif jidher hawn fuq, dan l-indikatur baqa' relattivament stabbli bejn l-2017 u l-2019, għalkemm imbagħad naqas. Fil-perjodu ta' investigazzjoni, xi produtturi temporanjament ipproduċew anqas stokkijiet u stokkijiet imnaqsa fi sforz sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tagħhom fl-2019 u fl-2020 (ara t-Tabella 9).

4.5.3.4. Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

- (258) Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

**Il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti**

	2017	2018	2019	PI
Il-profitabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	6,2	2,1	- 2,6	0,4
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	34	- 42	6
Il-fluss tal-flus (EUR)	120 781 208	101 695 104	16 255 709	104 970 075
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	84	13	87
L-investimenti (EUR)	16 168 844	22 074 194	27 064 986	39 876 721
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	137	167	247
Ir-redditu fuq l-investimenti (%)	4,1	2,0	- 1,1	0,6
<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	49	- 27	16

Sors: Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

- (259) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà ġenerali naqset minn 6,2 % fl-2017 għal 0,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan it-tnaqqis jikkoinċidi maż-żieda enormi fil-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati (ara t-Tabella 2) bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni (ara t-Tabelli 3 u 7).
- (260) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produtturi esportaturi indikaw l-iżvilupp pożittiv tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni tal-2020 u x-xejra 'l fuq fl-2020 <sup>(44)</sup>. Barra minn hekk, dawn il-partijiet enfasizzaw li l-profittabbiltà fil-perjodu ta' investigazzjoni ma setgħetx titqies bħala rappreżentattiva minħabba l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq il-volumi tal-produzzjoni fil-bidu tal-2020 u t-tnaqqis fis-suq tal-ARK għall-karozzi, li huwa barra mill-ambitu tal-prodott f'din l-investigazzjoni iżda prodott fuq l-istess tagħmir, fl-2020.
- (261) Il-Kummissjoni nnotat li, kif imsemmi fil-premessa (24) hawn fuq, l-għażla tal-perjodu kkunsidrat kienet xierqa fid-dawl tad-data li fiha tressaq l-ilment u r-regoli applikabbli u li l-analiżi tal-Kummissjoni ma ssirx fuq tqabbil tas-sena bażi mal-perjodu ta' investigazzjoni iżda fuq ix-xejriet matul il-perjodu kkonċernat. Fluttwazzjonijiet fi żmien perjodu ta' 12-il xahar ma humiex rari. Barra minn hekk, l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-evoluzzjoni tad-domanda fis-settur tal-karozzi tqiesu bis-sħiħ fl-analiżi tal-kawżalità fit-Taqsimiet 5.2.7 u 5.2.4 ta' dan ir-Regolament.
- (262) Il-fluss ta' flus nett huwa l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Il-fluss tal-flus nett evolva fil-biċċa l-kbira f'konformità mal-profittabbiltà u r-redditu fuq l-investimenti. Il-fluss tal-flus nett baqa' pjuttost stabbli fl-2017 u fl-2018, naqas fl-2019 wara t-telf li għamlu l-produtturi tal-Unjoni dik is-sena, u mbagħad irkupra għal livell qrib dak fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.
- (263) L-investimenti huma l-valur kontabilistiku nett tal-assi. L-investimenti netti wrew żieda kontinwa matul il-perjodu kkunsidrat u żdiedu aktar mid-doppju matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod ġenerali, l-investimenti kellhom l-għan li jżommu l-kapaċitajiet eżistenti, li jtejbu l-kwalità u li jagħmlu sostituzzjoni xierqa tal-assi ta' produzzjoni meħtieġa. Xi wħud kienu relatati ma' kwistjonijiet ta' saħħa, sikurezza u ambjent. L-investimenti sinifikanti fit-tieni nofs tal-perjodu kkunsidrat jikkonċernaw produttur wieħed tal-Unjoni inkluż fil-kampjun u l-faġi upstream tal-produzzjoni tal-ARK tiegħu.
- (264) CIB u diversi produtturi esportaturi sostnew wara d-divulgazzjoni finali li ż-żieda fl-investimenti turi li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu. L-asserzjoni ġiet irrifjutata. L-investimenti, anki jekk żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, kienu ġeneralment fl-livelli baxxi u, kif imsemmi, kienu ġeneralment limitati għall-ispejjeż meħtieġa biex l-operazzjonijiet jinżammu għaddejnin. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qisix li l-iżvilupp pożittiv tagħha jnaqqas mid-dannu li nstab f'oqsma oħra.
- (265) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti li jirrifletti l-livell ta' deprezzament tal-assi. Dan naqas kontinwament u sar negattiv fl-2019, meta l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun għamlu telf globalment. Dan sar kemxejn pożittiv matul il-perjodu ta' investigazzjoni iżda kien ferm aktar baxx milli fil-bidu tal-perjodu kkunsidrat.
- (266) Il-prestazzjoni finanzjara dgħajfa tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat illimitat il-kapaċità tagħha li tiġġenera kapital. L-industrija tal-Unjoni hija intensiva fil-kapital u tirrikjedi investimenti sostanzjali. Ir-redditu fuq l-investment matul il-perjodu kkunsidrat kien baxx wisq sabiex ikopri tali investimenti sostanzjali.

#### 4.5.4. Konklużjoni dwar id-dannu

- (267) L-evoluzzjoni tal-indikaturi mikro u makro matul il-perjodu kkunsidrat uriet li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni ddeterjorat.

<sup>(44)</sup> Abbażi tad-data fl-ilment, CIB ikkalkulat il-kostijiet u l-prezzijiet trimestrali tal-industrija tal-UE u l-profitti li jirriżultaw fuq bażi trimestrali mit-T3 2019 sal-aħħar trimestru tal-perjodu ta' investigazzjoni (t21.007886 u t22.003104).

- (268) Iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni (+ 10 %) hija teoretika u ġeja mill-allokkazzjoni min-naħa tal-industrija tal-Unjoni ta' aktar kapaċità għall-produzzjoni tal-ARK bħala riżultat ta' domanda aktar baxxa ta' prodotti oħrajn immanifatturati fl-istess linji bħall-ARK. L-istess seħħ għall-impjeg (+ 10 %). Fir-rigward tal-investimenti (+ 147 %), il-biċċa l-kbira tirriżulta minn allokkazzjonijiet ta' investimenti magħmula fil-faċi upstream tal-produzzjoni tal-ARK. Iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (+ 3,2 %) matul il-perjodu kkunsidrat hija attribwibbli għall-bidu u għall-eżitu tal-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni kontra ċ-Ċina msemmija fil-premessa (202).
- (269) L-industrija tal-Unjoni pprovat iżżomm il-volumi ta' bejgħ tal-ARK tagħha lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni (-1 %) f'kuntast ta' konsum imnaqqas fis-suq ħieles (-6 %). Madankollu, l-industrija tal-Unjoni setgħet biss tagħmel dan u twieġeb għall-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li kienu qegħdin jiżiedu mill-pajjiżi kkonċernati billi tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni baxxiet il-prezzijiet tagħha aktar mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni.
- (270) Dawn il-prezzijiet tant baxxi influwenzaw b'mod sever ir-riżultati tal-industrija tal-Unjoni, li naqsu minn profitt ta' 6,2 % fl-2017 għal telf fl-2019 u bażikament għal ebda profitt fi tmiem il-perjodu kkunsidrat. Indikaturi finanzjarji oħrajn, bħall-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investment, segwew xejra simili.
- (271) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

## 5. KAWŻALITÀ

- (272) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi oħrajn magħrufin setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx attribwit għall-importazzjoni oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-evoluzzjoni tad-domanda, l-użu kattiv, id-dannu kkawżat minnha nnifisha, il-pandemija tal-COVID-19 u l-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana.

### 5.1. L-effetti tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping

- (273) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'aktar minn ħames darbiet matul il-perjodu kkunsidrat, u żdiedu minn 196 643 tonnellata fl-2017 għal aktar minn miljun tonnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq tagħhom żdied minn 2,2 % fl-2017 għal 13,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn l-importazzjonijiet li żdiedu saru bi prezzijiet aktar baxxi minn daww tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat, bid-distakk jiżdied maż-żmien. B'mod partikolari, fl-2019 u l-perjodu ta' investigazzjoni, is-snin bl-ogħla żidiet fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni tnaqqsu mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Il-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienet tinvolvi li, sabiex iżżomm it-telf fil-volumi ta' bejgħ limitat, l-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha aktar milli sabiex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni. B'riżultat ta' dan, il-profittabbiltà naqset minn 6,2 % għal 0,4 % u l-indikaturi finanzjarji marru għall-aġar.
- (274) L-assoċjazzjoni Torca CIB ikkontestat kwalunkwe impatt negattiv tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fuq il-bażi li dawn l-importazzjonijiet ma stabbilewx prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u segwew ix-xejriet tas-suq globali xprunati minn prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana li jvarjaw. Il-Kummissjoni rrifjutat l-asserzjoni. B'żieda esponenzjali fil-volumi, b'madwar miljun tonnellata f'perjodu daqstant qasir u li jammontaw għal sehem mis-suq ta' 12,9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet baxxi ħafna tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati affettwaw b'mod negattiv il-prezzijiet li l-industrija tal-Unjoni setgħet tikseb fis-suq ħieles.

- (275) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi tennew dan il-kument, u indikaw l-intelliġenza tas-suq li kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni, li turi li x-xejriet tal-prezzijiet matul il-perjodu kkunsidrat kienu l-istess fis-swieq globali ewlenin u għall-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni.
- (276) Il-Kummissjoni ħadhet din l-asserzjoni. L-ewwel, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni naqsu b'12 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'14 %. Bil-prezzijiet tal-importazzjonijiet diġà ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fl-2017, kif imsemmi fil-premessa (274), il-volum għoli ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ħafna mill-pajjiżi kkonċernati affettwa b'mod negattiv il-prezzijiet li l-industrija tal-Unjoni setgħet tikseb fis-suq ħieles. It-tieni, il-Kummissjoni nnotat li wħud mix-xejriet tal-prezzijiet fid-*data* pprovduta setgħu kienu parzjalment komparabbli, iżda li l-livell tal-prez eventwali ma kienx u li l-prezzijiet f'kull wieħed minn dawn is-swieq ewlenin huma għalhekk stabbiliti fuq il-bażi tad-dinamika u ċ-ċirkostanzi speċifiċi applikabbli għal dak is-suq. Il-fatt li l-Kummissjoni kienet stabbilit li l-prodott ikkonċernat huwa komodità, kif qalu l-partijiet ikkonċernati, ma jimminax din il-konklużjoni.
- (277) Diversi partijiet sostnew li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni bejn l-importazzjonijiet mir-Russja u t-Turkija u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni rrifjutat l-asserzjoni. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fl-ewwel parti tal-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni setgħet tieħu vantaġġ minn ċirkostanzi tas-suq relattivament tajbin u mill-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-importazzjonijiet Ċiniżi. Madankollu, bejn l-2018 u l-2019, meta ż-żieda sena wara sena tal-importazzjonijiet mir-Russja u mit-Turkija kienet l-oġhla, l-industrija tal-Unjoni bdiet tagħmel it-telf. Is-sitwazzjoni finanzjarja ħażina kompliet fil-perjodu ta' investigazzjoni, wara żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati f'termini assoluti u relattivi. Għalhekk kien hemm korrelazzjoni ċara bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (278) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi sostnew li bejn l-2018 u l-2019, meta ż-żieda sena wara sena tal-importazzjonijiet mir-Russja u mit-Turkija kienet l-oġhla, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid il-volumi tal-bejgħ tal-Unjoni tagħha bi f'tit aktar minn 200 000 tonnellata.
- (279) Madankollu, il-Kummissjoni osservat li din iż-żieda kienet f'termini assoluti inqas minn nofs iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u, fid-dawl tal-prezzijiet prevalenti f'suq mgħarraġ minn importazzjonijiet oġġett ta' dumping, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret ferm għall-aġar mill-2018 u bdiet tagħmel it-telf fl-2019.
- (280) Diversi partijiet iddikjaraw li l-importazzjonijiet mit-Turkija u mir-Russja qatt ma laħqu volumi li setgħu jkunu ta' dannu peress li, fost l-oħrajn, kienu taħt il-livell tal-kwota residwa tal-kwoti ta' salvagwardja tal-azzar fl-Unjoni. Il-Kummissjoni rrifjutat l-asserzjoni. Il-miżuri anti-dumping jindirizzaw sitwazzjoni differenti mill-miżuri ta' salvagwardja. Il-miżuri ta' salvagwardja tal-azzar ma jipprevjenux l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping fil-kwoti mingħajr dazju ta' salvagwardja, li tabilħaqq, kif imsemmi fil-premessa (214), huma kbar biżżejjed sabiex jippermettu volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet qabel ma japplika d-dazju ta' salvagwardja. Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku, kif innotat fil-premessi (213) sa (214) hawn fuq. Għalhekk, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kienu sinifikanti biżżejjed sabiex jikkawżaw dannu materjali lill-produtturi tal-Unjoni.
- (281) Xi partijiet talbu lill-Kummissjoni tanalizza d-*data* għall-2021 u ddikjaraw li l-irkupru qawwi tal-produtturi tal-Unjoni f'dik is-sena wera li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma kinux is-sors ta' xi dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ħadhet l-asserzjoni f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament bażiku, li tistabbilixxi li l-informazzjoni fir-rigward ta' perjodi sussegwenti għall-perjodu ta' investigazzjoni normalment ma jenhtigħx li tiġi kkunsidrata.

## 5.2. L-effetti ta' fatturi oħrajn

### 5.2.1. L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (282) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

**L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

Il-pajjiż		2017	2018	2019	PI
Il-Korea t'Isfel	Il-volum (tunnellati)	143 873	180 993	209 248	248 890
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	126	145	173
	Is-sehem mis-suq (%)	1,6	2,2	2,3	2,9
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	135	146	182
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)	703	729	685	626
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	104	97	89
It-Tajwan	Il-volum (tunnellati)	69 919	87 803	140 334	184 158
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	126	201	263
	Is-sehem mis-suq (%)	0,8	1,0	1,6	2,2
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	134	202	278
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)	624	675	656	624
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	108	105	100
L-Indja	Il-volum (tunnellati)	232 677	126 651	194 355	169 040
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	54	84	73
	Is-sehem mis-suq (%)	2,6	1,5	2,2	2,0
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	58	84	77
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)	683	689	639	573
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	101	94	84
It-Tuneżija	Il-volum (tunnellati)	0	29 901	82 426	85 436
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>		100	276	2 286
	Is-sehem mis-suq (%)	0	0,4	0,9	1,0
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>		100	225	250
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)		648	600	570
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>		100	93	88
L-Ukrajna	Il-volum (tunnellati)	19 501	30 165	25 434	19 140
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	155	130	98
	Is-sehem mis-suq (%)	0,2	0,4	0,3	0,2
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	166	131	104
	Il-prezz medju (EUR/ tunnellata)	635	645	593	538
	<i>Indiċi (2017 = 100)</i>	100	102	93	85



Iċ-Ċina	Il-volum (tunnellati) <sup>(45)</sup>	1 557 192	903 775	668 707	245
	Indiċi (2017 = 100)	100	58	43	0
	Is-sehem mis-suq (%)	17,3	10,8	7,5	0,0
	Indiċi (2017 = 100)	100	62	43	0
	Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	597	478	860	896
	Indiċi (2017 = 100)	100	80	144	150
Pajjiżi terzi oħrajn	Il-volum (tunnellati)	113 906	120 947	77 991	132 678
	Indiċi (2017 = 100)	100	106	68	116
	Is-sehem mis-suq (%)	1,3	1,4	0,9	1,6
	Indiċi (2017 = 100)	100	114	69	123
	Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	658	691	687	599
	Indiċi (2017 = 100)	100	105	99	87
It-total tal-pajjiżi terzi kollha ħliet il-pajjiżi kkonċernati	Il-volum (tunnellati)	2 137 068	1 480 235	1 398 494	839 588
	Indiċi (2017 = 100)	100	69	65	39
	Is-sehem mis-suq (%)	23,8	17,6	15,6	9,9
	Indiċi (2017 = 100)	100	74	66	41
	Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	636	695	655	603
	Indiċi (2017 = 100)	100	109	103	95

Sors: Sorveljanza 2 (aġġustata).

- (283) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħrajn kollha varja. B'mod ġenerali, kien hemm tnaqqis minn 23,8 % fl-2017 għal 9,9 % fil-perjodu ta' investigazzjoni, xejra li kienet parzjalment influwenzata mill-impożizzjoni ta' miżuri għad-difiża kummerċjali kontra l-ARK Ċiniż.
- (284) Fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ammontaw għal 839 588 tunnellata (li 72 % minnhom kienu mill-Korea t'Isfel, mit-Tajwan u mill-Indja). Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet waslu fl-Unjoni bi prezzijiet oġhla mill-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.
- (285) Kif innotat fil-premessi (247) u (248) hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni kienet għadha affettwata mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping matul parti mill-perjodu kkunsidrat. Xi partijiet iddikjaraw li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-importazzjonijiet Ċiniżi evażivi ma komplewx jidħlu fis-suq tal-Unjoni fl-2020, u għal dan talbu d-divulgazzjoni tad-*data* TARIC <sup>(46)</sup>. Minħabba ż-żmien tal-proċediment antiċirkonvenzjoni kontra ċ-Ċina u r-reġistrazzjoni li kienet tapplika mill-bidu ta' dik l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-importazzjonijiet Ċiniżi ma kkawżawx id-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' dan il-proċediment. Aktar importanti minn hekk, l-importazzjonijiet tal-ARK mir-RPĊ kienu virtwalment ineżistenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni, meta l-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni komplet issofri dannu materjali.

<sup>(45)</sup> Abbażi tal-volumi mill-bażi tad-*data* ta' Sorveljanza 2 għall-2020 biss.

<sup>(46)</sup> Fl-4 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar il-volumi u l-valuri aggregati tal-importazzjoni għal kull bażi ta' pajjiż esportatur għas-sena kalendarja 2020 għall-prodott li qiegħed jiġi investigat permezz tan-nota għall-fajl t2.001509.

- (286) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi sottomettew li t-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fl-2018 u fl-2019 kien minħabba li l-profittabbiltà li nkisbet fl-2017 kienet prinċipalment dovuta għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ARK miċ-Ċina u li t-tnaqqis fil-profittabbiltà minn dak il-livell tal-2017 fl-2018 u l-2019 kien ikkawżat mill-importazzjonijiet ta' ARK miċ-Ċina li evadew ir-regolamenti, asserzjoni li saret ukoll mill-GtT.
- (287) L-ewwel, fir-rigward tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fl-2017, il-Kummissjoni nnotat li fl-2017 il-profittabbiltà kienet oġhla mill-profit fil-mira minimu ta' 6 % li kien jindika li (i) wara perjodu ta' kompetizzjoni inġusta miċ-Ċina li rriżultat f'dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx, f'dik is-sena, affettwata materjalment mid-dumping Ċiniż fis-suq tal-Unjoni, x'aktarx bħala konsegwenza tat-tnedija ta' investigazzjoni anti-dumping kontra l-ARK miċ-Ċina f'Diċembru 2016; u (ii) il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kien għadu mhux tali li jaffettwa materjalment il-livell ta' profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, l-assenza ta' distorsjonijiet kummerċjali inġusti bl-ebda mod ma tfisser li l-profittabbiltà kienet eċċessivament għolja, kif donnhom kienu qed jissuġġerixxu l-partijiet ikkonċernati, ferm aktar meta l-livell kien wieħed moderat ta' 6,2 %. Fir-rigward tal-impatt tal-importazzjonijiet miċ-Ċina li evadew ir-regolamenti fl-2018 u fl-2019, il-Kummissjoni mhux "sempliċiment injoratu", kif sostnew CIB u diversi produttori esportaturi, iżda kienet irrikonoxxiet li l-industrija tal-Unjoni kienet għadha affettwata minnu. Madankollu, għall-kuntrarju tax-xejra tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, minħabba l-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni, il-volum ta' dawk l-importazzjonijiet naqas bil-qawwa fl-2018 u fl-2019, meta kien diġà fl-livell taħt dak tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Kważi ma kien hemm l-ebda importazzjoni oħra ta' ARK miċ-Ċina fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (288) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma mmitigax ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li kienu l-oġġett ta' dumping mir-Russja u mit-Turkija u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

#### 5.2.2. Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (289) Il-volum u l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 12

#### Il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2017	2018	2019	PI
Il-volum tal-esportazzjonijiet (tunnellati)	708 037	657 417	812 594	748 774
Indiċi (2017 = 100)	100	93	115	106
Il-prezz medju (EUR/tunnellata)	608	672	600	589
Indiċi (2017 = 100)	100	110	99	97

Sors: Il-Eurofer (il-volumi), il-Produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun (il-prezz tal-bejgħ).

- (290) L-industrija tal-Unjoni żiedet il-volum tal-esportazzjoni tagħha b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Il-bejgħ addizzjonali għall-esportazzjoni (ta' madwar 40 000 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni meta mqabbel mal-bidu tal-perjodu kkunsidrat) huwa limitat meta mqabbel mat-telf ta' aktar minn 93 000 tunnellata ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni matul l-istess perjodu. Ħlief għall-prezzijiet oġhla fl-2018, il-produtturi tal-Unjoni gawdew minn prezzijiet tal-esportazzjoni pjuttost stabbli matul l-istess perjodu. Il-prodotti li huma esportati mill-industrija tal-Unjoni ġeneralment huma ARK orħos u għalhekk għandhom prezzijiet medji ferm aktar baxxi mill-prodotti mibjugħa fl-Unjoni. Il-bejgħ għall-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni seta' jikkompensa biss ftit ħafna għall-iżviluppi negattivi f'termini kemm ta' volumi kif ukoll ta' prezzijiet fis-suq tal-Unjoni billi naqqas il-kostijiet fissi u kostijiet oħrajn.

- (291) Xi produttori esportaturi attribwew kwalunkwe telf tas-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni tal-ARK għall-enfasi akbar tal-industrija tal-Unjoni fuq is-swieq tal-esportazzjoni, li, għal xi partijiet, ma kinux profittabbli. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni. Il-volumi esportati mill-produtturi tal-Unjoni kienu limitati meta mqabbla mal-volumi totali ta' bejgħ tal-Unjoni, li jirrappreżentaw madwar 12 % tal-volum totali ta' bejgħ tagħhom. Kif innotat fil-premessa (290), f'termini assoluti l-bejgħ addizzjonali għall-esportazzjoni kien limitat, filwaqt li l-prezzijiet kienu pjuttost stabbli u f'konformità mat-taħlita tal-prodotti.
- (292) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fuq id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni, jekk kien hemm, kien marġinali.

#### 5.2.3. L-evoluzzjoni tad-domanda inġenerali

- (293) Kif muri fit-Taqsim 4.3, il-konsum tas-suq ħieles naqas matul il-perjodu kkunsidrat. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evoluzzjoni tal-konsum tas-suq ħieles setgħet ikkontribwiet għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.
- (294) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtR sostna li t-tnaqqis fil-konsum kien ir-raġuni ewlenija għat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tenniet li t-tnaqqis fil-konsum ma nstabx li naqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oggħett ta' dumping mir-Russja u mit-Turkija u s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, fid-dawl taż-żieda fil-volumi u fl-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-effett tagħhom fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, filwaqt li l-konsum naqas b'467 000 tunnellata matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kważi rdoppjaw.

#### 5.2.4. L-evoluzzjoni tad-domanda fis-settur tal-karozzi

- (295) Xi partijiet sostnew li l-industrija tal-Unjoni kienet sejra ħażin minħabba problemi u domanda aktar baxxa fis-settur tal-karozzi. L-asserzjoni ma ġietx ikkonfermata minn din l-investigazzjoni. Għall-kuntrarju, l-investigazzjoni wriet li l-produtturi tal-Unjoni kienu qegħdin jipprovdu l-ARK lil diversi setturi tal-industrija li ma humiex fis-settur tal-karozzi. Minħabba li l-prodotti galvanizzati f'banju sħun li tipikament jintużaw fis-settur tal-karozzi jaqgħu barra mill-ambitu tal-investigazzjoni, jekk parti mill-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod negattiv minn tnaqqis fir-ritmu tal-industrija tal-karozzi, dan kien ġej minn prodotti li ma humiex prodott simili u għalhekk ma tqisux fl-analiżi attwali. L-asserzjoni ġiet irrifjutata.
- (296) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi sostnew li d-domanda aktar baxxa f'dak is-settur, li hija prodotta fuq l-istess linji ta' produzzjoni, kienet iżżid il-kost fiss u għalhekk kienet taffettwa ħażin il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.
- (297) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li ċerti produttori tal-Unjoni jimmanifatturaw ukoll prodotti użati fis-settur tal-karozzi fuq il-linji tal-prodotti ta' ARK. Madankollu, hija ċċarat li l-analiżi f'din l-investigazzjoni, inkluża l-analiżi tal-kostijiet, issir biss fuq il-grupp ta' prodotti kopert minnha. Il-mikroindikaturi ngābru fil-livell tal-produtturi inklużi fil-kampjun biss. Il-kostijiet tal-produzzjoni vverifikati ta' dawn il-partijiet, u b'mod partikolari l-kostijiet fissi tagħhom, ma kinux soġġetti għal tali riallokazzjoni. Tabilħaqq, din ir-riallokazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni kienet tapplika biss għal għadd żgħir ta' produttori mhux inklużi fil-kampjun. Għalhekk, l-ebda wieħed mill-mikroindikaturi u kif imsemmi fid-dokument ta' divulgazzjoni kif ukoll f'dan ir-regolament, żewġ makroindikaturi biss, jiġifieri l-kapaċità tal-produzzjoni (Tabella 4) u l-impjeggi (Tabella 6), kienu affettwati mill-iżvilupp fi gruppi ta' prodotti differenti mill-ARK.

- (298) L-asserzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

#### 5.2.5. L-użu kattiv

- (299) Il-produtturi tal-Unjoni jużaw il-prodott li qiegħed jiġi investigat għall-produzzjoni tal-azzar miksi b'materjal organiku.
- (300) Kif muri fit-Tabella 1 hawn fuq, il-konsum kattiv naqas bi 13 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis seħħ prinċipalment fit-tieni parti tal-perjodu kkunsidrat bħala konsegwenza tat-tkabbir negattiv f'xi setturi li jużaw l-azzar. Madankollu, l-użu kattiv baqa' pjuttost stabbli f'termini relattivi, jiġifieri, bħala perċentwal tal-produzzjoni tal-Unjoni.

- (301) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evoluzzjoni tal-konsum kaptiv fuq id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, jekk kien hemm, kienet marġinali.

#### 5.2.6. *Id-dannu kkaġunat mill-parti stess*

- (302) Xi partijiet indikaw investimenti mhux f'waqthom għall-produzzjoni ta' prodotti galvanizzati f'banju sħun għas-settur tal-karozzi bħala sors tad-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni. Kif diskuss fil-premessa (295), l-asserzjoni tikkonċerna investimenti fuq prodott li ma huwiex kopert minn din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.
- (303) Xi partijiet indikaw investimenti mhux f'waqthom li wasslu għal kapaċità ta' produzzjoni ħafna ogħla mill-konsum fl-Unjoni bħala sors tad-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni. Kif għe nnotat fil-premessa (263), il-produtturi tal-Unjoni ma investewx sabiex iżidu l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-ARK bħala tali. Barra minn hekk, il-premessa (235) tinnota li ż-żidiet fil-kapaċità tal-produzzjoni għall-ARK kienu teoretiċi u għalhekk ma kinux ikkunsidrati bħala indikazzjoni ta' dannu materjali f'dan il-każ partikolari. Din l-asserzjoni għet imtennija wara d-divulgazzjoni finali iżda mingħajr ebda evidenza jew raġunament ġdid u għalhekk għet miċħuda.
- (304) Xi partijiet indikaw dannu kkawżat mill-industrija tal-Unjoni nnifisha minħabba li l-SSCs relatati mal-produtturi tal-Unjoni jimportaw il-prodott li qiegħed jiġi investigat. L-asserzjoni ma kinitx issostanzjata u, għalhekk, għet irrifjutata. Ta' min jinnota li ħafna produtturi tal-Unjoni ma għandhomx ċentri tas-servizzi tal-azzar relatati b'funzjonijiet ta' importazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ma għandhomx ċentri tas-servizzi tal-azzar relatati ta' dan it-tip. L-importazzjonijiet minn ċentri tas-servizzi tal-azzar relatati mal-produtturi tal-Unjoni, jekk kien hemm, ma nstabux li jnaqqsu r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja u mit-Turkija u s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, fid-dawl taż-żieda fil-volumi tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, l-effett tagħhom fuq il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-impatt ta' fatturi oħrajn analizzati f'din it-taqsim.

#### 5.2.7. *Il-pandemija tal-COVID-19*

- (305) Xi partijiet attribwew id-dannu lill-għeluq fl-Unjoni dovut għall-COVID-19 li żied il-kostijiet fissi tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni fid-dawl ta' volumi ta' produzzjoni aktar baxxi. L-asserzjoni, li għet imtennija wara d-divulgazzjoni finali, għet miċħuda. L-għeluq dovut għall-COVID-19 fl-14-il Stat Membru fejn jinsabu l-produtturi tal-Unjoni varja f'termini ta' perjodi u ambitu. Fil-fatt, kien hemm produtturi tal-azzar tal-Unjoni li bilkemm għew affettwati minn xi għeluq, li kienu jforu lin-negozji essenzjali matul il-pandemija u li l-output ġenerali tagħhom fl-2020 ma kienx varja b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-2019 <sup>(47)</sup>.
- (306) Dawk il-partijiet ikkunsidraw li r-raġuni għaliex l-industrija tal-Unjoni tilfet ishma mis-suq kienet il-volumi aktar baxxi disponibbli għall-bejgħ bħala riżultat ta' rati aktar baxxi ta' użu tal-kapaċità u tnaqqis fil-produzzjoni minħabba l-għeluq tal-impjanti jew kapaċitajiet inattivi dovuti għall-pandemija tal-COVID-19. Il-Kummissjoni ma qablitx. F'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum (ara t-Tabella 1), l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kisbu aktar ishma mis-suq mill-industrija tal-Unjoni, li, b'mod ġenerali, kienet f'pożizzjoni li tkompli taqdi s-suq.
- (307) Diversi partijiet iddikjaraw li l-importazzjonijiet Torok u Russi mlew lakuna fis-suq tal-Unjoni li rriżultat mill-waqfien tal-produzzjoni dovut għall-COVID-19 fl-Unjoni, u li kkawżat nuqqasijiet. Il-Kummissjoni rrifjutat l-asserzjoni. Il-Kummissjoni nnotat li l-biċċa l-kbira taż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, f'termini ta' volumi kif ukoll ta' ishma mis-suq, seħħet fl-2018 u fl-2019, jiġifieri qabel il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, l-impatt tal-għeluq tal-produzzjoni dovut għall-COVID-19 kien ġeneralment limitat kif spjegat fil-premessa (305) u varja fost il-produtturi tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, l-għeluq relatat mal-COVID-19 qatt ma seta' jiġġustifika prattiki ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. Dawn il-kummenti għew imtennija wara d-divulgazzjoni finali iżda mingħajr ebda evidenza jew raġunament ġdid u għalhekk għew miċħuda.
- (308) CIB u diversi produtturi esportaturi sostnew ukoll li l-analiżi trimestrali li kienet għamlet tal-prezzijiet u l-kostijiet fl-ilment (ara l-premessa (260)) turi li, b'mod partikolari fl-ewwel trimestru tal-2020, l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf kbir. Dan jikkorrobora l-asserzjoni li l-għeluq obbligatorju tal-impjanti fl-Unjoni (aktar milli l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping) kien il-kawża tal-profittabbiltà baxxa fil-perjodu ta' investigazzjoni.

<sup>(47)</sup> Pereżempju, ara l-fajls mhux kunfidenzjali ft21.005684 (Marcegaglia Carbon Steel Spa).

- (309) Il-Kummissjoni nnotat li s-sejbiet tal-analiżi proprja ta' dawn il-partijiet ta' din id-*data* speċifika tal-ilment diġà wriet deterjorament drammatiku tal-profitt bejn it-tielet u r-raba' trimestru tal-2019 (minn 1,22 % sa -1,96 %), jiġifieri qabel il-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll titjib qawwi ħafna tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fit-tieni trimestru tal-2020 għal livell (-0,45 %) komparabbli ma' dak li suppost inkiseb fit-tielet trimestru tal-2020 – filwaqt li l-partijiet enfasizzaw li l-għeluq beda minn Marzu 2020 <sup>(48)</sup>. Hija qieset li kemm it-tnaqqis qawwi fil-profittabbiltà fl-aħħar trimestru tal-2019, jiġifieri qabel kwalunkwe għeluq obbligatorju tal-impjanti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u t-titjib qawwi fil-profittabbiltà fit-tieni trimestru tal-2020 ma jaqblux mal-asserzjoni li din l-analiżi tikkorrobora l-asserzjoni dwar l-impatt tal-għeluq obbligatorju. Għalhekk, l-asserzjoni ma nstabitx li kienet sostanzjata b'mod konvinċenti.
- (310) Il-GtR iddikjara li ċerti sejbiet relatati mal-COVID-19 miġbura fil-qosor fi studju kienu l-kawża tad-deterjorament tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni <sup>(49)</sup>. Dawk is-sejbiet huma relatati mal-irkupru bil-mod taż-żona tal-euro meta mqabbla maċ-Ċina, mal-impatt ta' nuqqas ta' provvista fuq perjodu qasir fuq l-industriji tal-manifattura u mad-differenzi fost is-settur fir-rigward tal-irkupru wara l-COVID-19. L-asserzjoni hija miċħuda għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (306) u n-natura tal-istudju, li jiffokaw fuq setturi mhux relatati mal-ARK.

#### 5.2.8. Il-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana

- (311) Xi partijiet iddikjaraw li l-produtturi tal-Unjoni ġarrbu "kompreszjoni tal-prezz nett" minħabba l-fluttwazzjonijiet fil-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana, li saru aktar għaljin fit-tieni parti tal-2020 skont l-intelliġenza tas-suq. Il-biċċa l-kbira tal-produtturi tal-Unjoni huma integrati vertikalmment u l-prezz tal-kojls illaminati bis-sħana fis-suq ħieles ma kellu l-ebda impatt fuq il-kost tal-produzzjoni tagħhom tal-ARK. Il-Kummissjoni ħadhet l-asserzjoni.

#### 5.2.9. L-istat kompetittiv tal-industrija tal-Unjoni

- (312) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GtR sostna li ż-żieda fl-ishma mis-suq li kisbu r-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan uriet li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva biżżejjed.
- (313) Il-Kummissjoni nnotat li żieda fil-preżenza tal-importazzjonijiet ma hijiex indikattiva tal-istat kompetittiv ta' industrija domestika. Hija nnotat ukoll li l-volum assolut tal-importazzjonijiet minn dawn iż-żewġ pajjiżi u, aktar u aktar, iż-żieda tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat kienu limitati meta mqabbla ma' dawk tal-pajjiżi kkonċernati. L-asserzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

### 5.3. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (314) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja u mit-Turkija. Iż-żieda tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati ħabtet mad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. L-importazzjonijiet bi prezz baxx mit-Turkija u mir-Russja żdiedu b'mod esponenzjali u żammew lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-prezzijiet u l-volumi ta' bejgħ wara l-investigazzjoni antiċirkomvenzjoni dwar l-importazzjonijiet Ċinzi. F'termini ta' prezzijiet, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kontinwament waqqgħu dawk tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u fi kwalunkwe każ ħolqu pressjoni sostanzjali fuq il-prezzijiet li żammew lill-industrija tal-Unjoni milli tistabbilixxi prezzijiet flivelli sostenibbli meħtieġa sabiex tikseb marġnijiet ta' profitt raġonevoli.
- (315) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Hija sabet li fatturi bħall-iżvilupp tal-użu kattiv u ċerti investimenti ma kkontribwewx għad-dannu mġarrab. L-effett ta' fatturi bħall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, l-esportazzjonijiet mill-produtturi tal-Unjoni, l-evoluzzjoni tad-domanda, il-pandemija tal-COVID-19 u l-prezzijiet tal-kojls illaminati bis-sħana kien ġeneralment limitat.

<sup>(48)</sup> Is-sottomissjoni ta' CIB t21.006224, it-tabella taht il-punt 34.

<sup>(49)</sup> Is-sejbiet jistgħu jinstabu fl-istudju "Impacts of the COVID-19 pandemic on EU Industries", mitlub mill-kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) u disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/662903/IPOL\\_STU\(2021\)662903\\_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2021/662903/IPOL_STU(2021)662903_EN.pdf)

- (316) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi l-oħrajn, ikkunsidrati individwalment jew b'mod kollettiv, ma naqqas ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali.

## 6. IL-LIVELL TAL-MIŻURI

- (317) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx suffiċjenti sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping għall-industrija tal-Unjoni.

### 6.1. Il-marġni tad-dannu

- (318) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2c) u 7(2d) tar-Regolament bażiku.
- (319) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, sabiex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż li qiegħed jiġi investigat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ sabiex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Z) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà li wieħed għandu jistenna f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Jenħtieġ li marġni ta' profitt bħal dan ma jkunx anqas minn 6 %.
- (320) L-ilmentatur iddikjara li l-profitt fil-mira jenħtieġ li jkun mill-anqas l-istess bħal fil-każ preċedenti tal-ARK (taċ-Ċina) (7,4 %). Produttur tal-Unjoni ppropona 15 %. Xi partijiet sostnew li l-livell ta' profitt issuġġerit mill-ilmentaturi kien għoli wisq.
- (321) Il-Kummissjoni sabet li fl-2017 l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi tikseb profitt ta' 6,2 % bħala medja. Għalkemm il-miżuri anti-dumping kienu għadhom ma ġewx imposti fuq l-importazzjonijiet tal-ARK mir-RPĊ, il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi kien diġà naqas fl-2017 bħala riżultat tal-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping f'Diċembru tal-2016. Barra minn hekk, f'dik is-sena l-livell tal-importazzjonijiet mir-Russja u mit-Turkija kien għadu relattivament baxx (ara t-Tabella 2).
- (322) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll is-snin ta' qabel il-perjodu kkunsidrat iżda nstab li dawn ma kinux xierqa minħabba l-influss ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li kien qiegħed jaffettwa l-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-profitt fil-mira użat fil-każ preċedenti tal-ARK (taċ-Ċina), li madankollu jmur lura għall-2008.
- (323) Għalhekk, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-profitt medju ponderat ta' 6,2 % miksub fl-2017 kien l-aktar bażi xierqa għall-kalkolu tal-profitt fil-mira f'dan il-każ.
- (324) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, żewġ produttori tal-Unjoni pprovdew evidenza li l-livell ta' investimenti, riċerka u żvilupp tagħhom (R&Z) u innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kienu jkunu ogħla taħt kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Abbażi tal-evidenza dokumentarja tal-kumpaniji, li setgħet tiġi rrikonċiljata mal-għodod ta' rapportar u s-sistemi ta' kontabilità tal-kumpaniji, il-Kummissjoni aċċettat l-asserzjonijiet. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn l-ispejjeż tal-investimenti, tar-R&Z u tal-innovazzjoni ("IRI") f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-Unjoni u vverifikati mill-Kummissjoni u l-ispejjeż tal-IRI attwali matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn id-differenzi, espressi bħala perċentwal tal-fatturat, kienu ta' 0,02 % u 0,35 %. Tali perċentwali ġew miżjuda mal-profitt bażiku ta' 6,2 %, li wassal għal profitt fil-mira finali li jvarja bejn 6,20 % u 6,55 %.
- (325) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokoll tagħhom, li l-Unjoni hija parti minnhom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2). Abbażi tal-evidenza disponibbli (abbażi tas-sistemi kontabilistiċi tal-kumpaniji, l-għodod tar-rapportar u t-tbassir tagħhom), il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali f'firxa ta' bejn EUR 3,05 u EUR 38,78 għal kull tunnellata.

- (326) Dawn il-kostijiet kienu jinkludu l-kostijiet futuri addizzjonali sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (EU ETS). L-EU ETS hija pedament tal-politika tal-UE għall-konformità mal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali. Dawn il-kostijiet addizzjonali ġew ikkalkolati fuq il-bażi tal-istima tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (EUAs) li se jkollhom jinxtra matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri (mill-2022 sal-2026). Il-kostijiet addizzjonali qiesu wkoll il-kostijiet indiretti tas-CO<sub>2</sub> li jirriżultaw minn żieda fil-prezzijiet tal-elettriku matul il-perjodu bejn l-2022 u l-2026 marbuta mal-EU ETS u l-prezzijiet imbassra tal-EUAs.
- (327) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż għall-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira (ara l-premessa (324)) għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.
- (328) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produtturi esportaturi sostnew li l-kostijiet tal-produzzjoni użati bħala bażi għall-kalkolu ta' prezz mhux dannuż se jżiedu minħabba r-riallokazzjoni tal-linji tal-produzzjoni għal ċerti produtturi kif imsemmi fil-premessa (235). Din l-asserzjoni ma kinitx issostanzjata. Fi kwalunkwe każ, kif imsemmi fil-premessa (295), id-*data* dwar il-kost użata f'din l-investigazzjoni, inkluż għall-kalkolu ta' prezz tal-industrija tal-Unjoni mhux dannuż, tikkonċerna biss il-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni tal-prodott simili u l-mikroindikaturi nġabru u ntużaw fil-livell tal-produtturi inklużi fil-kampjun biss. Il-Kummissjoni kkonfermat li r-riallokazzjoni msemmija fil-premessi (235) u (244) tikkonċerna għadd żgħir ta' produtturi mhux inklużi fil-kampjun u għalhekk taffettwa biss il-makroindikaturi inkwistjoni kif spjegat kif xieraq. Għalhekk, il-pretensjoni ġiet miċħuda.
- (329) Imbagħad il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi Russi u l-produtturi esportaturi Torok li kkooperaw fil-kampjun, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjonijiet.
- (330) Wara d-divulgazzjoni finali, Severstal ikkontestat l-aġġustamenti għall-SG&A u l-profitt li sar fil-prezzijiet tal-bejgħ tan-negożjanti relatati tagħha fl-Unjoni b'analoġija mal-Artikolu 2(9), għall-istess raġunijiet kif imsemmi fil-premessa (220).
- (331) Kif innotat fil-premessa (221), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-legalità tal-użu tal-Artikolu 2(9) b'analoġija biex jiġi stabbilit il-prezz tal-esportazzjoni għall-fini tal-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz u l-bejgħ taħt il-prez<sup>(50)</sup>. Għalhekk, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (332) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi (138) u (182)).

## 6.2. Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri

- (333) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping definittivi jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv
Ir-Russja	PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works	36,6 %	37,4 %	36,6 %
	Novolipetsk Steel	12,7 %	10,3 %	10,3 %

<sup>(50)</sup> Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Settembru 2021, T-753/16, PAO Severstal vs Il-Kummissjoni Ewropea, ECLI:EU:T:2021:612, il-punt 272.

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)	Dazju anti-dumping definittiv
	PAO Severstal	39,8 %	31,3 %	31,3 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	39,8 %	37,4 %	37,4 %
It-Turkija	MMK Turkey	10,5 %	13,8 %	10,5 %
	Tatmetal	2,4 %	10,1 %	2,4 %
	Tezcan	11,0 %	13,7 %	11,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn li kkooperaw	8,0 %	12,5 %	8,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,0 %	13,8 %	11,0 %

## 7. L-INTERESS TAL-UNJONI

(334) Il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inkluż dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

### 7.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

(335) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn 20 produttur f'14-il Stat Membru u timpjega 9 237 persuna. Il-maġġoranza tal-produtturi tal-Unjoni appoġġaw l-ilment. L-ebda produttur ma oppona l-bidu tal-investigazzjoni.

(336) Kif konkluż fit-Taqsimiet 4.5.4 u 5.3, is-sitwazzjoni tal-industrija kollha tal-Unjoni marret għall-aġar minħabba l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Russja u mit-Turkija.

(337) Il-miżuri anti-dumping kontra l-importazzjonijiet mir-Russja u mit-Turkija huma mistennija li jerġgħu jistabilixxu kundizzjonijiet ta' kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni u jippermettu lill-industrija tal-Unjoni tilħaq livelli ta' profitt sostenibbli għal tali industrija b'kapital intensiv. B'riżultat ta' dan, il-produtturi tal-Unjoni se jkunu jistgħu jirkupraw mis-sitwazzjoni dannuża, jinvestu aktar u jissodisfaw l-impenji tagħhom, inklużi dawk soċjali u ambjentali.

(338) In-nuqqas ta' impożizzjoni ta' miżuri jgħib telf kbir fl-industrija tal-Unjoni, jipperikola l-vijabbiltà tagħha u probabbilmment jiskatta l-għeluq ta' faċilitajiet tal-produzzjoni u sensji. In-nuqqas ta' miżuri jista' jwassal għal dipendenza fuq provvisti minn pajjiżi terzi.

(339) Il-produttur esportatur Tezcan iddikjara li l-importazzjonijiet tal-azzar huma diġà kkontrollati permezz ta' miżuri ta' salvagwardja tal-azzar u se jkunu kkontrollati wkoll mill-monitoraġġ tas-CBAM <sup>(31)</sup> li jibda fl-2023. Partijiet oħrajn, inkluż il-GtT, tennew il-miżuri protettivi li l-produtturi tal-Unjoni diġà jibbenefikaw minnhom. Dawn l-asserzjonijiet kollha huma miċħuda: l-investigazzjoni anti-dumping attwali tindirizza kwistjoni distinta li għadha ma hijiex koperta minn xi miżura eżistenti.

(340) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impożizzjoni ta' miżuri kienet fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

### 7.2. L-interess ta' importaturi mhux relatati

(341) L-ebda importatur ma kkoopera fl-investigazzjoni.

<sup>(31)</sup> Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri ("CBAM") ifittex li jimponi obbligi ġodda fuq il-produtturi barranin li jesportaw ċerti prodotti (inkluż l-azzar) lejn l-UE mill-2023.



- (342) L-assoċjazzjoni Torka CIB indikat nuqqasijiet ta' provvista li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv lill-importaturi fl-Unjoni. Il-Kummissjoni sabet li l-asserzjoni ma kinitx ġustifikata minħabba li, minbarra l-produzzjoni abbundanti tal-Unjoni, l-importaturi u l-ktajjen tal-provvista jistgħu jagħmlu użu minn importazzjonijiet minn diversi pajjiżi. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ma tfissirx li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati huma pprojbti. Il-livell tal-miżuri jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-produtturi Torok u Russi tal-azzar milli jbigħu l-ARK tagħhom fl-Unjoni u lill-importaturi tal-Unjoni bi prezzijiet ġusti. L-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (343) CIB iddikjarat ukoll li l-miżuri jaffettwaw b'mod negattiv lill-importaturi fl-Unjoni minħabba li l-importaturi kienu għadhom qegħdin jitħabtu sabiex jirkupraw mill-pandemija tal-COVID-19. Hija ma ppreżentat l-ebda evidenza sabiex tappoġġa l-asserzjoni u għalhekk din ġiet miċħuda. In-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-importaturi ma ppermettix lill-Kummissjoni tanalizza jekk l-importaturi kinux sejrjn ħażin jew jekk ma setgħux jgħaddu ż-żidiet fil-prezzijiet, jekk ikun hemm.

### 7.3. L-interess tal-utenti

- (344) L-ebda utent ma kkoopera fl-investigazzjoni.
- (345) L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi għamlet sottomissjoni fejn talbet li l-manifatturi tal-karozzi fl-Unjoni jiġu eżentati minn kwalunkwe miżura li taffettwa b'mod negattiv il-kompetittività tagħhom. Il-Kummissjoni sabet li l-prodott kopert minn din l-investigazzjoni Prattikament ma jintużax mill-industrija tal-karozzi u għalhekk kwalunkwe impatt li l-miżuri jkollhom f'dak is-settur ikun biss immaterjali.
- (346) Il-partijiet li jirrappreżentaw l-interessi tal-produtturi esportaturi indikaw nuqqas ta' provvista li jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-utenti fl-Unjoni. Il-partijiet allegaw li l-produtturi tal-Unjoni kienu qegħdin jitħabtu sabiex jergħu jibdeu l-operazzjonijiet tagħhom u ma setgħux ifornu domanda li dejjem tikber mill-kljenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' materjali rqaq, materjali dojoq, materjali tal-galvalume u kojls eħfef minn 10 tunnelli, li l-produtturi tal-Unjoni tradizzjonalment ma jkunux lesti li jfornu. L-asserzjoni ma kinitx issostanzjata u ġiet miċħuda għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (342) hawn fuq.
- (347) L-assoċjazzjoni Torka CIB talbet li ma tittieħed ebda miżura għar-raġuni li fl-investigazzjoni tal-2007 dwar il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliesteri <sup>(32)</sup> l-Kummissjoni sabet li l-miżuri ma kinux fl-interess tal-Unjoni, fost l-oħrajn, minħabba l-profitti baxxi tal-utenti u d-diffikultajiet tagħhom sabiex jgħaddu ż-żidiet fil-prezzijiet u l-problemi ta' provvista. L-asserzjoni ġiet miċħuda. Il-parti tal-asserzjoni relatata ma' problemi ta' provvista hija miċħuda għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (342) hawn fuq.
- (348) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produtturi esportaturi sostnew li l-użu ta' sorsi alternattivi ta' provvista, li kif imsemmi f'dik il-premessa huma disponibbli b'mod wiesa', ikun jinvolvi żieda fil-prezzijiet tax-xiri tal-ARK għall-utenti. Il-Kummissjoni fakkret li l-objettiv tal-miżuri anti-dumping huwa li jiġu eliminati l-importazzjonijiet bi prezz inġust mis-suq tal-Unjoni sabiex jiġu stabbiliti mill-ġdid kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha fis-suq. L-istess partijiet qajmu wkoll dubji dwar id-disponibbiltà tas-sorsi alternattivi msemmija fil-premessa (342) minħabba li l-importaturi tal-Istati Uniti huma l-ogħla offerenti flivell globali. Il-Kummissjoni nnotat li fil-perjodu ta' investigazzjoni l-importazzjonijiet minn pajjiżi differenti mill-pajjiżi kkonċernati kellhom sehem mis-suq ta' 9,9 %, minkejja l-kompetizzjoni inġusta fis-suq tal-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati li kellhom sehem mis-suq ta' 12,9 %. Abbażi ta' dan, l-asserzjoni ġiet miċħuda.
- (349) Kif imsemmi, l-utenti ma wiġbux għall-kwestjonarju tal-utenti u għalhekk, ma setgħet tinġabar l-ebda informazzjoni dwar il-profittabbiltà tal-utenti mingħandhom. Fl-Anness U-1 tal-ilment, l-ilmentaturi pprovdew kalkolu li juri li, għal applikazzjoni għall-kostruzzjoni, l-ARK kien jirrappreżenta parti negliġibbli mill-kost tal-prodott finali. Skont l-Eurofer, l-istess jgħodd għal segmenti downstream oħrajn <sup>(33)</sup>.

<sup>(32)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/430/KE tad-19 ta' Ġunju 2007 li jtemm il-proċediment ta' kontra d-dumping rigward l-importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi tal-poliesteri ta' qisien ta' qosor predeterminat (il-PSF) li joriġinaw mill-Malażja u t-Tajwan u li jirrilaxxa l-ammonti assigurati permezz tad-dazji proviżorji imposti (ĠU L 160, 21.6.2007, p. 30).

<sup>(33)</sup> Ara s-sottomissjoni tal-Eurofer f't21.007474, fost l-oħrajn.

- (350) Wara d-divulgazzjoni finali, CIB u diversi produttori esportaturi sostnew li din l-informazzjoni ma kinitx adegwata iżda naqsu milli jipprovdu valutazzjoni tal-impatt tal-kost alternattiva sinifikanti għall-utenti. Hija sostniet ukoll, kif għamel il-GtR, li wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet tal-ARK kienu se jogħlew u li dawn l-aħħar żidiet fil-prezzijiet "bilfors" kien se jkollhom impatt kbir fuq l-utenti.
- (351) Il-Kummissjoni fakkret li fl-analiżi tal-interess tal-Unjoni, il-valutazzjoni tal-impatt rilevanti għall-utenti jenħtieġ li tkun il-valutazzjoni tal-impatt, jekk ikun hemm, tad-dazju anti-dumping fuqhom – mhux l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet, jekk ikun hemm, għal raġunijiet oħra. L-utenti ma kkooperawx mal-investigazzjoni u għalhekk il-Kummissjoni ma kinitx fpożizzjoni li tanalizza l-impatt tal-iżviluppi wara l-perjodu ta' investigazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-utenti. Abbażi ta' dan, l-asserzjoni ġiet miċħuda.

#### 7.4. Fatturi oħrajn

- (352) Xi partijiet iddikjaraw li l-produtturi tal-azzar tal-Unjoni kienu qegħdin jipprovaw konsistentement iżommu l-oligopolju tagħhom fis-suq tal-Unjoni u jneħħu l-kompetizzjoni internazzjonali. Huma nnotaw li l-produtturi tal-Unjoni diġà kienu jforu sehem sinifikanti mis-suq ħieles, għalkemm tali perċentwal ma kienx jinkludi volumi kaptivi, u kienu jibżgħu minn monopolju.
- (353) Il-Kummissjoni sabet li l-asserzjoni ta' oligopolju ma hijiex ġustifikata, peress li, kif iddikjarat fil-premessa (335), hemm 20 produttur magħruf li jappartjenu għal aktar minn 10 gruppi differenti u importazzjonijiet sinifikanti minn pajjiżi terzi. Fin-nuqqas ta' evidenza ta' Prattiki mhux kompetittivi, is-sehem mis-suq li l-industrija tal-Unjoni għandha bħalissa huwa irrilevanti sabiex jappoġġa dawn l-asserzjonijiet ta' oligopolju, aħseb u ara ta' monopolju. Il-Kummissjoni tirreferi għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal reċenti tagħha <sup>(54)</sup>, fejn innotat li "[f]il-mewġa ta' konsolidazzjoni reċenti, l-infurzar tal-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa biex tinżamm kompetizzjoni vibranti fis-swieq Ewropej tal-azzar għall-benefiċċju tal-ħafna industriji downstream li jużaw l-azzar, jiddependu fuq materjali bi prezz affordabbli biex jikkompetu globalment u jimpjegaw miljuni ta' Ewropej. Billi pprojbixxa fużjonijiet antikompetittivi (eż. Tata Steel/ThyssenKrupp) jew approva fużjonijiet soġġetti għal kundizzjonijiet, bħal żvestimenti strutturali (eż. ArcelorMittal/Ilva), l-infurzar tal-fużjonijiet żgura li l-klijenti Ewropej tal-azzar ma jitħallewx b'inqas għażla, prezzijiet oġhla, jew inqas innovazzjoni.". Għalhekk, l-asserzjoni ġiet irrifutata.

#### 7.5. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (354) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-ARK li joriġina mir-Russja u mit-Turkija.

### 8. IL-MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI

- (355) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat. Id-dazji anti-dumping jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri.
- (356) Il-Kummissjoni nnotat li wara l-bidu tal-investigazzjoni, minħabba l-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-UE imponiet pakketti suċċessivi ta' sanzjonijiet kontra r-Russja li affettwaw ukoll il-prodotti tal-azzar u/jew il-kumpaniji tal-azzar li jipproduċu u jesportaw il-prodott li qiegħed jiġi investigat wara l-perjodu ta' investigazzjoni. L-aħħar pakkett ta' sanzjonijiet li jkopri l-prodott li qiegħed jiġi investigat u/jew il-produtturi esportaturi fih projbizzjoni fuq l-importazzjoni tal-ARK. Din il-projbizzjoni daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2022 <sup>(55)</sup>. Minħabba li dawn is-sanzjonijiet huma marbuta mal-aggressjoni militari u s-sitwazzjoni

<sup>(54)</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Lejn Azzar Ewropew Kompetittiv u Nadif", SWD(2021) 353 final, 5.5.2021, p. 4-5.

<sup>(55)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1) kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 (ĠU L 87 I, 15.3.2022, p. 13). Jekk jogħġbok irreferi għal <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02014R0833-20220413> għall-verżjoni konsolidata tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, li fiha l-emendi kollha relatati mal-pakkett ta' sanzjonijiet.

ġeopolitika sottostanti, l-ambitu, il-modulazzjoni, u/jew id-durata tagħhom huma imprevedibbli. Barra minn hekk, il-miżuri anti-dumping għandhom tul ta' ħajja ta' 5 snin. Meta wieħed jikkunsidra l-inċertezzi msemmija hawn fuq u l-fatt li l-Kunsill jista' jkompli jemenda l-ambitu u d-durata preċiżi tas-sanzjonijiet fi kwalunkwe mument, il-Kummissjoni sabet li dawn ma jistax ikollhom effett fuq il-konklużjonijiet tagħha f'dan il-proċediment.

- (357) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, ir-rati tad-dazju anti-dumping definittivi, espressi skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jkunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv
Ir-Russja	PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works	36,6 %
	Novolipetsk Steel	10,3 %
	PAO Severstal	31,3 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	37,4 %
It-Turkija	MMK Metalurji Sanayi Ticaret ve Liman İşletmeciliği A.Ş.	10,5 %
	TatMetal Çelik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	2,4 %
	Tezcan Galvanizli Yapi Elemanlari Sanayi ve Ticaret A.Ş.	11,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn li kkooperaw	8,0 %
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,0 %

- (358) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u ma għamul mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' daww speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju anti-dumping.
- (359) Kumpanija fost daww speċifikament imsemmija f'dan ir-Regolament, tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk sussegwentement tiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni <sup>(56)</sup>. It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (360) Sabiex ikun żġurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-kumpaniji l-oħrajn kollha jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (361) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkonvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali sabiex tiġi żġurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali jridu jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

<sup>(56)</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Id-Direttorat G, Wetstraat 170 Rue de la Loi, 1040 Brussell, Il-Belġju.

- (362) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jittqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, b'hal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.
- (363) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' tiġi kkunsidrata b'hal waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi b'hal dawn u diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

## 9. ID-DISPOŻIZZJONIJET FINALI

- (364) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(57)</sup>, meta ammont ikun irid jiġi rrimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.
- (365) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 <sup>(58)</sup>, il-Kummissjoni imponiet miżura ta' salvagwardja fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar għal perjodu ta' tliet snin. Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 <sup>(59)</sup>, il-miżura ta' salvagwardja ġiet estiża sat-30 ta' Ġunju 2024. Il-prodott ikkonċernat huwa waħda mill-kategoriji ta' prodotti koperti mill-miżura ta' salvagwardja. Konsegwentement, ladarba jinqabżu l-kwoti tariffarji stabbiliti taħt il-miżura ta' salvagwardja, kemm id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota kif ukoll id-dazju anti-dumping isiru pagabbli fuq l-istess importazzjonijiet. Peress li din l-akkumulazzjoni ta' miżuri anti-dumping b'miżuri ta' salvagwardja tista' twassal għal effett fuq il-kummerċ akbar milli mixtieq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipprevjeni l-applikazzjoni simultanja tad-dazju anti-dumping mad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota għall-prodott ikkonċernat għad-durata tal-impożizzjoni tad-dazju ta' salvagwardja.
- (366) Dan ifisser li meta d-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodott ikkonċernat u jaqbeż il-livell tad-dazji anti-dumping skont dan ir-Regolament, għandu jinġabar biss id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni simultanja tad-dazji ta' salvagwardja u ta' daww anti-dumping, il-ġbir tad-dazji imposti skont dan ir-Regolament għandu jiġi sospiż. Fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodott ikkonċernat u jkun stabbilit livell aktar baxx mill-livell tad-dazji anti-dumping f'dan ir-Regolament, id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 għandu jinġabar flimkien mad-differenza bejn dak id-dazju u l-oġġla dazji anti-dumping imposti skont dan ir-Regolament. Il-parti tal-ammont ta' dazji anti-dumping mhux miġbura għandha tiġi sospiża.
- (367) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

<sup>(57)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>(58)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

<sup>(59)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 225 I, 25.6.2021, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv qiegħed jiġi impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar illigat jew tal-azzar mhux illigat; miksija jew mgħottija permezz ta' galvanizza f'banju sħun biż-żingu u/jew bl-aluminju u/jew bil-manjeżju, sew jekk ligati bis-siliċju sew jekk le; b'passivazzjoni kimika; bi kwalunkwe trattament tal-wiċċ addizzjonali bħal żejt jew issiġillar jew mingħajru; li skont il-piż fihom: mhux aktar minn 0,5 % ta' karbonju, mhux aktar minn 1,1 % ta' aluminju, mhux aktar minn 0,12 % ta' nijobju, mhux aktar minn 0,17 % ta' titanju u mhux aktar minn 0,15 % ta' vanadju; ippreżentati f'kojls, f'folji maqtugħin skont it-tul u fi strixxi doġoq, li joriġinaw fir-Russja u t-Turkija, u li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7210 41 00, ex 7210 49 00, ex 7210 61 00, ex 7210 69 00, ex 7210 90 80, ex 7212 30 00, ex 7212 50 61, ex 7212 50 69, ex 7212 50 90, ex 7225 92 00, ex 7225 99 00, ex 7226 99 30, ex 7226 99 70 (il-Kodiċijiet TARIC: 7210 41 00 20, 7210 41 00 30, 7210 49 00 20, 7210 49 00 30, 7210 61 00 20, 7210 61 00 30, 7210 69 00 20, 7210 69 00 30, 7210 90 80 92, 7212 30 00 20, 7212 30 00 30, 7212 50 61 20, 7212 50 61 30, 7212 50 69 20, 7212 50 69 30, 7212 50 90 14, 7212 50 90 92, 7225 92 00 20, 7225 92 00 30, 7225 99 00 22, 7225 99 00 23, 7225 99 00 41, 7225 99 00 92, 7225 99 00 93, 7226 99 30 10, 7226 99 30 30, 7226 99 70 13, 7226 99 70 93, 7226 99 70 94).

Il-prodotti li ġejjin huma esklużi:

- (i) tal-azzar inossidabbli, tal-azzar tas-siliċju manjetiku, u tal-azzar b'veloċità għolja,
- (ii) mhux maħdumin aktar ħlief illaminati bis-sħana jew illaminati bil-kesħa (cold-reduced).

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u prodott mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Russja	PJSC Magnitogorsk Iron and Steel Works	36,6 %	C217
	Novolipetsk Steel	10,3 %	C216
	PAO Severstal	31,3 %	C218
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	37,4 %	C999
It-Turkija	MMK Metalurji Sanayi Ticaret ve Liman İşletmeciliği A.Ş.	10,5 %	C865
	TatMetal Çelik Sanayi ve Ticaret A.Ş.	2,4 %	C866
	Tezcan Galvanizli Yapı Elemanları Sanayi ve Ticaret A.Ş.	11,0 %	C867
	Il-kumpaniji l-oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	8,0 %	
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	11,0 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmijin fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

### Artikolu 2

1. Fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar illigat jew tal-azzar mhux illigat; miksija jew mgħottija permezz ta' galvanizza f'banju sħun biż-żingu u/jew bl-aluminju u/jew bil-manjeżju, sew jekk ligati bis-siliċju sew jekk le; b'passivazzjoni kimika; bi kwalunkwe trattament tal-wiċċ addizzjonali bħal żejt jew issiġillar jew mingħajru; li skont il-piż fihom: mhux aktar minn 0,5 % ta' karbonju, mhux aktar minn 1,1 % ta' aluminju, mhux aktar minn 0,12 % ta' nijobju, mhux aktar minn 0,17 % ta' titanju u mhux aktar minn 0,15 % ta' vanadju; ippreżentati f'kojls, f'folji maqtugħin skont it-tul u fi strixxi dojoq, imsemmija fl-Artikolu 1(1), u jaqbz u l-livell *ad valorem* ekwivalenti tad-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2), għandu jinġabar biss id-dazju tat-tariffa 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.
2. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-ġbir tad-dazji imposti skont dan ir-Regolament għandu jiġi sospiż.
3. Fejn id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 isir applikabbli għall-prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew tal-azzar illigat jew tal-azzar mhux illigat; miksija jew mgħottija permezz ta' galvanizza f'banju sħun biż-żingu u/jew bl-aluminju u/jew bil-manjeżju, sew jekk ligati bis-siliċju sew jekk le; b'passivazzjoni kimika; bi kwalunkwe trattament tal-wiċċ addizzjonali bħal żejt jew issiġillar jew mingħajru; li skont il-piż fihom: mhux aktar minn 0,5 % ta' karbonju, mhux aktar minn 1,1 % ta' aluminju, mhux aktar minn 0,12 % ta' nijobju, mhux aktar minn 0,17 % ta' titanju u mhux aktar minn 0,15 % ta' vanadju; ippreżentati f'kojls, f'folji maqtugħin skont it-tul u fi strixxi dojoq, imsemmija fl-Artikolu 1(1), u jiġi stabbilit flivell aktar baxx mid-dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2), id-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159 għandu jinġabar flimkien mad-differenza bejn dak id-dazju u l-ogħla dazju anti-dumping stabbilit fl-Artikolu 1(2).
4. Il-parti tal-ammont ta' dazju anti-dumping li ma tinġabarx skont il-paragrafu 3 għandha tiġi sospiża.
5. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandhom ikunu limitati fiż-żmien għall-perjodu tal-applikazzjoni tad-dazju tariffarju 'l fuq mill-kwota msemmi fl-Artikolu 1(6) tar-Regolament (UE) 2019/159.

### Artikolu 3

L-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat sabiex iżid produtturi esportaturi ġodda mit-Turkija u jaqbmilhom soġġetti għar-rata ta' dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur għid għandu jipprovdi evidenza li:

- (a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) li joriġinaw mit-Turkija matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020);
- (b) ma huwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament; u
- (c) li effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

### Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

**Produtturi esportaturi Torok li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun**

Pajjiż	Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
It-Turkija	Atakaş Çelik Sanayi Ve Ticaret A.Ş.	C868
It-Turkija	Borçelik Çelik Sanayii Ticaret A.Ş.	C606
It-Turkija	Ereğli Demir ve Çelik Fabrikaları T.A.Ş.	C869
It-Turkija	Erdemir Çelik Servis Merkezi San. ve T. A.Ş.	C870
It-Turkija	Tosyalı Toyo Çelik A.Ş.	C871
It-Turkija	Yildizdemir Çelik San.A.Ş.	C872

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1396****tal-11 ta' Awwissu 2022****li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preżenza tal-ossidu tal-etilen fl-addittivi tal-ikel****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) L-ispeċifikazzjonijiet tal-addittivi tal-ikel jistgħu jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti interessata.
- (3) L-ossidu tal-etilen huwa sustanza kimika importanti li għandha diversi użi, inkluż l-użu bħala aġent tal-sterilizzazzjoni kif ukoll bħala materja prima fil-manifattura ta' diversi prodotti. L-ossidu tal-etilen, madankollu, huwa sustanza ta' tħassib ikklassifikata bħala karċinoġenika, mutaġenika u tossika għar-riproduzzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>. La huwa approvat bħala prodott bijoċidali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> u lanqas bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti għall-protezzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 jipprevedi li l-ossidu tal-etilen ma jistax jintuża għal għanijiet ta' sterilizzazzjoni fl-addittivi tal-ikel. Madankollu, ma hemm l-ebda limitu kwantifikat għall-preżenza tal-ossidu tal-etilen fir-rigward tal-addittivi kollha tal-ikel. F'konformità ma' dak ir-Regolament, huwa stabbilit limitu ta' mhux aktar minn 0,2 mg/kg tal-ossidu tal-etilen għal dawk l-addittivi tal-ikel biss, li fil-produttjoni tagħhom jintuża l-ossidu tal-etilen. Dak il-limitu ġie stabbilit għall-ewwel darba permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/95/KE <sup>(7)</sup>, abbażi tal-Opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel tas-6 ta' Mejju 2002 <sup>(8)</sup>, li kkonkludiet li filwaqt li l-konsum stmat mill-ftit addittivi tal-ikel manifatturati bl-użu tal-ossidu tal-etilen huwa baxx ħafna, jenħtieġ li l-konsum mis-sorsi tal-ikel ikun baxx kemm jista' jkun peress li l-ossidu tal-etilen huwa kemm ġenotossiku kif ukoll karċinoġeniku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

<sup>(2)</sup> ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/95/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li temenda d-Direttiva 96/77/KE li tistabbilixxi l-kriterja tal-purità speċifika dwar l-addittivi tal-ikel apparti mill-kuluri u l-hlewiewiet (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 71).

<sup>(8)</sup> *Opinion of the Scientific Committee on Food on impurities of ethylene oxide in food additives*, 17 ta' April 2002.



- (5) Dan l-aħħar, kien hemm diversi notifiki tal-RASFF dwar is-sejbiet tal-ossidu tal-etilen f'għadd ta' prodotti tal-ikel, u b'mod partikolari f'għadd ta' addittivi tal-ikel użati għall-manifattura ta' varjetà ta' prodotti tal-ikel. Abbażi ta' dawk in-notifiki u tal-informazzjoni rigward il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2246 <sup>(9)</sup> stabbilixxa miżuri fir-rigward tal-oġġetti ta' oriġini mhux mill-annimali li jidħlu fl-Unjoni minn ċerti pajjiżi terzi sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem b'rabta mal-possibbiltà tar-riskju tal-kontaminazzjoni bl-ossidu tal-etilen. Madankollu, fir-rigward tal-addittivi tal-ikel, l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni jista' jkollha diffikultajiet, peress li huwa diffiċli li jiġi stabbilit jekk il-preżenza tal-ossidu tal-etilen tirriżultax mill-użu tiegħu fl-isterilizzazzjoni tal-addittivi tal-ikel, bi ksur tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 jew minn kwalunkwe raġuni oħra.
- (6) Sabiex jiġu evitati dawk id-diffikultajiet u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, huwa xieraq li jiġi stabbilit li l-preżenza tal-ossidu tal-etilen, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, mhux awtorizzat għall-addittivi kollha tal-ikel. Għal dan l-iskop, jenħtieġ li jiġi stabbilit limitu massimu għar-residwi tal-ossidu tal-etilen, li jkun speċifiku għall-addittivi tal-ikel. Dan il-limitu massimu għandu jiġi stabbilit fil-limitu tal-kwantifikazzjoni f'dawk il-prodotti, jiġifieri, il-konċentrazzjoni tar-residwu l-aktar baxxa vvalidata, li attwalment tista' tiġi kkwantifikata u rrapportata permezz tal-monitoraġġ ta' rutina b'metodi ta' kontroll ivalidati. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(10)</sup>, b'mod partikolari, mal-limiti li jstabbilixxi għall-materja prima użata għall-produzzjoni tal-addittivi tal-ikel, jenħtieġ li r-residwi tal-ossidu tal-etilen jiġu definiti bl-istess termini bħal f'dak ir-Regolament.
- (7) Filwaqt li jitqies li l-emenda tal-ispeċifikazzjonijiet mhux mistennija li jkollha l-ebda effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem, mhix meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 jiġi emendat skont dan.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2246 tal-15 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplementa r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 453, 17.12.2021, p. 5).

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

## ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-test introdutturju “Nota: L-ossidu tal-etilen ma jistax jintuża għal għanijiet ta’ sterilizzazzjoni fl-addittivi tal-ikel” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-ossidu tal-etilen ma jistax jintuża għal għanijiet ta’ sterilizzazzjoni fl-addittivi tal-ikel.

L-ebda residwu ta’ aktar minn 0,1 mg/kg ta’ ossidu tal-etilen (is-somma tal-ossidu tal-etilen u tat-2-kloro-etanol, espressa bħala ossidu tal-etilen (\*)), irrISPETTIVAMENT mill-oriġini tiegħu, ma għandu jkun preżenti fl-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, inklużi t-taħlitiet tal-addittivi tal-ikel.

(\*) jġififeri l-ossidu tal-etilen + 0,55\* 2-kloroetanol.”;

- (2) fl-entrati għall-E 431 stearat tal-poliossietilen (40), l-E 432 monolawrat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 20), l-E 433 monooleat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 80), l-E 434 monopalmitat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 40), l-E 435 monostereat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 60), l-E 436 tristearat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 65), l-E 1209 kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilen u l-E 1521 glikol tal-polietilen, fl-ispeċifikazzjoni “Purità”, titħassar ir-ringiela “Ossidu tal-etilen”.
-

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1397

tal-11 ta' Awwissu 2022

**li ma jiġux sospiżi d-dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu Alkoħol tal-Polivinil li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina imposti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1336**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

Billi:

### 1. PROĊEDURA

- (1) Fid-29 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċertu Alkoħol tal-Polivinil (PVA, Polyvinyl Alcohol) li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat") permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 <sup>(2)</sup> ("ir-Regolament oriġinali").
- (2) Wara l-impożizzjoni tal-miżuri, għaxar partijiet <sup>(3)</sup> allegaw li seħħet bidla temporanja fil-kundizzjonijiet tas-suq wara l-perjodu ta' investigazzjoni ("PI") (mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019) u sostnew li l-miżuri definittivi jenħtieġ li jiġu sospiżi skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament bażiku"), fid-dawl ta' dawn il-bidliet.
- (3) Fit-3 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ddeċidiet li teżamina ulterjorment it-talbiet għal sospensjoni u talbet lill-partijiet interessati fl-Unjoni biex jipprovdnu informazzjoni dwar l-hekk imsejjaħ "PI ta' sospensjoni" (jiġifieri l-perjodu wara l-PI minn Lulju 2020 sa Ġunju 2021) biex jeżaminaw u jivvalutaw l-impatt, jekk hemm, taċ-ċirkostanzi allegatament mibdula fis-suq tal-Unjoni.
- (4) Wara d-divulgazzjoni finali, erba' partijiet interessati, Carbochem, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem, ikkontestaw l-għażla tal-PI ta' sospensjoni li saret mill-Kummissjoni.
- (5) Fil-fehma tagħhom, il-PI ta' sospensjoni kellu jibda minn Ottubru 2020 u kellu jkopri wkoll ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2021 peress li l-Kummissjoni talbet tali *data* fil-kwestjonarju.
- (6) Il-Kummissjoni rċeviet l-ewwel talba għal sospensjoni fis-17 ta' Ġunju 2021 u bdiet l-investigazzjoni ta' sospensjoni fit-3 ta' Settembru 2021, billi għażlet il-perjodu ta' 12-il xahar qabel il-preżentazzjoni tat-talba, meta allegatament sehew l-allegati bidliet tal-kundizzjoni tas-suq.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 tal-25 ta' Settembru 2020 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 315, 29.9.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Carbochem Srl, Cordial Adhesives B.V., EOC Belgium NV, FAR Polymers Srl, Gamma Chimica SpA, Grünig KG, Jeniuschem SpA, Solutia Europe SPRL, Wacker Chemie AG, Wegochem Europe B.V..

- (7) Fir-rigward tax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2021, il-Kummissjoni talbet *data* dwar dawn ix-xhur sabiex tiġbor informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tas-suq anki wara l-PI ta' sospensjoni. Madankollu, mhux il-partijiet kollha li kkooperaw kellhom tali *data* disponibbli. Madankollu, meta kienet disponibbli l-Kummissjoni qieset id-*data* għal Lulju u Awwissu 2021, kif imsemmi fil-premessa (53).
- (8) L-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.
- (9) Informazzjoni dwar l-allegata bidla temporanja fiċ-ċirkostanzi fis-suq waslet minn 2 produtturi tal-Unjoni u 10 partijiet interessati inklużi utenti, importaturi u assoċjazzjonijiet. Il-produtturi tal-Unjoni pprovdew ukoll l-informazzjoni mitluba relatata ma' ċerti indikaturi tad-dannu.
- (10) Fl-20 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ddivulgat l-intenzjoni tagħha li ma tissospendix il-miżuri skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku. Ġie konċess perjodu li fih il-partijiet kollha setgħu jikkumentaw.

## 2. EŻAMI TAL-KUNDIZZJONIJIET TAS-SUQ MIBDULA

- (11) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku, jipprevedi li, fl-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping jistgħu jiġu sospiżi meta l-kundizzjonijiet tas-suq jinbidlu temporanjament sal-punt li jkun improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri bħala riżultat ta' tali sospensjoni. Minn dan jirriżulta li l-miżuri anti-dumping jistgħu jiġu sospiżi biss f'sitwazzjoni fejn iċ-ċirkostanzi jkunu nbidlu b'tali mod li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx għadha qiegħda ġġarrab dannu materjali, u li jkun improbabbli li tali dannu jerġa' jokkorri.

### 2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping oriġinali

- (12) L-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament definittiv uriet li, matul il-perjodu kkunsidrat (2016 – Ġunju 2019) l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu bi 53 %, u laħqu sehem mis-suq ta' [30 % – 35 %] fil-PI (Lulju 2018 – Ġunju 2019), żieda minn 22 % fl-2016. B'mod parallel, is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-aġar u wriet xejra negattiva fl-indikaturi ewlenin kollha: Il-produzzjoni (- 12 %), il-bejgħ tal-UE (- 27 %), is-sehem mis-suq (minn [35 % – 40 %] għal [25 % – 30 %]) u l-profittabbiltà (minn [- 0,5 % għal - 5 %] għal [- 10 % għal - 15 %] fil-PI). Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkaġunat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina.

### 2.2. Analiżi tal-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq matul il-PI ta' sospensjoni

- (13) L-allegati bidliet temporanji tal-kundizzjonijiet tas-suq wara l-PI kienu jikkonsistu fi tfixkil fil-katina tal-provvista tal-materja prima prinċipali tal-monomeru tal-aċetat tal-vinil (VAM, vinyl acetate monomer), flimkien ma' żieda sinifikanti fil-kostijiet tat-trasport, li wasslu għal skarsezza globali tal-prodott ikkonċernat u għal żidiet sinifikanti fil-prezzijiet.
- (14) Abbażi tal-analiżi tal-kummenti li waslu mid-diversi partijiet wara t-talba tal-Kummissjoni għal informazzjoni ulterjuri, kontroverifikata mad-*data* miġbura matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li tabilħaqq kien hemm tfixkil temporanju fil-katina tal-provvista globali fir-rigward tal-VAM. Dan it-tfixkil kien ikkawżat prinċipalment mill-maltempati tax-xitwa fi Frar 2021 f'Texas. Dan l-avveniment ġiegħel lil kull produttur tal-VAM ewleni tal-Istati Uniti jwaqqaf temporanjament il-produzzjoni u jinvoka force majeure għall-konsenji tiegħu, u b'hekk joħloq skarsezza globali tal-VAM u għalhekk ta' PVA fl-ewwel nofs tal-2021. L-analiżi żvelat li l-kwistjoni ewlenija għall-provvista tal-PVA kienet tabilħaqq l-għajbien ta' sorsi alternattivi ta' provvista (prinċipalment l-Istati Uniti u l-Ġappun), kif spjegat fit-Taqsima 2.3.2. Madankollu, is-sitwazzjoni sadanittant innormalizzata u huwa mistenni ritorn għall-volumi ta' produzzjoni normali matul l-2022.
- (15) Wara d-divulgazzjoni finali, Ahlstrom-Munksjö, Carbochem, Cepi, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem ikkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tar-ritorn għall-volumi ta' produzzjoni normali ta' VAM.
- (16) Il-partijiet argumentaw li l-iskarsezza tal-VAM għadha tippersisti sal-lum peress li, skont xi pubblikazzjonijiet, il-produtturi tal-Istati Uniti għadhom qegħdin jinvokaw force majeure fir-rigward tal-konsenji tal-VAM u għaldaqstant ma jistax jiġi konkluż li se jkun hemm ritorn għall-volumi normali tal-produzzjoni.

- (17) Dan l-argument kellu jiġi rifjutat. L-ewwel nett, il-Kummissjoni analizzat l-impatt tal-maltempati fix-xitwa f'Texas b'ħala waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq imsemmija fit-talbiet għal sospensjoni. L-investigazzjoni wriet li l-effett tal-maltempati fix-xitwa fl-2021 issa kważi għadda kompletament. Id-*data* provduta minn wieħed mill-produtturi ewlenin tal-VAM fl-Istati Uniti indikat li l-produzzjoni tiegħu reġgħet lura għal-livell normali fit-tieni trimestru tal-2021 u qabżet il-livell ta' qabel il-maltempati fit-tielet trimestru tal-2021. It-tieni, id-dikjarazzjoni ta' force majeure msemija mill-partijiet tirreferi għal avvenimenti li sehew wara l-PI ta' sospensjoni u affettwaw produtturi uniċi għal avvenimenti speċifiċi u ma jikkostitwixxux bidla ġenerali fil-kundizzjonijiet tas-suq.
- (18) L-utenti sostnew ukoll li wara l-impożizzjoni tal-miżuri, iċ-Ċina naqqset il-produzzjoni tal-PVA tagħha. Dan it-tnaqqis kien allegatament minħabba l-iskarsezza fil-provvista tal-VAM fiċ-Ċina minħabba bidliet fil-politika tal-Gvern Ċiniż, inklużi l-politiki ta' kontroll doppju tal-enerġija u l-minimizzazzjoni tat-tniġġis u l-politiki dwar l-iffrankar tal-enerġija għal-Logħob Olimpiku tax-Xitwa tal-2022. Il-VAM ma jintużax biss għall-produzzjoni tal-PVA, iżda huwa prodott kimiku standard li jintuża f'ħafna applikazzjonijiet. L-utenti sostnew li minħabba l-iskarsezza, il-prezzijiet tal-VAM żdiedu sal-punt li kien aktar profittabbli għall-produtturi Ċiniżi li jiffokaw fuq il-produzzjoni u l-bejgħ tal-VAM aktar milli jikkonvertu l-VAM għall-PVA.
- (19) Madankollu, id-*data* miġbura fl-investigazzjoni ma kkonfermatx din l-allegazzjoni. Il-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-UE ma nbidlux b'mod sinifikanti matul il-PI ta' sospensjoni meta mqabbla mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali, kif spjegat fit-Taqsima 2.3.2. Barra minn hekk, meta analizzat il-volumi globali tal-esportazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina, il-Kummissjoni nnutat li l-kwantitajiet esportati baqgħu l-istess matul il-PI ta' sospensjoni meta mqabbla mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali (ara t-Tabella 1). L-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni biss naqsu, iżda dan it-tnaqqis ġie kkompensat mill-istess żieda ta' esportazzjonijiet lejn il-Korea, il-Malażja, Singapore u l-Vjetnam. Għaldaqstant, l-allegata skarsezza ta' VAM ma affettwax il-kapaċità tal-produzzjoni tal-PVA tal-produtturi Ċiniżi u l-volumi mnaqqsa tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni kienu prinċipalment il-konsegwenza tad-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina.

Tabella 1

**Esportazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina (tunnellati)**

<i>Pajjiż tad-destinazzjoni</i>	<i>PI</i>	<i>PI ta' sospensjoni</i>
EU 27	53 602	31 300
Il-Brażil	6 075	6 097
Il-Kanada	2 626	2 903
L-Indja	16 421	19 651
L-Indoneżja	8 412	7 472
Il-Korea t'Isfel	5 957	13 788
Il-Malażja	5 304	12 950
Il-Pakistan	9 106	11 095
Singapore	3 828	5 120
It-Tajlandja	3 557	3 071
It-Turkija	8 111	7 984
L-Istati Uniti	3 973	3 589
Il-Vjetnam	4 416	6 293
TOTAL	131 388	131 313

Sors: Global Trade Atlas.

- (20) L-utenti semmew kwistjonijiet tal-katina tal-provvista marbuta mal-pandemija tal-COVID-19. Tabilħaqq, in-nuqqas ta' kontejners wassal għal żieda fir-rati għat-trasport, b'mod partikolari miċ-Ċina u minn naħa għal oħra tal-Oċean Atlantiku, li f'fiss parzjalment il-ktajjen tat-trasport globali.
- (21) Fl-aħħar nett, l-importaturi u l-utenti argumentaw li l-industrija tal-Unjoni għadha mhijiex f'pożizzjoni li tissodisfa d-domanda kompluta tal-Unjoni għall-PVA. Il-Kummissjoni nnutat li filwaqt li l-industrija tal-Unjoni bdiet iżżid il-produzzjoni tagħha wara l-impożizzjoni tal-miżuri, tabilħaqq ma kinitx f'pożizzjoni li tissodisfa d-domanda kompluta tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni, parzjalment minħabba t-tnaqqis preċedenti tagħha fil-kapaċità u minħabba l-iskarsezza globali tal-VAM. Fi kwalunkwe każ, din mhijiex ċirkostanza għda, peress li matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali, l-industrija tal-Unjoni diġà ma kinitx f'pożizzjoni li tissupplixxi għall-konsum kollu tal-PVA fl-Unjoni. Madankollu, il-kapaċità tal-Unjoni li tissupplixxi mhijiex kundizzjoni tas-suq għas-sospensjoni tal-miżuri.
- (22) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Ahlstrom-Munksjö, Carbochem, Cepi, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem, argumentaw li l-Kummissjoni rrifjutat li tqis bħala ċirkostanza mibdula, l-inabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li tissupplixxi għad-domanda Ewropea, minkejja li l-Kummissjoni aċċettat b'mod espliċitu li din l-inabbiltà li tissupplixxi kienet konsegwenza diretta tal-iskarsezza tal-VAM.
- (23) Kif spjegat fil-premessa (21), l-industrija tal-Unjoni ma kellhiex il-kapaċità li tissupplixxi għad-domanda kompluta tal-Unjoni anki qabel l-iskarsezza tal-VAM u ma naqqsitx b'mod sinifikanti l-livelli ta' produzzjoni tagħha matul il-PI ta' sospensjoni, kif spjegat fil-premessi (36) u (37). Kuntrarjament, it-Tabella 2 tindika b'mod ċar li l-provvista mnaqqsa fis-suq tal-Unjoni kienet fil-fatt dovuta għal tnaqqis sostanzjali fl-importazzjonijiet, u mhux minħabba nuqqas ta' produzzjoni mill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk ma tistax titqies bħala bidla fiċ-ċirkostanzi tas-suq li tiġġustifika sospensjoni tal-miżuri eżistenti. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

### 2.3. Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni

- (24) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi prinċipali li kellhom impatt fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.
- (25) Fil-kummenti tagħha għad-divulgazzjoni finali, Ahlstrom-Munksjö argumentat li l-Kummissjoni pparagunat is-sitwazzjoni matul il-PI ta' sospensjoni mas-sitwazzjoni fl-2016, mentri kellha tqabbilha mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali.
- (26) Din l-affermazzjoni kellha tiġi rifużata. Il-Kummissjoni pparagunat b'mod ċar is-sitwazzjoni matul il-PI ta' sospensjoni mas-sitwazzjoni fil-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, ipparagunat ukoll xi indikaturi mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2016, qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping dannużi miċ-Ċina.

#### 2.3.1. Il-konsum tal-Unjoni

- (27) Il-konsum fis-suq ħieles kien 52 % inqas matul il-PI ta' sospensjoni meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Dan it-tnaqqis jista' jiġi attribwit għat-tnaqqis tal-importazzjonijiet peress li, kif spjegat fit-Taqsima 2.3.4, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli. Il-konsum għall-użu ristrett ma kienx affettwat minn dawn l-iżviluppi u baqa' stabbli.

#### 2.3.2. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u minn pajjiżi terzi

Tabella 2

#### Importazzjonijiet miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi

	PI	It-3et trimestru 2020	Ir-4a' trimestru 2020	L-1el trimestru 2021	It-2ni trimestru 2021	It-2ni nofs 2020	L-1el nofs 2021	PI ta' sospensjoni
Importazzjonijiet miċ-Ċina (tunnellati)	53 930	6 668	650	6 250	6 994	7 318	13 244	20 562

Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100 <sup>(4)</sup>	100	49	5	46	52	27	49	38
Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (tunnellati)	60 623	2 186	1 217	6 292	3 956	3 403	10 248	13 651
Indiċi tal-PI = 100	100	14	8	42	26	11	34	23

Sors: Il-bażi tad-data Comext.

- (28) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi esportaturi prinċipali, jiġifieri ċ-Ċina, it-Tajwan, il-Ġappun u l-Istati Uniti, naqsu b'mod sinifikanti matul il-PI ta' sospensjoni meta mqabbla mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali. F'termini ta' volumi, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet mill-Istati Uniti kien l-aktar wieħed sinifikanti.
- (29) L-analiżi tas-sitwazzjoni żvelat li dan it-tnaqqis maġġuri fl-importazzjonijiet kien dovut għal taħlita ta' fatturi. Fuq livell globali, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet ħabab fl-istess żmien tal-kwistjonijiet tal-katina tal-provvista globali marbuta mal-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, għaċ-Ċina, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet ħabab fl-istess żmien tal-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina, peress li l-volum totali tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn id-destinazzjonijiet l-oħra kollha baqa' stabbli, kif spjegat fit-Taqsima 2.2. Fir-rigward tal-Istati Uniti, it-tnaqqis fl-importazzjonijiet kien aggravat mill-iskarsezza ta' VAM minħabba l-maltempati fix-xitwa.
- (30) Dawn il-fatturi kollha rriżultaw fi produzzjoni limitata tal-PVA disponibbli għall-esportazzjoni, bit-tnaqqis maġġuri jseħħ fit-tieni nofs tal-2020. L-irkupru inizjali tal-ewwel nofs tal-2021 imbagħad reġa' ġie affettwat mill-maltempati tax-xitwa fl-Istati Uniti. Madankollu, peress li d-dannu mġarrab matul il-maltempata fix-xitwa fl-Istati Uniti fl-2021 kienet ta' durata limitata ħafna, l-iskarsezza ta' VAM li rriżultat diġà qiegħda tbatti. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni, il-produzzjoni tal-VAM fl-Istati Uniti, wara l-maltempata fix-xitwa, bdiet tirkupra mill-ewwel nofs tal-2022.
- (31) Minkejja t-tnaqqis sinifikanti (bi 62 %), il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina baqgħu sinifikanti wara l-PI. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu biss 2 % oġhla meta mqabbla mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Bħala medja, dawn għadhom 4 % inqas mill-prezz mhux dannuż tal-industrija tal-Unjoni <sup>(5)</sup>, kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet Ċiniżi mingħajr id-dazji anti-dumping huma bħala medja 38 % anqas mill-prezz mhux dannuż.

Tabella 3

### Prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi

	PI	It-3et trimestru 2020	Ir-4a' trimestru 2020	L-1el trimestru 2021	It-2ni trimestru 2021	It-2ni nofs 2020	L-1el nofs 2021	PI ta' sospensjoni
Prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi (EUR/tunnellata)	1 498	1 370	1 346	1 393	1 835	1 368	1 627	1 535
Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100	100	91	90	93	122	91	109	102

Sors: Il-bażi tad-data Comext.

- (32) Wara d-divulgazzjoni Ahlstrom-Munksjö argumentat li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kważi waqfu kompletament wara l-impożizzjoni tal-miżuri, u kien biss meta kien hemm intoppi fil-provvista tal-VAM li kkawżaw skarsezza tal-PVA, li l-utenti tal-PVA tal-Unjoni ġew imġiegħla jixtru prodott li joriġina mir-RPĊ. Għalhekk, fil-fehma tagħha, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tkun fi stat prekarju minħabba l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina.

<sup>(4)</sup> Għal paragon sinifikanti l-indiċi trimestrali huwa kkalkulat fuq ¼ tal-volum annwali fil-PI, u l-indiċijiet ta' nofs is-sena huma kkalkulati fuq ½ l-istess volum.

<sup>(5)</sup> Wara l-aġġustamenti għad-dazji doganali, id-dazji anti-dumping u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

- (33) L-ewwel nett, il-Kummissjoni ċċarat li li jiġi stabbilit jekk hemmx kawżalità bejn is-sitwazzjoni dannuża misjuba u l-importazzjonijiet inkwistjoni mhuwiex fattur rilevanti bħala tali fil-proċediment attwali. Jekk l-industrija tal-Unjoni ma tkunx fi stat li tiffaċċja l-okkorrenza mill-ġdid tal-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi, huwa improbabbli li l-miżuri attwali jiġu sospiżi peress li tali sospensjoni tista' biss taggrava s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kkonkludietx li l-industrija tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni prekarja minħabba l-importazzjonijiet attwali miċ-Ċina.
- (34) It-tieni, it-tnaqqis tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien konsegwenza mistennija tad-dazji anti-dumping. Madankollu, il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża għadha disponibbli u għad hemm domanda fl-Unjoni għall-importazzjonijiet Ċiniżi. L-utenti tal-PVA fl-Unjoni għadhom qegħdin jixtru l-PVA miċ-Ċina fi kwantitajiet sinifikanti, kif enfasizzat fil-premessa (31), iżda bi prezzijiet ġusti. Barra minn hekk, minkejja d-dazji anti-dumping, l-utenti għadhom qegħdin jagħmlu profitt, kif spjegat fil-premessa (66). Dan jissuġġerixxi li d-dazji anti-dumping qegħdin ikollhom l-effett maħsub tagħhom. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

### 2.3.3. Produzzjoni u kapaċità tal-produzzjoni

- (35) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-PI ta' sospensjoni:

Tabella 4

#### Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	PI	It-3et trimestru 2020	Ir-4a' trimestru 2020	L-1el trimestru 2021	It-2ni trimestru 2021	It-2ni nofs 2020	L-1el nofs 2021	PI ta' sospensjoni
Il-volum tal-produzzjoni (tunnellati)	[80 000 – 90 000]	[15 000 – 20 000]	[15 000 – 20 000]	[20 000 – 25 000]	[20 000 – 25 000]	[30 000 – 40 000]	[40 000 – 50 000]	[80 000 – 90 000]
Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100	100	75	90	102	113	83	108	95
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	[100 000 – 120 000]	[20 000 – 30 000]	[20 000 – 30 000]	[20 000 – 30 000]	[20 000 – 30 000]	[50 000 – 60 000]	[50 000 – 60 000]	[100 000 – 120 000]
Indiċi tal-PI = 100	100	100	100	100	100	100	100	100

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

- (36) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas kumplessivament b'5 % fil-PI ta' sospensjoni meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali, filwaqt li l-kapaċità ma nbidlitx. Madankollu, analiżi trimestrali turi stampa inqas definita.
- (37) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien għadu qiegħed jonqos fl-ewwel trimestru tal-PI ta' sospensjoni peress li ħabat fl-istess żmien tal-aħħar trimestru qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, u għalhekk l-industrija tal-Unjoni kienet għadha qiegħda ssofri l-pressjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Minn Ottubru 2020, wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping, il-volumi tal-produzzjoni reġġu bdew jżiedu u laħqu, fit-tieni nofs tal-PI ta' sospensjoni, livell li kien 8 % oġhla mill-volum matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali.

### 2.3.4. Volum tal-bejgħ

- (38) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu ta' sospensjoni tal-PI.



Tabella 5

## Il-volum tal-bejgħ u l-prezzijiet tal-bejgħ

	PI	It-3et trimestru 2020	Ir-4a' trimestru 2020	L-1el trimestru 2021	It-2ni trimestru 2021	It-2ni nofs 2020	L-1el nofs 2021	PI ta' sospensjoni
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	[40 000 – 50 000]	[5 000 – 10 000]	[5 000 – 10 000]	[10 000 – 15 000]	[10 000 – 15 000]	[15 000 – 20 000]	[25 000 – 30 000]	[40 000 – 50 000]
Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100	100	77	80	119	118	79	118	99
Prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni (EUR/tunnellata)	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5
Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100	100	98	100	100	105	99	103	101
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5	1,5 – 2,5
Indiċi tal-PI tal-investigazzjoni oriġinali = 100	100	76	74	85	92	75	88	83

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

- (39) Il-volum tal-bejgħ fl-UE baqa' relattivament stabbli fil-livell tal-PI oriġinali. L-istess japplika għall-prezzijiet tal-bejgħ. Il-prezz medju tal-PVA tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni kien 1 % ogħla milli kien fil-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, kif innutat għall-volum tal-produzzjoni, kemm il-kwantitajiet kif ukoll il-prezzijiet bdew juru t-tendenza li jkunu ferm aktar baxxi milli fil-PI tal-investigazzjoni oriġinali fl-ewwel nofs tal-PI ta' sospensjoni. Imbagħad għal darb' oħra, meta d-dazji anti-dumping daħlu fis-seħħ, it-tnejn li huma bdew jiżdiedu u laħqu, fl-aħħar trimestru, livell li kien 18 % u 5 % rispettivament ogħla milli fil-PI tal-investigazzjoni oriġinali.
- (40) Il-kost tal-produzzjoni għall-PVA naqas matul l-ewwel żewġ trimestri tal-PI ta' sospensjoni, wara t-tendenza globali ta' tnaqqis tal-prezzijiet tal-VAM. Madankollu, mit-tielet trimestru 'l quddiem, li ġie fl-istess żmien eżatt tal-kwistjonijiet tal-provvista tal-VAM fl-Istati Uniti msemmija fit-Taqsima 2.3.2, il-kost tal-produzzjoni reġa' beda jiżdied b'14 % meta mqabbel mat-tieni trimestru tal-PI ta' sospensjoni, wara t-tendenza li l-prezzijiet tal-VAM għolew.
- (41) Wara d-divulgazzjoni finali Ahlstrom-Munksjö, Carbochem, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem ikkontestaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.
- (42) Ahlstrom-Munksjö argumentat li l-prezzijiet tal-esportazzjoni miċ-Ċina żdiedu aktar mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni filwaqt li, fl-istess ħin, il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti. Dan it-tnaqqis, fil-fehma ta' Ahlstrom-Munksjö, issarraf f'żieda fil-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni ta' 18 %.
- (43) Din l-analiżi hija manifestament żbaljata. L-ewwel nett, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċinzi fil-PI ta' sospensjoni żdiedu biss b'punt perċentwali aktar mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u, minkejja dan, xorta waqqgħu l-prezz mhux dannuż tal-industrija tal-Unjoni anki bid-dazji anti-dumping inklużi. It-tieni, l-analiżi trimestrali tal-kost unitarju tal-produzzjoni żvelat li wara tnaqqis inizjali fl-ewwel żewġ trimestri tal-PI ta' sospensjoni, dan beda jerġa' jiżdied (wara t-tendenza li l-prezzijiet tal-VAM għolew). Il-kost tal-produzzjoni, fl-aħħar trimestru tal-PI ta' sospensjoni, kien 21 % ogħla milli fl-ewwel trimestru filwaqt li, fl-istess perjodu, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu b'7 % biss. Dan ippermetta lill-industrija tal-Unjoni terġa' lura għall-profitabbiltà iżda jikkonferma wkoll li din it-tendenza 'l fuq kienet riċenti ħafna (kienet tikkonċerna biss l-aħħar trimestru) u mhux b'saħħitha biżżejjed biex tilħaq il-profit fil-mira, kif spjegat fil-premessa (49).

- (44) L-affermazzjoni ġiet għalhekk rifjutata.
- (45) Carbochem, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem, sostnew li l-Kummissjoni bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq id-*data* pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju minn naħa waħda, iżda ma qisix l-informazzjoni pprovduta mill-utenti li kkooperaw fir-rigward tal-prezz applikat mill-industrija tal-Unjoni min-naħa l-oħra.
- (46) Il-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif stabbilit mill-Kummissjoni jiġi kkalkulat fuq il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni. L-utenti li kkooperaw ipprovdew informazzjoni dwar l-offerti tal-prezzijiet għal gradi speċifiċi tal-PVA biss lil klijenti speċifiċi. Dawn l-offerti ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi tas-suq kollu u għalhekk ma jistgħux jintużaw bħala punti ta' riferiment għall-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni jew il-prezz medju tal-importazzjoni miċ-Ċina.
- (47) Għalhekk, din l-affermazzjoni ġiet miċħuda.

### 2.3.5. Profittabbiltà

- (48) Il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni żviluppat kif ġej matul il-perjodu ta' sospensjoni tal-PI:

Tabella 6

#### Il-profittabbiltà

	PI	It-3et trimestru 2020	Ir-4a' trimestru 2020	L-1el trimestru 2021	It-2ni trimestru 2021	It-2ni nofs 2020	L-1el nofs 2021	PI ta' sospensjoni
Il-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	- 10 % sa - 15 %	- 10 % sa - 15 %	0% sa 5 %	5 % sa 10 %	0% sa 5 %	- 5 % sa 0 %	2% sa 7 %	- 2 % sa 3 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju.

- (49) L-industrija tal-Unjoni għamlet profitt matul il-perjodu tal-PI ta' sospensjoni. Filwaqt li dan huwa titjib ċar meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali, fejn l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf ta' [- 10 % sa - 15 %] fuq il-fatturat, il-profittabbiltà tal-Unjoni għadha ferm taħt il-profit fil-mira (6 %). Iż-żieda fil-prezzijiet tal-bejgħ kienet ikkumpensata, sa ċertu punt, miż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni minħabba ż-żieda fil-prezz tal-materja prima u dewmien fl-aġġustament tal-prezzijiet, bħala konsegwenza tal-ftehimiet kuntrattwali mal-klijenti.
- (50) Wara d-divulgazzjoni Ahlstrom-Munksjö u Cepi kkontestaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.
- (51) Ahlstrom-Munksjö argumenta li, minkejja l-volumi ta' importazzjonijiet allegatament sinifikanti miċ-Ċina, l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi ttejjeb b'mod sinifikanti l-profittabbiltà tagħha.
- (52) Il-Kummissjoni ma kkontestatx il-fatt li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-profittabbiltà tagħha, bħala konsegwenza tad-dazji anti-dumping. Madankollu, kif spjegat fil-premessa (49), il-profit miksub mill-industrija tal-Unjoni għadu ferm taħt il-profit fil-mira kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

### 2.3.6. Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

- (53) L-analiżi trimestrali tal-PI ta' sospensjoni u l-iżviluppi li segwew ma jindikawx titjib dejjiemi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Huwa minnu li matul it-tieni semestru tal-PI ta' sospensjoni, il-volum tal-produzzjoni żdied bi 8 % u l-volum tal-bejgħ żdied bi 18 %, meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, is-sitwazzjoni ma damitx hekk, billi l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni reġgħet bdiet tonqos mir-raba' trimestru 'l quddiem. Dan jista' jiġi spjegat miż-żieda sinifikanti fil-prezz tal-VAM u ż-żieda li rriżultat fil-kost tal-produzzjoni għall-PVA filwaqt li l-prezzijiet tal-PVA ma segwewx mal-ewwel iż-żieda fil-kost tal-produzzjoni. Minn *data* lil hinn mill-PI ta' sospensjoni miġbura matul l-investigazzjoni, ta' min jinnota li fil-perjodu minn April 2021 sa Settembru 2021, il-prezzijiet tal-VAM żdiedu b'57 % u l-kost tal-produzzjoni għall-PVA żdied bi 28 %, iżda l-prezzijiet tal-PVA żdiedu biss b'26 %.

**3. PROBABBILTÀ LI D-DANNU JERĠA' JOKKORRI**

- (54) Matul il-PI ta' sospensjoni, il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fl-Unjoni lil partijiet mhux relatati naqas bi ftit b'1 % meta mqabbel mal-PI, filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu b'1 %. Madankollu, meta mqabbel mas-sena ta' referenza tal-perjodu kkunsidrat (jiġifieri l-2016), il-bejgħ fl-UE kien għadu 28 % inqas. L-użu tal-kapaċità naqas b'5 %, filwaqt li l-kapaċità ma nbidlitx. Madankollu, meta mqabbla mal-2016, il-volumi tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità matul il-PI ta' sospensjoni naqsu b'20 %.
- (55) Fl-istess waqt, il-kwantitajiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina baqgħu sinifikanti matul il-PI ta' sospensjoni. Barra minn hekk, minkejja l-allegazzjoni, kemm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kif ukoll l-imġiba tal-prezzijiet tagħhom ma nbidlux b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali.
- (56) Kif spjegat fit-Taqsimiet 2.2 u 2.3, il-volum tal-produzzjoni Ċiniża baqa' l-istess matul il-PI ta' sospensjoni meta mqabbel mal-PI tal-investigazzjoni oriġinali, u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi għadhom anqas mill-prezzijiet mhux dannużi tal-industrija tal-Unjoni.
- (57) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni bbenefikat mill-impożizzjoni ta' miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina li, sa ċertu punt, ippermettew lill-industrija tal-Unjoni żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fis-suq tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni, kif intwera mit-tendenza pożittiva ta' ċerti indikaturi bħall-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ u l-profittabbiltà. Madankollu, dawn is-sinjali ta' rkupru ma kinux b'saħħithom biżżejjed u sa issa damu biss għal ftit taż-żmien. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-imġiba tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi matul il-PI ta' sospensjoni, kif ukoll il-possibbiltà li jerġgħu jżiedu f'daqqa l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina peress li, kif spjegat fit-Taqsima 2.3, l-allegata skarsezza tal-VAM ma affettwax il-kapaċità tal-produzzjoni Ċiniża u l-livelli ta' esportazzjoni tagħha.
- (58) Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż li huwa improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri fin-nuqqas ta' miżuri, fl-eventwalità li l-miżuri jiġu sospiżi. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evidenza ma wrietx li l-kundizzjonijiet tas-suq kienu nbidlu temporanjament sal-punt li jkun improbabbli li d-dannu jerġa' jokkorri bħala riżultat ta' sospensjoni.
- (59) B'segwitu għad-divulgazzjoni finali, Ahlstrom-Munksjö argumentat li l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni matul il-PI ta' sospensjoni naqas b'1 % biss meta mqabbel mal-PI oriġinali, filwaqt li żdied bi 18 % fl-ewwel nofs tal-2021 meta mqabbel mal-PI oriġinali. Fil-fehma tagħha dan jikkontradixxi l-konklużjoni tal-Kummissjoni li huwa probabbli li d-dannu jerġa' jokkorri fin-nuqqas tad-dazji.
- (60) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din il-fehma. L-ewwel nofs tal-PI ta' sospensjoni kien affettwat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-iskarsezza tal-VAM. Fit-tieni nofs, l-industrija tal-Unjoni, filwaqt li bbenefikat mill-miżuri, setgħet iżżid il-produzzjoni tagħha biex tissodisfa d-domanda tal-Unjoni. Filwaqt li dan huwa sinjal ċar ta' rkupru, l-investigazzjoni wriet li: (i) il-produtturi esportaturi Ċiniżi għad għandhom kapaċità ta' riżerva sinifikanti disponibbli u diġà qegħdin jespertaw lejn l-UE fi kwantitajiet sinifikanti anki bid-dazji fis-seħħ, (ii) il-prezzijiet tagħhom għadhom iwaqqgħu l-prezzijiet tal-Unjoni anke bid-dazji anti-dumping inklużi, (iii) is-suq tal-Unjoni huwa attraenti għall-produtturi Ċiniżi għal-livelli tal-prezzijiet tiegħu u d-domanda sinifikanti, u (iv) iż-żieda fil-prezzijiet tal-VAM qiegħda taffetwa b'mod negattiv il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-profittabbiltà tagħha. Filwaqt li qieset dawn l-elementi kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu, anki kieku ma kienx jeżisti, huwa probabbli li jerġa' jokkorri bħala riżultat tas-sospensjoni.
- (61) L-affermazzjoni ġiet għalhekk rifjutata.
- (62) Capi argumentat li sospensjoni temporanja tad-dazju ma treggħax lura t-tendenza evidentement pożittiva ta' profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, anki fid-dawl taż-żidiet fil-prezzijiet wara l-PI ta' sospensjoni. Il-kumpanija nmutat li anki fil-każ ta' prodotti tal-aluminju llaminati ċatti, l-industrija tal-Unjoni kienet għadha ma laqitx il-livell fil-mira ta' profittabbiltà iżda, madankollu, il-Kummissjoni pproċediet bis-sospensjoni temporanja tad-dazju wara li rrikonoxxiet li huwa improbabbli li tali sospensjoni treggħa lura t-tendenzi pożittivi tal-industrija tal-Unjoni (\*).

(\*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1788 tat-8 ta' Ottubru 2021 li tissospendi d-dazji anti-dumping definittivi imposti bir-Regolament (UE) 2021/1784 dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-aluminju rrumblati ċatti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 359, 11.10.2021, p. 105).

- (63) Il-Kummissjoni ma qablitx ma' din l-analiżi. Fl-investigazzjoni dwar il-prodotti tal-aluminju laminati ċatti, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjobet b'mod sinifikanti wara l-PI sabiex l-istess dannu materjali li nstab matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali ma kienx għadu preżenti fil-perjodu ta' wara l-PI. Fil-fatt, f'dak il-każ, fl-ewwel semestru tal-2021, il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fl-Unjoni lil partijiet mhux relatati żdied b'aktar minn 55 % meta pparagunat mal-perjodu ta' investigazzjoni u kienet mistennija żieda ulterjuri għall-2022. B'kuntrast ma' dan, fil-proċediment attwali l-industrija tal-PVA tal-Unjoni mhijiex qiegħda tbat minħabba tnaqqis fil-kwantità tal-bejgħ iżda minn tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina. Kwalunkwe żieda ulterjuri fil-profittabilità tista' toriġina biss minn tnaqqis tal-kost tal-produzzjoni (li huwa improbabbli minħabba t-tendenza 'l fuq tal-prezzijiet tal-materja prima) jew mill-prezzijiet tal-bejgħ li jergħu jirritornaw għal livelli mhux dannużi.
- (64) Barra minn hekk, is-sospensjoni tad-dazji anti-dumping tippermetti lill-PVA Ċiniż jidħol fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping li jwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, kif spjegat fil-premessa (31). Din il-pressjoni fuq il-prezzijiet tkompli tnaqqas il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u għalhekk ikollha effett negattiv immedjat fuq il-profittabilità tagħha. Din l-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.

#### 4. KONKLUŻJONI

- (65) L-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina kienet evidentement ta' benefiċċju għall-industrija tal-PVA tal-Unjoni li tbigħ fis-suq ħieles. Dan ippermetta lill-industrija tal-Unjoni tirkupra, tal-anqas parzjalment, mid-dumping dannuż. Madankollu, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni għadha fraġli u, kif spjegat hawn fuq, huwa probabbli li d-dannu jerġa' jokkorri mingħajr il-miżuri matul perjodu potenzjali ta' sospensjoni tal-miżuri attwali.
- (66) Il-Kummissjoni nnutat ukoll li, minkejja l-allegazzjonijiet ta' impatti negattivi mġarrba mill-utenti tal-PVA, id-*data* miġbura matul l-analiżi tas-sospensjoni turi li d-disa' utenti u l-importaturi kollha li kkooperaw u pprovdew tweġiba għall-kwestjonarju ta' sospensjoni, ħlief wieħed, baqgħu jagħmlu profitt wara l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-PVA miċ-Ċina.
- (67) Fil-kummenti tagħhom għad-divulgazzjoni finali, Ahlstrom-Munksjö, Carbochem, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem ikkontestaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-impatt tad-dazji anti-dumping fuq l-utenti tal-PVA.
- (68) Carbochem, Far Polymers, Gamma Chimica u Jeniuschem argumentaw li l-marġnijiet miksuba mill-importaturi u l-utenti tal-PVA ġejjin mill-bejgħ tal-istokk tal-PVA mixtri qabel id-dħul fis-seħħ tad-dazji anti-dumping.
- (69) Madankollu, l-informazzjoni miġbura fl-investigazzjoni ma tappoġġax din il-konklużjoni. Fl-aħħar trimestru qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, il-kwantitajiet tal-importazzjoni miċ-Ċina ma żdidux. Kuntrarjament dawn naqsu b'51 % (ara t-Tabella 2). Barra minn hekk, fis-sottomissjoni tagħhom stess, il-partijiet ikkonfermaw li setgħu jittrasferixxu ż-żieda fil-prezzijiet tal-PVA fuq il-klijenti tagħhom, kif diġà ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali u kkonfermat fil-proċediment attwali. L-affermazzjoni ġiet għalhekk miċħuda.
- (70) Ahlstrom-Munksjö argumentat li l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi kif suppost tal-interess tal-Unjoni.
- (71) Din l-affermazzjoni kellha tiġi rifjutata. Minn naħa waħda, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa probabbli li d-dannu tal-industrija tal-Unjoni jerġa' jokkorri kieku l-miżuri kellhom jiġu sospiżi. Min-naħa l-oħra, l-investigazzjoni kkonkludiet li l-produzzjoni tal-VAM (u tal-PVA) qiegħda terġa' lura għal livelli normali, li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għadhom qegħdin jesportaw bi prezzijiet kompetittivi, minkejja d-dazji anti-dumping u li l-utenti tal-Unjoni tal-PVA setgħu jittrasferixxu ż-żieda fil-prezz fuq il-klijenti tagħhom u baqgħu jagħmlu profitt. Għaldaqstant, il-Kummissjoni rriżultatla li ma kien hemm l-ebda raġuni biex jiġi konkluż li kien fl-interess tal-Unjoni li jiġu sospiżi d-dazji anti-dumping.
- (72) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku għas-sospensjoni tal-miżuri anti-dumping attwalment ma kinux issodisfati. Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li fil-futur tiegħu deċiżjoni skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament bażiku,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kundizzjonijiet biex jiġi sospiż id-dazju anti-dumping definittiv impost mill-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1336 dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti alkoħols tal-polivinil li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'konformità mal-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 mhumiex issodisfati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)